# Festa Santa Marija
## Mqabba 2007

# 60 Sena
## Banda Re Ġorġ V



**Palazz Santa Marija,**
**Pjazza tal-Knisja,**
**Mqabba, Malta**
**Tel: 21683020**
**http://www.santamarija.com**
**e-mail: info@santamarija.com**

**Bord Editorjali**
Antoine Sciberras
Carmel Briffa
Alfred Galea
Christopher Spiteri

**Artikolisti**
Carmel Zahra
Nicholas Briffa
Kappillan Dun Nazzaren Caruana
Carmel Ellul
Carmel Briffa
Mro. David Agius
Mario Camilleri
Fr. Joseph Zahra O.P.
Alfred Galea
Anthony Ellul
Giovanni Farrugia
Frانġiska Ghigo
Andrew Bugeja
Vince Attard
Antoine Sciberras
Carmen Lia
Christopher Spiteri
Joe Chetcuti
Provigarju Dun Anton Gouder
Mons. Lawrence Gatt
Soċ. Geraldu Attard
Carlo Sciberras
Antoine Sciberras
Superjur Joe Vidal
Charlie Busuttil
John Zammit
Joseph Camilleri
Stefano Farrugia
Victor Galea
Benjamin Camilleri
Joseph Farrugia
Seminarista Jonathan Farrugia
Edward Galea
Mro. Raymond Attard

**Proof Reading**
Elvin Sciberras

**Ritratti tal-Qoxra**
*Quddiem*
L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija, flimkien ma' San Ġorġ Preca, l-ewwel Qaddis Malti. Fl-isfond l-arma tas-Soċjetà u partitura tal-mużika li jirrappreżentaw is-60 sena tal-Banda Re Ġorġ V.
*Wara*
Il-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba ddoqq ġewwa s-Sala Paola VI waqt l-udjenza privata mal-Papa Benedittu XVI ġewwa l-Vatikan.

Design, Prepress & Printing
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789, 21649012

# Werrej

Kumitat Eżekuttiv 2007 ........ 3
Flimkien nissaħħu aktar – Messaġġ tal-President tas-Soċjetà ........ 5
Nifirħu flimkien – L-awgurju tas-Sindku ta' l-Imqabba ........ 7
L-Aptit tal-Qdusija – Riflessjoni mill-Kappillan tal-Parroċċa ........ 9
Frott Sena ta' Ħidma Flimkien – Messaġġ mis-Segretarju tas-Soċjetà ........ 11
Soċjetà mogħnija bl-unuri u tifkiriet sbieħ - Appell tal-Kaxxier ........ 13
Banda Glorjuża – Messaġġ tas-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V ........ 15
Inkomplu nsebbħu l-Festa b'Armar ġdid – Sezzjoni Armar ........ 17
L-Assunzjoni u s-Simboli marbuta magħha –
Riflessjonijiet mid-Direttur Spiritwali ........ 20
Profil Mro. David Agius – 10 snin Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V ........ 25
Relazzjonijiet Internazzjonali… Inkomplu fejn ħallejna ........ 27
Insebbħu u nkabbru l-Każin tagħna - Rendikont mid-Direttur tal-Każin ........ 33
Il-Libruni – Kotba tal-kant antikissimi ........ 35
Ħidma kontinwa - Messaġġ mill-Fergħa Nisa tas-Soċjetà ........ 37
Andrew Bugeja ........ 38
Attivitajiet varji matul is-Sena – Messaġġ mid-Delegat Attivitajiet fil-Każin ........ 39
Il-Ġublew tad-Djamanti tal-Qanpiena l-Kbira ........ 40
60 Sena Banda Re Ġorġ V ........ 44
Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V – Rapport mill-Kummissjoni Banda ........ 47
Programm Strumentali u Vokali – 10 ta' Awissu 2007 ........ 49
Programm Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija ........ 50
Funzjonijiet tal-Knisja ........ 53
L-Arti Marjana matul is-snin ........ 56
Marija fil-Fidi – Ġimgħa Marjana 2007 ........ 57
Marija Mudell – Ġimgħa Marjana 2007 ........ 59
Marija u Dun Ġorġ Preca – Ġimgħa Marjana 2007 ........ 63
Marija fil-Knisja – Ġimgħa Marjana 2007 ........ 67
Il-Virtujiet ta' Marija – Ġimgħa Marjana 2007 ........ 71
Sena ta' Ħidma u Suċċess – Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ........ 75
Mons. Pawlu Cremona O.P. – L-Arċisqof il-ġdid ta' Malta ........ 83
Mons. Ġużeppi Mercieca – Arċisqof Emeritus ........ 85
Sena ta' Grazzja – 100 Sena MUSEUM, San Ġorġ Preca u
75 sena MUSEUM fl-Imqabba ........ 87
San Ġorġ Preca u s-Soċjetà tal-MUSEUM – L-ewwel Qaddis Malti ........ 91
Viva Santa Marija ta' l-Imqabba – Poeżija ........ 101
Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M.,O.S.T.J. – L-attivist tas-Sena 2006 ........ 103
Sena sħiħa mimlija wirjiet tal-logħob tan-nar ........ 105
Programm tal-logħob tan-nar ........ 113
Sena impenjattiva għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija – Messaġġ Għaqda tan-Nar ........ 115
Mater Divinae Gratiae – Poeżija ........ 119
Bijografija ta' Ġużeppi Galea (1918-1980)- Fundatur 'Orkestra Santa Marija' ........ 121
Planċier għall-Banda Re Ġorġ V – Rendikont ........ 125
Il-Fratellanza tas-Sagrament ........ 127
L-Ostensorju ta' Santa Marija f'għeluq il-95 sena ........ 131
L-Istatwa ta' Marija Assunta fuq il-Każin f'għeluq il-55 sena ........ 133
15 ta' Awissu 1945 – Ġużè Ghigo (1927-2003) ........ 135
Quddiesa mill-Arċisqof għall-Organizzaturi tal-Festi fil-Parroċċa ........ 137
San Bażilju l-Kbir (329-379) ........ 143
Il-Knejjes ta' San Bażilju u San Mikiel ........ 145
Minn fejn se jgħaddi l-Marċ ........ 154
Mqabba Football Club – 50 Sena mit-twaqqif tal-Każin u l-Promozzjoni fl-Ogħla Diviżjoni ........ 157
Għaxar Snin mill-Miġja fostna tal-Banda Ġemellata ........ 161
Il-Mużika Marjana u l-Knejjes Parrokkjali ddedikati lil Marija Assunta f'Malta u Għawdex ........ 162
Il-Leġġenda ta' San Pietru u San Ġużepp ........ 166
Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja - Festa Santa Marija 2006 ........ 168

# TAR-ROBBA LIMITED



- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tal-Konkos
- Blokki tas-Sejjieħ
- Garaxxijiet u Mħażen għall-Kiri
- Torba
- Ħitan tat-toroq





Tar-Robba l/o Kirkop ZRQ 10, Malta
Tel: (+356) 21 683558, 21 685332
Mob: 9949 3311
Fax: (+356) 21 642834
E-mail: johnghig@maltanet.net







# Kumitat Eżekuttiv 2007



**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P., Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Antoine Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Assistent Segretarju**
Mario Camilleri

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Carlo Sciberras

**Delegat Banda / PRO**
Christopher Spiteri

**Direttur tal-Każin**
Anthony Ellul

**Delegat tan-Nar**
Michael Ghigo

**Delegat Attivitajiet**
Vincent Attard

**Delegati għall-Armar**
Mario Camilleri, Alex Falzon, Michael Ghigo

**Delegat tal-Planċier**
Benny Camilleri

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali**
Alfred Galea

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Reviżuri**
Daniel Camilleri, Paul Spiteri

**Konsulent Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L., LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni Banda**
Christopher Spiteri, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra



FurPlay Butcher
Tel: 21
BUTCHER SHOP
NOW OPEN
FUR
PLAY
BUTCHER
Triq Testaferrata,
Żurrieq
Tel: 2164 2651
Hinijiet tal-Ftuħ
Mit-Tlieta sal-Ġimgħa
8.00am - 12.00pm
4.00pm - 7.00pm
Is-Sibt: 7.30am - 12.30pm
Issibulna:
Laħam tal-majjal, ċanga,
tiġieġ u fniek, kif ukoll
prodotti magħmulin
mil-laħam tal-fniek
bħal: ikkapuljat, kebabs,
burgers, boneless loins
u partijiet bħal fwied,
koxox, spalel eċċ...
Il-fniek kif ukoll il-prodotti
maħdumin mil-laħam tal-fniek
huma kollha mkabbrin u
proċessati fl-istabbiliment tagħna
TO SAFI
TO XAROLLA WINDMILL
TESTAFERATA STREET
We Are Here
VJAL IX-XAROLLA
VALLETTA ROAD
BLUE GROTTO AVENUE
SERVICE STATION



*Messaġġ mill-President tas-Soċjetà*

**is-Sur Carmel Zahra**

# Flimkien Nissaħħu Aktar

Inħossni onorat bħala President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li se nwassal il-messaġġ tiegħi għal din il-Festa ta' din is-sena hekk kbira u magħrufa, il-Festa ta' Santa Marija. Nibda biex infakkar lis-Sur Mattew Zammit, ex-Segretarju tas-Soċjetà li ħalliena proprju matul il-festa tas-sena l-oħra. Inħossni kburi wkoll li din is-sena qegħdin infakkru s-sittin anniversarju minn meta l-Orkestra Santa Marija fi ħdan l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa raħalna, ġiet trasformata f'Banda kif nafuha llum. Dan l-anniversarju mill-ewwel ifakkarni f'Ġużeppi Galea li kien il-pijunier tal-Orkestra u wara tal-Banda. Ta' dan nirringrazzja lil Ġużeppi li għalkemm m'għadux magħna inħoss il-preżenza tiegħu fil-Banda Re Ġorġ V. Propju sabiex infakkru dan l-anniversarju, il-Banda Re Ġorġ V għat-tieni darba fl-istorja tagħha kienet ambaxxatriċi ta' l-arti mużikali Maltija ġo l-Italja. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Alfred Galea tal-ħidma kbira tiegħu sabiex dan l-avveniment seta' jkun suċċess. Nieħu l-opportunità sabiex infakkar u nirringrazzja lis-surmastrijiet u lill-bandisti kollha li tul dawn is-snin offrew is-servizzi tagħhom sabiex kabbru isem is-Soċjetà u l-Banda Re Ġorġ V. Hawnhekk nixtieq b'mod partikulari nirringrazzja u nifraħ lis-Surmast attwali tal-Banda Mro. David Agius li propju din is-sena qegħdin ukoll infakkru l-għaxar anniversarju mill-ħatra tiegħu bħala Direttur tal-Banda tagħna.

Din is-sena wkoll għandna avveniment importanti ieħor, dak li permezz tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija sejrin nieħdu sehem f'kompetizzjoni Mondjali ġewwa l-Italja. Illum fil-bidu tax-xahar ta' Lulju, li qiegħed nikteb dawn il-ftit versi, propju xahar biss qabel ma jsir dan l-avveniment, nixtieq nifraħ lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija għas-suċċess mixtieq biex b'hekk inkomplu nkabbru l-isem tas-Soċjetà tagħna kif ukoll ta' raħalna u ta' pajjiżna. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu. Fl-istess ħin nixtieq nifraħ ukoll lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom fil-Festival tan-Nar ta' l-Art fejn l-Għaqda tagħna spiċċat fost l-ewwel erba' postijiet. Dan wera biċ-ċar li anke f'dan is-settur l-Għaqda tagħna hija fost l-aħjar f'pajjiżna.



*L-E.T. Arċisqof Mons. Pawlu Cremona O.P. jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi fil-preżenza tas-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.*

Din is-sena ma nistgħux ngħidu li kienet sena kollha ward u żgħar, però bid-determinazzjoni tiegħi u ta' sħabi fil-kumitat kollu, dejjem irbaħna kull ostaklu, dejjem fl-interess u l-ġid tas-Soċjetà. Dan wassal sabiex ikollna Festa sabiħa u grandjuża kif nafu nagħmlu aħna mingħajr ebda sforzi artifiċjali biex inkabbru l-Festa tagħna. Nieħu l-opportunità sabiex inwassal il-messaġġ tiegħi liż-żgħażagħ sabiex iżommu saqajhom ma' l-art u ma jiġrux wara illużjonijiet li fil-futur jistgħu jtellfu l-unuri li qed tgawdi s-Soċjetà tagħna. Dejjem għandna nkunu maturi u attenti li ma naqgħux fix-xibka li ntellfu l-ġieħ tal-Festa għażiża tagħna. Dan l-aħħar kelli diversi laqgħat li wassluni qrib aktar taż-żgħażagħ u bil-kollaborazzjoni tagħhom u l-Kumitat Ċentrali nħoss li ser ikollna Festa oħra mill-isbaħ ad unur Ommna Marija. Nixtieq niġbed l-attenzjoni sabiex matul il-ġranet tal-Festa nġibu ruħna ta' nies maturi u b'mod eżemplari ħalli nagħtu ġieħ kif jixraq lil Marija Assunta.

Nagħlaq bis-soltu ringrazzjamenti tiegħi; lil sħabi tal-Kumitat għall-appoġġ li dejjem sibt fihom, lis-Sezzjoni Żgħażagħ u lill-Fergħa tan-Nisa għall-għajnuna li dejjem taw, kif ukoll lis-Sezzjoni Armar li anke din is-sena komplew fejn ħallew is-sena l-oħra. Nirringrazzja lill-Għaqda tan-Nar li b'tant sagrifiċċju dejjem taw spettakli mill-isbaħ, oriġinali u impressjonanti. Nawguralhom kull suċċess speċjalment fil-kompetizzjoni li ser issir f'Ruma, l-Italja. Nirringrazzja lis-Surmast u lill-bandisti li kienu ambaxxaturi ta' Malta ġewwa l-Italja kif ukoll nawgura kull suċċess u unur lill-Banda Re Ġorġ V. Fl-aħħar iżda żgur li mhux l-inqas nirringrazzja lil marti Mary u lil uliedi għall-paċenzja li jieħdu bija sabiex inkun nista' nagħti l-kontribut tiegħi mill-aħjar li nista'. L-aħħar appell tiegħi huwa biex kemm jista' jkun nattendu għall-funzjonijiet sbieħ li jkollna fil-knisja kif ukoll nattendu fil-marċi u bħalma ktibt aktar qabel inġibu ruħna sewwa ta' nsara ħalli nagħtu eżempju lil dawk kollha li jogħġobhom iżuruna. Grazzi minn qalbi u l-Festa t-tajba lil kulħadd. **Viva Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin.**


THE
VILLAGE
JEWELLERS
39, Triq San Nikola, Siggiewi
[T] +356 21 461 921
[E] jewel@euroweb.net.mt



*Messaġġ mis-Sindku*

**is-Sur Nicholas Briffa**

# Nifirħu Flimkien



Waslet il-festa u għal darb'oħra qed niċċelebraw il-Festa Titulari ta' Santa Marija li lkoll inħobbu u nqimu bħala Omm ta' dan ir-raħal. Bħala poplu nisrani għandna nħarsu lejn il-Madonna bħala dik il-kreatura li dejjem daħlet għalina quddiem il-Mulej u xerrdet l-imħabba fost il-popli kollha ta' kull żmien.

Il-messaġġ tiegħi bħala Sindku ta' dan ir-raħal nindirizzah lejkom l-Imqabbin kollha flimkien, u flimkien nagħmlu soċjetà waħda li tkun aktar tolleranti u magħquda biex f'din l-okkażjoni ta' festa fir-raħal tagħna, inħossu f'qalbna l-ferħ li wieħed jistenna f'okkażjonijiet bħal dawn. Ninsab ċert li kemm il-membri ta' din is-Soċjetà kif ukoll il-Kumitat għamlu ħilithom u ħadmu bis-shiħ biex għal darb'oħra jkollna Festa, li tagħmel unur lilna l-Imqabbin. Inħeġġeġ lill-Imqabbin kollha biex jagħmlu minn kollox ħalli flimkien ingawdu l-Festa bit-tradizzjonijiet kollha li ġġib magħha u nagħtu eżempju tajjeb lil min jiġi jżurna f'dawn iż-żminijiet ta' festa. Nagħtu timbru f'din l-okkażjoni, biex min jiġi fostna, imur lura sodisfatt u jibqa' jsemmi lil raħalna għall-ħiliet u t-tradizzjonijiet kollha li baqa' jżomm tul is-snin.

Għandna napprezzaw dejjem il-ħiliet ta' xulxin u nifirħu flimkien b'dak kollu li ġie ppreparat għalina biex ingawduh flimkien. Inkunu responsabbli u ma nħallux l-entużjażmu jiġri bina u fl-imġiba tagħna nuru maturità bħala poplu wieħed.

Nappella lir-residenti biex jikkoperaw kemm mal-Kunsill kif ukoll mal-Kumitat tal-Festa, biex kull inkonvenjent li jista' jinqala' nissuperawh flimkien għall-ġid ta' kulħadd. Il-Kunsill ħa ħsieb minn kmieni u għamel laqgħat mal-Kumitati tal-festi biex jiġi kkordinat l-andament tal-Festa, kemm f'dak li hu għeluq ta' toroq, immaniġġjar ta' traffiku u l-indafa pubblika. Nappella lil kulħadd biex jagħti sehemu f'dan ir-rigward ħalli kollox jimxi kif ġie ppjanat.

Ma nistax nikkonkludi dan il-messaġġ u ma nfaħħarx il-ħidma tal-Kumitat u l-membri kollha tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għall-impenn tagħhom matul is-sena kollha. Is-sabiħ ta' dan kollu hu li għal dan ix-xogħol tant vast ħadd ma jippretendi xejn u kollox isir b'mod volontarju. Inżommu ħajja l-kultura tal-mużika li għandha tibqa' l-pern ta' l-attivitajiet li jsiru fil-każini tal-baned tagħna, naturalment ma' attivitajiet oħra kulturali u soċjali li jiġu organizzati matul is-sena mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li wkoll jixirqilhom kull tifħir. Din is-sena, bħas-snin ta' qabel, il-Banda Re Ġorġ V kienet impenjata u esegwiet wieħed mill-isbaħ kunċerti fis-Sala Robert Samut fil-Furjana. Verament kien programm mużikali li laħaq livell għoli ħafna.

Fl-aħħarnett f'ismi u f'isem il-familja tiegħi, flimkien ma' sħabi l-Kunsilliera, nawgura l-Festa t-tajba lill-President, Kumitat, Soċi u lill-Imqabbin kollha u biex f'dawn il-ġranet ta' festa nkattru aktar l-għaqda ta' bejnietna, għall-ġid tagħna lkoll u ta' raħalna li tant inħobbu u ngħożżu.



*Is-Sur Nicholas Briffa, Sindku tar-raħal jippreżenta rigal lill-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra nhar l-10 ta' Awissu 2006.*

# Magic Kiosk



## Magic at it's Best

Put some magic into soft seaside evenings.
Magic Kiosk invites you to enjoy the best of cafe' society every evening after 7.00pm, it's delightful range of suppers, snacks and beverages. Simply come, then sit back and savour the service, sights and sounds of another of Sliema 's best loved institutions.

**Magic Kiosk , The Ferries, Sliema.**

*This advert entitles you to 10% discount on each meal served after 5.00pm*

*Riflessjoni mill-Kappillan tal-Parroċċa*

**Dun Nazzaren Caruana**



# L-Aptit tal-Qdusija

It-3 ta' Ġunju 2007 se tibqa' ġurnata memorabbli għaliex dakinhar ġie kanonizzat l-ewwel Malti, is-Saċerdot Dun Ġorġ Preca, fundatur tal-MUSEUM. Fraħna għaliex barra li hu wieħed minna, ħafna minna niftakruh ħaj. Donnu Dun Ġorġ Preca fetħilna lilna lkoll l-aptit għall-qdusija.

Jiena naħseb li l-aktar ħaġa li tolqtok f'dan il-fatt huwa li fl-aħħar mill-aħħar m'hemmx għalfejn tagħmel affarijiet straordinarji sabiex titqaddes. Kien tifel bħalna u meta kiber mar l-iskola kif għamilna aħna. Alla mbagħad sejjaħlu sabiex isir saċerdot. Xejn straordinarju. Bħal kulħadd fil-vokazzjoni tiegħu sab ħafna diffikultajiet speċjalment sabiex iwaqqaf is-Soċjetà tal-MUSEUM. Din ma ħadhiex bħala diffikultà iżda aktar bħala sfida li hu laqagħha bil-ferħ. It-triq tagħna hi l-istess bħal tiegħu. Jista' jkun li s-sejħa tagħna ma kinitx għas-saċerdozju. Forsi għaż-żwieġ jew inkella għażilna triq oħra. Meta d-diffikultajiet neħduhom bħala sfida, il-ħajja narawha mod ieħor. Iżda Dun Ġorġ kellu sigriet ieħor. U dan kien l-għaqda shiħa li kellu ma' Alla. Dan narawh ċar fil-kitbiet tiegħu speċjalment fil-mod li kien jitlob. Kien devot kbir ta' l-Ewkaristija. Id-diffikultajiet tagħna nistgħu nibdluhom fi sfida sabiħa jekk aħna nżommu din l-għaqda shiħa ma' Alla.

Dan li qed ngħid nistgħu narawh fil-qaddisin l-oħra. U l-aktar fil-Madonna li dalwaqt fil-parroċċa tagħna se nagħmlu l-Festa tagħha taħt it-titlu ta' l-Assunta. Bħal Dun Ġorġ il-Madonna ħadet il-premju tagħHa wara ħajja mimlija virtujiet u mħabba kbira lejn Alla. Bħal Dun Ġorġ, Hi kellHa f'qalbHa li tagħmel ir-rieda t'Alla u qatt ma fittxet l-interessi tagħHa.



*Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana waqt iċ-ċerimonja tal-Preżentazzjoni tat-tfal u trabi.*

Meta noħorġu l-istatwa tagħHa dakinhar tal-Festa tagħHa, propju fil-15 ta' Awissu, dak li jolqotna huwa l-wiċċ sabiħ ta' Marija iħares lejn is-sema. Huwa wiċċ seren li jixhed dak li hemm fil-qalb ta' din il-mara ġeneruża. Donnu qed tgħidilna, 'Agħmlu kuraġġ, anke intom tistgħu tkunu bħali fil-Ġenna'.

Bil-mod il-mod deħlin f'dawn il-ġranet ta' Festa. Ġranet ta' taħbit u ta' stennija. Il-liturġija wkoll tixtieqna li lkoll kemm aħna nippreparaw għal din l-okkażjoni li għalina hija t-Titular tal-parroċċa tagħna. Iżda kif qalilna tant tajjeb l-Arċisqof Cremona fid-diskors tiegħu li għamel lid-diriġenti tal-festi f'Marzu li għadda ma rridux li dawn il-ġranet irendu ruħhom bħala ġranet ta' ħidma u tiżjin u xejn sugu.

Kif tgħaddi l-festa ma jkunx jonqos biss li nżarmaw il-knisja u t-toroq tagħna. Iżda rridu nagħmlu l-kontijiet mhux biss dawk finanzjarji. Irrid nistaqsi lili nnifsi: kemm swewli dawn il-ġranet sabiex ersaqt aktar lejn il-Madonna? Kemm kbirt fl-imħabba tiegħi lejn Alla?

Kull festa titlob ħafna taħbit u ħsieb. Jien minn hawnhekk nirringrazzja lil dawk li f'dawn il-ġranet imiddu idejhom sabiex nagħmlu Festa sabiħa kif inhu xieraq. U dan ngħidu kemm għal dawk li jaħdmu fit-tiżjin u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-knisja kif ukoll dawk li jaħdmu fuq barra.

Grazzi wkoll lis-Soċjetà Santa Marija li ta' kull sena taħdem id f'id magħna sabiex inkunu nistgħu norganizzaw din il-Festa. Il-ġranet tal-Kwindiċina kif ukoll tat-Tridu u ċelebrazzjonijiet oħra, huma okkażjoni tajba sabiex nisimgħu l-Kelma t'Alla li kif jgħidilna San Pawl hija l-Kelma li tqanqal (għall-qdusija). Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex nattendu għal dawn il-funzjonijiet. Il-ġranet ta' festi huma wkoll okkażjoni tajba sabiex nagħmlu qrara u nfittxu aktar l-Ewkaristija. **Minn qalbi nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.**


Metamorphosis Tattoos
By Arthur Salerno
Triq it-Tempesta, Qrendi Tel: 21642983 Mob: 99211445
email: saalerno@maltanet.net
Best quality tattoos
coming from a real artist!
Specialising in
proffessional cover-ups
and custom made tattoos.


Opportunitajiet ta' Depożitu
opportunitajiet
Depożiti f'Lm u ewro
Għalfejn tistenna d-dħul ta' l-ewro f'Malta?
Iddepożita flusek f'wieħed mill-kontijiet ta' depożitu tal-Bank of Valletta.
Żur l-eqreb fergħa tal-BOV jew ċempel 2131 2020 għal aktar dettalji.
Fl-1 ta' Jannar 2008 id-depożiti kollha fil-Lm jiġu maqluba f'ewro bir-rata
fissa ta' konverġenza ewro/Lm suġġett li Malta taddotta l-ewro f'din id-data.
BOV
Bank of Valletta
Impenn lejn is-Suċċess tiegħek
www.bov.com • customercare@bov.com • 2131 2020



*Jikteb is-Segretarju*

**is-Sur Carmel Ellul**

# Frott Sena ta' Ħidma Flimkien

Għaddiet sena oħra. Reġa' wasal iż-żmien li naqsam magħkom ħidmet is-Soċjetà matul is-sena li għaddiet. Biex tiġi ċċelebrata l-Festa li s-Soċejta' tagħna tiċċelebra, jinvolvi xogħol impenjattiv tul is-sena kollha li jerġa' jibda hekk kif tispiċċa l-Festa tas-sena ta' qabel. Waqt li konna qed niċċelebraw il-Festa tas-sena l-oħra ħalliena l-ex Segretarju Mattew Zammit li kien Segretarju tas-Soċjetà fi żminijiet diffiċli. Minn hawn flimkien ma' sħabi nsellmu l-memorja ta' Mattew Zammit tax-xogħol siewi li għamel b'riżq il-każin.

Wara li nġabar l-armar kollu tas-sena li għaddiet, il-Kumitat beda jaħseb u jippjana kif ser jorganizza Festa oħra kif jixraq lill-Patruna ta' l-Imqabba, Santa Marija. Biss ma' dawn il-preparamenti nqalgħu stediniet biex l-Għaqda tan-Nar tagħna tieħu sehem fil-konferenza organizzata minn Thomas Cook. Konna mistiedna wkoll fl-ewwel Festival tan-Nar ta' l-Art, l-għeluq tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' l-Ajru, u l-akbar stedina u sfida hija li nieħdu sehem fil-Festival Mondjali tan-Nar ta' l-Ajru organizzat ġewwa Ruma fil-bidu ta' Awissu, *Caput Lucis*.

Stedina oħra saret lill-Banda tagħna biex flimkien ma' baned oħrajn tieħu sehem f'ġimgħa attivitajiet ġewwa Cave, Ruma. Dawn l-attivitajiet barra l-kalendarju tas-Soċjetà tagħna, komplew ikabbru l-isfida biex minnhom inkomplu nkabbru l-isem tas-Soċjetà tagħna u noħorġu bl-unuri kollha.

Meta qed nikteb dawn il-kelmtejn baqa' biss ftit jiem qabel ma l-Banda tagħna tmur l-Italja u l-Għaqda tan-Nar tieħu sehem fil-kompetizzjoni mondjali tan-nar. Nixtieq mill-qalb kull suċċess għal dawn iż-żewġ avvenimenti barra pajjiżna. Matul is-sena li għaddiet il-Banda tagħna għamlet programm suċċess fl-10 ta' Awissu fejn il-mistieden prinċipali kien iċ-*Champion* Mondjali tat-tisfir David Morris. Wara tellgħet programm ieħor fis-sala Robert Samut f'Marzu li għadda u wara fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira, il-Banda tagħna laqgħet lill-E.T. Arċisqof ġdid ta' Malta Mons. Pawlu Cremona O.P. Il-qofol ta' dan kollu jintlaħaq matul il-Festa li ser niċċelebraw.

Il-Kumitat kompla bil-ħidma tiegħu ta' matul is-sena flimkien mas-sotto kumitati fi ħdan is-Soċjetà fejn tkompla x-xogħol fuq il-proġett tal-planċier, kompla x-xogħol fuq armar ġdid kif ukoll sar investiment fuq makkinarju biex jitħaffef ix-xogħol ta' l-armar fi żmien il-Festa. Hawn nappella biex kull min jista', joffri l-għajnuna tiegħu fit-twaqqif ta' l-armar u fiż-żarmar ta' l-armar fil-ġranet tal-Festa. L-Għaqda tan-Nisa kompliet biex setgħu jinxtraw sett qniepen ġodda għall-Banda. Is-Sezzjoni Żgħażagħ din is-sena, apparti l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena, daħlu għal żewġ proġetti kbar fejn l-ewwel proġett kien il-Presepju Ħaj f'Diċembru li għadda u wirja ta' statwi tal-Ġimgħa l-Kbira fil-każin.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja l-ewwel nett lil sħabi tal-Kumitat u l-familji tagħhom, lill-Għaqda tan-Nar, lill-Għaqda ta' l-Armar, lis-Sezzjoni Żgħażagħ, lis-Surmast u l-bandisti, lill-benefatturi tas-Soċjetà, soċi u partitarji, lill-Kunsill Lokali, lill-kappillan u l-kleru u lil kull min jgħin fl-armar tal-knisja. Hawn nagħmel appell biex kull min jista' jattendi għall-funzjonijiet ta' ġol-knisja li jsiru fil-ġranet tal-Festa. Appell ieħor imur lejn is-soċi u l-partitarji sabiex fil-ġranet tal-Festa nieħdu pjaċir fil-marċi mingħajr ma noffendu lil ħadd biex ingawdu frott is-sena ta' ħidma flimkien.

**Grazzi lil kulħadd.**
**Viva l-Patruna ta' l-Imqabba**
**Viva Santa Marija**



*Is-Sur Carmel Ellul, Segretarju tas-Soċjetà waqt bdil ta' rigali fit-tieni żjara ġewwa l-Italja tal-Banda Re Ġorġ V.*





**Maypole Bakery Ltd.**

St. Joseph Street, Qormi (21 488 992) • Victory Street, Qormi (21 490 524) • Hompesch Road, Fgura (21 897 367)
Joseph Abela Scolaro Street, Ħamrun (21 227 997) • Sacred Heart Street, Buġibba (21 580 154) • Geronimo Abos Street, L-Iklin (21 437 530)
Safi Confectionery, Żurrieq Road, Safi ( 21 641 209) • Kapuċċini Street, Żabbar (Tel: 21 805 230)



*Appell mill-Kaxxier*

**is-Sur Carmel Briffa**

# Soċjetà Mogħnija bl-Unuri u Tifkiriet Sbieħ

Nibda billi nsellem lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktieb li ta' kull sena tagħmlu l-appuntament tagħkom magħna sabiex taraw x'hemm imħejji għall-Festa tagħna ta' Santa Marija li tiġi ċċelebrata b'dedikazzjoni kbira ġewwa r-raħal tagħna ta' l-Imqabba fix-xahar ta' Awissu.



*Is-Sur Carmel Briffa, Kaxxier flimkien mas-Sur Christopher Spiteri waqt bdil ta' rigali mal-Banda Taljana 'Granadieri di Sardegna' waqt il-'Festa del Socio' ġewwa Ruma l-Italja.*

Fil-fatt bħalissa ninsabu nippreparaw sabiex f'għeluq is-sittin sena mill-Banda Re Ġorġ V immorru ġewwa Cave l-Italja fejn il-Banda ser tkun impenjata f'Festival Internazzjonali ta' Baned fosthom mill-Italja, Ingilterra, u Franza. Minn hawn nixtieq nawgura kull suċċess lill-Banda tagħna.

Barra minn hekk l-Għaqda tan-Nar Santa Marija fil-bidu ta' Awissu ser tieħu sehem f'Kompetizzjoni Internazzjonali tan-Nar ġewwa Valmontone fil-provinċja ta' Ruma ġewwa l-Italja. Dan wara żewġ impenji oħra li l-Għaqda tan-Nar diġà kellha wara r-rebħ ta' l-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar ta' Malta. Dawn l-impenji kienu l-ħarqa fil-Port il-Kbir f'Diċembru li għadda fl-okkażjoni ta' Konferenza organizzata minn *Thomas Cook* u l-ħarqa l-oħra fl-aħħar ta' April fejn kienet mistiedna sabiex tagħlaq il-Festival Internazzjonali tan-Nar. Minn hawn nixtieq nawguralhom kull suċċess.

Għall-Festa ta' din is-sena jiena flimkien mal-Kumitat ħadna ħsieb sabiex jerġa' jkollna Banda Internazzjonali minn ġewwa Cornwall l-Ingilterra, St Slythians Brass Band li flimkien mal-Baned Maltin mistiedna, kif ukoll il-Banda tagħna ser jallegrawna matul il-ġranet tal-Festa. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Surmast u l-bandisti tal-post għall-impenn tagħhom permezz ta' diversi kunċerti matul is-sena kollha.

Nixtieq nifraħ lis-Sezzjoni Żgħażagħ għall-ħidma tagħhom matul is-sena, fosthom il-presepju ħaj fil-festi tal-Milied, il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira, "La Semana Santa" kif ukoll il-Ġimgħa Marjana. Dan barra l-involviment tagħhom matul il-ġranet tal-Festa fejn jidħol briju u armar.

Ma nistax ma nsemmix l-Għaqda ta' l-Armar fejn għall-Festa ta' din is-sena ser tlesti s-sett armi tat-Trofini tal-Pjazza kif ukoll tax-xogħol li sar fuq sett pedestalli għal Triq Karmenu Ciantar. Is-Sezzjoni Nisa komplew bil-ħidma tagħhom ta' matul is-sena fejn jorganizzaw *Coffee Mornings*, jagħtu sehemhom fil-ħjata, lotteriji u ġbir ieħor matul is-sena.

Kif qegħdin taraw naħseb li lkoll taqblu miegħi li din is-sena se jerġa' jkollna Festa oħra speċjali. Għalhekk nitlobkom tgħinuna b'kull mezz possibbli, sew finanzjarju kif ukoll manwali għaliex l-impenji li għandna huma kbar. L-okkażjoni tal-Festa Titulari toffrilna l-opportunità sabiex ingawdu flimkien l-atmosfera ferrieħa u brijuża li ġġib magħha l-Festa. Huwa dmir tagħna lkoll li nibżgħu għal dak li ksibna matul is-snin u nkomplu nistinkaw sabiex inkomplu ngħollu l-livell tal-Festa u tas-Soċjetà tagħna, Soċjetà mogħnija bl-unuri u tifkiriet sbieħ.

**VIVA SANTA MARIJA**

# TAX-XIHA RESTAURANT

Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq




*specialising in:*

**FRESH FISH AND MEAT**

***(A la Carte and Maltese Rabbit also available)***

**AND MANY SPECIAL DISHES**

*For reservations phone 21680684*

**Opening Hours (from 1st June onwards)**
**from 9.00am till 11.00pm**



## *Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda*

**Mro. David Agius**

# Banda Glorjuża

Għaddew għaxar snin minn meta ġejt appuntat Surmast Direttur ta' din il-Banda glorjuża. Din infatti hija il-ħdax-il festa tiegħi peress li kont appuntat fil-bidu tas-sena 1997. F'dawn l-għaxar snin kelli ħafna esperjenzi sbieħ fejn tista' tgħid doqt kull esperjenza li banda tista' tagħtik. Nibda biex insemmi li eżatt kif ġejt appuntat, mill-ewwel kelli l-kunċert ġewwa l-Università li kien il-bidu ta' triq ta' suċċessi kontinwi li ksibt ma' din il-Banda. Mument ieħor li nibqa' niftakar huwa l-Akkademja li konna tellajna ġewwa l- knisja fl-okkażjoni tal-ħamsin sena tad-Domma ta' l-Assunta. Ma nistax ninsa l-ovazzjoni kbira li kienet ingħatat meta konna wasalna fl-aħħar battuti ta' l-Innu tal-mibki ex-Surmast tal-Banda Mro George Martin.

Sentejn ilu, kelli esperjenza kbira oħra, fejn il-Banda Re Ġorġ V kienet l-ewwel banda Mqabbija li daqqet ġewwa t-Teatru Manoel. Hawnhekk mhux bi ftaħir, għax jingħad x'jingħad, f'dawn l-aħħar snin għadu ħadd ma tella' kunċert ta' kalibru bħal dan . Dan ngħidu b' fatti konkreti u fuq bażi ta' kummenti li għadni nirċievi s'issa wara sentejn ta' dan il-kunċert kolossali minn diversi esponenti u nies ta' ċertu esperjenza f'dan il- qasam!! Dawn il-kummenti nista' nelenkahom f'punti kif ġej: L-ewwel u qabel kollox il-programm kien fih diversi siltiet li jirrikjedu impenn sħiħ minn kull sezzjoni tal-banda u kienet mużika ta' kalibru għoli f'termini ta' diffikultà! It-tieni, il-mod kif ġiet esegwita l-mużika f'termini ta' interpretazzjoni.

Dan kien possibbli biss għall-ammont kbir ta' provi li l-mużiċisti kollha attendew għalihom u għar-responsabbiltàlikulħaddrefa'flimkien miegħi biex ħdimna flimkien għal suċċess mistħoqq. It-tielet punt kien li l-mużiċisti tal-lokal kienu kollha preżenti u kollha taw sehemhom bis-sħiħ, mhux kif jagħmlu ċertu baned li għall-kunċerti bħal dawn jinqdew bi professjonisti li kultant ma tkunx tista' tilħaq il-livell meħtieġ. Għax dawn sfortunatament minħabba l-ħafna impenji tagħhom ma jattendux għall-ammont konsiderevoli ta' provi. Għalhekk it–*teamwork* li huwa importanti, ma jkunx hemm. Ir-raba' punt kien is-sekwenza kif kien imfassal il-programm, fejn intlaħaq *climax* qawwi meta beda jgħaddi l-ħin.



***Mro. David Agius li 10 snin ilu nħatar Surmast tal-Banda Re Ġorġ V.***

Wara dan l-avveniment kien imiss avveniment ieħor importanti. Dak ta' din is-sena stess fejn il-Banda ħadet sehem u rrappreżentat lil Malta għat-tieni darba ġewwa l-Italja. Hawnhekk il-Banda ħadet sehem f'Festival tal-baned fost erba' baned oħra mill-Italja, Franza, u l-Ingilterra. F'dan l-avveniment wieħed ikun jista' jevalwa l-livell tal-banda meta tipparagunah mal-baned l-oħrajn.

F'dawn it-tip ta' *festivals*, wieħed jevalwa t-tip ta' repertorju u s-sistemi użati biex jintlaħaq il-livell fil-ħoss. Kien ukoll ta' sodisfazzjon għalija li l-Banda daqqet ġewwa Sala Nervi fl-udjenza mal-Papa Benedittu XVI, fejn fost diversi siltiet il–Banda għalqet l-udjenza b'mod ġenerali bid-daqq tal-*Marcia Pontifica* li l-Papa laqa' bi ħġaru b'attenzjoni kbira.

Barra dawn id-diversi paġni tad-deheb fl-istorja ta' din il-Banda ma nistax ma nsemmix il-kunċert annwali ta' żmien il-Festa kif ukoll dak introdott minni stess għall-ħabta ta' Marzu fejn f'kull kunċert urejna versatilità u kellna sorpriżi biex iżommu l-udejnza interessata u tinqatel il-monotonija.

Fil-kunċerti ta' l- 10 ta' Awissu wkoll tindaqq mużika diffiċli biex inżommu l-livell tal-Banda u l-kunċert ikun ta' ċertu valur!! Ma nistax ukoll ma nsemmix li kelli sehem fit-tieni parti tal-Ġemellaġġ li s-Soċjetà rebħet l-unur ta' *L'Etoile D'Or* mill-Kummissjoni Ewropea. Dan ix-xogħol kollu f'dawn l-aħħar għaxar snin ġie mirqum tajjeb u mħawwar bis-saħħa tar-rieda tajba minn kull esponent.

Nibda mill-mużiċisti fi ħdan is-Soċjetà tagħna, minn kull membru tal-Kumitat, kif ukoll bis-sapport tal-partitarji li rajt jiżdiedu fl-appoġġ tagħhom minn sena għall-oħra. Dan jixhed il-mod kif qed isir il-briju fil-marċi li dejjem qed nara jiżdied minn sena għall-oħra. Għalkemm sar ħafna xogħol ma rridux nieqfu hawn. Iżda għandna nkomplu ninvestigaw toroq ġodda biex intejbu l-livell u nibqgħu nżommu l-Banda tagħna fost l-aqwa pożizzjoni tal-baned f'Malta!!

Nagħlaq biex nirringrazzja lill-Kumitat għall-fiduċja li dejjem wera fija, lill-bandisti kollha għall-appoġġ u l-kuraġġ li jagħmluli, u lill-partitajri kollha.

Nixtieq nirringrazzja fuq kollox lis-Sur Chris Spiteri, id-Delegat tal- Banda li kellu involviment kbir miegħi biex is-suċċessi msemmija hawn fuq setgħu jsiru possibbli, kif ukoll lis-Sur Alfred Galea li bir-relazzjonijiet internazzjonali jgħin ħafna biex il-Banda tibqa' moderna u tiffjorixxi. Grazzi mill-qalb u l-Festa t-tajba lil kullħadd.

JMC
Real Estate



**the leader in best value properties**
**estate agents, developers, valuers**

Property for Sale direct from owner.  Maisonettes & Appartments in a quiet area; 3 bedrooms, main bedroom with ensuite & optional garages in Gudja.  Starting from Lm52,000.

**property for sale & let around Malta & Gozo**

**79 231 275 - 21 802 750**

**123, Għajn Dwieli Road, Paola PLA 08 Malta**



*Messaġġ mid-Delegat tas-Sezzjoni Armar*

**is-Sur Mario Camilleri**

# Inkomplu Nsebbħu l-Festa b'Armar Ġdid

Ninsabu ftit ġranet biss qabel niċċelebraw il-Festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-Festa ta' Santa Marija Patruna tar-raħal tagħna. Bħal kull sena f'dan l-intervent annwali tiegħi nagħti rendikont ta' ħidmet is-Sezzjoni Armar matul din is-sena. Fil-fatt appena għaddiet il-Festa fassalna programm sħiħ. Sa minn xahar wara l-Festa li għaddiet bdejna naħdmu fuq li ħallejna. Kif jaf kulħadd is-sena li għaddiet bdejna wkoll naħdmu fuq diversi xogħol għal Triq Karmenu Ciantar.

L-ewwel prijorità li kellna għal din is-sena kienet li nlestu x-xogħol fuq tmien armi ta' trofej għall-pjazza. Hekk kif għaddiet il-Festa s-Sur Michael Ghigo kompla jaħdem fuq l-iskultura ta' dawn l-armi biex b'hekk stajna nagħqdu d-diversi biċċiet ta' skultura flimkien. Dan ix-xogħol kien jirrikjedi ħafna attenzjoni u ninsab ukoll konvint li ħa jintgħoġbu minnkom il-partitarji. Din is-sena ħdimna wkoll xi skultura fuq l-injam fuq l-iskudett ta' din l-arma. Barra minn hekk ħdimna tmien ornamenti għal taħt dawn l-armi.



*Is-Sur Michael Ghigo ma' waħda mill-armi qabel ma ġew indurati u rħamati. Xogħol li ser narawh fil-festa ta' din is-sena.*

Bħal kull sena Michael ta kontribut kbir lil din l-Għaqda għall-volum ta' xogħol li jagħmel u anke għax-xogħol professjonali li kapaċi joħloq. Ix-xogħol ta' xkatlar, induratura u rħamar ta' dawn l-armi u ornamenti ħadt ħsiebu jien fejn għal din il-Festa lħaqt lestejt it-tmienja li huma.

Il-passi li jmiss issa huma li jinbidlu fis-snin li ġejjin il-bnadar u anke naħdmu fuq it-tmien bandalori ġodda kif jixraq ma' dawn it-trofej. Is-sur Jerry Ghigo ħa ħsieb jaħdem tmien strutturi tal-ħadid għall-bnadar tat-trofej filwaqt li ħadem ukoll fuq tmien arbli ġodda għal ġol-pjazza. Hawnhekk ta' min isemmi li Jerry minn dejjem kien ta' għajnuna għal din l-Għaqda kif ukoll għas-Soċjetà tagħna għax-xogħol volontarju li jagħmel.

Hekk kif għaddiet il-Festa u tlestew id-disinni bdejna wkoll naħdmu fuq sett ġdid ta' pedestalli għal Triq Karmenu Ciantar. Id-disinn huwa tas-Sur Andrew Bugeja. Dan id-disinn ikompli jikkumplimenta ma' sett tat-tmien trofej li nħadmu s-sena li għaddiet. Din is-sena se jkollna opportunità li naraw ix-xogħol li twettaq fuq erba' pedestalli ġodda. Dan ix-xogħol tal-injam inħadem min Sur Charles Falzon megħjun minni u tista' tgħid mill-familja tiegħu kollha. Nixtieq nirringrazzja lil sieħbi Chalie b'mod speċjali din is-sena għax naf il-volonta' kbira li kellu biex inlestu dawn il-pedestalli. Bħal kull sena s-Sur Carmel Ellul, Segretarju ta' din is-Soċjetà kien ta' għajnuna kbira għas-self ta' ħafna għodda li ħaffewlna x-xogħol u anke għall-pariri li tana waqt il-kostruzzjoni ta' dawn il-pedestalli. Is-sena li ġejja hija l-intenzjoni tagħna li nlestu dan is-sett mix-xogħol ta' l-injam. Nixtieq nirringrazzja lis-Sinjuri Emanuel Pace, Antoine Abdilla u Joe Abdilla li għenuna waqt dan il-proċess.



*Is-Sur Charles Falzon ma' wieħed mill-pedestalli ġodda għal Triq Karmenu Ciantar.*

Kif jaf kulħadd is-sena li għaddiet tajna bidu għal sett ġdid ta' statwi għal Triq Karmenu Ciantar. Kellna kliem ta' tifħir minn kulħadd għall-ewwel statwa li żanżanna f'din it-triq u dawn il-kummenti pożittivi taw raġun lil din l-Għaqda wara li għażlet lill-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi biex ikun hu li jaħdem fuq dan is-sett ta' persunaġġi. Din is-sena ħa jkollna l-opportunità li naraw statwa ġdida dik ta San Ġużepp li bħas-sena li għaddiet ġiet imħallsa mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

Din is-sena nbeda x-xogħol fuq l-iskultura għat-tmien trofej ta' Triq Karmenu Ciantar. Dan ix-xogħol inħadem mis-sur Andrew Bugeja. Għal din is-sena ma kienx



transfer your fantasy into reality!
Aldo Ritchie
'Madonna ta' Pinu',
Triq il-Ħarriġiet
Mqabba ZRQ 08
Tel: 21641032
Mob: 9946 5963
e-mail: alnaca@onvol.net
Fantasy Flowers
Flowers for weddings, engagements, etc
Invitations & Souvenirs




Zammit Photo Studio
Triq Stiefnu Zerafa, Zurrieq
Tel : 21 640 010 Mob : 99 444 561
e-mail : photo@imagomalta.com
Photo Sessions
- Photo Frames
- Digital Cameras
- Memory Cards
- Albums
- Film Developing & Printing
- Cassette to DVD Transfer
- Batteries
- Chargers
- HI-FI Equipment
- Telephones
- Photocopy Service
DIGITAL PHOTOS
From your memory card, digital camera, CD/DVD or mobile phone

> *“Dan ix-xogħol jirrikjedi ħafna attenzjoni”*

possibli li jitlesta x-xogħol kollu fuq din l-istess skultura. Għalhekk is-sena li ġejja ser jitkompla dan ix-xogħol u nispera li jibda x-xogħol ta’ induratura u rħamar fuq dan is-sett ta’ trofej.

Wara l-Festa li għaddiet iddeċidejna li kien hemm bżonn li jinbeda xogħol ta’ restawr fuq erba’ stawi tal-appostli. Dan ix-xogħol qed isir mis-sur Andrew Bugeja. Ix-xogħol kien jinvolvi żebgħa ġdida u anke kien hemm bżonn li x-xogħol jiġi msaħħaħ b’xi *fibre* u anke jinbidel xi injam fejn kien hemm bżonn.

L-istawi li ġew irrestawrati huma dawk ta’ San Pietru, San Mattew, San Ġakobb iż-żgħir u San Xmun. Is-sena li ġejja ser inkomplu r-restawr fuq xi statwi oħra li huma l-aktar fil-bżonn.

Matul din is-sena nħadmet kwantità kbira ta’ liedna għal diversi toroq madwar l-Imqabba. Dan ix-xogħol sar mis-Sinjuri Roderick Pace, Emanuel Pace, Raymond Vella u Antoine Abdilla.

Qabel nagħlaq dan l-artiklu ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li tawna l-għajnuna tagħhom, lill-benefatturi, lil Doris Camilleri li kull sena tgħini fil-ġbir ta’ fondi, lis-Sezzjoni Żgħażagħ u lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja li dejjem urewni.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nappella lil kulħadd b’mod partikulari liż-żgħażagħ biex fil-jiem tal-Festa jiġu jagħtu s-sehem tagħhom fl-armar u fiż-żarmar.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.



*L-istatwa ta’ San Ġwann il-Battista. Statwa li żżanżnet matul il-festa tas-sena l-oħra mħallsa mis-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà.*


**JMA Aluminium works**

**Joseph Mizzi Aluminium works & soffit ceilings**
6, Sejba Road, Mqabba
Tel: 2164 2955 Fax: 2164 9170 Mob: 9944 5686
E-mail: mizalum@maltanet.net

*For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works*

**We fabricate aluminium apertures, like doors & windows with new profiles and a large range of colours.**
**We cater for customer made structures, as greenhouses, verandas, skylights, facades and more.**





*Call for free quotation for:*
Louvers fixed & adjustable
Double glazed apertures (with Argon Gas)
Showers & partitions
Insect screens & roller nets
Hinged, sliding & revolving apertures
Maltese balconies, stairs & handrails
Security main doors
Arched apertures & folding doors

***We do also soffitt ceilings in mineral fibre & gypsum in various models***



*Riflessjonijiet mid-Direttur Spiritwali*

**Fr. Joseph Zahra O.P.**



# L-Assunzjoni u s-Simboli Marbuta Magħha

Qegħdin niċċelebraw festa oħra f'ġieħ l-Assunta u din id-darba għażilt li nitkellem magħkom minn simboli li huma marbuta mal-Assunta. Is-simboli bħalma kulħadd jaf qegħdin hemm biex lilna jgħinuna nifhmu ħwejjeġ ogħla minnhom. Hekk nieħdu eżempju immaġini ta' żewġ ċrieket magħquda flimkien, nifhmu li dak is-simbolu qed jirreferi għas-sagrament taż-żwieġ li bħala żwieġ ma jinħall qatt – għalhekk għandna iċ-ċrieket magħqudin flimkien. Mela f'dan il-każ is-simbolu qed jirreferi, kif fil-fatt għandu jkun għal xi ħaġa bil-wisq ogħla minnu.



Bħala simboli li huma marbuta mal-Assunta, nistgħu nintraċċaw mill-inqas ħamsa: **Il-qabar vojt, il-ward, il-ġilji, iċ-ċintura u l-anġli** li fl-arti l-aktar antika, jidhru madwar il-Madonna li qed itellgħuha fis-sema, bħalma għandna l-kwadru sabiħ tal-Assunta, magħrufa l-aktar bħala "Ta' Pinu", f'Għawdex.

Normalment qabar vojt jindika qabar li jkun intuża. Qabar li ma jkunx ġdid, ma jkunx vojt. Qabar minnu nnifsu huwa simbolu tal-mewt. Qabar qiegħed hemm biex fih jilqa' l-katavru ta' bniedem li jkun temm ħajtu fuq din l-art. Ma' qabar dejjem hemm assoċjati ċertu affarijiet bħalma huma d-dekompożizzjoni tal-ġisem mejjet, tmermir, swidija, għeluq. Il-qabar vojt mela huwa sinjal ta' mewt. Fis-simbolu tal-qabar miftuħ diġà għandna kollox il-kuntrarju.

Qabar miftuħ huwa sinjal tar-reżurezzjoni, tal-qawmien. Sinjal li l-ġisem mejjet mhux hemm. U hekk hu fil-fatt fuq il-qabar miftuħ nilmħu ix-xbieha tant għażiża u għal qalbna – ix-xbieha tal-Madonna li qed tiġi meħuda fis-sema mill-anġli.

L-anġli jwasslulna tama ġdida. Hekk seħħ per eżempju fit-tħabbira ta' l-anġlu lil Marija, li nitkellem fuqha aktar 'il quddiem. Din hija tama ġdida għalina lkoll. Tama li tahielna Ġesù bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Tama li qed tagħtina ukoll Marija li ssieħbet fil-qawmien ta' binha Ġesù u ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. U din hi t-tama tagħna. Araw x'jgħallimna l-Ispirtu s-Santu permezz ta' San Pawl: "Jekk għandna tama fi Kristu għal din il-ħajja biss, aħna l-aktar nies imsejkna fost kemm huma l-bnedmin". (1Kor, 19) Mela aħna lkoll ninsabu msejjħa biex inħarsu lejn is-sema pajjiżna. Hekk insibu fl-ittra lill-Filippin kapitlu 3 vers 20 u 21: "..aħna pajżani tas-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu. Hu għad ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu." Ħajjitna tajjeb li nieħdu ħsiebha fuq din l-art, imma ħajjitna mhix biss fuq din l-art. Il-ħajja tagħna trid tkompli għall-eternità, hemm fejn marru qabilna Ġesù u Marija Ommna. U din il-fidi mhix gidba. Kienet tkun gidba kieku Kristu mhux veru kien imqajjem mill-imwiet: Imma Kristu verament kien imqajjem mill-imwiet – l-ewwel fost dawk li raqdu" (Kol 1, 18). U kieku Kristu ma kienx imqajjem mill-imwiet, fierħa hi l-fidi u l-predikazzjoni tagħna. (cfr.1 Kor,17) Mela l-qabar miftuħ irid ifakkarna f'dan il-messaġġ evanġeliku, messaġġ mimli tama fil-ħajja eterna. Messaġġ li kien ġie mħabbar lil Marija Santissima permezz tal-Arkanġlu Gabriel (cfr. Lq 1, 26-38), messaġġ li tħabbar lir-rgħajja permezz tal-Anġli, u hekk bħalma dakinhar huma kantaw: "Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba (cfr. Lq 2, 8-15), hekk ukoll f'din is-solennità tal-Assunta, issa naraw lill-Anġli li qed itellgħuha s-sema





bir-ruħ u l-ġisem u qed tħalli lil dak il-qabar vojt. Din hija rebħa oħra fuq il-mewt u d-dnub. Il-mewt ma kinitx l-aħħar kelma f'Marija għax Marija hija l-aktar safja, l-aktar pura u għalhekk li dan il-messaġġ tal-qawmien huwa mmarkat ukoll bil-ġilji tas-safa. Dan il-messaġġ evanġeliku, huwa messaġġ safi. Ma għandux tidwir – ma għandux gideb – huwa biss il-proklamazzjoni tal-verità u għalhekk li d-domma tal-Assunta hija pprokklamata bħala verità tal-fidi li rridu nemmnuha.



Dawn il-ġilji xi drabi jidhru wkoll u bl-istess sinifikat, fil-qabar ta' Ġesù li qed jirxoxta. Hawn nistgħu b'aktar faċilità nassoċċjaw il-qabar ta' Ġesù ma' dak ta' Marija u minnhom nisiltu l-verità tal-fidi fis-safa kollu tagħha li ħajjitna ma tintemmx imma tinbidel. Din hija sejħa għalina lkoll biex insaffu t-twemmin tagħna: "Kull min għandu din it-tama fih, jissaffa bħalma safi huwa Kristu." (1Gw 3,3)

Ma' dan, inżidu simbolu ieħor – il-ward. Simbolu b'tifsira kbira, tifsira li titlaq mill-qawl: "mix-xewk joħroġ il-ward". Dan ifisser li mill-mewt Alla kapaċi jagħmel ħwejjeġ kbar. Mix-xewk tat-tbatija, tad-dnub, tal-mewt, Alla kapaċi joħroġ il-ward, il-fwieħa, il-ħajja eterna li għandha diversi aspetti, bħalma l-warda għandha diversi petali li flimkien qed jiffurmaw is-sbuħija kollha tal-warda fiha nnifisha. Għalhekk f'diversi kwadri li jirrafiguraw l-Assunta, aħna nilmħu l-ward. Marija kellha tbati f'ħajjitha (ftakru fis-seba' duluri ta' Marija). Marija kellha wkoll tgħaddi mill-mewt f'din il-ħajja, imma l-mewt ma kellhiex l-aħħar kelma. Il-mewt ta' Marija ġiet mirbuħa mill-grazzja ta' Kristu Rxoxt u allura ġiet imgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli. Hekk kien meħtieġ li wara li ttemm ħajjitha fuq din l-art, Marija kellha tittieħed fis-saltna tas-smewwiet bir-ruħ u l-ġisem. (cfr. Kostituzzjoni Dommatika "Munificentissimus Deus" tal-Papa Piu XII li fiha jiddefinixxi l-Assunzzjoni ta' Marija bħala Dogma). Hawn hi l-fwieħa qaddisa li toħroġ mill-qabar ta' Marija li allura narawh mimli jew imdawwar bil-ward.

Simbolu ieħor marbut max-xbieha tal-Assunta huwa ċ-ċintura. Skond it-tradizzjoni mqaddsa u l-istorja tal-Knisja, l-Imqaddsa Verġni Marija tlett ijiem wara li temmet ħajjitha fuq din l-art, ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Waqt li kienet qed tiġi mtellgħa s-sema hija tat iċ-ċintura mqaddsa tagħha lill-Appostlu Tumas. Tumas flimkien mal-kumplament tal-Appostli, fetħu l-qabar imma ma sabux il-ġisem tal-Verġni Mbierka. B'hekk iċ-ċintura mqaddsa saret ix-xhieda l-aktar awtentika tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem. Is-simbolu taċ-ċintura mqaddsa mela huwa simbolu li jqanqal fl-Appostli u b'mod partikulari f'Tumas (li ma tantx kien jemmen malajr), konsolazzjoni. Konsolazzjoni li għalkemm Marija ma għadhiex bil-ġisem tagħha f'nofshom, ħallitilhom tifkira dejjiema tal-preżenza tagħha. U hija propju l-fidi li trid tikkunslana f'din id-dinja sakemm naslu għas-saltna tal-ġenna fejn hemmhekk nithennew għal dejjem flimkien ma' Kristu Sidna u ma' Marija Ommna u ma' shabna l-qaddisin. Qaddisa li talbet ħafna meta kienet għaddejja minn mumenti ta' dulur u xewk fil-ħajja tagħha, u li għandha tkun mudell għalina devoti tal-Assunta, hija Santa Monika, omm il-kbir Santu Wistin. Santa Monika batiet ħafna tara lil binha fit-triq tat-telfien. Skond l-istorja kienet Marija stess li dehret lil Santa Monika liebsa biċ-ċintura mqaddsa, biex f'mumenti daqshekk diffiċli tal-ħajja tagħha, twasslilha l-Konsolazzjoni. Dakinhar il-Madonna stess b'xhieda tal-faraġ li bih farrġet lil dik l-omm, qalgħet iċ-ċintura minn ma' ħżiemha u ħallitielha bħala sapport. Eżattament kif kienet għamlet ma' l-Appostlu Tumas, dakinhar tat-tlugħ tagħha fis-sema. Kienet imbgħad Santa Monika stess li tatha lil binha, li mal-konverżjoni tiegħu, dan għaddiha lill-membri tal-kommunità monastika li hu kien waqqaf. Minn dawn is-simboli li tkellimt dwarhom, nislet il-messaġġ tiegħi għal din is-solennità tal-Assunta. Messaġġ li nixtieqU jkun ta' tħeġġiġa għal ħafna. Ejjew ilkoll nitħeġġu fid-devozzjoni vera lejn il-Madonna. Marija tixtieqna nkunu nsara veri. Nsara veri li meta nagħmlu l-festi tagħna, dawn ikunu manifestazzjoni ta' fidi vera li tkun immarkata bit-tama vera għas-saltna tas-smewwiet fejn mar qabilna Ġesù u fejn miegħu ġiet imsieħba Marija Assunta.

Nawgura għalhekk il-Festa t-tajba lil kulħadd filwaqt li nagħmel l-appell tiegħi tas-soltu biex ma nħallux il-Festa tgħaddi mingħajr ma nersqu lejn is-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin.





# Emanuel Cini

## For all Industrial, Electrical, Mechanical & Electronic Services

"Meterora", Plot 28
Triq il-Konvoj ta' Santa Marija
Mqabba ŻRQ 09, Malta

Tel: 2168 5014
Fax: 2164 9161
Mob: 9942 6850
E-mail: mancini@onvol.net

St Peter's Ironmongery

sP

*Prop. Joseph Farrugia*



Triq it-Troll, Mqabba MQB 1240
Tel: 21680143, 79499721 Fax: 21685249

**Fejn issibu:**

Drain Pipes u Fittings (Plastic u Asbestos) Fittings tad-dawl u ta' l-ilma, Cement, Kolla tal-Madum u Grouting, Hand tools, Power tools u aċċessorji oħra Cristalite Kitchen Sinks u Geysers, Ilbies Protettiv u Safety Shoes, Tankijiet ta' l-ilma tal-Fibre, Materjal ta' Kisi u fuq il-Fil.

Issibu wkoll 'il fuq minn 5000 Kulur ta' Żebgħa ta' kull tip kemm għal barra u anke għal ġewwa. Inħalltuha dak il-ħin. Qtugħ ta' kull kwalità ta' ċwievet kif ukoll security keys.

- **10% Discount** on Paints, Power Tools, Electric & Water Fittings
- Nispeċjalizzaw f'***self adhesive signs*** bħal No Parking, No Smoking, etc...
- Importaturi ta' għodda tad-ditta professjonali **CENTURION** bi prezzijiet kompetittivi

FREE DELIVERY

*Opening Hours:* Monday to Friday: 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday: 7.00 a.m. - 3.00 p.m.




# ILLUSIONS BAR & BISTRO

Pizzeria & Cafeteria & Ice Cream
Open 9:30am till 11:00pm for breakfast, lunch & dinner.
Open air service, fully stocked bar, moderate prices, games room too.
Big Screen for Live Football & Formula 1.

**Pretty Bay, Birżebbuġa BBG 02, Malta • Mob: 9942 1014**





Farell
Bathrooms

Farell Bathrooms
Blue Grotto Avenue, Zurrieq
T: 2164 2396 F: 2168 9745
E: farell@onvol.net



*Profil*

# Mro. David Agius

## *10 Snin Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V*

David Agius inħatar Surmast mal-Banda Re Ġorġ V nhar it-23 ta' Marzu 1997. Beda l-karriera mużikali tiegħu mal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar meta kellu biss 7 snin. Ħareġ idoqq għall-ewwel darba bil-klarinett fl-1982. Sentejn biss wara huwa ġie appuntat klarinett solista ma' l-istess banda. Matul il-karriera mużikali tiegħu, David daqq ma' għadd ta' baned Maltin u Għawdxin, fosthom il-Banda Nazzjonali. Kompla javvanza fl-istudji tiegħu, kemm fil-prattika kif ukoll fit-teorija għand diversi għalliema fosthom Mro. Ronnie Debattista u Freddie Mizzi. Dawn l-istudji wassluh biex jikseb bl-unuri kollha d-Diplomi A. (Mus.) V.C.M. A. (Mus.) L.C.M. u l-A.L.C.M.

David Agius illum il-ġurnata huwa magħruf sewwa fil-qasam bandistiku Malti, l-aktar għall-għadd ta' marċi li kkompona fosthom il-famużi Santos, Al Pacino u Censinos. Fir-repertorju ta' dan is-Surmast huwa estenda biex ikkompona kompożizzjonijiet diversi fosthom fl-1999 Festive Fantasy, fl-2000 Id-Domma ta' l-Assunta, fl-2001 Kantata għal Sidtna Marija Omm tal-Grazzja u Musical Impressions, poema sinfonika fl-2005. Flimkien mal-Banda Re Ġorġ V, David Agius imexxi wkoll il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, li tagħha laħaq Surmast Direttur fis-sena 2000, wara li għamel numru ta' snin iservi bħala Assistent Surmast. Ilu wkoll għal diversi snin jokkupa l-kariga ta' Assistent Surmast mal-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara. Mro. David Agius iddistingwa ruħu wkoll internazzjonalment meta mexxa l-Banda San Mikiel, kien Assistent Surmast mal-Banda Sant'Elena, kif ukoll daqq ma' diversi baned Maltin u Għawdxin ġewwa għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja. Propju din is-sena Mro. David Agius mexxa lill-Banda Re Ġorġ V waqt Festival Internazzjonali għall-Baned ġewwa l-Provinċja ta' Ruma fl-Italja.

Fil-ħajja professjonali tiegħu David Agius jokkupa l-kariga ta' *Senior Broker* ma' Kumpanija ta' l-Assikurazzjoni. David Agius huwa miżżewweġ lil Antonella, li hi wkoll mużiċista. Huma jgħixu ġewwa r-Rabat, Malta u għandhom tlett itfal, Mayron Jose', Kyran u Quivan. Il-Kumitat, membri u bandisti tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jifirħu lis-Surmast David Agius f'għeluq l-10 snin bħala Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V u jawgurawlu aktar snin fit-tmexxija tal-Banda, kif ukoll aktar suċċessi fil-karriera mużikali tiegħu.



**Mro. David Agiud jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V waqt li ssellem il-ħruġ ta' l-istatwa minn fuq iz-zuntier.**



**Mro. David Agius waqt il-kunċert indimentikabbli nhar il-15 ta' Novembru 2005 ġewwa t-Teatru Manoel.**

# Skip Hire



***Mini Skip Service***
***also available***

***Leli Camilleri***

Leli,
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba
Tel: 9947 4468

# STONE ART WORKS

Old Valletta Road, Mqabba

Mob: 7973 0206









# Relazzjonijiet Internazzjonali ...
# ... Inkomplu fejn ħallejna

**Jikteb is-Sur Alfred Galea**

Fil-Ktieb tal-Festa tas-sena l-oħra kont ħallejtkom b'rapport dettaljat rigward iż-żjara f'Malta tal-Banda Ingliża *Bedford Town Concert Brass Band* li saret matul il-ġranet tal-festa 2005. Kont tajt ukoll informazzjoni dettaljata fuq il-mistednin Internazzjonali li kellna għall-festa tas-sena l-oħra ġewwa l-Imqabba. Il-festa tas-sena 2006 nistgħu ngħidu li għaddiet bħal berqa. Kellna festa oħra sabiħa li fiha ċċelebrajna flimkien suċċess ieħor Internazzjonali. Wara l-unur *Etoile d'Or* miksub fl-1998, is-sena l-oħra żidna miegħu unur ieħor prestiġġjuż internazzjonali – Kulħadd jista' jinduna li qed nirreferi għar-rebħa assoluta fil-Festival Internazzjonali tan-Nar li sar f'Malta f'Mejju 2006. Mimli b'kuraġġ wara dan kollu jien qatt ma' waqaft naħdem fil-kwiet f'din l-isfera hekk importanti fid-dinja tal-lum. Permezz ta' din il-kitba ser inżommkom infurmati rigward ix-xogħol li għamilt matul din l-aħħar sena fejn jidħlu relazzjonijiet Internazzjonali għas-Soċjetà u Banda tagħna.

## Festa 2006

Kif tafu għall-festa 2006 komplejna nżidu r-rekord ta' mistiedna Internazzjonali li żaru Malta għall-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba. Minbarra s-solitu Banda Barranija s-sena l-oħra rnexxieli nagħmel kuntatti sabiex għall-Programm Annwali tal-Festa jkollna xi ħaġa ġdida u oriġinali. Dan wassal sabiex flimkien mal-Banda Re Ġorġ V fl-10 t'Awissu 2006 ikollna lil David Morris, *World Whistling Champion* mill-Ingilterra.

David Morris wasal Malta matul il-lejl tas-7 t'Awissu 2006. L-għada, it-8 t'Awissu, David Morris ġie l-Każin tas-Soċjetà fejn saru provi ġenerali flimkien mal-Banda għall-programm, wara li konna ilna xhur sħaħ nikkunċertaw il-mużika li David kien bagħtilna mill-Ingilterra. Dakinhar saru wkoll intervisti lil David Morris minn stazzjonijiet tar-Radju u



*David Morris flimkien mal-Banda Re Ġorġ V (Mqabba 10/08/06)*

Televiżjoni Maltin. Ma naqasx ukoll illi David Morris jagħmel l-ewwel ħbieb Imqabbin ġewwa l-Każin tas-Soċjetà, u bejn xi flixkun birra u ieħor ma naqasx illi jdewwaq ftit mit-talent fenomenali tiegħu lil dawk preżenti fil-Każin. Il-jum tad-9 t'Awissu kienet imbagħad il-ġurnata tal-wasla f'Malta tal-Banda minn Cornwall l-Ingilterra *St. Keverne Town Silver Band*. Dawn waslu ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta dakinhar bil-lejl fuq titjira minn Exeter.

Il-jum ta' l-10 t'Awissu kienet il-ġurnata ta' David Morris kif ukoll il-jum meta tajna merħba fl-Imqabba lill-Banda mistiedna Internazzjonali minn St. Keverne. Qabel il-Banda Re Ġorġ V bdiet bil-Programm Annwali tagħha, sar marċ mill-Banda ta' St. Keverne. Il-marċ mexa tul Triq Karmenu Ciantar u hekk kif wasal fil-parti tal-Pjazza quddiem l-istatwa tal-Papa, il-Banda għamlet parata qasira stil ta' *Military Tattoo*. Waqt il-marċ u d-*display* spikkaw il-preċiżjoni f'dak li hu *marching drill* u fejn tidħol *Military Tattoo Style Display*. Kien imiss imbagħad wara l-Programm tal-Banda Re Ġorġ V. F'dan il-ħin tas-serata spikkat il-professjonalità ta' David Morris f'kull silta li fiha akkumpanja l-Banda. Kull min kien preżenti għas-serata jaf x'ra u x'sema'. Kienet xi ħaġa ġdida u oriġinali li saħħret lil kulħadd. Waqt il-Programm spikkaw ukoll il-membri tal-Banda u l-akkumpanjaturi minn St. Keverne li daħlu malajr fl-atmosfera tal-festa speċjalment waqt id-daqq tal-Pomp and Circumstance March ta' Edward Elgar, mużika ferm popolari mal-Brass Bands Ingliżi.

Matul il-jiem tal-11 u 12 t'Awissu 2006, waqt li fl-Imqabba kompliet għaddejja l-festa ta' Santa Marija, David Morris u *St. Keverne Town Silver Band* kellhom iċ-ċans juru t-talenti tagħhom lill-kumplament tal-poplu Malti permezz ta' kunċerti ġewwa



*Kunċert minn St. Keverne Brass Band (Mqabba 13/08/06)*



*Marċ minn St. Keverne Brass Band (Mqabba 10/08/07)*

ġew offruti ikel fuq il-bejt tal-Każin minn fejn kellhom ukoll iċ-ċans isegwu l-ispettaklu grandjuz tan-nar, spettaklu li segwew b'attenzjoni mill-bidu sa l-aħħar.

Nhar il-festa n-nies ta' St. Keverne ġew l-Imqabba fil-ħin eżatt sabiex jaraw il-bidu tal-purċissjoni. Hekk kif daħlet il-purċissjoni, il-Banda telgħet fuq il-planċier u tat bidu għal kunċert ieħor din id-darba mimli b'mużika ferriħija. Spikka waqt dan il-kunċert is-*sense of humor* li għandhom dawn in-nies li mhux biss kapaċi jdoqqu iżda kapaċi joħolqu atmosfera allegruża, ħaġa li niżlet għasel ma' kull min, Imqabbin u mhux, li għoġobhom jibqgħu l-Imqabba anke jekk il-purċissjoni kienet ilha li daħlet. Wara li spiċċa kollox il-Banda u n-nies ta' St. Keverne telgħu għall-aħħar darba fis-swali tal-Każin fejn sar riċeviment ta' l-aħħar. Ma naqsux l-aħħar ritratti quddiem il-pitturi ġewwa s-sala prinċipali, u l-bdil ta' l-aħħar rigali bejnietna, mumenti li jien u l-familja tiegħi diffiċli ninsew – matul dan il-ħin ġejna ppreżentati rigali tipiċi minn Cornwall mill-manager u surmast tal-Banda Alan Retallack, akkumpanjat minn ċapċip u għajjat mill-grupp kollu ta' "Alfred, Alfred, ….."

Il-Banda ħalliet Malta l-għada tal-festa wara nofsinhar biex b'hekk għalaqna kapitlu ieħor fl-istorja. Kienet esperjenza oħra sabiħa u ta' sodisfazzjon kbir kemm għalija, għall-familja tiegħi, kif ukoll għal dawk kollha li kienu magħna. Ringrazzjament speċjali jmur l-ewwel u qabel kollox lil dawk kollha li kienu miegħi u tawni l-għajnuna meħtieġa fosthom marti Antoinette u binti Martina, Antoine Sciberras, Daniel Camilleri, Chris Spiteri u Carmel Ellul min-naħa tas-Soċjeta, Nicholas Briffa Sindku u l-Kunsilliera ta' l-Imqabba, Kunsilli Lokali ta' Marsakala u Mellieħa. Grazzi wkoll lil dawk li għenuna min-naħa tal-media, ewlenin fosthom Remenda Grech, Mario Fenech u Toni Abela. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas grazzi lill-Imqabbin u Maltin u Għawdxin li apprezzaw dan it-talent Internazzjonali meta żaruna għall-festa. B'dispjaċir insemmi fl-aħħar xi individwi li ppruvaw iwaqqgħu għaċ-ċajt lil dawn il-barranin – ngħidilhom illi aġir bħal tagħhom ma jservi għalxejn ħlief ihammeġ l-unur tagħna l-Maltin. Nispera li esperjenzi bħal dawn iservu wkoll sabiex nedukaw lil dawn it-tip ta' nies.

Wied il-Għajn u l-Mellieħa. Dawn il-mistiedna mbagħad reġgħu rritornaw lura l-Imqabba nhar it-13 t'Awissu, l-aħħar jum tat-tridu. Dakinhar qabel il-bidu tal-marċ mill-Banda Re Ġorġ V sar kunċert ta' mużika leġġera fil-pjazza quddiem il-każin fejn David Morris kellu ċans ukoll jurina l-abbiltà tiegħu bħala surmast tal-Banda. Wara l-kunċert il-mistednin Internazzjonali kellhom laqgħa mas-Sindku u Kunsill Lokali ta' l-Imqabba fil-bini ta' l-isptar il-qadim ġewwa l-Imqabba. Il-kumplament tal-lejla kien naturalment riservat għall-qofol tal-marċ ta' l-aħħar tridu ġewwa l-pjazza ta' l-Imqabba.

Fil-jum ta' l-14 t'Awissu, lejliet il-festa, marti Antoinette u jien akkumpanjajna lil David Morris l-ajruport, u wara komplejna mal-Banda ta' St. Keverne li dakinhar kellha impenn ieħor għall-festa ta' Santa Marija. Eżattament qabel l-ispettaklu tan-nar sinonimu ma' lejliet il-festa, il-Banda tat kunċert ieħor quddiem il-każin. F'dan il-kunċert, ippreżentat b'abbiltà mill-bandist tal-post Daniel Camilleri, spikkat il-bravura tal-bandisti ta' din il-banda u t-*teamwork* li jaħdmu bih taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħhom Alan Retallack. Wara li saru xi bdil ta' rigali il-kunċert ġie fi tmiemu bid-daqq ta' l-innijiet nazzjonali. Eżatt wara l-kunċert il-mistiedna minn St. Keverne



*Wieħed mill-aħħar ritratti tal-grupp minn St. Keverne f'Malta*

## Wara l-Festa 2006

Hekk kif għaddiet il-festa 2006, komplejt bil-ħidma tiegħi f'din l-isfera. F'moħħi kelli s-sena 2007, sena li fiha l-Banda Re Ġorġ V tagħlaq 60 sena. Ħsibt li kien xieraq illi għal din is-sena nagħmel xi ħaġa iżjed għall-Banda tagħna f'dan il-*birthday* speċjali. Ftit qabel il-festa 2006 kont irċevejt stedina mill-Italja għal Festival Internazzjonali tal-Baned li kellu jsir ġewwa l-belt ta' Cave viċin Ruma. Eżatt wara l-festa pproponejt l-idea li nieħdu sehem f'dan il-festival lill-kumitat, li min-naħa tiegħu qabel miegħi. Flimkien ma' dan kollu jien komplejt ukoll naħdem sabiex fil-festa ta' din is-sena inġib xi Banda oħra barranija. Dan kollu wassal sabiex bejn it-3 u d-9 ta' Lulju 2007 il-Banda Re Ġorġ V telgħet iddoqq għat-tieni darba ġewwa l-Italja. Għall-festa ta' din is-sena wkoll fostna ser ikollna xi mistiedna Internazzjonali – Il-Banda *St Stythians Brass Band* minn Cornwall, l-Ingilterra, kif ukoll Andy Isca, Professur tal-mużika u surmast minn ġewwa l-Istati Uniti – dawn kollha ġejjin Malta għall-festa ta' din is-sena.

## Iż-żjara tal-Banda Re Ġorġ V fl-Italja – Lulju 2007

L-ewwel kuntatt li kelli kien ftit xhur qabel il-festa 2006 meta permezz ta' email minn Cave rċevejt stedina sabiex nieħdu sehem matul Festival Internazzjonali għall-Baned imsejjaħ bħala *Festa del Socio – Cave, 2007*. Minn hemm 'il quddiem nista' ngħid li bis-*support* kontinwu ta'



*Kunċert minn St. Keverne Brass Band (Mqabba 14/08/06)*

marti Antoinette, ghamilt sena u nofs ħidma bejn kuntatti u arranġamenti sabiex wasalna ħalli ftit ġimgħat ilu l-Banda tagħna setgħet tagħmel it-tieni avventura tagħha barra minn Malta.

F'Marzu li għadda jien u l-familja tiegħi tlajna l-Italja fejn iltqajna mal-Banda *Associazione Bandistica Citta' di Cave,* organizzaturi ta' dan il-Festival. Hemmhekk iffinalizzajt kollox u wkoll wassalt stedina uffiċjali mingħand is-Soċjetà tagħna sabiex il-Banda ta' Cave żżur Malta għall-festa ta' l-2008, stedina li ntlaqgħet bil-ferħa min-naħa tat-Taljani. Ta' min jgħid ukoll illi fuq talba tat-Taljani jien kont involut ukoll f'ħidma sabiex il-Banda minn Cornwall *St. Keverne Town Silver Band* ħadet sehem ukoll f'dan il-festival. B'hekk dan il-Festival serva wkoll sabiex nerġgħu niltaqgħu mal-Banda Ingliża li kienet mistiedna mis-Soċjetà għall-festa tas-sena l-oħra.

L-avventura tagħna ġewwa l-Italja bdiet nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2007 filgħodu meta grupp ta' 72 ruħ bejn Bandisti u Partitarji ħallejna Malta lejn Ruma. Mal-wasla tagħna sibna l-*Pulmans* jistennewna li ħaduna għal *excursion* ġewwa l-Belt ta' Tivoli fejn kellna l-opportunità nżuru *Villa Este*, post bi ġmiel liema bħalu fosthom ġnien enormi mimli nixxiegħat u funtani. Wara Tivoli kompleja t-triq lejn Cave fejn sibna jistennewna l-Kumitat tal-Banda ta' Cave mmexxija minn Blandino Sfera, President, delegazzjoni mill-Kunsill ta' Cave, flimkien mal-Banda Ingliża minn St. Keverne. Wara din il-merħba kulħadd erħielha lejn il-lukanda. Wara li jien flimkien mal-President tal-Banda ta' Cave solvejna xi problemi loġistiċi li nqalgħu ma' xi bandisti barranin li kienu magħna, inżilna għall-ikel u kellna l-kumplament tas-serata libera.

L-Erbgħa 4 ta' Lulju 2007 kienet ġurnata ferm importanti matul din il-ġimgħa. Kmieni filgħodu l-grupp Malti flimkien mal-grupp Ingliż tlaqna lejn Ruma fejn ħadna sehem attiv waqt l-Udjenza tal-Papa fil-Vatikan. Hekk kif dħalna sibna post riservat għalina flimkien ma' żewġ baned oħrajn, waħda mill-Polonja u l-oħra mill-Italja. Kienet esperjenza ferm sabiħa li tqabbdek il-bard meta tisma' u tara l-Banda tagħna ddoqq ġewwa *Sala Paolo VI* fil-vatikan. Billi l-Papa ttardja ftit biex wasal kellna ċans indoqqu ftit mhux ħażin. Il-mużika hija verament lingwa universali – tirrealizza dan meta tara erba' baned minn pajjiżi differenti jdoqqu b'mod alternat spontanjament. Esperjenza li ma tinsa qatt meta tara nies ġejjin mid-Dinja kollha jċapċpu u japplawdu lill-Banda tagħna. Wara li spiċċat l-udjenza mxejna flimkien tul *Via della Conciliazione* lejn *Castel Sant' Angelo* f'Ruma, wieħed mill-monumenti l-aktar importanti ġewwa Ruma. Hemmhekk il-Banda Re Ġorġ V flimkien mal-Banda ta' St. Keverne daqqew marċi wara xulxin propju fit-triq li tagħti għad-daħla prinċipali ta' dan il-monument/mużew. Wara li kellna l-ikel u ftit ħin mistrieħ barra



*Associazione Bandistica Città di Cave waqt jum il-Festival (08/07/07)*

għad-dell ta' dan il-Kastell, qbadna l-*Pulman* li ħadna lejn *Piazza dei Quiriti* fejn il- Banda Re Ġorġ V u *St. Keverne Town Silver Band* taw kunċert quddiem il-funtana li hemm tiddomina din il-Pjazza importanti ġo Ruma. Wara l-Kunċerti lkoll erġajna lura lejn il-lukanda għall-ikel ta' filgħaxija. B'hekk temmejna din il-ġurnata hekk importanti li għandha tagħmilna lkoll kburin. Veru kienet ġurnata twila għall-Banda tagħna u għall-Banda ta' St. Keverne, però meta nħarsu lura għandna nindunaw illi din kienet ġurnata Kbira għas-Soċjetà tagħna. Flimkien ktibna paġna storika oħra għas-Soċjetà u l-Imqabba. Il-Banda Re Ġorġ V daqqet ġewwa l-Vatikan, fost folla enormi ta' nies mid-dinja kollha, u l-aktar importanti, f'waqtiet minnhom ftit metri biss 'il bogħod mill-Papa Benedittu XVI. Dan ma kienx biżżejjed – daqqejna f'postijiet prominenti ġewwa Ruma. M'hix ħolma ta' kull Banda Maltija li ddoqq quddiem monument hekk kbir u Importanti fiċ-ċentru ta' Ruma, bħalma hu *Castel' Sant' Angelo*? Għandek




*Il-poster bil-Programm uffiċjali tal-Festival*



*Les Cateau Chambresis minn Franza waqt il-Festival (08/07/07)*



*Il-Baned Re Ġorġ V quddiem il-Vatikan (04/07/07)*

tħossok kburi meta ssir taf illi Pjazza hekk importanti fiċ-ċentru ta' Ruma bħalma hi *Piazza dei Quiriti* tingħalaq għat-traffiku sabiex il-Banda tagħna tkun tista' ddoqq?

Il-Ħamis 5 ta' Lulju kienet ġurnata ta' divertiment għalina billi morna għal *excursion* li ħaditna Castel Gandolfo, il-post fejn il-Papa għandu r-residenza tas-sajf. Inżilna wkoll *Lago Albano*, għadira fil-viċin li jgħidu hija bokka ta' vulkan antik li llum inbidlet f'għadira hekk sabiħa. Filgħaxija kellna mbagħad iċ-ċans li nassistu għall-kunċert tal-Banda *Associazione Bandistica Citta' di Cave*, parti mill-*Primo Raduno Internazionale di Bande Musicali – Festa del Socio 2007*.

Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2007 filgħodu kellna *excursion* lejn Cassino. Hemmhekk żorna l-Monasteru ta' Montecassino, monasteru bi storja twila li fl-aħħar gwerra dinjija kien ġie distrutt kompletament minn bumbardamenti, li iżda mbagħad reġa ġie mibni eżatt kif kien qabel ma' ġie mġarraf. Interessanti għal ħafna Maltin kienet iż-żjara fil-mużew ta' dan il-monasteru li jġieghlek tgħix l-istorja ta' dan il-bini storiku li nsibu fl-Italja. F'dan il-jum irritornajna kmieni fil-lukanda minħabba li l-Banda Re Ġorġ V kellha tkun impenjata permezz ta' programm mużikali ġewwa l-anfiteatru ta' Cave fejn kienet qed issir il-*Festa del Socio* 2007. Matul is-serata l-ewwel assistejna għal Kunċert tal-Banda Franċiża *Harmonie Municipale Le Cateau Cambresis* li ġejja mit-Tramuntana ta' Franza, ftit 'il bogħod mill-fruntiera mal-Belġju. Eżatt wara ħadna postna fuq il-palk aħna fejn daqqejna programm mużikali li ntlaqa' tajjeb ferm mill-udjenza numeruża preżenti.

Matul il-jum tas-Sibt 7 ta' Lulju erġajna morna Ruma, din id-darba sabiex nagħmlu dawra ta' interess madwar din il-Belt Storika. L-ewwel kellna żjara madwar il-Bażilika ta' San Pietru, żjara gwidata minn Mons. Renzo Cilia, qassis Malti li jgħix ġewwa Ruma, u jaħdem ġewwa l-Vatikan. Matul il-jum ukoll kellna l-opportunità naraw aktar postijiet f'Ruma fosthom *Fontana di Trevi, Piazza del Colosseo, Piazza Navona,* u *Piazza Venezia* fost oħrajn. Filgħaxija rritornajna Cave fejn assistejna għal aktar kunċerti mill-



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa Sala Paolo VI fil-vatikan (04/07/07)*

Baned mistiedna. L-ewwel kellna lill-Banda Militari Taljana *Dei Granatieri di Sardegna*. Fl-aħħar ta' dan il-kunċert ippreżentajna wkoll rigal f'isem is-Soċjetà lil din il-Banda. Ikkonfermajt ukoll l-idjoma 'Id-dinja żgħira', meta eżatt wara l-kunċert iltqajt ma' bandist Antonio Conte li qalli hu ħabib kbir ta' Ilio Volante, kompożitur u mużiċista Taljan li jien nikkorrispondi miegħu ta' sikwit bl-emails. Wara l-Banda *Dei Granatieri di Sardegna* kien imiss lill-Banda ħabiba tagħna *St. Keverne Town Silver Band* li tat kunċert denju ta' Banda Professjonali li hi. Tant hu hekk illi fl-aħħar tal-Kunċert Maurizio Mazzenga, uffiċjal tal-Banda ta' Cave niżel jiġri fil-platea bi flixkun inbid sabiex jagħmel *brindisi* mas-surmast tal-Banda Stuart Chappell. Fl-aħħar ta' dan il-kunċert il-Banda mhux talli intalbet tagħmel *Bis*, iżda saħansitra kellha tagħmel *Tris*!! Ħadt gost ħafna nara lil sħabi t-Taljani jkantaw ferħanin u kburin l-innu Taljan fl-aħħar tal-Kunċert. Ħassejtni ferħan u kburi għax permezz ta' xogħli rnexxieli għal darb' oħra nagħmel xi ħaġa ta' sodisfazzjon għal kulħadd!!

L-aħħar ġurnata tagħna ġewwa Cave bdiet permezz ta' quddiesa fil-knisja ta' Santo Stefano, li tinsab bieb ma' bieb mal-muniċipju ta' Cave, fejn il-Banda ta' Cave għandha l-kwartieri tagħha. Ħassejtni verament kburi b'dak li wettaqt meta l-Liturġija tal-Kelma inqrat bil-lingwi kollha tal-pajjiżi rappreżentati fil-Festival tal-Baned. L-ewwel tela' jaqra bandist mill-Banda ta' Cave li qara' l-ewwel żewġ lezzjonijiet bit-Taljan. Imbagħad il-Kappillan tal-Knisja qara' l-Evanġelju bit-Taljan li mbagħad inqara' bil-Franċiż minn Bandist tal-banda Franċiża, bl-Ingliż minn Alan Retallack, manager tal-banda mill-Ingilterra, u fl-aħħar bil-Malti, li nqara minni f'isem il-Banda tagħna. Kienet esperjenza oħra li ser tibqa fil-memorja tiegħi. Matul din l-esperjenza kelli sehem kbir sabiex reliġjonijiet differenti jingħaqdu u jieħdu sehem attiv f'ċelebrazzjonijiet Kattoliċi. Ta' sodisfazzjon kbir huwa l-fatt illi nies li ma jħaddnux ir-reliġjon tagħna tarahom kburin meta jieħdu



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa Cave (08/07/07)*



*Il-Banda Re Ġorġ V iddoqq ġewwa Piazza dei Quiriti f'Ruma (04/07/07)*

sehem f'dan it-tip ta' attivitajiet tar-reliġjon tagħna. Wara l-quddies saret sfilata mill-Baned parteċipanti madwar Cave. L-ewwel imxew l-Ingliżi, imbagħad aħna l-Maltin, warajna l-Franċiżi, u fl-aħħar kif inhu xieraq, il-Banda ta' Cave f'isem l-Italja. Hekk kif spiċċat l-isfilata ġejna offruti *Aperitivo Musicale* li kien jikkonsisti f'xorb u ħelu tradizzjonali ta' Cave. Wara nofsinhar l-erba' baned erġajna ltqajna flimkien għall-Gran Finale, imsejjaħ mit-Taljani, *Raduno Bandistico e Concertone Finale*. Reġgħet saret sfilata mill-erba' baned wara xulxin miċ-ċentru ta' Cave sa l-Anfiteatru fejn sar il-Festival. Hemmhekk indaqqu numru ta' marċi minn kull Banda individwali. Wara sar bdil ta' rigali bejn l-erba' baned u s-Sindku ta' Cave. Eżatt wara kull Banda daqqet l-innu nazzjonali tal-pajjiż rispettiv. Imbagħad il-Baned kollha ingħaqdu f'Banda waħda sabiex idoqqu l-marċ *Armi e Brio* magħżul mill-Banda ta' Cave. Kollox ġie fi tmiemu permezz ta' l-Innu Ewropew *Ode to Joy* ta' *Beethoven*.

L-avventura ġiet fi tmiemha it-Tnejn 9 ta' Lulju. Fi sbieħ il-jum ġbarna kollox lura fil-bagalji u wara li sellimna lill-President tal-Banda ta' Cave Blandino Sfera u lis-Surmast tal-banda ta' Cave Giuseppe Ambrosini irkibna l-*Pulmans* li ħaduna lura lejn l-ajruport ta' Fiumicino minn fejn qbadna t-titjira lura lejn Malta, fejn wasalna wara nofsinhar.

Meta nħares lura lejn din l-esperjenza kemmxejn friska f'moħħi nħoss sodisfazzjon kbir. Nammetti li ma kienx faċli għalija norganizza ħaġa bħal din. Jien bniedem li nkun nixtieq kollox jimxi perfett kif inkun ippjanajtu jien. Però jkolli nammetti li fid-dinja xejn ma' jista' jkun perfett. Il-Malti jgħid: 'Mitt bniedem, mitt fehma'. Aħna ġewwa l-Italja konna 72 ruħ. Il-Malti jgħid ukoll illi: 'Anke l-imsaren fiż-żaqq igorru'. Tista' timmaġina allura 72 ruħ ilkoll flimkien!! Jien nirringrazzja minn qalbi lill-maġġoranza tan-nies li kellna magħna għall-koperazzjoni li wrew miegħi waqt din il-biċċa xogħol li żgur ser tkun okkażjoni oħra li titnizżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà tagħna. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, grazzi kbira lil marti Antoinette. Flimkien fil-kwiet ta' darna qattajna ħafna ħin fuq il-kompjuter u fuq it-telefon nikkomunikaw ma' ħbiebna Taljani u Ingliżi sabiex stajna norganizzaw avveniment hekk kbir mill-aħjar li stajna. Grazzi kbira lit-tifla tiegħi Martina talli ħadet paċenzja bija. Nammetti illi kelli nnaqqas xi ftit mill-ħin magħha biex stajt naħdem fuq din is-safra!!



*Concertone Finale – Cave 08/07/07*



*Il-Banda St Stythians Brass Band*

## Il-mistiedna barranin għall-festa 2007

### St Stythians Brass Band – Cornwall, Ingilterra

Il-Banda twaqqfet fl-1928 minn parruċċani ta' St Stythians. St. Stythians fil-verità mhux villaġġ waħdieni, imma żona li tiġbor fiha *hamlets* u rħula tradizzjonali *Cornish*. Ir-raħal l-aktar importanti fiż-żona huwa Stithians, fejn il-Banda hija bbażata. Flimkien ma' madwar 40 kunċert fis-sena din il-Banda tieħu sehem f'madwar 4 kompetizzjonijiet kull sena. Bħalissa l-banda tikkompeti fil-*UK Brass Bands' 2nd Section*. Testimonjanza mill-membri tal-Banda tgħid:

"Għalina l-mużika hija passatemp. Nippruvaw inżommu dan il-passatemp interessanti billi ngħaqqduh ma' attivitajiet soċjali bħal żjajjar fil-*pubs*, jew billi nżuru u ndoqqu f'pajjiżi bħal Malta u l-Ġermanja. Nippruvaw ma' nieħdux lilna nfusna bis-serjetà u dejjem infittxu mużiċisti ġodda sabiex jingħaqdu magħna"



*It-tieni ittra ta' stedina minn Cave*

Matul ix-xhur tas-Sajf il-Banda tagħti kunċerti marbuta b'tema ġewwa Falmouth,Cornwall. Dawn il-kunċerti li jsiru kull nhar ta' Ħadd bejn Ġunju u Settembru, jinvolvu l-użu ta' kostumi, u jistiednu l-udjenzi jieħdu sehem b'mod attiv, f'tentattiv sabiex iżommu l-atmosfera ħajja. It-temi tal-kunċerti jinkludu: Għanjiet tradizzjonali; Glenn Miller; Oktoberfest; u *Traditional Brass*. Il-banda tkun akkumpanjata wkoll mill-ifjen gruppi mużikali ta' Cornwall, bħal Korijiet u Baned ħbieb. Mistiedna oħra jinkludu Preżentaturi popolari tar-radju u televiżjoni. Matul dawn l-aħħar snin kemm ilhom isiru dawn il-kunċerti l-Banda qed ikollha udjenzi li qatt qabel ma tiftakar li kien ikollha.

Għalkemm il-kunċerti huma



*St Stythians Band wara rebħa f'kompetizzjoni*



St Stythians jimmarċjaw waqt Bugle Contest

l-ħobża ta' kuljum tal-Banda, *St Stythians Brass Band* tieħu sehem ukoll f'kompetizzjonijiet. L-għan wara dan hu sabiex il-membri jattendu aktar provi u jieħdu sfidi biex idoqqu ċertu *Test Pieces*. Dan kollu jgħin sabiex il-livell tal-Banda jkompli jogħla. Naturalment dan ukoll jgħin sabiex il-membri tal-Banda jingħaqdu aktar flimkien. Grazzi għas-suċċessi li l-banda kisbet matul is-snin, illum *St Stythians Brass Band* hi meqjusa bħala waħda mill-aħjar baned f'Cornwall. Madankollu l-Banda tippreferi ma tkunx involuta żżejjed f'kompetizzjonijiet anke minħabba illi t-tip ta' mużika li hemm bżonn tindaqq waqt kompetizzjonijiet simili tkun ġeneralment inqas melodjuża. Meta l-banda tikkompeti, il-membri jikkonċentraw aktar fuq id-daqq tagħhom milli fuq id-daqq tal-baned l-oħrajn. Minn hawn ħareġ il-motto tal-banda:

### 'Għal min indoqqu aħna?! Għalina!'



Derek Johnston, li twieled ġewwa l-belt ta' Carlisle f'Cumberland, huwa s-surmast ta' din il-banda. Beda jistudja l-mużika ta' ħames snin man-nannu tiegħu John li kien surmast mal-banda militari ta' Carlisle. Aktar tard fi tfulitu mar mal-familja tiegħu joqgħod ġewwa Yorkshire u hemmhekk beda jdoqq mal-*Brass Bands*, l-ewwel fuq *Cornet* u aktar tard fuq *Trombone*, strument li wasslu sabiex jidħol ma' l-aqwa baned ġewwa Yorkshire. Wara li missieru laħaq surmast ta' *Camborne Town Band* il-familja ttrasferiet ruħha lejn *Cornwall*. Bis-saħħa ta' missieru Derek kompla javvanza fil-mużika sakemm fl-1992 ġie mistieden jidderieġi lis-*St. Keverne Town Band*, biex beda l-karriera tiegħu bħala Surmast. Għal ħafna okkażjonijiet Derek daqq ma' l-ifjen Baned Ingliżi fir-*Royal Albert Hall* ġewwa Londra. Kien jagħmel parti mill-*Camborne Town Band* meta dawn rebħu l-*World Music Festival* ġewwa *Kerkrade* fl-Olanda. Fil-ħajja professjonali tiegħu Derek Johnston jidderieġi l-Baned Hayle u St. Stythians minn Cornwall, kif ukoll jaħdem bħala *Recording Producer* mal-kumpanija PM Sound. Jiġi msejjaħ ħafna drabi biex jagħmel parti mill-ġurija waqt kompetizzjonijiet tal-baned. Huwa wkoll għalliem tal-mużika mfittex ħafna.

### Dr. Andy Isca – Louisiana, U.S.A.



It-tieni mistieden internazzjonali tas-Soċjetà matul il-festa ta' din is-sena huwa Andy Isca minn ġewwa l-Istati Uniti. Ilni għal dawn l-aħħar sentejn jew tliet snin f'kuntatt ma' dan is-surmast Amerikan, snin li fihom Andy bagħatli ammont ta' mużika, kemm kompożizzjoni tiegħu u kemm mużika oħra għall-Banda. Din is-sena Andy ser jogħġbu jżur Malta sabiex jesperjenza l-festa tagħna. Ser ikun ukoll il-mistieden ta' l-unur waqt il-programm ta' l-10 t'Awissu fejn ser ikun ukoll mistieden jidderieġi l-Banda tagħna.

Andy Isca twieled fi New York, iżda ilu għal diversi snin jgħix ġewwa Louisiana. Għandu żewġ *Degrees* fil-mużika mill-Università ta' Louisiana, kif ukoll Dottorat mill-Konservatorju Amerikan tal-Mużika. Andy għamel karriera bħala għalliem tal-mużika, karriera li fiha kiseb diversi unuri fosthom *Laurea* mingħand *John Philip Sousa Foundation*, unur li jingħata lil għaxar għalliema kull sena. Għamel żmien ukoll President tal-*Association of American Concert Bands*. Illum il-ġurnata Andy Isca jmexxi programm fuq *KEDM Public Radio*. Il-programm jismu *Bandscape* u jitratta mużika mill-aqwa baned tad-dinja. Dr. Isca huwa s-Surmast Fundatur ta' *Riverside Concert Band* u regolarment jiġi mistieden jidderieġi diversi baned madwar l-Istati Uniti. Għal tliet snin sħaħ Dr. Isca mexxa l-*American Winds Concert Band*. Matul dawn is-snin huwa mexxa l-banda fi ħdax-il pajjiż differenti fl-Ewropa.

## Programm Strumentali
## *minn*
## *St Stythians Brass Band*
## *- Cornwall, Ingilterra nhar it-Tlieta 14 ta' Awissu fit-8.15pm*

## Messaġġi mill-Ingilterra - Mingħand il-mistiedna tal-Festa 2006

### Messaġġ minn David Morris

"Nixtieq nirringrazzja lil Alfred Galea u lill-organizzaturi tal-Festa Santa Marija Mqabba 2006, talli għoġobhom jistednuni nidher flimkien mal-Banda Re Ġorġ V. Kienet esperjenza tant sabiħa! Grazzi anke lis-Surmast David Agius għax-xogħol siewi li wettaq sabiex jipprepara l-Banda fis-siltiet tiegħi. Verament nispera li għall-futur terġgħu tistednuni mill-ġdid."

**David Morris**
World's Top Whistler

### Messaġġ minn *St. Keverne Town Silver Band*

"Il-membri u partitarji ta' *St. Keverne Brass Band* minn Cornwall jixtiequ jawguraw lill-Banda Re Ġorġ V kull suċċess fil-festa ta' l-2007. Il-festa ta' l-2006 kienet verament esperjenza memorabbli għalina lkoll. Il-merħba u l-ospitalità li urejtu magħna kienet xi ħaġa fantastika. Il-mawra tagħna f'Malta, b'mod partikulari l-Festa ser jibqgħu fil-memorja tagħna. M'għandniex dubju illi Baned oħrajn ser ikollhom ċans jifirħu flimkien magħkom. Nibgħatu l-awguri tagħna u mill-ġdid nirringrazzjawkom għall-esperjenza memorabbli"

**St. Keverne Band**



*Kitba mid-Direttur tal-Każin*

**is-Sur Anthony Ellul**

# Insebbħu u Nkabbru l-Każin Tagħna

Ghal darba oħra mess lili sabiex permezz ta' din il-paġna naghti rendikont ta' dak kollu li sar matul is-sena li ghaddiet b'mod speċjali fejn tidħol is-sede tagħna. Però qabel xejn nixtieq l-ewwelnett nirringrazzja lil shabi tal-kumitat li għal darba oħra sibt appoġġ kbir fejn jidħol il-qasam tieghi. Insellem ukoll bħas-soltu lir-residenti kollha tal-lokal tagħna b'mod partikolari lil dawk li għoġobhom jagħżlu lir-raħal tagħna bħala r-residenza tagħhom. Bħas-soltu nistedinkom taslu sal-każin b'mod speċjali issa li waslet il-Festa.



*Palazz Santa Marija, imżejjen għall-festa titulari ta' Santa Marija.*

Din is-sena komplejna bil-manutenzjoni ġewwa l-każin tagħna fejn saru xi xogħlijiet ta' tikħil u żebgħa. Wara li s-sena li għaddiet ġie rrestawrat is-saqaf tas-sala artistika li għandna ġewwa l-każin, saru tliet pitturi ġodda fuq l-istess saqaf tas-sala li nkixfu propju fil-Festa tas-sena l-oħra, xogħol tal-wisq bravu il-Kav. Camilleri Cauchi. Dawn il-pitturi jikkumplimentaw ma' dawk diġà eżistenti sabiex komplew sebbħu din is-sala unika u artistika fir-raħal tagħna.

Wara li s-sena li għaddiet il-Kumitat ħass li kellu jixtri fork-lifter sabiex jintuża b'mod partikulari waqt l-armar tal-Festa, din is-sena ħassejna li ninvestu f'*generator* kif ukoll inxtara *tower-ladder* sabiex ikompli jgħinna fl-armar tal-Festa kif ukoll jitnaqqas il-periklu.

Illum qegħdin fi stadju fejn qed nistennew il-permessi kollha meħtieġa mill-MEPA sabiex jekk il-Bambin irid hekk kif tgħaddi l-Festa nibdew ix-xogħol fuq il-parti l-ġdida tal-Każin kif ukoll xi alterazzjonijiet oħra fuq dik eżistenti. Proġett ambizzjuż li żgur li bil-għajnuna ta' kulħadd jirnexxielna nagħmlu. Dan kollu jwassalna sabiex f'għeluq il-mitt sena tas-Soċjetà jkollna każin akbar u isbaħ. Għalhekk minn issa nappella għall-għajnuna tagħkom li tant hija meħtieġa. Nappella wkoll sabiex nibżgħu għall-propjetà tas-sede tagħna. Niftakru li l-affarijiet li għandna ma ġewx b'xejn imma b'sagrifiċċji tagħna u ta' missirijietna. Nixtiequ li matul is-sena jkollna aktar appoġġ f'dik li hija manutenzjoni.

Nawgura lil kulħadd il-Festa t-tajba ad unur Santa Marija, Patruna Universali.



*Is-sala artistika ġewwa l-każin tkompli tissebbaħ bil-pittura ma' parti tas-saqaf.*

Frida's Ltd.
Transport & Lifting Service

St. Philip House, Triq il-Qattara – Mqabba

Tel: 2123 0448 (Office)

Mobile: 9944 4095, 9949 0332, 9949 7332

# Nick's Agriculture

## Supplier of Agricultural and Gardening Products + Others

• Plant Protection Products •
• Fertilizers •
• Irrigation Fittings • Pots •
• Peat and Potting Compost •
• Drip Irrigation Systems •
• Pet Foods and Other •

**Mons. Mikiel Azzopardi Street,**
**Si©©iewi**
**Tel: 2146 5869**



# Il-Libruni
## - Kotba tal-Kant Antikissimi

**kitba tas-Sur Giovanni Farrugia - Storiku**

Fl-Imqabba minn dejjem kien hawn ġibda enormi lejn il-liturġija tal-kant, tant li minn dak li qalli Dun Ewġen Mallia[1], għall-ħabta tal-1710 diġà kellna żewġ kotba tal-Laudi[2] biex l-abbatini setgħu jkantaw mal-qassisin. Dak iż-żmien kien hemm bejn tmienja sa għaxar qassisin. Dawn il-kotba, imsejħa libruni, konna nqegħduhom ġo speċi ta' armarju f'nofs il-kor. Fuq dan l-armarju kien hemm speċi ta' leġiju għoli biex meta npoġġu l-ktieb ikun jista' jidher sew mill-abbatini mdawrin miegħu u mill-qassisin li kienu jkunu fis-saġġi mdawrin ġol-kor. Niftakar li fl-erbgħa ta' wara nofs inhar ta' kull nhar ta' Sibt konna niltaqgħu u nkantaw!

Waħda mill-kurżitajiet li kelli hi kif dawn il-kotba nkitbu bl-idejn u kienu miktubin daqshekk bl-eżatt. Dun Ewġen qalli li skond ma kien jaf hu, ġo Ħaż-Żebbuġ kien hemm qassis li kien jiktibhom fuq il-parċmina u kellu ħila kbira.

Issa meta jien għamilt żmien Ħaż Żebbuġ u kont inkun ma' Dun Salv Mallia u Dun Salv Caruana (storiku), Dun Salv Mallia qalli li dak kien Dun Teodoru li kien jgħix fil-1836 u li kellu id speċjali għall-kitba fuq il-parċmina. Dun Salv Caruana ikkonferma dan kollu u żied li anke bla versi kien jikteb b'dik il-preċizjoni. Dun Teodoru Piscopo miet ta' 77 sena fis-sena 1853.

Dawn il-volumi kellhom qoxra kannella li kienet qisha tal-ġild u kienu tqal mhux ħażin. Wieħed minn dawn il-kotba kien jidher li ilu jintuża. Fl-istess volumi ta' Ġużeppi Zahra[3], sibt li fi Sqallija kien hemm gwardjan kappuċċin Spiteri. Biss meta bdejna biex naraw imqar fejnhom, Baskal beda jgħidilna biex inżulu minn hemm għaliex beda nieżel xi ġebel u trab li kien għadu qed jaqa'




*Wieħed mil-libruni li kienu jintużaw qabel ma nqerdu fil-gwerra.*

li kien jikteb dawn il-kotba wkoll għall-ħabta tas-sena 1726 ġewwa l-kunvent imsemmi għall-kant gregorjan. Sa din ir-riċerka kont għadni ma sibtx min kiteb il-libruni tagħna.

Dawn il-kotba prezzjużi ntradmu fid-9 ta' April 1942 meta waqgħet il-knisja. F'dak iż-żmien konna niltaqgħu fil-kappella ta' San Bażilju sabiex nagħmlu l-Assenjatur tal-MUSEUM hemmhekk. Konna tkellimna ma' Baskal Xuereb biex nippruvaw inneħħu xi ġebel biex forsi nsalvaw xi wieħed minn dawn il-kotba antiki. Niftakar konna jiena, Danjel Zammit u Karmnu anke mill-koppla. Meta sar l-arranġament biex nibdew noħorġu l-ġebel niftakar li meta wasalna biex insibuhom kienu mgħaffġin u spiċċaw. Niftakar li kellna magħna lil Dun Ġerald Mangion, bniedem li tant kien iħobb lill-Imqabba u li ħadem ħafna għall-għaqda fost l-Imqabbin, għalkemm forsi mhux dejjem irnexxielu.

**Riferenzi**

1. Dun Ewġen qal lili personalment fis-sena 1937
2. Dun Salv Caruana - Personali 1965
3. Ġużeppi Zahra - Storiku, Qormi Vol 5, P 174

www.santamarija.com

# RAYMOND ABDILLA

Exporter & Importer

AGRICO

## Seed and Ware Potatoes

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi ŻRQ 11.
Tel: 21683870 (Office) • 21436594 (Grading Station)
Mob: 9949 7980, 9944 9553
E-mail: abdillaray@waldonet.net.mt

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-prodotti:*

Arinda – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru
Picasso – T'għajna ħamra
Agria – Ta' qatgħa safra
Stirling – Ta' qatgħa bajda
Banner – Ta' qatgħa bajda
Diamant – Ta' qatgħa safra
Aladin – Ta' qoxra ħamra
Marfona – Ta' qatgħa bajda
Virgo – Ta' qatgħa bajda
Guormandie – (għall-esportazzjoni)
Santè – Tinżera' bikri (għall-esportazzjoni)
Alpha – Ta' qatgħa safra (għall-esportazzjoni)
Madalene – (għall-esportazzjoni)

**Fertilizer Ġermaniż ta' l-aqwa kwalità...**

BECKMANN BB BECKMANN – Spezialdünger –

**12+12+17+2+7**
**27%**
**21%**

*Messaġġ mill-Fergħa Nisa*

**Franġiska Ghigo**



# Ħidma Kontinwa

Awissu reġa' magħna! Xahar li fih iġib ħafna ferħ, għaliex bla ma trid tħoss ċertu ferħ intern għax taf li f'nofsu eżatt tiġi ċċelebrata l-akbar festa lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema. Santa Marija, li għalina l-Imqabbin hija festa ta' ferħ bla tmiem li nkunu qed nistennew fuq ix-xwiek u li minn sena għal oħra litteralment inkunu qegħdin ngħixu għaliha.

Din is-sena bħal kull sena oħra, aħna n-nisa kellna sena ta' xogħol u sagrifiċċju fejn komplejna niġbru fondi biex dejjem ngħinu lis-Soċjetà tagħna sabiex jittaffew xi ftit mill-ispejjeż kbar li jinħtieġu għal festa kbira bħalma hija l-Festa ad unur Santa Marija Patruna ta' l-Imqabbin kollha. Is-sena l-oħra ħsibna sabiex niġbru fondi biżżejjed sabiex il-Banda Re Ġorġ V ikollha sett qniepen ġodda. Nixtieq nirringrazzja lis-soċi u partitarji kif ukoll ħbieb oħra ta' l-attendenza fl-attivitajiet kollha li norganizzaw kull xahar bħalma huma 'coffee mornings', lotteriji u anke xi ħarġiet. Ma nistgħux ngħidu li kollox kien ward u żahar iżda d-determinazzjoni u d-dedikazzjoni tagħna lejn is-Soċjetà huma ħafna akbar biex negħlbu kull problema.

Ringrazzjament speċjali jmur lejn sħabi membri tas-sotto kumitat u diversi nisa oħra li matul is-sena kollha jagħmlu sagrifiċċji kbar sabiex jiġbru l-fondi meħtieġa u jbiegħu biljetti tal-lotteriji u attivitajiet oħra li jiġu organizzati kemm mill-fergħa tan-nisa kif ukoll mis-sezzjonijiet l-oħra fi ħdan is-Soċjetà. Hawn nagħmel appell sinċier biex nieħdu sehem f'kull attività li tiġi organizzata, kemm fiċ-ċelebrazzjonijiet ġewwa l-knisja kif ukoll attivitajiet esterni, filwaqt li nġibu ruħna ta' nies serji u maturi.

Nirringrazzja wkoll lil dawk in-nisa li b'sagrifiċċju kbir jieħdu ħsieb it-tindif tal-każin. Nixtieq inħeġġiġkom sabiex f'dawn il-ġranet ta' ferħ u ta' għożża għalina lkoll nersqu aktar lejn is-sagramenti b'mod partikulari s-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin. Dan sabiex il-festa tagħmel aktar sens f'ħajjitna u hekk inkunu qed inqimu lil Ommna Marija tas-Sema flimkien ma' Binha Ġesù.



*Progamm Mużikali fl-okkażjoni ta' l-ewwel żjara fostna ta' l-E.T. Arċisqof Mons. Pawlu Cremona O.P. fuq stedina mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.*

Għaliex x'jiswa li niċċelebraw festa ad unur il-Madonna u mbagħad inkunu 'l bogħod mis-sagramenti!

**VIVA SANTA MARIJA PATRUNA TA' L-IMQABBIN KOLLHA.**

***Akkademja tal-mużika ġewwa l-Każin***
***Ibgħat lil uliedek jitgħallmu***
***l-mużika b'xejn ġewwa l-Każin***
***kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.***



# Xogħol u Dedikazzjoni

**jikteb is-Sur Andrew Bugeja**



Is-Sur Andrew Bugeja waqt il-ħidma tiegħu.

Jiena Andrew Bugeja. Twelidt il-Birgu, propju fil-ġurnata tal-15 ta' Awissu 1968. Bilfors li din il-ġurnata nibqa' niftakarha. Għaddew 15-il sena li jien bdejt naħdem għal din il-Festa ta' Santa Marija u bla dubju nista' nistqarr li qed naħdem veru għal qalbi ħafna għaliex insib veru koperazzjoni kbira minn sieħbi Mario Camilleri li dan tista' tgħid li nsibu ta' għajnuna kbira f'dan il-qasam tax-xogħol.

Tista' tgħid li magħkom ħdimt diversi xogħlijiet; pittura għall-pavaljuni għal Triq Santa Katarina, il-bandalori għall-pjazza, l-imrewħa li ġiet imżanżna waqt il-marċ ta' l-aħħar Tridu, u anke f'dawn l-aħħar snin bdejt naħdem fuq restawr ta' statwi li hemm ġol-pjazza. Din is-sena ħdimt fuq erba' appostli wara li s-sena li għaddiet ħadt ħsieb nirrestawra l-istatwi tal-pedestall il-kbir li huwa opra tassew mill-isbaħ. Però jiena naħseb li t-trofej u l-pedestalli ta' l-istatwi l-ġodda li jiena ħadt ħsieb niddisinja se jkunu proġett ambizzjuż ħafna għaliex se jkunu sett artistiku li jpaxxi lil dawk id-dilettanti tal-festi. Din is-sena ħdimt fuq iż-żewġ faċċati tat-trofej li ħafna mill-partitarji setgħu jaraw esebiti ġewwa l-każin għal diversi ġimgħat. Is-sena li ġejja għandna nkomplu x-xogħol ta' skultura biex b'hekk jibda x-xogħol ta' l-irħamar u induratura tagħhom. Jien lilkom partitarji u lil sieħbi Mario, ngħidilkom li l-Imqabba mhux ser tibqa' biss l-aqwa għan-nar, iżda tkunu magħrufin ukoll għall-armar artistiku li qegħdin u ħa nkunu naħdmu f'dawn is-snin. Illum il-ġurnata tista' tgħid li l-Festa ta' Santa Marija hija mżewqa b'kollox.



Ma nixtieqx noqgħod niftaħar, però l-isem tiegħi illum il-ġurnata tisma' bih f'bosta festi. Din is-sena kienet waħda impenjattiva ħafna bil-proġett ta' wieħed mill-isbaħ planċieri li nsibu f'Malta, dak tal-Birgu. Din is-sena rrestawrajt tista' tgħid l-iskultura tal-knisja kollha tal-Birgu kif ukoll il-gallarija tal-orgni li hija ta' valur kbir u waħda mill-isbaħ li nsibu fil-knejjes Maltin. Barra minn hekk ħdimt diversi xogħol għall-Ġimgħa l-Kbira f'din l-aħħar sena.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lis-Soċjetà u lill-Kumitati Eżekuttivi ta' dawn l-aħħar ħmistax-il sena, tal-fiduċja li dejjem kellhom fija. Nawgura l-Festa t-tajba lil shabi tal-Kumitat u lill-partitarji ta' Santa Marija.



# Attivitajiet Varji matul is-Sena Kollha

**jikteb is-Sur Vincent Attard - Delegat Attivitajiet**

Sabiex każin jinżamm ħaj u attiv jeħtieġ li jiġu organizzati diversi attivitajiet varji u ta' interess ġenerali li jolqtu l-gosti ta' kulħadd. Dan nistgħu nikkonfermawh b'mod partikolari din is-sena fejn is-Soċjetà tagħna kienet impenjata f'kull qasam b'attivitajiet differenti li jvarjaw minn dawk soċjali, kulturali, reliġjużi u sportivi. Insemmu pereżempju l-Preżentazzjoni tat-tfal lill-Madonna, attività innovattiva li rat il-bidu tagħha fil-Festa tal-2005. Dan sabiex inkabbru d-devozzjoni lejn Ommna Marija kif ukoll lejn it-talba tar-Rużarju.

Fir-rigward tal-Banda din is-sena kellna impenn qawwi. Sabiex infakkru l-għaxar sena mill-ħatra ta' Mro. David Agius bħala Surmast Direttur tal-Banda, ġie mtella' kunċert sinfoniku ġewwa s-Sala Robert Samut fil-Furjana. Din is-sena wkoll qegħdin infakkru s-sittin sena tal-Banda Re Ġorġ V. Iċ-ċelebrazzjonijiet bdew permezz ta' mawra oħra barra minn xtutna, sewwasew ġewwa Ruma, l-Italja. Il-qofol ikunu propju fil-ġimgħa tal-Festa anke permezz ta' banda oħra mistiedna mill-Ingilterra kif ukoll Surmast Direttur Amerikan.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet strumentali fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet li jvarjaw minn ikliet, discos, żjajjar lill-anzjani, wirjiet kif ukoll ħarġiet. L-aktar żewġ avvenimenti importanti u li kienu suċċess totali kienu l-Presepju Ħaj organizzat għall-ewwel darba fil-Milied li għadda kif ukoll il-wirja b'vari artistiċi ta' 'La Semana Santa' li nfetħet uffiċjalment mill-W.R. Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona. Dan barra l-Ġimgħa Marjana li issa saret parti integrali fil-kalendarju tas-Soċjetà tagħna.

Fir-rigward tan-nar kellna sena impejattiva għall-aħħar. Nibdew billi nsemmu ż-żewġ spettakli ġewwa l-Port il-Kbir matul il-Konferenza ta' Thomas Cook. Komplejna billi ħadna sehem fl-ewwel Festival tan-Nar ta' l-Art fejn spiċċajna fl-ewwel erba' postijiet kif ukoll sar spettaklu ieħor ta' nar sinkronizzat mal-mużika bħala għeluq tal-Festival tan-Nar ta' l-Ajru. L-akbar avveniment minbarra dak fil-ġimgħa tal-Festa ser ikun il-Kampjonat Mondjali tan-Nar ta' l-Ajru ġewwa Valmontone, Ruma. Din ser tkun l-ewwel esperjenza barra minn xtutna. Minn hawn nawgura kull suċċess lil din l-Għaqda li b'hilietha għolliet isem is-Soċjetà tagħna kif ukoll isem raħalna.

Dan u ħafna aktar jixhed li l-każin tagħna huwa ħaj is-sena kollha. M'hemmx bżonn ta' ħafna daqq ta' trombi żejda imma bil-għaqal u l-ħsieb kapaċi norganizzaw attivitajiet varji u oriġinali li r-riżultat ikun suċċess kbir.



Il-preżentazzjoni tat-tfal. Funzjoni li saret għall-ewwel darba fl-Imqabba fil-festa ta' l-2005.



Party tat-tfal tal-Milied 2006 ġewwa l-każin.



Attività innovattiva. Presepju ħaj organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ fi żmien il-Milied 2006.



Attendenza numeruża fil-laqgħa ta' tagħlim organizzati fil-Ġimgħa Marjana 2007.

# Il-Ġublew tad-Djamanti tal-Qanpiena l-Kbira



**jikteb is-Sur John Zammit**

L-elementi li jagħmlu l-festa tar-raħal huma ħafna: mill-vara titulari sat-tiżjin il-prim fil-knisja, min-nar ta' l-ajru u ta' l-art sal-banda, mill-armar ta' barra sal-koppla mixgħula. Element ieħor tal-festa tar-raħal hu d-daqq tal-qniepen. U din is-sena, il-qanpiena l-kbira, li tħabbar b'daqq speċjali l-festa titulari ta' Santa Marija, qiegħda tfakkar anniversarju speċjali, dak tal-ġublew tad-djamanti. Kien 75 sena ilu meta l-qanpiena l-kbira tbierket mill-Isqof ta' dak iż-żmien u ttellgħet fil-kampnar tal-knisja parrokkjali.

## Il-benefatturi Zammit u Inguanez

Il-benefatturi li ħallsu għall-qanpiena l-kbira kienu Mikiel Zammit, magħruf bħala l-Mejlaq, u martu Giovanna mwielda Inguanez. Mikiel Zammit, flimkien ma' martu u niesha, kien diġà wera ruħu benefattur sinjifikanti tal-festa ta' Santa Marija u tal-parroċċa ta' l-Imqabba fis-snin ta' qabel. Il-familji Zammit u Inguanez ma' familji oħrajn kienu minn ta' quddiem biex kmieni fis-snin 20 tas-seklu l-ieħor kienet saret il-vara l-kbira ta' l-Inkoronazzjoni. Fl-1928, Mikiel Zammit u oħt martu, Grazzja Inguanez, kienu ħallsu biex saret il-bradella ta' l-istatwa titulari meta x-xbigħa ta' l-injam ta' Santa Marija kien sarilha l-pedestall tal-fidda. Jidher li kien Mons. Giovanni Battista Ghigo mill-Imqabba, li dak iż-żmien kien Arċipriet iż-Żurrieq u li kien espert fit-tonalitaċċ tal-qniepen, li mbagħad kien ħajjar għall-proġett tal-qanpiena lill-familja Zammit meta kien kellem lil iben Mikiel Zammit, Wenzu.



*Mikiel Zammit, il-Mejlaq, mal-qanpiena l-kbira li hu u martu, Giovanna mwielda Inguanez, kienu ħallsu għaliha*

## Il-funderija Barigozzi ta' Milan

Il-qanpiena l-kbira kienet ordnata għand il-funderija magħrufa Taljana Fratelli Barigozzi ta' Milan li għamlet ħafna qniepen fl-Italja u f'pajjiżi oħra kif ukoll diversi qniepen f'Malta fosthom il-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara (li ttellgħet tliet ġimgħat wara dik ta' l-Imqabba). Fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù ta' l-1931, il-fonditur Prospero Barigozzi nnifsu tela' fil-kampnar tal-knisja ta' l-Imqabba biex jara u jisma' l-qniepen l-oħrajn ħalli jkun jaf sew x'ton kien meħtieġ għall-qanpiena l-kbira. Sar ftehim bejn Mikiel u Giovanna Zammit min-naħa l-waħda u d-ditta Barigozzi min-naħa l-oħra li ntrabtet li tfondi qanpiena b'nota mużikali 'si' grave' u li kellha tiżen madwar 2000 kilogramm. Il-ftehim kien jgħid li l-qanpiena kellha tinhadem skond kif titlob l-arti u s-sengħa u l-bronż kellu jkun ta' l-aqwa kwalità. Dwar il-permess meħtieġ biex issir qanpiena ġdida, tressaq rikors fil-Kurja mill-Kappillan Pacifico Mifsud fl-10 ta' Ġunju 1931.

## Minn Milan għal Genova, Malta u l-Imqabba

Wara li l-qanpiena tlestliet fil-funderija Barigozzi f'Milan, din ittieħdet il-port ta' Genova minn fejn telqet lejn Malta fis-16 ta' Diċembru 1931 fuq il-vapur 'Garibaldi' u waslet fit-22 ta' Diċembru 1931. Imbagħad inġarret fuq karru miġbud mill-Imqabbin. Meta waslu fit-telgħa ta' Ħal Luqa, il-karru nġibed minn trakk tal-linja. Il-qanpiena jingħad li kienet mgħottija b'bandiera Maltija u l-ilsien tagħha kien maqlugħ u mqiegħed fit-trakk biex ma ssirlux ħsara. It-trakk wasal l-Imqabba ħdejn l-iskola fejn marru ħafna nies u t-tfal ħarġu mill-iskola biex jarawha. Wara, inġarret minn Triq il-Karmnu għal fuq iż-zuntier in-naħa tal-kappellun ta' l-Agunija. Il-gazzetta 'Malta' tat-30 ta' Diċembru 1931 irrappurtat li ħafna nies marru jammirawha sakemm damet fuq iż-zuntier. L-armar u kull ma kien jinħtieġ għat-tlugħ tagħha nġieb u ntrama mis-suldati tar-Royal Malta Artillery bis-sehem ta' ħafna rġiel Imqabbin. Peress li l-qanpiena hi usa' mill-arkata tal-kampnar, inqalgħu l-balavostri u xi ċnagen mill-koxxa tal-kampnar biex il-qanpiena setgħet tgħaddi.



*Mument mit-tlugħ tal-qanpiena l-kbira bil-kampnar imżejjen hu u jilqagħha*

## Il-maltemp idewwem it-tlugħ

Iċ-ċerimonja u l-ħidma tat-tlugħ kienet bdiet fid-9 ta' filgħodu tal-Ħadd

3 ta' Jannar 1932 meta l-qanpiena l-kbira kienet tbierket mill-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Mauro Caruana, imdawwar mill-kleru tal-parroċċa u ż-żewġ parrinijiet tal-qanpiena, il-benefatturi nfushom. Il-qanpiena u l-kampnar iżżejnu b'girlandi tal-fjuri, rand u palm. Inġabru ħafna rġiel u nisa biex jaraw il-qanpiena titbierek u tittella'. Ħafna rġiel kienu lesti biex jgħinu billi jiġbdu l-ħbula. L-atmosfera ta' festa sseddqet bid-daqq tal-banda ta' l-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun. Iżda Jannar jista' jkun inkrepattiv għat-temp u hekk kien. Jingħad li l-ħbula kienu simnu bix-xita li għamlet fil-ġranet ta' qabel. Hawn min jgħid ukoll li nqalgħu intoppi oħrajn minħabba li l-kampnar ma kienx jesa' l-irġiel kollha li kien hemm bżonn biex jgħinu ħalli l-qanpiena titqiegħed f'postha. Il-gazzetta 'Malta' fir-rapport tagħha tgħid li, minħabba l-maltemp, kien deċiż li l-qanpiena tittella' l-għada t-Tnejn 4 ta' Jannar 1932 meta fil-fatt il-biċċa xogħol irnexxiet biex il-qanpiena l-kbira tqiegħdet f'postha f'nofs il-kampnar u bdiet iddoqq b'mod li "dawk kollha li kienu preżenti baqgħu entużjażmati meta semgħu l-ewwel tokki". It-ton tagħha kien deskritt mill-istess gazzetta bħala "perfett" u ngħata tifħir lid-ditta Barigozzi li fondietha.

## Id-daqs u s-siwi tal-qanpiena 'Maria'

Il-qanpiena l-kbira ingħatat l-isem 'Maria' kif ukoll l-ismijiet tal-parrinijiet, il-benefatturi tagħha, 'Mikiel' u 'Giovanna'. L-użin tal-qanpiena waħedha hu 2,109 kilogrammi, l-ilsien jiżen 105 kilogrammi u l-istringa tal-ġilda bil-ħolqa tiżen żewġ kilogrammi; b'kollox 2,216-il kilogramm, jew madwar 28 qantar. Hija għolja 150 ċentimetru u wiesgħa wkoll 150 ċentimetru (ħames piedi). Il-qanpiena l-kbira swiet 366 lira minbarra d-dazju ta' 36 lira; b'kollox 402 liri. Aktar minn nofs il-ħlas tal-qanpiena, 205 liri, kien diġà sar fil-11 ta' Awissu 1931. Il-bqija tħallsu f'żewġ pagamenti fit-13 ta' Jannar u fis-6 ta' Frar 1932. Il-qanpiena daqqet għall-ewwel darba uffiċjalment fil-festa ta' l-Epifanija, l-Erbgħa 6 ta' Jannar 1932. It-traduzzjoni tal-kitba bil-Latin li hemm fuq il-qanpiena hi: "Jien ir-rigal ta' Mikiel u Giovanna



LEHEN IS-SEWWA

AHBARIJIET TA' MALTA

MA HAWNX BHAL

Cocomalt



31 ta Dicembru 1931 — 'L POPLU

AHBARIJET TA MALTA

LOTTERIJ

Avviżi fil-gazzetti 'Leħen is-Sewwa' u 'Il-Poplu' fil-ġranet ta' qabel dwar it-tlugħ tal-qanpiena l-kbira fl-Imqabba

miżżewġin Zammit, ulied dan ir-raħal, biex ikabbru l-qima lejn Alla u lejn il-Verġni Omma Alla mtellgħa fil-glorja tas-sema. Mogħtija lill-Kappillan P Mifsud fis-sena tal-Mulej 1931." Ma' din il-kitba hemm il-figuri tal-Kurċifiss, San Mikiel u Santa Marija.

## Daqq b'mod speċjali fil-festa tal-parroċċa

Kif jixraq lill-festa tal-parroċċa Mqabbija, il-qanpiena l-kbira ddoqq b'mod speċjali f'Santa Marija. Is-sejħa għall-quddies fil-jum tal-festa titulari jindaqq bil-qanpiena l-kbira. Il-moti ewlenin tal-jiem tal-festa li jibdew



Malta, Martedì 5 Gennaio 1932

MALTA

Organo del Partito Nazionale

Ir-rapport fil-gazzetta 'Malta' tal-5 ta' Jannar 1932 jitkellem dwar iċ-ċerimonja tat-tberik, il-ħidma tat-tlugħ, il-posponiment għall-għada minħabba l-maltemp, l-intonatura tal-qanpiena l-ġdida, il-funderija Barigozzi ta' Milan u l-ħajr lid-donaturi tal-qanpiena

minn nofsinhar nieqes kwart ta' lejlet il-festa jibdew b'qanpiena differenti kull waħda u l-itwal u l-aħħar mota, ta' nofs siegħa, tibda bil-kbira. Hi l-qanpiena l-kbira wkoll li tibda l-moti li jħabbru l-ħruġ ta' l-istatwa titulari ta' Santa Marija fid-darbtejn li toħroġ mill-knisja tagħha fil-festa, dakinhar tal-ħruġ min-niċċa u dakinhar tal-festa propja, kif ukoll il-purċissjoni tat-tranżlazzjoni lejlet il-festa.

Interessanti jingħad li, aktar tard fl-istess sena meta kienet ittellgħet il-qanpiena l-kbira, kienet saret ukoll l-iżgħar qanpiena li għandna fil-kampnar ta' l-Imqabba, ukoll fonduta mid-ditta Barigozzi ta' Milan u li hi magħrufa bħala 'iż-Żubu' għax dan kien laqam id-donatur tagħha, Mikiel Xuereb li kien ħallas għaliha flimkien ma' martu, Antonia nee Caruana. Din il-qanpiena qiegħda fl-arkata tal-kampnar li tħares lejn il-koppla u jingħad li ttellgħet mill-garigor tal-kampnar u li daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' Lapsi ta' l-1932. Ta' min jgħid ukoll li l-funderija Fratelli Barigozzi ta' Milan baqgħet taħdem sa l-1975 u, f'dawn l-aħħar 30 sena, is-sede tagħha f'Milan qed isservi ta' mużew dwar l-arti tal-qniepen taħt l-isem ta' Fonderia Napoleonica Eugenia.

Ħajr lil Carmen Lia għal tagħrif ippubblikat fil-Programm tal-festa ta' Santa Marija – Mqabba fl-1995 u għal riċerka addizzjonali

*Tul is-snin,*
*Leħnek wens.*
*Tagħna niket, ferħ,*
*Kollox qsamt magħna.*


Silverware
Jewellery
Fine Crystal
Engraving
Repairs
Watch Batteries
Occasional Gifts
and more...
Timeless
Jewellers
B'Kollaborazzjoni ma'
VASCAS
Triq San Bażilju, Mqabba
(Wara l-Knisja Parrokkjali)
Tel: 2164 1167 Fax: 2164 0831
e-mail: joesammut@waldonet.net.mt


The
Fruit
Shop
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7982 4126



# l-ewro

## fl-interess tagħna lkoll

Hemm 8 muniti ta' l-ewro - €2, €1, 50c, 20c, 10c, 5c, 2c, 1c. Kull munita għandha faċċata komuni għall-pajjiżi kollha. In-naħa l-oħra tal-munita turi is-simbolu nazzjonali tal-pajjiż illi jkun addottaha. Il-muniti ta' l-ewro, huma ta' liema pajjiż huma, jistgħu jintużaw kullimkien. Mill-1 ta' Jannar li ġej l-ewro ser ikun qed jintuża fi 15-il pajjiż differenti madwar l-Ewropa.

Għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 2008 ser tkun tistà tmur fi kwalunkwe pajjiż taż-żona ewro u tħallas bil-munita ta' l-ewro Maltin. Bl-istess mod, muniti ta' pajjiż ieħor, jistgħu jintużaw u għandhom l-istess valur ġewwa Malta.

Ftakar:

**LM1.00 = €2.33 jew €1 = LM0.43**

LINJA EWRO 154

www.euro.gov.mt



# 60 Sena mit-Trasformazzjoni ta' l-Orkestra Santa Marija

**kitba ta' Carmen Lia B.Ed (Hons), B.A.**

Fl-1939 is-Soċjetà bdiet tħaddan l-arti mużikali meta Ġużeppi Galea, mużiċista tajjeb u membru tal-każin, beda jgħallem il-mużika biex hekk kif għaddiet il-gwerra, eżattament fl-1945, waqqaf l-Orkestra Santa Marija. L-ewwel programm mużikali ta' l-orkestra sar nhar it-12 t'Awissu 1945 taħt id-direzzjoni ta' Mro. Espedito Deguara. Nhar l-20 t'Ottubru 1946, waqt seduta ġenerali, il-membri qablu li l-orkestra għandha tinbidel f'banda.

Id-deċizjoni storika li l-Orkestra tkun trasformata f'Banda taħt is-Surmast Giuseppe Maria Barbara ttieħdet fi żmien il-President Ġanni Ghigo, fis-Seduta Ġenerali numru V111 tal-20 ta' Ottubru tal-1946, li bħala Aġenda kellha tiddiskuti "Jekk tibqax l-Orkestra u jekk issirx Banda u ħwejjeġ oħra". Il-President tas-Soċjetà kien fetaħ is-Seduta u wara li spjega kemm l-Orkestra kienet ta' sodisfazzjon għas-Soċjetà, semma d-diffikultajiet kollha biex tkun armata banda. Għad-diskussjoni kien hemm il-mozzjoni ta' Filippu Psaila ssekondata minn Giovanni Camilleri dwar jekk l-Orkestra ssirx Banda u wara diskussjoni twila ġiet għall-Voti:- "Favur 44. Kontra 4 u Astjena 1". Innocenzo Farrugia kien ippropona li tinżamm ukoll l-Orkestra u kien issekondat minn Michele Camilleri. Din il-mozzjoni, iżda, kienet b'maġġoranza rriġettata. Għalhekk, il-Banda l-ġdida u ċ-Ċirkolu ħadu l-isem ta' King George V bla xejn korrispondenzi, permessi u approvazzjoni uffiċjali.

F'perjodu qasir ta' tliet xhur, il-membri ta' l-Orkestra Santa Marija biddlu l-istrumenti tagħhom minn dawk orkestrali għal dawk bandistiċi bl-ewwel programm mużikali twettaq nhar Ħadd il-Palm ta' sena wara, jiġifieri fid-29 ta' Marzu 1947, b'għadd ġmielu ta' bandisti tal-post li fi tliet xhur bidlu l-istrumenti minn dawk tal-orkestra għal dawk ta' banda kif nafuha llum. Din hija prova oħra ta' kemm kien sod it-tagħlim mużikali li ħadu dawn l-ewlenin mużiċisti Imqabbin.

Wara Mro. Barbara, fl-1951 il-Banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro. Leonard Spiteri, iben il-Banda. Fl-istess żmien, is-Sur John Camilleri wieħed mill-ewlenin bandisti tagħna wkoll kien ġab id-diploma mużikali. Dan ikompli juri b'liema ħeġġa u determinazzjoni l-banda kienet miexja 'l quddiem. Mro. Leonard Spiteri dam jidderieġi l-Banda sas-sena 1956, f'liema sena emigra l-Ingilterra. Għalhekk il-banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro. George Martin, li kellu ħajja twila mal-Banda u żgur jibqa' mfakkar għall-Innu kapolavur 'Lil Marija Mtellgħa s-Sema', fuq versi tal-mibki Direttur Spiritwali tas-Socjetà il-W.R. Patri J.M. Ghigo.

Wara l-mewt ħesrem ta' Mro. Martin, fi Frar tal-1991 il-Banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' iben ieħor is-Soċjetà, jiġifieri Mro. Anthony Camilleri. Dan ma kienx ikun possibbli li kieku mhux għat-tħabrik tal-mibki ex President Onorarju tas-Soċjetà u wieħed mill-ewlenin bandisti tal-Banda tagħna, is-Sur Leonard Farrugia, li partikolarment ħadem bis-sħiħ biex jgħallem il-mużika fil-każin tagħna. Is-Surmast Direttur preżenti tal-Banda huwa Mro. David Agius li ilu jokkupa l-kariga minn Marzu ta' l-1997.



*L-'Orkestra Santa Marija' mwaqqfa fl-1945.*

Tul dawn is-snin kollha l-Banda Re Ġorġ V dejjem kienet impenjata f'bosta bliet u rħula madwar Malta u Għawdex. Fis-sena 1996 inkitbet paġna storika oħra fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Is-Soċjetà tagħna ħasbet sabiex torganizza Ġemellaġġ mal-Banda Taljana *Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano* ġewwa Ascoli Piceno. Dan kien ifisser li l-Banda Re Ġorġ V kienet ser toħroġ għall-ewwel darba barra minn xtutna. Kien propju fuq inizjattiva personali tal-ħabrieki s-sur Alfred Galea, bandist attiv u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Internazzjonali li dan l-avveniment seta' jkun suċċess

totali. Fis-sena 1997 kien imiss it-tieni parti tal-Ġemellaġġ fejn il-Banda ġemmella kienet il-mistiedna speċjali matul il-Festa ad unur Santa Marija. Dan il-Ġemellaġġ kompla bis-suċċess tiegħu meta fl-1998 l-Unjoni Ewropea ippremjat lis-Soċjetà tagħna bl-Unur uniku *Etoile d'Or du Jumelage*, ġewwa Ferrara l-Italja.

Fis-snin segwenti kienu bosta l-baned, korijiet u mistednin distinti kemm Maltin kif ukoll barranin li kienu mistiedna ġewwa l-każin tas-Soċjetà fejn fost l-oħrajn kellna baned mill-Ġermanja, Greċja, Iżrael kif ukoll mill-Ingilterra.

Fis-sena 2000 il-Banda Re Ġorġ V esegwiet programm mużikali ġewwa l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. Is-sena l-oħra kellna fosta mistieden speċjali s-sur David Morris *World Whistling Champion* li akkumpanja l-Banda Re Ġorġ V matul il-programm sinfoniku ta' l-10 ta' Awissu.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt kunċert ġewwa l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba fis-sena 2000 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 sena mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni.*

Is-sena 2005 immarkat bosta avvenimenti importanti. F'Novembru l-Banda Re Ġorġ V kienet l-ewwel Banda Mqabbija li esegwiet programm strumentali ġewwa t-Teatru Manoel, taħt il-patroċinju tal-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami.

Paġna oħra tnaqqxet fl-istorja tas-Soċjetà meta l-Banda Re Ġorġ V kienet impenjata għat-tieni darba barra minn xtutna propju ġewwa l-provinċja ta' Ruma l-Italja.

Dan nistgħu ngħidu li kien it-tieni ġemellaġġ li l-Banda tagħna għamlet ma' baned barranin. Il-Banda Taljana mill-belt ta' Cave f'Ruma diġà hi mistiedna ta' l-unur għall-Festa ta' Santa Marija fl-Imqabba tas-sena li ġejja 2008.

Dan kollu juri l-livell miksub tul dawn l-aħħar sittin sena tal-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba. Żgur li dan kollu jipprometti tajjeb sabiex din il-Banda tkompli tikber u tifjorixxi. B'hekk biss nistgħu niggarantixxu futur mill-aqwa.


**Charlie t-Tirxa**



*Demolishing of Buildings*
*Transport of Materials*
*Compressors & Bobcats*
*Excavators for Hire*

**Mob: 7927 7420**
**Tel: 2168 3033**


Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Patata safra l-iżjed bikrija f'Malta reżistenti
għall-mard u għammiela ħafna li ser tiġi esportata.
LISETA
Bikrija
ALPHA
Safra
SLANEY
Bajda
DRUID
Ħamra
AVONDALE
Bajda
CARA
Ta' Għajnha Ħamra
ARRAN BANNER
Aktar Tagħrif
Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 08
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587



*Messaġġ mill-Kummissjoni Banda*

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

Għaddiet sena oħra, sena ta' ħidma għas-Soċjetà, sena ta' ħidma wkoll għall-Banda Re Ġorġ V. Bħas-soltu permezz ta' dan l-artiklu ser nagħtu rendikont tal-impenn li l-Banda tas-Soċjetà Santa Marija kellha matul din l-aħħar sena.

Is-sena 2006 offriet lill-Banda sfidi ġodda. Il-Banda Re Ġorġ V kellha diversi servizzi f'bosta rħula, naturalment bil-qofol jintlaħaq fil-jiem tal-Festa Titulari ad unur Santa Marija. Nafu kemm il-Banda tagħna tkun impenjata matul din il-ġimgħa u s-sena l-oħra ma kinitx xi eċċezzjoni. Fil-fatt minbarra s-servizzi tal-marċi li jibdew minn Ħrug il-Vara u jintemmu bil-marċ tradizzjonali ta' nofs inhar, fl-10 t'Awissu kellna l-programm Mużikali annwali. Programm li kien imżewwaq b'attrazzjoni mużikali permezz tas-sur David Morris 'World Whistling Champion'. Kienet serata oriġinali għall-aħħar u ntlaqgħet ferm tajjeb minn dawk preżenti għal dan il-programm. Il-ħbiberija li nibtet bejn is-sur Morris u l-Banda tagħna tant kibret li ftit ġimgħat ilu waqt li konna għaddejjin b'kunċert ġewwa s-sala tal-Banda jitfaċċa David flimkien mas-sinjura tiegħu. Kienet sorpriża ferm sabiħa u bla dubju l-ftit mumenti li kellu ġewwa l-każin erġajna ġeddidna l-esperjenza sabiħa li kellna flimkien. Minbarra dan l-artist ta' fama internazzjonali, is-sena l-oħra kellna wkoll mistiedna l-Banda St. Kevern Brass Band minn ġewwa Cornwall l-Ingilterra. Banda żagħżugħa li offriet divertiment lill-partitarji u l-pubbliku inġenerali matul l-aħħar tlett ijiem tal-Festa. Wara l-Festa ftit jiem ta' mistrieħ u mill-ġdid tfassal programm għal sena oħra.



Mro. David Agius jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V waqt kunċert li ġie mtella' ġewwa s-Sala Robert Samut fl-Furjana biex ifakkar l-10 anniversarju mill-ħatra tiegħu bħala Direttur tal-Banda.

Fil-bidu t'Ottubru 2006 is-Sur Alfred Galea, l-Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali, avviċina lill-kumitat u lill-kummissjoni banda fejn żvelalna li kien hemm interess qawwi minn xi baned barranin li jsir skambju mal-Banda tagħna. Il-kumitat ħass li għandu janalizza kull stedina u finalment ħass li stedina partikulari minn ġewwa Cave, provinċja ta' Ruma kienet l-aktar attraenti li wieħed ma setax jirrifjuta. Il-kummissjoni banda flimkien mal-kumitat qablu u aċċettajna dan l-invit. Din il-mawra ġewwa l-Italja li taħbat ukoll f'għeluq is-sittin anniversarju tal-Banda ser tlaqqagħna ma' erba' baned oħra Ewropej. Fil-fatt minbarra l-Banda tagħna ser ikun hemm ukoll banda Taljana, Ingliża u waħda Franċiża. Ċertament li dan il-festival internazzjonali ser ikun ta' esperjenza unika għall-Banda tagħna. Aktar tagħrif rigward dan il-festival issibuh f'dan l-istess ktieb.

Fix-xhur tax-xitwa komplejna bil-preparamenti għall-*Home Concert* kif ukoll għall-impenn internazzjonali. Fl-24 ta' Marzu sar il-*Home Concert* fejn din is-sena fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mill-ħatra ta' Mro. David Agius,



Is-Sur Rokku Camilleri jippreżenta t-trofew lis-Sur Manswet Zammit bħala l-Bandist tas-Sena 2006.



*Is-Sur David Morris, 'Whistling World Champion' li kien wieħed mill-mistednin barranin għall-festa tas-sena l-oħra. Is-Sur Morris akkumpanja lill-Banda Re Ġorġ V waqt il-Programm Strumentali nhar l-10 ta' Awissu.*



*Il-Banda Re Ġorġ V tidher iddoqq siltiet mużikali ġewwa s-Sala Paolo VI waqt l-udjenza privata mal-Papa Benedittu XVI ġewwa l-Vatikan.*

bħala Surmast Direttur tal-Banda tagħna, dan il-kunċert sinfoniku sar ġewwa s-Sala Robert Samut. Kienet okkażjoni sabiħa oħra fejn spikkat l-għażla tal-mużika, ħafna minnha kkomponuta mill-istess Surmast Agius. Ftit jiem wara kellna impenn ieħor fuq stedina din id-darba tas-Sezzjoni Żgħażagħ, bil-miġja ta' l-Isqof Pawlu Cremona ġewwa l-Imqabba. Serata oħra li ntlaqgħet ferm tajjeb b'għażla ta' mużika adattata għall-okkażjoni. Matul dawn l-aħħar ġimgħat komplejna bil-preparamenti kemm għall-impenji li kellna fl-Italja kif ukoll programm strumentali li għandna preparat għall-Festa.

Qabel ma ntemmu dan l-artiklu nagħmlu appell b'mod speċjali lill-ġenituri sabiex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-każin tagħna. Inħeġġu wkoll lill-bandisti tal-post sabiex matul is-sena nagħmlu daqsxejn sforz u nkunu aktar regolari għall-kunċerti. Aħna nifhmu li ħafna mill-bandisti jkunu impenjati, min b'xogħol u min bi studju, u napprezaw mhux ftit is-sagrifiċċji li kull wieħed jagħmel. Però huwa permezz t'hekk li l-livell tal-Banda jiżdied.

Nagħlqu dan il-messaġġ billi bħas-soltu nistiednu lil




*Il-partitura ta' l-'Innu Santa Marija Mtellgħa s-Sema' ta' Mro. David Agius*

kulħadd sabiex matul il-jiem tal-Festa nakkumpanjaw il-baned kollha mistiedna. B'mod speċjali nistednukom sabiex tattendu għall-programmi strumentali kemm tal-Banda tagħna kif ukoll tal-Banda Ingliża li din is-sena ser tkun il-mistiedna speċjali tagħna.

**Viva l-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba**

Palma Garage

Professional Car Repair Centre
Low Bake Oven Spray Painting
Jig Alignment Panel Beating

Tel: 2168 0089 Mobile: 9944 9461

# Programm Vokali u Strumentali

## *mill-Banda Re Ġorġ V*

## *nhar l-10 ta' Awissu 2007*

| | | |
|---|---|---|
| Hymn | **Innu lil Marija Assunta** | L. Farrugia |
| Hymn | **Innu lil Ġużeppi Galea – Fundatur tal-Banda**<br>Sopran: Priscilla Anne Madiona, Tenur: Stefano Calleja | V. Galea |
| Overture | **French Comedy** | K. Bela |
| Suite | **Carmina Burana** | K. Orff |
| Preghiera | **Ave Maria**<br>Singer: Tenor Andrew Sapiano | J. Fenech |
| March | **Maltese Cross**<br>Directed by Andy Isca | A. Isca |
| Overture | **Maltesina** | C. Pace |
| Big Band Piece | **At the Gramlin Ball**<br>Directed by Andy Isca | Charles Lee Hill |
| Incidental Music | **Meditation**<br>Soloist on Tublar Bells: Mr. Chris Baldacchino | Mro. D. Agius |
| Song | **Tomorrow**<br>Singer: Myron Josè Agius | C. Strouse<br>Arr. Mro. D. Agius |
| Selection | **Mister Volare** | D. Mudungo |
| Hymn | **Lil Raħal Twelidi** | A. Camilleri |
| Hymn | **Innu tal-Banda** | A. Camilleri |

**Mro. D. Agius** A.Mus L.C.M A. Mus. V.CM ( Hons) ALCM
*Surmast Direttur*





# Programm Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija

## It-Tnejn, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA – JUM IT-TFAL

**6.00pm** Quddiesa Kantata li fiha jsiru l-preżentazzjoni u t-tberik tat-trabi u tat-tfal lill-Madonna. Iqaddes u jmexxi l-funzjoni l-Wisq Rev. Dun Nazzaren Caruana, Kappillan. Il-Funzjoni tagħlaq billi l-ġenituri jpoġġu l-fjuri u x-xema' li jkun ġabu magħhom quddiem l-Istatwa tal-Madonna. Tingħata Santa – tifkira lill-ġenituri tat-tfal li jkunu ħadu sehem fil-funzjoni.

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

## MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## Il-Ħamis, 9 ta' Awissu: JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA

**7.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbi, is-Sinjorina Francesca Farrugia. Wara, il-Banda mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi.

## Il-Ġimgħa, 10 ta' Awissu: JUM IL-BANDA

**8.15pm** Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel marċ qasir minn fejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill Lokali għall-pjazza tal-Knisja, San Bażilju u l-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

**8.45pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali Annwali. Wara jsir riċeviment li għalih mistiedna s-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha.

## Is-Sibt, 11 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 12 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 13 ta' Awissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

**8.45pm** Il-Banda Ingliża mistiedna għall-Festa ta' din is-sena, St. Stythians Brass Band minn Cornwall, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Derek Johnston tesegwixxi programm qasir ġewwa l-pjazza.

## It-Tlieta, 14 ta' Awissu: LEJLET IL-FESTA

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba.

**8.15pm** Il-Banda Ingliża, St. Stythians Brass Band minn Cornwall, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Derek Johnston tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza.

**10.15pm** Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. David Agius.

## L-Erbgħa, 15 ta' Awissu: L-GĦID TA' L-ASSUNTA

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius, tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. Alfred Farrugia tibda marċ minn Triq Valletta sal-pjazza.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista tibda marċ minn Triq Santa Katarina sal-pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**6.45pm** Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Francesca Farrugia.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Piju Dalli , it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sur Samuel Bezzina. Wara l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara ringrazzjament ġewwa l-Knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Ingliża, St. Stythians Brass Band minn Cornwall, mmexxija minn Mro. Derek Johnston tkompli tallegrana b'siltiet ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa, 22 ta' Awissu: L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.

# Mallia Petrol Station

Pjazza San Nikola, Siġġiewi  Tel: 2146 7764

Għal kull bżonn fil-karrozza tiegħek, asal wasla s'għand Mallia Petrol Station fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

Kif ukoll:
Silencers għall-karrozzi kollha
Crash Helmets kbar u żgħar
Kull kwalità ta' żjut
Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
Għodod
Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
Aċċessorji u 'spare parts' ta' kull kwalità
Għandek issib ukoll muturi u karrozzi għall-bejgħ

**Self Service**
Mit-Tnejn sal-Ħadd il-lejl kollu



# INDURATURI

EST 1923

G˙all-materjal ta'
l-induratura irrikorru
g˙and:

**E. THEUMA & COMPANY LTD.**

Theuma House, 302 St. Paul Street, Valletta VLT 07, Malta.
Tel: 21234075, 21236605    Fax: 21244201

# Funzjonijiet tal-Knisja

### It-Tnejn, 30 ta' Lulju: *Bidu tal-Kwindiċina – Jum it-Tfal*

**6.00pm** Issir il-preżentazzjoni u tberik tat-trabi u tfal lill-Madonna. Imexxi l-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**,

**6.30pm** Quddiesa Solenni għat-tfal tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

### It-Tlieta, 31 ta' Lulju: *Jum iż-Żgħażagħ*

**6.30 pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ minn **Rev. Fr. Trevor Fairclough**. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

### Il-Ħamis, 2 ta' Awissu: *Griżma tal-Morda*

**6.30pm** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Huma mħeġġa sabiex jattendu l-anzjani u l-morda tar-raħal. Imexxi **Rev. Carmel Zammit O.P.** Talba tal-Kwindiċina Innu u Barka.

### Il-Ġimgħa, 3 ta' Awissu: *Jum it-Tifkira tas-soċi u benefatturi*

**6.30pm** Quddiesa kantata mmexxija minn **Rev. Patri Joseph Zahra O.P.**, b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċji u benefatturi mejtin. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

### L-Erbgħa, 8 ta' Awissu: *Jum l-Għaqda tan-Nar*

**6.30pm** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-nar mill-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

### Il-Ħamis, 9 ta' Awissu: *Ħruġ ta' l-Istatwa*

**6.30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.

**7.30pm** Isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.

### Il-Ġimgħa, 10 ta' Awissu: *Jum il-Familji*

**6.00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina u Barka Sagramentali.

### Is-Sibt, 11 ta' Awissu: *L-ewwel Jum tat-Tridu*

**6.30pm** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kanonku Carmel Attard.** Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Reġina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

### Il-Ħadd, 12 ta' Awissu: *It-Tieni Jum tat-Tridu*

(Quddies bħal nhar ta' Ħadd)

**8.30am** Quddiesa kantata.

**6.00pm** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kanonku Carmel Attard**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

### It-Tnejn, 13 ta' Awissu: *It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.00am** Quddiesa kantata.

**6.30pm** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kanonku Carmel Attard.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

### It-Tlieta, 14 ta' Awissu: *Lejlet il-Festa*

**8.00am** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".

**6.30pm** Tranżulazzjoni solenni tar-relikwa, immexxija mill-**W. Rev. Mons. Joseph Bugeja**. Wara, quddiesa kantata, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### L-Erbgħa, 15 ta' Awissu: *Jum il-Festa*

**7.00am** Quddiesa

**8.00am** Quddiesa

**9.15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-**W. Rev. Mons. Joe Carabott**.

**10.00am** Quddiesa fil-kappella ta' San Bażilju.

**11.00am** Quddiesa.

**5.00pm** Quddiesa.

**6.00pm** Għasar solenni mill-**W. Mons. Alex Cordina.** Salve u Litanija.

**7.15pm** Purċissjoni bl-Istatwa Artistika, Devota u Titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess W. Rev. Ċelebrant.

**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### L-Erbgħa, 22 ta' Awissu: *L-Ottava tal-Festa*

**6.30pm** Quddiesa, Ripożizzjoni tar-Relikwa, Te Deum u Barka.

Nota: *Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast* ***W. Rev. Patri Salv Galea O.P.***

**Sagrament tal-Qrar:** It-Tlieta, 14 ta' Awissu, Lejlet il-festa, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30 am u l-10.30 am, u l-4.30 pm u s-6.30pm.


Cini Marble & Granite Works
Prop: Joseph Cini Garage No.9, Triq il-Haddieda, Qormi
For all types of work on marble and granite, like staircases, kitchen tops, monuments, memoirs, window sills, facades, vanity units.
Visit our Showroom at
Labour Avenue, Naxxar
10% Discount till 31st December
Cini Marble & Granite Works
means
Good Work, Good Price & Good Service
For free estimate call on the following numbers
Tel: 21472714
Mob: 99283131


• Żebgħa lixxa għal barra
• Ma żżommx ħmieġ
• Reżistenti għax-xemx u x-xita
• Għażla kbira ta' kuluri
• Tipproteġi fit-tul
• Tagħlaq ħafna u tinxef malajr
Għal aktar tagħrif:
MacMed Limited
P.O. Box 29, Cospicua CSP 01
Tel 2182 4101/4 Fax 2180 2791
Email info@macmed.com.mt
Website www.macmed.com.mt
Macpherson
DURAKOTE
SMOOTH EXTERIOR PAINT
WHITE

Credit Insurance cover available

# We promise a home loan decision in 48 hours

## and pledge to pay Lm50 / €116.47 if we don't keep our promise.

### Our other home loan offers

**HomeStart** – the ideal home loan for first time buyers.

**Fixed interest rates** – choose your interest rate for 2, 3, 5, 7 and 10 years, for home loans and Maxicredit loans.

**Variable rate home loans** – choose between our Classic and High Value loans.

**Euro home loans** – take out your home loan in Euro.

**Maxicredit loan** – use the equity in your home as security to borrow from HSBC.

**Interest only home loans** – pay interest only for the term of the loan.

**Buy to Let** – you can choose to acquire a property with repayments financed from rental income received.

your euro bank

Call us 2380 2380
Click on hsbc.com.mt
Come in to your local branch

HSBC
The world's local bank

HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on long term business of insurance in Malta under the Insurance Business Act 1998. HSBC Bank Malta p.l.c. is enrolled as a tied insurance intermediary of HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. and Elmo Insurance Limited and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

*Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 233, Republic Street, Valletta VLT1116*

# L-Arti Marjana Matul is-Snin



**kitba ta' Joe Chetcuti**

Ir-rappreżentazzjoni artistika tal-Verġni Mbierka Marija, kemm fil-pittura, fl-iskultura u arti oħra hi bil-wisq abbundanti. L-Arti Marjana bdiet kmieni fl-Era Kristjana. Barra li nsibu xi skrizzjonijiet u taħżiż linejari li jirreferu għall-Omm Ġesù, insibu wkoll, fil-katakombi tpinġija impressjonanti tal-Omm u l-Iben li qed jiġu invistati mit-tliet Slaten Maġi. Waħda mill-pitturi fuq ħajt tal-katakombi hija dik fejn turi l-Madonna bil-Bambin li f'idu x-xellugija qed iżomm romblu, filwaqt li b'subgħajH il-werrej ta' idu l-leminija qed juri stilla mpinġija fuq ras Marija Ommu. Din il-pittura li tinsab fil-katakombi ta' Santa Prixilla tpinġiet fit-tieni seklu ta' l-Era Kristjana. Fl-istess pittura, mal–figuri tal-Madonna u l-Bambin hemm ukoll pittura ta' raġel. Dwar din il-figura ta' raġel, kien hemm (u għad hemm) kontroversja kbira fuq min hu dan ir-raġel? Iżaija? San Ġwann il-Battista? Xi Appostlu? ... u l-kontroversja tkompli.

Kien fil-belt ta' Efesu li bdiet l-Arti Marjana. Kienu tpinġijiet rudimentali, imma aktar 'il quddiem, fi żmien il-Papa Sistu, il-pittura li turi l-Madonna għamlet avvanz kbir minħabba l-impenn ta' l-istess Papa. Il-Papa Sistu kien ordna li jsiru xbiehat tal-Madonna bil-mużajk, mal-ħitan tal-Bażilika ta' Santa Marija Maggiore. Mis-seba' sat-tnax-il seklu, il-Madonna kienet tiġi mpinġija bit-tema ta' Reġina: Sultana tad-Dinja, Sultana ta' l-Anġli, Sultana ta' l-Univers, Sultana tas-Sema, eċċ. Il-Papiet donnhom ħadu pjaċir b'din it-tema; saħansitra l-Papa Ġwanni VII kien ried li jpinġulu kwadru tal-Madonna bil-kuruna ta' imperatriċi fuq rasHa. Ried ukoll li jpinġu lilu stess inklinat ħafna lejn l-art qisu xi lsir. Il-Papa Ġwanni VII ipproklama lilu nnifsu bħala lsir tal-Madonna, skjav tal-Verġni Mbierka.



*'Marija fil-Glorja' – Pittura li tinsab fis-sala prinċipali tal-każin.*

Ma rridux ninsew li għall-ħabta tas-seba' seklu qamet kontroversja kbira fil-knisja tal-Lvant dwar l-arti sagra. L-insara nqasmu f'żewġ kampijiet opposti; dawk li ma riedux aktar xbiehat u dawk li riedu li l-arti tkompli. Dawk li ma riedux aktar xbiehat kienu jsostnu li min iqim xbieha jkun idolatra. Il-kontestazzjoni kienet feroċi u kellu jkun il-Konċilju ta' Niċea II li jiddeċiedi favur l-arti reliġjuża. Il-Konċilju Vatikan II fid-dokument 'Lumen Gentium' insibu referenza għal dik id-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-Konċilju ta' Niċea II favur l-arti nisranija. Fil-'Lumen Gentium' insibu hekk: "*... dawk id-digrieti li ġew stabbiliti fiż-żminijiet tal-qedem rigward il-venerazzjoni tal-kwadri ta' Ġesù, tal-Madonna u tal-qaddisin għandhom jiġu osservati b'reqqa kbira (L.G. Nru. 67).*"

Għall-aħħar tal-Medju Evu, il-pitturi u l-iskuturi bdew ipinġu u jiskolpixxu xbiehat tal-Madonna ta' ġmiel liema bħalu. Fost l-artisti l-kbar insibu lil Fra Angelico li kontra kif kien isir fl-ikoni tal-qedem, beda jpinġi Madonni l-ġmiel tagħhom b'naturalezza kbira. L-immaġini tal-Madonna, b'wiċċ żagħżugħ kemm jista' jkun uman imma fl-istess ħin kemm jista' jkun ħelu, bdiet tiġi mpinġija fuq ħafna materjal differenti: parċmina, tila, injam, irħam, ħġieġ, eċċ. Il-knejjes u l-katidrali bdew jimtlew bix-xbiehat tal-Madonna. It-teologija ta' l-arti sagra, speċjalment fejn tidħol ix-xbieha tal-Madonna (fost dawk ta' l-anġli u l-qaddisin) hi din: "Min iqim ix-xbieha jkun qed juri qima lejn min tirrappreżenta x-xbieha u mhux lix-xbieha nnifisha." Din id-dikjarazzjoni nsibuha fil-'Lumen Gentium' li kkwota mill-kitba ta' San Bażilju, sekli qabel. Fil-ġrajja tad-dehra tal-Madonna ġewwa Gwadalupe, il-Verġni Marija stess uriet kemm għandHa għal qalbha l-Arti Marjana, meta Hi stess irregalat pittura tagħHa stess fuq in-naħa ta' ġewwa tat-tilma li kien jilbes Diego.

Fil-gżejjer tagħna ma bqajniex lura li npinġu kwadri u nagħmlu statwi sbieħ u ħelwin tal-Verġni Marija biex bihom nimlew in-niċeċ u nżejnu l-knejjes tagħna. Inżid ngħid ukoll li kwadru ta' l-Assunta f'dak iż-żmien kien f'kappella żgħira fl-inħawi 'Ta' Pinu' f'Għawdex, li l-Madonna tkellmet u wriet ix-xewqa tagħHa lil tfajla raħlija jisimha Carmela Grima. Illum dik il-kappella żgħira saret Santwarju Bażiliku ta' kobor imponenti, waħda mill-isbaħ knejjes ta' Malta u Għawdex.



*'Il-Konvoj ta' Santa Marija' li tinsab ġewwa l-każin.*



# Marija fil-Fidi
## Ġimgħa Marjana 2007

**siltiet mid-diskors ta' Lorraine Bezzina - Lajka**

Fil-Ħajja, li timxi wara Ġesù jew li tipprova timxi fuq il-passi tal-Madonna, qatt m'hu faċli. L-aktar meta thossok li qed timxi kontra kull kurrent. Però dan kollu qatt u qatt m'hu ta' xejn.

Lorraine Bezzina, illum armla, omm ta' żewġt itfal qasmet dawn il-ftit esperjenzi flimkien magħna fl-ewwel laqgħa tal-Ġimgħa Marjana organizzata ġewwa l-Isptar il-Qadim bejn l-14 u 19 ta' Mejju 2007. Lorraine, is-seba' wild fost disat aħwa (ħames subien u erba' bniet), iżżewwġet ta' età żgħira ta' tmintax-il sena. Forsi ftit kienet għadha taf x'toffri d-dinja. Kienet viċin ħafna tal-ġenituri tagħha l-aktar ta' ommha. Il-ħajja għal Lorraine ma kinitx waħda faċli u feliċi.

Insemmu biss li wara sena żwieġ, Lorraine ħarġet tqila iżda sfortunatament korriet. Sitwazzjoni li t-tobba ddeskrivew bħala miraklu li hi għadha ħajja għaliex is-sitwazzjoni tagħha ma kinitx faċli. Ftit wara xi nies daħlulha d-dar u serquha.

Biss kien f'dawn iż-żminijiet li skopriet lil Ġesù. Ġesù… teżor imprezzabbli li ħadd ma seta' jisraqulha. Jekk ma jkollokx lil Ġesù qrib tiegħek, jista' jkollok kull ma toffri d-dinja imma jkun jonqsok l-isbaħ ħaġa…il-veru ferħ u paċi. Ġesù Hu l-uniku skop għall-ħajja tagħna. Ġesù għandu jkun fl-ewwel post fil-qalb tagħna. Għaliex Hu biss jaf joffri l-veru paċi. **Mingħajr Ġesù l-ħajja tagħna ma fiha l-ebda skop**.

Lorraine semmiet ftit esperjenzi minn tagħha fejn tisboq fuq kollox l-imħabba u l-fidi li għandna jkollna f'Marija Omm Ġesù u f'Ġesù nnifsu. Semmiet ġrajja ta' meta marret għand ommha. Quddiem xbieha tal-Madonna fil-kċina, omm Lorraine kienet poġġiet ħafna fjuri milli kienet tatha oħtha l-oħra. Ġara li Lorraine hija wkoll kellha ġnien żgħir li iżda ma riedx iwarrad. X'ħin sabet ruħha quddiem dan il-kwadru, Lorraine daret fuq il-Madonna u qaltilha, "Mill-ġnien tiegħI ma tridx fjuri?" Ħaġa ta' l-għaġeb wara ftit jiem il-ġnien beda jwarrad u jagħmel fjuri sbieħ. Il-providenza ta' Alla hija kbira għaliex Alla jisma' t-talb li aħna nagħmlulu. U hekk ġara f'din l-esperjenza pjuttost ta' dwejjaq meta Lorraine tilfet lil żewġha. Kien għad kellu 42 sena. Miet propju ħdejha stess f'jum Kristu Re. Ħalla lil Lorraine b'żewġt itfal żgħar xi trabbi. Qatt ma naqasha xejn. Kienet forsi anke l-għajnuna ta' ommha stess li għenet lil Lorraine toħorġ minn dan id-dwejjaq.



*Is-Sinjura Lorraine Bezzina tindirizza lill-miġemgħa dwar 'Marija fil-Fidi' bħala waħda mil-laqgħat matul il-Ġimgħa Marjana 2007 organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.*

Kienet tgħidilha li Ġesù ħa lil żewġha sabiex ikun tiegħu fil-Ġenna. Huwa propju dan il-messaġġ li riedet twassal Lorraine fil-messaġġ tagħha. Aħna lkoll aħna ulied Alla u flimkien għandna setgħa kbira li l-ebda taħsir ma jista' jagħmlilna ħsara. Aħna ulied adottivi ta' Alla u dan għandu jagħmlilna kuraġġ kbir. Ġesù meta kien fostna f'din id-dinja qajjem il-mejtin mill-mewt, fejjaq iz-zopop, u l-ebda taħsir ma għamillu ħsara. Hekk l-istess aħna għaliex aħna ulied adottivi ta' Alla l-Missier tagħna.

Sfortunatament il-bniedem huwa egoist u jaħseb biss fih innifsu. Dan l-egoiżmu jwassalna biex nitbiegħdu minn Alla bħalma ġralu propju Luċiefru. Kien l-isbaħ anġlu li ħalaq Alla imma l-egoiżmu u s-suppervja tiegħu wassluh sabiex jinfired minn Alla. Irridu nkunu bħal Marija li għalkemm kienet taf li Hi kienet il-magħżula ta' Alla sabiex issir Ommu, ma tkabbritx iżda malli saret taf li l-qariba tagħha Eliżabetta kienet ser tiled u jkollha tarbija, mill-ewwel marret Hi stess sabiex tgħinha. U kellha raġun li t-tarbija f'ġuf Eliżabetta tifraħ. Kien hawnhekk li Marija lissnet dak il-kantiku sabiħ ta' tifħir lil Alla. "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u tifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi ..."

Irridu nagħmlu kuraġġ u ma naqtgħux qalbna. Ma rridux inċedu għal dak li toffri d-dinja għaliex aħna m'aħniex ta' din id-dinja imma rridu mmorru ngawdu lil Alla għal dejjem. Huwa l-ispirtu li jrid imexxina fit-triq it-tajba.

Aħna familja waħda u flimkien jirnexxilna jkollna skop fil-ħajja tagħna. Skop li jwassalna għal veru ferħ u paċi li jkollna meta nkunu qrib ta' Ġesù u ta' Ommu Marija.

do not waste your time
going around stop at

# MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES

GRAF FAI Auto Parts Gates ICER QH WÜRTH Valeo Japanparts FERODO AISIN MONROE

where you will find
everything under one roof

*More brands available...*

**Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465**

# FGP *The Garage Door People*





We supply ALL types of doors in
PVC coated and galvanised steel
and AUTOMATE them with
REMOTE CONTROL, MAGNETIC
KEY and CARD ACCESS systems





FGP LIMITED - GARAGE DOORS & ROLLER SHUTTERS
49, VALLETTA ROAD, LUQA LQA 05 TEL: 2166 7107-8, 2167 3627 FAX: 2167 5384

# Marija Mudell

## Ġimgħa Marjana 2007

**siltiet mid-diskors ta' Dun Anton Gouder - Provigarju**



Kultant meta nħarsu lejn il-kwadri tal-Madonna nsibu lill-Madonna bħala Mara ħelwa, qisu mhux mara soda jew mhux mara ta' sinsla qawwija. Mentri fl-Evanġelju, lill-Madonna nsibuHa bħala mara ta' karattru sod ħafna. U għalhekk għandna għalfejn nagħżluHa b'mudell tagħna. U mhux mudell għan-nisa biss imma anke għall-irġiel. M'għandniex inħossuna strambi li jkollna mara, il-Madonna, li nagħżluHa bħala l-mudell tagħna. Fejn mudell tagħna? Mudell tagħna fl-imġiba tagħHa ma' Alla l-Imbierek. Għaliex aħna din l-aktar li tinteressana fil-Madonna. Aħna nippruvaw nimitawHa lill-Madonna fuq kif Hi ġabet ruħHa ma' Alla l-Imbierek.

L-ewwel darba li niltaqgħu ma' Marija fl-Evanġelju hi meta l-anġlu Gabrijel dehrilHa u ħabbrilHa li ser issir Omm Alla. L-ewwel ma beda jitkellem l-anġlu u qalilHa, "Sliem għalik Marija għax inti sibt grazzja quddiem Alla.".... sellmilHa. U x'ġaralha Marija meta semgħet lill-anġlu jgħidilha hekk? Inħasdet, tħawdet u beżgħat. L-anġlu kompla jgħidilHa, "Tibżax Marija għax Inti sibt grazzja quddiem Alla. Int ser ikollok Iben u ssemmieh Ġesù." Mela għaliex l-anġlu qalilHa "Sliem Għalik", Marija inħasdet u l-anġlu flok fissrilHa xi tfisser *Sliem Għalik mimlija bil-grazzja*, qalilHa xi ħaġa ħafna itqal. L-anġlu qalilHa, "Sibt grazzja quddiem Alla. Int ser ikollok Iben u ssemmieH Ġesù." Din hi ħafna itqal li jiġi l-anġlu u jgħidlek li *ser ikollok Iben u ssemmieH Ġesù* milli jgħidlek is-*Sliem Għalik*. U Marija meta semgħet lill-anġlu jgħidilHa hekk wieġbet, "kif jista' jkun dan ladarba jien ma nagħrafx raġel?" Marija kienet miżżewġa lil Ġużeppi però ma kinux għadhom joqogħdu flimkien għaliex il-Lhud kellhom id-drawwa li meta jiżżewġu jagħmlu sena ma jgħixux flimkien. Allura ma kienx ikun jista' jkollhom relazzjoni bejniethom u għalhekk ma setax ikollhom tfal. Għalhekk Marija wieġbet lill-anġlu "…kif jista' jkun dan la jiena ma nagħrafx raġel" Mela meta qalilHa *Sliem Għalik* flok spjegalHa qalilHa xi ħaġa itqal u meta weġbitu kompla



*Il-Provigarju Dun Anton Gouder jitkellem fuq Marija bħala l-Mudell tagħna waqt il-Ġimgħa Marjana 2007.*

jgħidilHa, "il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu tinżel fuqek u tixħet id-dell tagħha fuqek. Int ser ikollok iben għaliex l-Ispirtu s-Santu ser jinżel fuqek. Din hija ħafna itqal! Għaliex din qatt ma nstemgħet li ser ikollok iben permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Aħna din il-ġrajja ilna nisimgħuha minn meta twelidna, ilna elfejn sena, ngħiduha qisha mhu xejn imma hija xi ħaġa kbira ħafna li ma setgħetx tifhimha. Mela l-anġlu flok jgħinha beda jkompli jħawwadHa. Mela l-ewwel l-anġlu sellmilHa. Imbagħad flok fissrilha qalilha li ser ikollHa Iben u wara permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Taħsbu intom li l-Madonna fehmitu dan il-kliem? Il-Madonna weġbitu, "Ikun minni skond kelmtek". U xi tfisser din is-sentenza? Mhux qed nifhmek imma jekk qed tgħid hekk **IVA**. Issa din trid tkun karattru dgħajjef biex tgħid hekk jew trid tkun mara ta' karattru sod u ta' grazzja kbira ma' Alla l-Imbierek! Trid tkun ta' karattru dgħajjef biex ikollok esperjenza bħal din, tagħmel mistoqsijiet u flok jispjegahomlok jgħidlek misteru akbar, u tibqa' ma tifhem xejn u tgħid, "Ikun minni skond kelmtek" **Mhux għax fhimt imma għax nemmen. Dan huwa l-ewwel episodju fejn aħna nistgħu nieħdu lil Marija bħala mudell.**

Fil-ħajja tagħna, niltaqgħu ma' ħafna affarijiet li ma nistgħux nifhmuhom. Per eżempju xi diżgrazzja. Mara jew raġel li forsi jkunu twajba, jiġrilhom xi ħaġa. Imma għaliex? Jew xi ħadd li jgħix ħajja forsi mhux daqshekk tajba, dejjem jiġieh kollox tajjeb … in-negozju tiegħu dejjem jikber eċċ. Fil-ħajja tagħna niltaqgħu ma' ħafna affarijiet li ma nifhmuhomx. Imma aħna għandna ngħidu "Mulej ma nifhimx imma għandek raġun." Ma nistax nifhem imma jiena nemmen u ninsab ċert li inti għandek raġun. Imma jrid ikollna rabta ma' Alla l-Imbierek biex naslu li ngħidu hekk. Fil-ħajja tagħna normali aħna rridu nippruvaw inkunu qrib ta' Ġesù biex meta jinqala' xi ħaġa, dak li nkunu ġemmajna bl-imħabba ta' Alla u bir-rabta tagħna ma' Alla tkun tiswielna biex ma nitkissrux, ma nitfarkux, ma nitilfux il-fidi u ma nitilfux lil Alla. Mela xi jfisser il-kliem *ikun minni skond kelmtek*. Naċċetta li jiena nsir Omm Alla. U bħala Omm Alla

# TA’ BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

New Street, Luqa • Tel: 2180 9351

# SCUDOFLEX MEMBRANE

**Għandek il-bejt iqattar?**
**Għandek il-kontrabejt maqsum?**

Tista’ ssolvi din il-problema. Uża l-membrane żebgħa tal-pinzell u tagħmel ix-xogħol int stess. Kif tagħmilha? Tingħata parir b’xejn mingħand is-

## SUPER S IRONMONGERY

ta’

Triq Dun Matteolo Saliba, Żurrieq
Tel: 2168 9256    Mobile: 9949 2416

**Ħinijiet:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6.30am – 1.00am, 3.30pm – 7.00pm
Is-Sibt
6.30am – 1.00pm

**IL-PROPRJETARJI TAL-ĦANUT JAWGURAW IL-FESTI T-TAJBA LIL KULĦADD.**

# EURO Caterers

Contact Person: Mario Attard

Sales and Rental of Slush Machines
& Soft Serve Machines

**Testaferrata Street, Ûurrieq**
**Tel. 2164 2647    Mob. 9982 0269**
**e-mail: pulsar@nextgen.net.mt**

x'għamlet Marija? Marret għand il-kuġina tagħHa sabiex tiftaħar u tgħidilha x'kien ġralHa? Le. Marija marret sabiex tgħin lil Eliżabetta, sabiex tkun il-qaddejja tagħha. Issa ejja nkunu sinċieri. Kieku lilek jidhirlek anġlu u jgħidlek li inti ser issir Omm Alla, taħseb li inti ser tagħmilha ta' qaddejja ta' xi ħadd jew tara kif ser issib il-qaddejja għalik? Inti x'kont tagħmel? Kieku … jien Omm Alla … arani u la tmissnix…..ara kif tkellimni. Imma Marija marret tagħmilha ta' seftura. Issa meta ngħidu marret min-Nazzaret s'għand Eliżabetta, ma marretx b'xi karozza! **Din hi umiltà. Malli Marija ħabbrilha li ser issir Omm Alla, l-ewwel ħsieb li ġieHa f'moħħHa kien li tħobb. Tmur taqdi lil min għandu bżonn.** Ħafna drabi aħna meta nkunu nafu b'xi ħadd li għandu bżonn l-għajnuna tagħna, ngħidu, "jekk jgħidli jew jitlobni ngħinu." Imma jekk jgħidli! Dan mhux dak li jrid minna Ġesù. Fejn tara l-bżonn anke jekk ma jgħidlekx, agħti sehmek. Fil-każ ta' Marija, Eliżabetta kienet diġà ilha sitt xhur tqila, imma Marija ma marretx tgħidliha jiena tqila għandi bżonnok. Imma kif saret taf li għandha bżonn l-għajnuna ma qalitx *għalfejn ma qaltlix* jew tkompli titkabbar waħedha. Xejn minn dan. **Meta saret taf, Marija avolja Omm Alla, marret tagħmilHa ta' qaddejja. Dan hu mudell ieħor.**

Jien ngħinek mhux jekk tgħidli, għaliex forsi nistħi ngħidlek le, imma fejn tara l-bżonn. Agħti sehmek. Ġesù hekk għallimna. Ilkoll nafuha l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb. Insibu li dak ir-raġel qabżu fuqu l-ħallelin u ħallewh fl-art għal-kważi mejjet. Għadda qassis u baqa' sejjer. Għadda levita u baqa' sejjer. Għadda samaritan u nduna li dak għandu bżonn l-għajnuna u għenu. U Ġesù ma jgħidx li dak ir-raġel ta' ma' l-art beda jgħajjat għall-għajnuna. Is-samaritan għenu mhux għax qallu biex jgħinu imma għaliex rah fil-bżonn. U aħna hekk irridu nagħmlu. Lil min narawh fil-bżonn anke jekk ma jgħidilniex, irridu ngħinuh. Dun Ġorġ kien iħobb jgħid "kieku għandna paroli! Waqt il-prova kollox!". Għalhekk meta nindunaw li xi ħadd għandu bżonn l-għajnuna aħna għandna ngħinuh. Tkun qed tissogra li dak li jkun jgħidlek tindaħalx, ma rridx … imma b'daqshekk dan xi sogru kbir? U Marija qaltilha lil Eliżabetta x'kien ġralha? Le. L-umiltà ta' Marija ġegħlitha biex iżżomm kollox f'qalbHa għaliHa. Issa ejja ngħidu l-verità. Kieku kont inti x'kont tagħmel? Lanqas biss tinżel isfel imma tiftaħ it-twieqi u tibda' tgħid lill-ġirien kollha. Ma tkunx qed tagħmel xi ħaġa ħażina għaliex li ser issir Omm Alla hija aħbar tajba. Imma Marija fl-umiltà tagħHa żammet kollox għaliHa. U Alla l-Missier lil Marija ppremjaha



għall-umiltà tagħHa billi nebbaħ lil Eliżabetta u Eliżabetta mill-ewwel laqgħatHa għandha u qaltilHa, Kif ikun dan li Omm Sidi tiġi għandi?" Kif jista' jkun li Omm Alla tiġi għandi. Jien suppost niġi għandek. Aħseb u ara meta Marija qaltilha li marret biex taqdieha, biex isserviha!. Għall-umiltà tagħHa Alla ppremjaha. Ħafna drabi aħna naħsbu li jekk inkunu umli kulħadd jagħmel li jrid bina. Jekk inkun umli ma nilħaqx. Kulħadd jgħaddi minn fuq rasi. Għax min hu umli jafda f'Alla u jmexxieh Hu. Għax Marija kienet umli, Alla l-Imbierek taHa triq oħra u nebbaħ lil Eliżabetta. U Marija malli Eliżabetta qaltilHa *kif jista' jkun dan li Omm Sidi tiġi għandi*, ma bdietx tiftaħar u tgħidilha x'kien ġralha. Imma Marija meta ndunat li Eliżabetta taf, bdiet tfaħħar 'l Alla. Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej. Għaliex kull ħaġa tajba ġejja minn Alla. Kull ħaġa tajba li hemm fina ġejja minn Alla. **Għandna għaliex nimitawHa lill-Madonna f'din din ir-rabta tagħHa ma' Alla?** Aħna l-irġiel niddejqu li jkollna mara bħal din bħala mudell għall-ħajjitna?

Imbagħad x'ġara? Ġużeppi nduna li Marija kienet tqila. Il-Madonna għax qalet IVA lil Alla daħlet fi nkwiet kbir. Ġużeppi kien raġel normali u ta' l-affari tiegħu. Il-Madonna daħlet fi nkwiet kbir mhux għax għamlet xi ħaġa ħażina imma għax qalet IVA lil Alla. Kieku Ġużeppi rrapurtHa kienu jħaġġruHa żgur. Imma għaliex Ġużeppi kien raġel ġust beda jaħseb biex iħarrabHa. U Marija ma setgħet tagħmel xejn għaliex ma setgħetx tgħidlu li bis-saħħa ta' l-Ispirtu s-Santu. Ħadd ma kien jemminHa! Ir-raġel li tant kienet tħobb kien qed jaħseb ħażin fiHa. Trid tkun sod jew dgħajjef biex issofri dan kollu? Għax ħalliet f'idejn Alla, Alla fetaħ triq. Ġużeppi kellu ħolma u l-anġlu qallu, "Tibżax tieħu għandek lil Marija għaliex dak li ser tiled Huwa opra ta' l-Ispirtu s-Santu."

Pjuttost nażżarda ngħid li Ġużeppi kellu fidi akbar minn ta' Marija għaliex Marija rat anġlu imma Ġużeppi ħolom ħolma. Dan seta' qam fil-għodu u jgħid, "...u iva din kienet ħolma!", u ma jagħtix każ. Ġużeppi kien raġel ġust, bniedem tajjeb ħafna Induna li dik il-ħolma ġejja minn Alla U Ġużeppi emmen ħolma li ġejja minn Alla. Min jaf kemm iddispjaċieh Ġużeppi li ħaseb ħażin f'Marija. Min jaf meta Ġużeppi u Marija ltaqgħu flimkien wara dan l-episodju, x'qalilHa Ġużeppi? Min jaf kemm iddispjaċieh. Min jaf kemm qalilHa, "kif m'għidtli xejn?" **San Ġużepp kellu rabta kbira ma' Alla. Hekk ukoll Marija kellHa fidi kbira u rabta kbira ma' Alla.** U dan mhux kollox. Li kieku nduru l-Evanġelju nsibu ħafna aktar episodji li jgħinuna sabiex Marija tkun il-mudell tagħna. **Ġużeppi u Marija flimkien, kellhom rabta qawwija ma' Alla u allura għax afdaw f'Alla l-ebda ħsara ma setgħet tkissirHom.** Nitolbu flimkien biex il-familji kollha kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa, ilkoll nafdaw f'Alla għaliex hekk biss inżommu l-familji tagħna magħqudin.




Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks,
Chickens u anke laħam taż-żiemel

Bar
&
Restaurant

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 2180 0243*

Inservu kull kwalità ta'ikel
bi prezzijiet moderati.

# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

# *COMBINED TRADES CENTRE*

SALJATURA STREET, MQABBA
(wara Celest il-Mechanic)

Fejn issibu: varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Tapes & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħaffir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00p.m.
Is-Sibt mit-8.00a.m. - 12.30p.m.



# Marija u Dun Ġorġ

## *Ġimgħa Marjana 2007*

**mid-diskors ta' Mons. Lawrence Gatt - Direttur tad-Dar tal-Providenza**

Jgħidu li darba Dun Ġorġ qal li hu ma kienx ġie biex joqgħod iqarar imma biex jgħallem. Issa Dun Ġorġ qarar lil bosta nies imma żgur li hu kien jaħseb u jemmen li l-missjoni tiegħu kienet biex jgħallem. Qatt ma tilef okkażjoni sabiex jgħallem. Ħajtu kollha kienet biex jgħallem. Kien iħobb jgħid, 'it-tagħlim għajn ta' kull ġid'. Din hi waħda mill-opri kbar tal-ħniena li tgħallem lil min ma jafx. U minn dan hu li hu li kiteb daqshekk kotba. Biss Dun Ġorġ lanqas biss kien jiffirmahom il-kotba li kiteb. Propju f'dan il-perjodu s-Soċjetà tal-MUSEUM fetħet dak li nsejħulu l-Arkivju tal-kitbiet ta' Dun Ġorġ. Dan ifisser li s-Soċjetà tal-MUSEUM bdew jiġbru l-kitbiet, dokumenti eċċ. kollha tiegħu u tippreservahom kif għandu jkun sabiex kollox ikun miġbur f'dan l-Arkivju – Ċentru Studji Dun Ġorġ.



*Mons. Lawrence Gatt, Direttur tad-Dar tal-Providenza, wieħed mill-kelliema matul il-Ġimgħa Marjana 2007.*

Iċ-ċentru tal-ħajja ta' Dun Ġorġ kien Sidna Ġesù Kristu. Dun Ġorġ kien jgħix għalih. Jaħseb fih u jitkellem miegħu. Għalih Ġesù kien leħen il-maħbub. Naturalment aktar viċin ta' Ġesù nsibu lil Marija Santissma. Dun Ġorġ kien jitkellem biex jifhmu kulħadd. Din kienet waħda mill-intuwizzjonijiet ta' Dun Ġorġ li kapaċi jitkellem kif jifhmu kulħadd. Jekk tkun trid xi ħaġa inti ser tmur għand min jista' jtik dik il-ħaġa. Inutli tmur għand min m'għandux! Għalhekk Dun Ġorġ kien idur fuq Marija Omm Ġesù

Dun Ġorġ kien marbut ħafna ma' Marija Santissma. Per eżempju Dun Ġorġ kien terzjarju tal-Karmnu fil-1928 wara li kien diġà ilu 22 sena saċerdot. Hawn min jaħseb li Dun Ġorġ kellu biża' fuq is-salvazzjoni ta' ruħu. Dun Ġorġ kien bniedem ta' fidi kbira. Kellu idea tant kbira ta' Alla li kien jibża' minn Alla. Jibża' mhux fis-sens li jitwerwer minn Alla imma li jibża ' li jonqsu, għaliex jekk veru tħobb lil xi ħadd ma tkun trid tonqsu f'xejn. Dun Ġorġ kiteb xi affarijiet li kien iffirmahom bħala Patri Franco. Dun Ġorġ stess kien jgħid li kien imnebbaħ minn Beatu Franco li kien devot kbir tas-Sagrament u ta' Marija Santissma. Hawn min jgħid ukoll li dan Beatu Franco kien bniedem ftit stramb u li jitilgħulu malajr. Jgħidu li dan kien iżomm ftit ġebel f'idu biex jekk ikun ser jirrabja idaħħal ġebla f'ħalqu u ma jirrabjax. Il-karmelitani għoġbithom ħafna li Dun Ġorġ sar terzjarju tal-Karmnu u tawh il-privileġġ jgħidulha l-figliolanza jew aħjar aggregat speċjali bħal meta ssir tesseru speċjali. Jgħidu li f'Malta kienu tnejn biss li kellhom dan il-privileġġ. Il-Karmelitani mhux biss f'Malta imma wkoll madwar id-dinja jqisu lil Dun Ġorġ bħala wieħed minnhom. Fil-fatt jgħidu li dan Dun Ġorġ huwa Beatu Karmelitan. L-idea tal-Karmelu hija d-devozzjoni lejn Marija Santissma u allura kellu devozzjoni kbira lejn il-labtu tal-Madonna. Ħaġa tal-għaġeb hi li wara 45 sena fil-qabar, il-lazz tal-labtu tal-Madonna li Dun Ġorġ kellu ma' għonqu għadu jidher. Dun Ġorġ kien għamilha regolament fuq il-membri tal-MUSEUM sabiex ikunu miktubin fil-labtu tal-Karmnu.

Jgħidu li darba Dun Ġorġ mar għand regattier u xtara minn għandu kwadru tal-Madonna tal-Bon Consigli, tal-pariri t-tajba. Dan il-kwadru stil grieg jew biżantin, dendlu fit-taraġ fid-dar tiegħu fejn kien joqgħod ġewwa l-Ħamrun. Jgħidu li kellu devozzjoni kbira lejn dan il-kwadru tant li kien iħares lejn il-Madonna u jitlobha l-pariri. Darba, u dan l-episodju kien qalu Dun Ġorġ stess kellu problema kbira, li bqajna qatt ma sirna nafu x'kienet din id-diffikultà u hu u tiela'

# La Spigola

**Fish Shop**

Quality fresh fish daily, frozen fish and seafood, ice flakes

49, Blue Grotto Avenue, Żurrieq

**Mobiles: 9944 9258**
**9985 9639**

# SHOE SHINE FOOTWEAR



**MR & MRS CARUANA**

*FOOTWEAR & LEATHER GOODS*

SHOE SHINE, Carmelo Caruana Street, Żurrieq ŻRQ 04
Phone: 2168 5241 • Fax: 2164 9381 • Mob: 9982 1932
E-mail: shoeshin@maltanet.net



# Di DIEGO *Lifestyle*

**Clothing & Footwear**

**Di Diego, 113, Blue Grotto Avenue, Zurrieq**
**Tel: 2164 9381, 2168 5241 Fax: 2164 9381 Mob: 9982 1932 E-mail: dapaola@maltanet.net**

t-tarag waqaf quddiem il-kwadru u taleb lill-Madonna: "Mater Boni Consigli ora pro me". Jgħid li sema' vuċi ċara ħafna u li jista' jifhima u qaltlu, "Serva silenzium" jiġifieri osserva s-silenzju. Kien jgħid li ġietu paċi kbira.

Dun Ġorġ kien iqaddes ħafna fil-knisja tas-Samra li tinsab mal-ġenb tal-knisja l-kbira tal-Ħamrun. Din jgħidulha s-samra għaliex il-Madonna hija ta' kulur iswed. Insibu devozzjoni kbira ta' din il-Madonna ġewwa Spanja u jgħidulha ta' Atoċja. Din hija l-Madonna mtellgħa s-sema u Dun Ġorġ daħħal din id-devozzjoni lejn il-Madona tas-Samra. Fil-knisja ta' Damaxxena, il-knisja tal-Griegi li nsibu ġewwa l-Belt Valletta, meta l-papas tal-griegi kien ikun imsiefer, Dun Ġorġ kien imur hu u jieħu ħsieb hu l-knisja tal-Madonna Damaxxena. Dun Ġorġ hu propjament mill-Belt. Twieled il-belt imma kienu marru joqogħdu mill-ewwel ġewwa l-Ħamrun. Dun Ġorġ kien tgħammed fil-knisja tal-Madonna ta' Porto Salvo u Dun Ġorġ kien jgħidhom dawn l-affarijiet biex juri li hu kien marbut daqshekk ma' episodji tal-Madonna.

Dun Ġorġ kellu devozzjoni kbira ħafna lejn ir-rużarju u kien ukoll għamilha regola sabiex is-soċi tal-MUSEUM għandhom jgħidu r-rużarju. Dun Ġorġ kiteb ktieb apposta fuq ir-rużarju li fih formoli ta' kif tgħid ir-rużarju b'mod differenti Billi r-rużarju hija talba ripetittiva kien jara kif jivvinta formoli biex inti tgħid ir-rużarju mingħajr ma tiddejjaq. Eżempju wieħed hu li kien jgħid biex il-missierna u l-ewwel tlett ave marijiet tgħidhom bil-mod u taħseb fuqhom. Imbagħad is-seba' ave marijiet l-oħra taħseb fuq il-misteru nnifsu. Dan sabiex kemm jista' jkun wieħed ma jaljenax rasu u jkun jaf x'qed jgħid. Dun Ġorġ kien jgħid ħmistax il-posta rużarju u fl-1957 kien qal lil sħabu tal-MUSEUM li hu kien jgħid ħames posti oħra li sejħilhom il-Misteri tad-Dawl fejn fihom sab sodisfazzjon kbir. Dawn il-misteri huma episodji mill-ħajja ta' Ġesù – magħmudija, l-ewwel miraklu tat-tieġ ta' Kana, meta għallem il-beatitudnijiet fuq il-muntanja, it-trasfigurazzjoni u t-twaqqif ta' l-Ewkaristija mqaddsa. Propju ħamsin sena ilu Dun Ġorġ kien diġà mnebbaħ minn Alla fuq



San Ġorġ Preca, l-ewwel Qaddis Malti

dawn il-misteri tad-dawl li propju ftit tas-snin ilu l-Papa ħabbarhom mad-dinja kollha.

Kulħadd jaf li ċ-ċentru tal-MUSEUM qiegħed ġewwa l-Blata l-Bajda fejn hemm ukoll il-knisja tal-Medalja Merakoluża. Devozzjoni oħra kbira li kellu Dun Ġorġ. Din id-devozzjoni wasslitu biex għamilha li kull soċju jkun miktub ukoll fil-medajla mirakoluża. Dun Ġorġ kellu sens kbir ta' Alla. Alla m'għandux għedewwa ħlief id-dnub.

Allura l-istorja kollha tal-medalja mirakoluża fejn il-Mara tirfes ir-ras tas-serp, tad-dnub. Id-devozzjoni kbira ta' Dun Ġorġ wasslitu wkoll biex kiteb litanija twila ta' tifħir lejn il-Madonna imsejħa Vestis Honoris. Kull soċju tal-Museum għandu jgħid dan it-tifħir nhar is-7, 17 u 27 ta' kull xahar. Kellu devozzjoni solida msejħa krisoċentirka, imdawwra ma' Kristu. Kien iħobb ħafna lill-Madonna għaliex kien iħobb ħafna lil Ġesù u viċi versa. Hekk għandha tkun id-devozzjoni tagħna. Sfortunatament aħna ngħidu li aħna devoti lejn il-Madonna jew lejn xi qaddis għax hekk kien missieri u n-nannu. Forsi għax jisimni għal xi qaddis partikolari. Din mhux devozzjoni lejn il-qaddis jew lejn il-Madonna imma lejn festa jew soċjetà.

Dun Ġorġ kiteb ktieb kollu kemm hu fuq il-Madonna jismu *Benedicta*. Ktieb immirat għax-xahar ta' Awissu. F'dan il-ktieb insibu tliet raġunijiet għaliex il-Madonna tant tħobb lilna l-bnedmin:

1. Il-Madonna tħobb lill-bniedem għax hu kien il-kawża li għaliha Ġesù sar bniedem u ġie fid-dinja.
2. Il-Madonna tħobb lill-bniedem għaliex hi taf kemm batiet minħabba fil-bniedem
3. Il-Madonna tħobb lill-bniedem għaliex hi biss taf kemm iħobbna Alla l-Imbierek.

It-tradizzjoni tgħid li l-Madonna mietet nhar it-13 ta' Awissu. Kien hemm preżenti l-appostli kollha minbarra Tumas. Jumejn wara, jiġifieri fil-15 ta' Awissu, Tumas kien magħhom u l-appostli riedu jiftħu l-qabar biex dan Tumas jara l-fdalijiet ta' Marija. Ġara li l-ġisem ta' Marija ma sabuhx. Din it-tradizzjoni antika turi li sa mill-bidu nett, l-insara kienu jemmnu li l-Madonna ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

# John s Butcher



Misraħ il-Fidwa,
Mqabba - Malta
Tel: 2168 0942

| | |
|---|---|
| Tue: | 7.15 - 11.45 |
| Wed: | 9.30 - 11.45 |
| | 16.00 - 18.45 |
| Thurs: | 6.30 - 11.45 |
| Fri: | 6.30 - 11.45 |
| | 16.00 - 18.45 |
| Sat: | 6.30 - 11.45 |

# Victor’s Take Away

Bar, Restaurant, Cafeteria

*Specialising in Fresh Fish, Maltese Food & Parties*

**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq**

*(Next to Bus Terminus and near the Ûurrieq School)*

Noffru servizz lill-każini f’dak li hu kiri ta’ platti, kikkri, frieket, skieken, eċċ...
Inbid Home made bi prezz speċjali għal BBQ’s u attivitajiet oħra. (Fliexken jew Ġarar)

**Tel: 2164 1033 • Mob: 9947 4249**

# PET CARE

*Kull ma trid g˙all-©nien u g˙ar-raba, sustanzi eçç.*
*G˙all-pets mediçini g˙all-annimali kollha.*
*Ìwies u affarijiet g˙all-kaçça, insib u sajd,*
*˙niex ta’ Limperjal ta’ barra u reels,*
*qasab, snanar u swivels u*
*kaxxa tal-plastic tas-sajd, eçç.*
*Lanza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful, eçç.*

**Qrendi Road, Ûurrieq    Tel: 2164 9727**



# Marija fil-Knisja

## *Ġimgħa Marjana 2007*

**siltiet mill-messaġġ ta' Fr. Joseph Zahra O.P.**

Aħna normalment nitkellmu ħafna dwar Marija. Xi kultant ukoll nippruvaw nifhmu xi misteri dwar Marija. Hekk ngħidu aħna nippruvaw nifhmu kif hija l-Immakulata, kif hija nisslet u baqgħet verġni, kif ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Iżda dwar Marija ħafna drabi taħarbilna l-aktar ħaġa importanti, u allura ddeċidejt li nippruvaw naraw ftit min hi Marija. Kif għandna nħarsu lejha? U meta nitkellmu dwar Marija, kif għandna nitkellmu dwarha?

Il-Knisja tħares lejn Marija l-aktar bħala dik li hija; 'Omm Alla'. Fil-fatt dan it-titlu (li m'hu titlu xejn imma hekk hu tassew) jindirizzana biex lil Marija narawha fir-relazzjoni tagħha mal-misteru tal-Verb Divin Inkarnat, u allura ukoll fir-relazzjoni tagħha mal-Knisja li hija l-Ġisem mistiku ta' Kristu.

Il-Verb Divin, sar bniedem biex jifdi lill-bnedmin. Ladarba twieled biex jifdina, u hekk filfatt għamel sa temm ħajtu għalina fuq salib, Irxoxta u telà s-sema biex jibgħatilna d-difensur. Dan għandu jfisser li aħna bħala bnedmin għandu jkollna rikonnoxxenza lejn dan il-għemil ta' mħabba infinita. U jekk aħna bħala bnedmin għandu jkollna rikonoxxenza, ifisser li għandu jkollna ċerti doveri biex permezz tagħhom nuru din ir-rikonoxxenza. U hawn, allura, tajjeb li nifhmu x'doveri għandhom il-bnedmin mifdija lejn din l-Omm li hija "Omm Alla" u lejn dan Alla magħmul bniedem; Ġesù; Alla li jsalva; l-Immanuel, Alla magħna.

Id-dover, l-obbligu, minnu nnifsu jitlob li jkun hemm tip ta' relazzjoni. X'tip ta' relazzjoni għandna m'Alla u ma' Marija? Kif nista' nidħol f'relazzjoni ma' Alla u ma' Marija, jekk nibqa' ma nafhomx? U allura biex inkunu nafu x'relazzjoni għandu jkollna ma' Alla u ma' Marija, tajjeb li llum nitkellmu fuq kollox dwar **ir-relazzjoni ta' Marija mal-misteru tal-Verb Inkarnat u tal-Ġisem mistiku**. Hemm bżonn però inżommu dejjem quddiem għajnejna li għandna nirrikorru lejn l-Iskrittura Mqaddsa u lejn it-Tradizzjoni appostolika, għax ma nistgħux ninjoraw l-iżvilupp dottrinali li seħħ fil-Knisja sa żminijietna.



*Id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, Fr. Joseph Zahra O.P. jgħaddi l-ħsibijiet tiegħu waqt il-Ġimgħa Marjana 2007.*

Minn dak li għedna s'issa nikkonkludu li, l-ewwel u qabel kollox, hemm bżonn li nistqarru, nifhmu u nemmnu r-rwol ta' Marija fl-istorja tas-salvazzjoni. Rwol li hu marabut b'mod li ma jistax jinfired mill-misteru ta' Kristu u tal-Knisja.

Dan il-misteru ta' Marija Omm il-Mulej, matul is-sekli impenja lil ħafna rgħajja u mgħallmin. Uħud minnhom, huma u jippruvaw jgħollu l-aspetti ċentrali tal-marjoloġija, dejjem ittrattawha flimkien mal-kristoloġija jew l-ekkleżjoloġija. Marija però timmerita li tiġi trattata b'mod speċifiku fil-funzjoni tagħha fl-istorja tas-salvazzjoni, fid-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa u t-tradizzjoni tal-knisja. Imbagħad, ikun utli ħafna li nitkellmu dwar id-doveri tal-bnedmin mifdija lejn l-Omm imbierka ta' Ġesù. Il-Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Knisja, 'Dawl tal-Ġnus' ('Lumen Gentium'), fin- numru 54, tgħidilna hekk: "*Għalhekk il-Konċilju Mqaddes, waqt li qiegħed jesponi t-tagħlim dwar il-Knisja li biha l-Feddej divin iħaddem is-salvazzjoni, irid b'mod xieraq ifisser x'kien is-sehem tal-Verġni Mqaddsa fil-Misteru tal-Verb magħmul bniedem u tal-Ġisem Mistiku u x'inhuma d-dmirijiet tal-bnedmin mifdija lejn Omm Alla, Omm Kristu u Omm il-bnedmin u, fuq kollox, Omm il-fidili (Omm dawk kollha li jemmnu).*

Ir-rwol li Marija rċiviet mill-pjan Divin ta' salvazzjoni, jinħtieġ attenzjoni partikulari. Dan ir-rwol jinħtieġ ukoll li kull min jemmen jilqgħu bil-ferħ ħalli hekk jaċċetta lil Marija f'ħajtu u jagħtiha l-post li jistħoqqilha. Filfatt għalina l-insara, dan ir-rwol ta' Marija, meta



## REMISSA BAR

Church Square
Mqabba

Tel:
79290190



# C.D.S.

Aluminium Works

Sejba Road Mqabba
For a Free Estimate Contact:
Carmel D. Spiteri
Mob: 9949 4304, 7999 3816








Specialising in Rabbit & Maltese Cuisine

**Benny il-Beach Pub**
Wine Bar
(Ta' Ġokba)

*Two Big Screens*
*Live Football & Karaoke*

*Special appetizers are also served in a Friendly Atmosphere*

**Smoking Area available**

Triq il-Bizantini, Qrendi • Tel: 21 685 087 • Mob: 9948 7275

naċċettawh, jissarraf f'ħajjitna fl-atteġġjamenti evanġeliċi li għexet qabilna hi. Marija għexet il-prinċipji evanġeliċi qabel ma dawn ġew imħabbra. Hekk narawha per eżempju fit-Tħabbira ta' l-Anġlu: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej ha jsir minni skond kelmtek" (Lq 1,38). Hawn Marija tkun diġà għamlet tagħha u għexet il-kliem li Ġesù għallimna fil-'Missierna' meta qal: "Ikun li trid int kif fis-sema hekk ukoll fl-art" (Matt 6,10). Dan Marija setgħet tagħmlu għax kienet il-'Mimlija bil-grazzja' (Lq 1,28), mimlija b'Alla magħmulha esklussivamet għaliH, u allura meħlusa minn dak kollu li huwa ħażin.

Marija, Omm il-Mulej, għalhekk hija destinata biex teżerċita influss speċjali fuq il-mod ta' talb ta' dawk li jemmnu. Il-liturġija tal-Knisja ukoll tagħraf dan ir-rwol uniku u singulari li Marija għandha fid-devozzjoni u fl-eżistenza ta' dawk li jemmnu. U hawn jidħol dak li qalilna l-Arċisqof: "B'dak li jien qed nagħmel, qiegħed nersaq aktar lejn Ġesù, u qiegħed inressaq oħrajn lejn Ġesù?" Mela jekk aħna qed norganizzaw 'Wirja Marjana', 'Festa Titulari' u oħrajn, qiegħed nagħmel minn dak li qed norganizza 'talba'? Ma ninsewx li t-talb huwa l-uniku mod kif permezz tiegħu nistgħu nidħlu f'relazzjoni ma' Alla u ma' Marija Ommu u Ommna.

U huwa propju għalhekk li għandna nkunu veri devoti ta' Marija. Xi tfisser tkun devot? Devozzjoni tfisser dedikazzjoni u ma tistax tkun dedikat għal xi ħadd jew lejn xi ħaġa, jekk lil dak ix-xi ħadd jew lil dik ix-xi ħaġa inti ma tħobbhomx. Kemm inħobbuha verament lill-Madonna? Il-Misteru ta' Marija huwa verità rivelata li jistħoqq attenzjoni kbira u wkoll studju sinċier u mimli mħabba għal għerf t'Alla, bħalma jsir fl-istess Teoloġija. Ma rridux ninsew li Ġesù stess kien ġibed l-attenzjoni ta' niesu biex ma jħarsux lejn Marija b'entużjażmu fil-vojt. **Ġesù stieden lin-nies biex jagħrfu f'Marija fuq kollox il-fatt li hija imbierka għax kienet kapaċi tisma' l-Kelma ta' Alla u twettaqha. (cfr Lq11,28).**

Minn hawn nagħrfu li huwa biss id-dawl tal-Ispirtu li jrid imexxina biex nifhmu min hi Marija eżatt u x'kien ir-rwol tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni. U tant kemm dan huwa importanti, il-Konċilju Vatikan II jħeġġeġ lit-teoloġi u l-predikaturi sabiex, "joqogħdu lura b'ħafna attenzjoni minn kull esaġerazzjoni falza..." (cfr 'Lumen Gentium' n.67). Aħna u nitkellmu dwar Marija, irridu dejjem inżommu quddiem għajnejna r-rabta li hemm bejn il-persuna umana tagħha u il-persuna divina ta' Ġesù. Fl-istess waqt però jinħtieġ li nżommu u nagħrfu sew id-differenza ta' bejniethom. Ma nistgħux naqgħu fir-riskju li lil



Marija niddivinizzawha (nagħmluha alla). Irridu però nitkellmu bilfors minn dak kollu li tgħidilna r-Rivelazzjoni dwar id-doni li Alla ta' lil Marija għall-missjoni speċifika li sejħilha għaliha. Fl-istess waqt, il-Konċilju jħeġġeġ ukoll lit-tejoloġi u l-predikaturi biex ma jaqgħux fir-riskju li jċekknu lil Marija billi jaqgħu "fl-irraġunar żejjed" (cfr 'Lumen Gentium' n.67). X'jiġifieri? Nieħdu b'eżempju l-Verġinità tal-Madonna; kif tista' tkun verġni u tibqa' verġni u fl-istess waqt tkun omm?

Din ma naslux għaliha bl-irraġunar ta' moħħna imma bil-fidi, meta nemmnu u naċċettaw li Alla jista' kollox u allura seta' wkoll iħalli lil din ix-xebba bla mittiefsa, nistgħu naċċettawha. Jew inkella, kif nista' nifhem b'moħħi li Marija hija kollha kemm hi qaddisa? Nifhem u nemmen però b'dik li hija fidi, għax hekk ġie mgħoddi lilna mir-rivelazzjoni divina u mit-tradizzjoni.

Il-Konċilju jgħinna biex nagħrfu kif għandna nimxu fid-devozzjoni u fl-istudju tagħna lejn Marija; "Fil-Knisja, Marija tokkupa, wara Kristu, il-post l-aktar għoli u l-aktar viċin tagħna" (*cfr "Lumen Gentium"* n. 54).

Hemm bżonn li niskopru aktar x'inhu dan il-post l-aktar ogħli - dan il-kobor mogħti lill-Madonna fil-misteru tas-salvazzjoni. Dan il-kobor huwa kollu frott il-vokazzjoni speċifika tagħha. Vokazzjoni li hija b'mod komplet f'riferiment għal Kristu.

Tajjeb nifhmu ukoll x'inhu il-post l-aktar viċin tagħna li Marija għandha. Ħajjitna hija influwenzata mill-eżempju u mill-interċessjoni ta' Marija. U dan hu l-mandat li hija u aħna rċevejna bi kliem Ġesù stess, meta minn fuq is-salib qal: "Hawn hi Ommok… Hawn hu ibnek" (Ġw 19,27). Għalhekk hawn jinħtieġ nistaqsu lilna nfusna kemm aħna viċin tagħha. Aħna verament uliedha? L-istorja tas-salvazzjoni tagħna tistedinna biex inħarsu lejn Marija.

L-axxetika kristjana ta' kull żmien, ukoll tistedinna biex inħarsu lejha u biex neħduha b'eżempju perfett ta' kif għandna naċċettaw ir-rieda t'Alla f'ħajjitna. Marija hija l-mudell l-aktar qaddis li tiggwida l-passi ta' min irid jemmen lejn is-sema' pajjiżna. Kif? Billi tibqa' tkun ta' eżempju għalina bħala dik li dejjem semgħet il-kelma tal-Mulej u wettqitha, u wkoll bħala dik li tibqa' dejjem tgħidilna: "Agħmlu kullma jgħidilkom Hu" (Ġw 2,5). Minħabba li hija ħafna viċin tagħna, Marija ssostnina waqt il-prova, tinkuraġġina fid-difikkultajiet tagħna, u dejjem tpoġġi quddiemna l-għan ewlieni li naslu għas-salvazzjoni. U huwa propju hawn li jispikka r-rwol tal-maternità tal-Madonna; bħala Omm binha Ġesù, Assunta fis-sema, tibqa' tishar fuqna lkoll bħala wliedha, li minn fuq is-salib Ġesù afdalna biex nilqgħuha bħala wliedha fil-fidi.

# Velton Ltd

## Għad-dilettanti tal-Festi

**Lampi tal-Kulur u Çari**

**15 watts u 25 watts**

## Mob: 9949 7336

---

**V E N M A R** Limited

TOTAL • **PEST** • CONTROL

P.O. Box 6, Zurrieq, ZRQ01
Tel: (+356) 21 641432
Fax: (+356) 21 640660
Mobile: (+356) 9945 5015
e-mail: jsphgauci@yahoo.co.uk

**Services we offer:**

- Fumigation
- Flying & Crawling Vermin
- Rodent Control
- Woodworm treatment
- Termite & Mite Control
- Pest Control Products

**Call or e-mail us for further information.**

**Nofru servizzi bhal:**

- Fumigazzjoni
- Kontrol ta l-insetti li jtijru,'cockroach', u 'wirdien'
- Kontrol ta' grieden
- Kontrol ta' 'termites' u 'mites'
- Trattament tas-susa ta' l-injam
- Prodotti ghal-'pest control'

**Cempel jew ibghat e-mail ghal aktar informazzjoni.**

We also provide emergency weekend services.

PEST CONTROL SERVICE

# Il-Virtujiet ta' Marija



## *Ġimgħa Marjana 2007*

**siltiet mid-diskors tas-Soċ. Ġeraldu Attard - Soċju fil-M.U.S.E.U.M.**

Dun Ġorġ kiteb bosta kotba fosthom ktieb jismu *Benedicta* (L-Imbierka), immirat għax-xahar ta' Awissu . Dan jinkludi tletin lezzjoni fuq il-Madonna. Illum ser nitkellmu fuq ftit mill-virtujiet tal-Madonna u kif inqegħduhom fil-prattika. Dun Ġorġ kien iħobb jgħid li kien delizzju għalih li jitkellem fuq Marija Santissma. Kien jieħu gost jikteb u jitkellem fuq il-Madonna u kien jieħu gost li ħaddieħor jisma' fuq il-Madonna. Biss la darba Dun Ġorġ kien iħobb ħafna lill-Madonna ma setax jonqos li kien iħobb ħafna lil binha Ġesù. Fil-fatt Dun Ġorġ kien jgħid, "Nitpaxxa naqra l-Evanġelju" u kien isejjaħ lil Ġesù bħala Leħen il-Maħbub. Mill-Evanġelju wieħed għandu jitgħallem x'għandu jagħmel fuq ħajtu kollha.

Tliet virtujiet li kellha l-Madonna huma l-Fidi, it-Tama u l-Imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Tliet virtujiet insejħulhom teologali għaliex għandhom x'jaqsmu dirett ma' Alla. L-aqwa fosthom hija l-imħabba. Dawn il-virtujiet teologali ilkoll irċivejnihom fil-magħmudija tagħna. L-ewwelnett wieħed irid ikollu l-fidi meta qegħdin hawn fid-dinja. Nemmen fil-magħmudija, nemmen f'Alla, nemmen fl-Ispirtu s-Santu eċċ. Meta nkunu l-ġenna nkunu qed naraw. Aħna nemmnu f'xi ħaġa li għalissa mhux qed naraw. Il-virtù tat-Tama jintemm ukoll hekk kif inkunu ħdejn Alla għaliex it-tama tagħna llum hija li dak illi nitlobu lil Alla naqilgħuh. It-tama li mmorru ngawduh fil-ġenna għal dejjem. L-imħabba hija l-aktar virtù importanti għaliex din hi li tibqa'. Inħobbu lil Alla għal dejjem speċjalment meta nkunu qrib tiegħu fil-ġenna.

Fil-litanija tal-Madonna nsibu diversi invokazzjonijiet fuq il-Madonna. Anke Dun Ġorġ kien għamel litanija oħra fuq il-Madonna li sejħilha Vestis Honoris – Libsa ta' Unur. Ħafna titoli lill-Madonna. Din għadha tingħad sal-lum kull 7, 17 u 27 ta' kull xahar mis-soċi tal-MUSEUM.



*Is-Soċju Ġeraldu Attard jitkellem fuq il-Virtujiet tal-Madonna matul il-Ġimgħa Marjana 2007.*

Storja ċkejkna. Darba kien hemm tfajla li kienet f'kulleġġ (*boarder*) u talbet lil ommha sabiex tibgħatilha mera. Ommha li kienet mara twajba qatgħet ix-xewqa ta' bintha imma flok mera waħda bagħtitilha tlieta. L-ewwel mirja kienet dik li talbitha. F'messaġġ ċkejken l-omm qaltilha "din il-mera turik inti kif inti". It-tieni mirja kienet ras ta' mewt sabiex tfakkar lit-tifla fis-siegħa tal-mewt tagħha li kulħadd irid jgħaddi minnha u l-aħħar mera kienet xbieha tal-Madonna sabiex tgħin lit-tifla fuq liema passi trid timxi. Biex turi lit-tifla kif għandha tkun. Din trid tkun il-mera ta' ħajjitna li naraw x'kienet tgħid u tagħmel il-Madonna, x'inhuma l-virtujiet tagħha u lkoll nippruvaw nimitawha. Dun Ġorġ kien iħobb jgħid li aħna jrid ikollna vera devozzjoni lejn il-Madonna għaliex faċli li wieħed jgħid li jħobb jew li hu devot tal-Madonna. Il-vera devozzjoni tfisser imitazzjoni. Aħna rridu nimitaw lill-Madonna fis-sabar tagħha, fl-umiltà, fl-imħabba eċċ. San Pawl stess qal, "imitaw lili għaliex jiena imitajt lil Kristu". U Dun Ġorġ jista' jgħid dan id-diskors lilna. Issa aħna x'qegħdin nagħmlu biex nixbħu lil Dun Ġorġ? Qegħdin nisimgħu l-Kelma t'Alla? Qegħdin nippruvaw inxandru l-kelma t'Alla bl-eżempju tagħna? Għaliex finalment fuq dan ser ikun il-ġudizzju tagħna. Fuq aħna x'għamilna f'ħajjitna u mhux x'għamel ħaddieħor. Aħna rridu nkunu appostli kif fil-fatt kien isejjaħ lill-ewwel membri Dun Ġorġ. Appostli għaliex aħna wkoll irridu nwasslu u nxandru l-Evanġelju bit-talb tagħna, bl-eżempju tagħna eċċ. Aħna rridu ngħinu sabiex Kristu jkun magħruf u maħbub. Dan hu fil-fatt l-għan għaliex Dun Ġorġ waqqaf is-Soċjetà tal-MUSEUM biex Kristu jkun magħruf u maħbub. Għaliex l-ewwel irridu nagħrfu lil Kristu biex imbagħad inkunu nistgħu nħobbuh. Anke l-kelma MUSEUM, Dun Ġorġ taha tifsira speċjali – Mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek. Kristu stess qal, 'Tgħallmu minni għaliex jien għandi qalbi ħelwa u umli". Din hi l-virtù tal-manswetudni, il-virtù li taħfer u mhux li jkollok qalbek iebsa tal-ħadid. Din hi propju t-talba li għallimna Sidna Ġesù Kristu, it-talba tal-Missierna. U Dun Ġorġ kien jgħid li min ma jaħfirx ma

# MOVIE LAND

70, Zurrieq Rd., Safi
Tel: 21642460
Mobile: 79861743, 99404781
Email: moviland@maltanet.net

## DVD Rentals

- Competitive Prices
- Professional service
- Vast selection of new & old releases.

## Photocopy Service

- Unbeatable quality - latest technology
- Colour, B&W, A4 & A3
- Print direct from Digital media
- Posters, Business cards, Bookmarks, etc.

- Mobiles phones & accessories
- TV's, Hi-Fi, Home Cinema Systems
- VHS to DVD conversions
- MP4 & MP3 players with tuner
- Airconditioners with installation
- Repairs, Photo Film Developing
- Fans & Air Circulators
- DVD Players, Digital Cameras
- Portable DVD Players with TV tuner & Car kit

**Fantastic Prices!!**



# Nicole's Salon

*Unisex Hairdresser*

83, Valletta Road,
Mqabba

Open Days:
Tuesday - Saturday 9.00am - 5.00pm

**Tel: 2164 7247 Mob: 9949 1329**

jistax jitlob it-talba tal-Missierna għaliex f'din it-talba aħna nitolbu lil Alla jaħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina.

Il-virtù tal-fidi fil-Madonna narawha sa mill-bidu nett. Meta l-anġlu Gabrijel deher lil Marija u ħabbrilha li ser tkun Omm Alla, Marija wieġbet biss, "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." Tant emmnet Marija li meta l-anġlu qalilha li Eliżabetta kien ser ikollha hija wkoll iben, marret għandha sabiex tgħinha. Anke Eliżabetta qalet lill-Madonna, "Imbierka inti għax emmint".

Marija emmnet misteru kbir, il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Kif Alla sar bniedem u ġie fostna. Marija tissemma l-ewwel darba fil-bibbja fl-istorja ta' Adam u Eva meta Alla qal lis-serp, "Inqajjem gwerra bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha u hi tgħaffiġlek rasek.." Din hi l-Immakulata Kunċizzjoni li fl-istatwi tagħna nsibuha bħala qed tirfes ras is-serp. Qed tirbaħ il-ħażen. Dan hu t-twemmin li jrid ikollna aħna. Aħna ma narawhx lil Alla fiżikament imma nemmnu li qiegħed fostna, nemmnu li fit-tqarbin inkunu qed nirċievu l-ġisem ta' Kristu. Kristu stess qalilna, "…Min jemmen u jitgħammed isalva imma min ma jemminx ikun ikkundannat." Dun Ġorġ kien tant iħobb lil Marija u lil Ġesù li kien jgħid li kien qed imiss lil Kristu. Kellu twemmin kbir. U San Pawl stess qal meta kien Ateni, "Fih aħna, fih ngħixu u fih immutu." U Dun Ġorġ kien iħobb iġib dan l-eżempju li aħna bħal ħuta fl-ilma. Jekk il-ħuta tneħħieha mill-ilma tmut u jekk aħna ma jkollniex lil Alla f'ħajjitna li hu mxebbah ma' l-ilma, immutu. Biex ngħidu li nemmnu rridu nipprattikaw il-fidi. U għalhekk Dun Ġorġ kien iħobb jgħid "Uliedi l-Fidi kollox" u kien iżid "Kieku għandna paroli". Għaliex il-Fidi trid tiprattikaha f'ħajtek u mhux bil-kliem biss. Anke l-Malti jgħid "Mill-kliem għall-fatti hemm baħar jikkumbatti" Jekk aħna ma jkollniex il-fidi li Alla qed jarana, li Alla qed jismagħna, li hemm il-Madonna li tħobbna għaliex hija Ommna, tkun diffiċli l-ħajja tagħna. Il-Madonna sa mill-bidu nett kienet temmen u baqgħet sa l-aħħar temmen li Ġesù kien Alla. Sa mit-tnissil ta' Ġesù f'ġufha fejn il-Madonna nsibuha bħala l-ewwel tabernaklu għaliex ġarret lil Ġesù għal disa' xhur sħaħ.

L-istess aħna meta nkunu fil-grazzja t'Alla, aħna jkollna fina lit-tliet persuni f'Alla wieħed, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Hekk ukoll aħna. Biex veru nkunu ulied Alla rridu nisimgħu l-Kelma t'Alla u nagħmluha kif qalilna Ġesù stess "Kull min jisma' kliemi u jagħmlu, dak huwa ommi u oħti u ħija". Ġesù qal ukoll "Min iħobbni iħares kliemi". Dan għandu jkun għan f'ħajjitna li aħna nimitaw lill-Madonna fil-virtujiet tagħha kollha, fl-ubbidjenza, fis-safa' tagħha, fl-imħabba, fit-tama, fil-fidi eċċ., sabiex finalment immorru ngawdu lil Alla fis-sema għal dejjem.

Rabat Marbles

*Showroom:*
RIEBU WELL STREET, RABAT

*Factory:*
MISRAĦ SUFFARA, RABAT

Tel: 2145 6680, 2145 0643
Mob: 9949 2281
Fax: 2145 5160
e-mail: rabmar2@global.net.mt

Designers & Manufacturers of Marble, Granite, Resin, Travestine & Other Stones

SPECIALISTS IN KITCHEN TOPS WITH INTEGRATED GROVED DRAINBOARDS

- Kitchen & Table Tops
- Staircases
- Flooring
- Facades
- Pool Coping
- Fire Places
- Photo Ceramics, etc.

***A wide variety of colours is available***



SEZZJONI ZGHAZAGH SANTA MARIJA MQABBA EST 1993

TIPPREZENTA

# IL- MARC TA' L- AHHAR TRIDU

## 13 T' AWISSU 2007
## PJAZZA TA' L- IMQABBA

9.15PM - WIRJA MILL- ISBAH TA' MURTALI TAL-BERAQ PRONT U KKULURIT U MURTALI TAL- KULUR

10.30PM - BIDU TAL- MARC TRADIZZJONALI TA' L- AHHAR TRIDU FIL- PJAZZA TAL- KNISJA

11.15PM - BIDU TA' CELEBRAZZJONI KBIRA FIL- PJAZZA TA' QUDDIEM IL- KAZIN LI TINKLUDI SPETTAKLI PIROTEKNICI TA' NAR SINKRONIZZAT LIVE MAL- BANDA U SPETTAKLU AWDJO- VIZIV FUQ BIG SCREEN

11.45PM - BIDU GHALL- SPETTAKLU QASIR TA' LOGHOB TAN- NAR TA' L- ART AKKUMPANJAT BIL- MUZIKA U 'SORPRIZA' MAT- TMIEM.

12.00AM - IL- QOFOL TAC- CELEBRAZZJONIJIET KBAR B' GRAN FINALE TA' BRIJU ORGANIZZAT, FIL- PJAZZA TA' QUDDIEM IL- KAZIN, PERMEZZ TA' SPETTAKLU AWDJO- VIZIV U SORPRIZI OHRA





*Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ*

**is-Sur Carlo Sciberras - President tas-Sezzjoni**

# Sena ta' Ħidma u Suċċess

Huwa ta' ferħ kbir għalija li reġa' mess lili bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li nikteb dawn il-versi fl-okkażjoni tal-Festa Prinċipali ċċelebrata fl-Imqabba ad unur Ommna Marija Santissima Mtellgħa s-sema. Reġgħet għaddiet sena oħra! Sena li kienet tassew impenjattiva għas-Sezzjoni Żgħażagħ, sena li fiha komplejna naħdmu id f'id flimkien u tabilħaqq urjena l-qawwa u d-determinazzjoni taż-żgħażagħ tagħna. 'Sena ta' ħidma u suċċess'; din hija l-frażi li tiddeskrivi sewwa s-sena 2006/2007, u din hija l-frażi li kienet tberraq f'moħħ iż-żgħażagħ tagħna hekk kif kompla jiġġedded il-Kumitat taż-Żgħażagħ f'Awwisu tas-sena l-oħra.



*Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ 2007*

Wara s-suċċessi kbar miksubin is-sena li għaddiet permezz ta' l-ewwel Skambju Kulturali li qatt ġie organizzat miż-żgħażagħ fl-Imqabba u l-Marċ Trijonfali ta' l-aħħar Tridu, tnissel interess kbir minn numru sabiħ ta' żgħażagħ li urew ix-xewqa li jingħaqdu mal-bqija tal-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ fejn eventwalment żidna l-ammont ta' membri fil-Kumitat. Issejħet l-ewwel laqgħa u dlonk fassalna pjan ta' ħidma li jekk Alla jrid ser naħsdu l-frott fil-ġranet tal-Festa. L-attivitajiet ta' livell għoli ma naqsu qatt anzi komplejna noħorġu b'ideat innovattivi mmens li taw identità ġdida lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija u r-raħal tagħna. Komplejna wkoll insostnu d-djalogu regolari mal-bqija tal-komunità Mqabbija permezz tal-pubblikazzjoni tagħna 'It-Titular', kif ukoll komplejna ninvestu fl-armar estern bl-iffinanzjar ta' statwa artistika ġdida li tirraffigura lil Patrijarka San Ġużepp, xogħol l-artist Aaron Camilleri Cauchi għal Triq Karmenu Ciantar. Dan wara li s-sena li għaddiet iffinanzjajna l-istatwa artistika mill-isbaħ ta' San Ġwann il-Battista. Minn dan l-ispunt nixtieq f'isem sħabi nirringrazzja lil kull minn ta l-kontribut tiegħu sabiex bħala kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ stajna nwettqu b'suċċess l-ewwel stadji ta' proġett kbir għal Triq Karmenu Ciantar. Ħdimna wkoll ammont konsiderevoli ta' liedna sabiex inkomplu nsebbħu t-toroq tagħna b'liedna ġdida hekk kif jixraq lill-Festa ta' l-Imqabba bil-għajnuna tas-Sinjuri Roderick Pace, Ray Vella u Antoine Abdilla. Hekk kif semmejt iktar kmieni f'dan l-artiklu, l-attivitajiet ma qatgħu xejn anzi komplew jiżdiedu b'konsistenza kbira. Fl-1 t'Ottubru 2006, proprju fil-Jum Dinji ta' l-anzjani għamilna żjara lir-residenti Mqabbin ġewwa San Vincenz de Paule. L-għan wara din iż-żjara huwa sabiex ta' kull sena jinħoloq kuntatt bejn iż-żgħażagħ u dawk in-nies li tant kellhom għal qalbhom ir-raħal ta' l-Imqabba. Ta' min isemmi l-ferħ ta' dawn l-anzjani f'din



*Żjara lill-anzjani ġewwa San Vinċenz de Paule*

# BeautyLab



**Beauty Therapies**

- Facials (pigmentation, wrinkles, acne…)
- Body massages (aromatherapy, stone therapy, indian head…)
- Gym massage for face (lifting)
- Reflexology treatment
- Manicure/Pedicure (removing of corns & calluses)
- Waxing
- Electrolysis
- Nail extensions (acrylic, gels & wraps)
- Nail art
- Eyelash/Eyebrow tinting
- Diet treatments & consultations
- Professional makeup for all occasions (weddings, theatre…)

Ritienne Agius N.S.B.TH.
I.T.E.C. Beauty Therapist
O.P.I. Nail Technician

12, Triq il-Pal, Mqabba
Tel: 2164 2553 / 7909 1799




# Saint Philip Caterers



The caterers for all occasions & functions

Mdina Road,
Żebbuġ ZBG 07

Tel: **2146 6360**
**2146 0523**
Fax: **2146 0523**
Mob: **9949 9132**
**9987 0975**
E-mail:
**stphilipltd@waldonet.net.mt**

iż-żjara. Fost l-attivitajiet ordinarji li organizzajna din is-sena nsibu wkoll, ikla għall-partitarji ġewwa l-*Grotto Tavern* fir-Rabat, *Football Tournament* fl-Imqabba *Synthetic Ground*, *tliet Get Togethers* għaż-Żgħażagħ ġewwa l-Każin, sparatura għall-Plattini u diversi lotteriji bl-għajnuna siewja tal-partitarja ħabrieka, Doris Camilleri. Ħejjejna wkoll quddiesa ta' ringrazzjament fl-okkażjoni tal-bidu tas-sena 2007 fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. Għal dawn l-aħħar tliet snin erġajna konna parti min grupp organizzattiv li flimkien mal-Kappillan tal-Parroċċa tellajna b'suċċess diversi attivitajiet konnessi mal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir fosthom sensiela ta' Eżerċizzi Spiritwali bit-tema magħżula għal din is-sena tkun "Ħejju t-Triq għall-Mulej' ġewwa l-*Youth Centre*, il-festa ta' Marija Addolorata bl-irfiegħ tal-vara devota waqt il-purċissjoni u l-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka waqt il-ħasil tar-riġlejn. Aħna min-naħa tagħna nemmu ħafna f'dawn l-attivitajiet u għalhekk sa mill-bidu tagħhom dejjem kellna parti importanti fl-organizzazzjoni.

Hekk kif tajna ħarsa żgħira lejn l-attivitajiet ordinarji li ġew organizzati tul din isena, tajjeb jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet 'straordinarji' li s-Sezzjoni Żgħażagħ irnexxielha ttella' b'suċċess kbir grazzi għall-pjan amministrattiv realistiku u fuq kollox b'sens fratern ta' ħidma kollettiva.



*'La Semana Santa' – Wirja oriġinali għall-Ġimgħa l-Kbira*

## L-ewwel Presepju Ħaj fl-Imqabba

(mit-22 sas-26 ta' Diċembru 2006)

Hekk kif beda joqrob ix-xahar t'Ottubru ħassejna l-ħtieġa li nibdew nahsbu sabiex intellgħu attività fi żmien il-Milied. Il-ħsieb tagħna kien li norganizzaw xi ħaġa li tkun innovattiva kemm fl-Imqabba kif ukoll għall-irħula tal-madwar. Kien hemm li nibtet l-idea li ntellgħu Presepju Ħaj. Evalwajna flimkien il-possibiltajiet ta' postijiet b'potenzjal fejn stajna ntellgħu din l-attività u ddeċidejna li l-Binja ta' L-Isptar il-Qadim għandha tkun il-post l-iktar addattat u fil-fatt avviċinajna lill-Kunsill Lokali u aċċetta li jgħaddilna il-post. Ta' dan aħna nirrigrazzjawh mill-qalb. Il-Binja ta' l-Isptar ġiet ittrasformata f'villaġġ tipiku hekk kif kien fiż-żmien tat-twelied ta' Sidna Ġesù Kristu. L-attività irrikjediet volum qawwi ta' xogħlijiet fuq il-bini tas-sett, koordinazzjoni ta' 'l fuq min 40 karattru, bini ta' sistemi oriġinali ta' dwal u għażla vasta ta' mużika addattata fost l-oħrjan. Dan kollu sar grazzi għat-talent taż-żgħażagħ involuti. L-influss qawwi ta' nies li ta' kuljum invada l-Isptar il-Qadim huwa konferma li l-ewwel Presepju Ħaj fl-Imqabba kien suċċess kbir li ser jibqa' mnaqqax fl-istorja tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.



*Mument waqt il-bini tal-presepju ġewwa l-Isptar il-Qadim*

Min hawn nixtieq nieħu l-opportunità sabiex f'isem shabi tal-kumitat nerġa' nrodd il-ħajr lis-sinjuri Vince Ciantar, Roderick Pace, Benny Casha, Nicholas Briffa, Anthony Farrugia, Jerry Ghigo u Raymond Camilleri li tawna appoġġ kontinwu tul din l-attività. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk iż-żgħażagħ kollha li b'xi mod jew ieħor kienu involuti. Impossibbli li noqgħod insemmihom wieħed wieħed, però jien ngħidilhom grazzi kbira talli huma għamlu parti mis-suċċess li ksibna.

## La Semana Santa – Espana

(28 ta' Marzu – 8 t'April 2007)

Attività oħra totalment ġdida għall-Gżejjer Maltin kienet bla dubju 'La Semana Santa' li kienet tikkonsisti f'esebizzjoni sħiħa ta' repliki ta' vari li nsibu fil-purċissjonijiet Spanjoli li huma tant magħrufa mad-dinja kollha. Iddeċidejna li din għandha tittella' ġewwa s-swali tal-Każin, minħabba li s-sala prinċipali diġa' hija ċentru artistiku fiha nnifisha. Tfassal pjan ta' ħidma flimkien mas-Sur Michael u s-sinjuri Nathalie u Leonard Azzopardi fejn b'ħidma kollettiva rnexxielna noħorġu l-massimu tagħna b'atmosfera sinonima ma' dawn il-purċissjonjiet. Permezz ta' din l-esebizzjoni wieħed seta' japprezza d-dettall u r-rikkezzi ta'



*it's my*
# Birthday
*and I'll* **Fly** *if I want to*

Air Malta has teamed up with the **Hilton Malta Resort** to make your birthday an uplifting experience. If you travel with another paying passenger within 7 days from your birthday you will benefit from a **Lm10 Air Malta travel gift voucher** – to be used within 6 months from date of issue. Furthermore if you book your accommodation through Flyaway Tours you automatically benefit from another **Lm10 Air Malta travel gift voucher**. Further celebrate your birthday by savouring the exquisite cuisine at any of the **Hilton Malta's** award winning restaurants and get a **15% discount** on your bill valid for one month after your birthday.

**Lm10 Air Malta travel gift voucher** to be used on any Air Malta schedule flight

Flyaway Tours

**A further Lm10 Air Malta travel gift voucher** If you book your accommodation through **Flyaway Tours**

**A 15% discount** at any **Hilton Malta** restaurant, namely The Blue Elephant, The Oceana, The Bottega Del Vino, and The Gazebo in Summer.

terms & conditions apply

For more Information visit

airmalta*com

Hilton
MALTA
www.hilton.com

AIR MALTA


L-ewwel
Presepju Ħaj
fl-Imqabba...


...La Semana
Santa

**DIGIT**
all about electronics

*Mons. Mikiel Azzopardi Street*
*Siggiewi*
*Tel: 2146 5898 / 2746 5898*
*info@digitmalta.com*
We Accept Student Smart Card

*CRT, LCD & Plasma TVs, DVD players, Home Theather Systems & Hi-Fis*



*Mobile phones, accessories & repair service*



*Computer Systems, accessories & repairs*



*Video/digital cameras & accessories*



## *Now also open in:*
*School Street,*
## *Safi.*
*Tel: 2164 1149 / 2764 1149*

We Accept Student Smart Card

# die ECKE
## GIFTS - STATIONERY - TOYS

*Mons. Mikiel Azzopardi Street, Siggiewi*
*Tel: 2146 3403 / 2746 3403*
*info@diecke.com*



***We offer a vast range of:*** Gifts, Stationery, Books, Magazines, Newspapers, Greeting Cards, Toys for all ages, Perfumes, Watches, BBQs & all the items you need for a wonderful SUMMER



***We also offer:*** Digital ID photos, Photo Developing, Book covering, Spiral & Heat Binding, Lamination, Colour & Black & White photocopying directly from your pen drive or CD at competitive prices!



***... MORE THAN YOU CAN IMAGINE!!***

dawn ir-repliki filwaqt li jassisti għall-wirja unika għall-pajjiżna. 'La Semana Santa' ingħatat importanza assoluta, fil-fatt għall-ġurnata ta' l-inawgurazzjoni stedinna lill-Eċċellenza Tagħha Marta Vilardell Ambaxxatriċi ta' Spanja u lill-Eċċellenza tiegħu Mons. Pawlu Cremona Arċisqof ta' Malta fejn l-Arċisqof innifsu fetaħ uffiċjalment l-esebizzjoni.

Il-banda Re Ġorġ V esegwiet programm strumentali ta' mużika Sagra u Spanjola proprju għal din l-okkażjoni fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Tajjeb ngħid ukoll li ma' din l-attività ħsibna sabiex namalgamaw xi forma ta' ġest filantropiku fejn fil-fatt fit-8 t'April, fl-għeluq tal-wirja, ippreżentajna donazzjoni ta' flus lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza l-Mons. Laurence Gatt b'riżq l-istess Dar.

## Stedina lill-Arċisqof

Kien proprju f'Diċembru 2006 ftit tal-jiem wara t-tħabbira li Patri Pawl ser ikun is-suċċessur ta' Mons. Ġużeppi Mercieca, li jien kellimt lid-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Patri Joseph Zahra O.P. u urejt ix-xewqa li l-wirja 'La Semana Santa' tiġi inawgurata mill-Arċisqof innifsu, fejn xi jiem wara bgħatna formalment l-istedina tagħna għad-data tat-28 ta' Marzu. Sa dak iż-żmien il-miġja ta' l-Arċisqof fostna kienet għadha ħolma. Wara diversi ġimgħat ta' laqgħat u stennija, l-Arċisqof innifsu tana l-aħbar sabiħa li kien aċċetta b'ferħ l-istedina tas-Sezzjoni Żgħażagħ sabiex jagħmel l-ewwel żjara tiegħu fl-Imqabba u eventwalment jifraħ il-wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Għaldaqstant, id-data tat-28 ta' Marzu ser tibqa' mnaqqxa fl-istorja



*L-E.T. Arċisqof Mons. Pawlu Cremona jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi fil-ftuħ tal-Wirja 'La Semana Santa'.*



*Parti mill-Wirja fil-Ġimgħa Marjana 2007*

tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija għall-fatt li kienet proprju hi permezz tal-wirja tagħha 'La Semana Santa' l-qofol ta' l-ewwel miġja ta' l-Arċisqof Cremona fir-raħal ta' l-Imqabba.

## Il-Ġimgħa Marjana

(mill-14 sad-19 ta' Mejju)

Għalkemm l-ewwel Ġimgħa Marjana fl-Imqabba ġiet imtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna proprju fl-2005, xorta waħda nagħtu importanza kbira lil din l-attività. Ta' kull sena ntellgħu wirjiet artistiċi ġewwa l-Isptar il-Qadim, kollha jissimbolizzaw il-figura t'Ommna Marija Santissima f'diversi titli. Huwa interessanti l-fatt li tul il-Ġimgħa kollha norganizzaw taħdidiet ta' tagħlim Marjan minn kelliema esperti fil-kamp Marjoloġiku. Din is-sena ħsibna li fost il-kelliema jkollna lill-Provigarju Fr. Anton Gouder u lil Mons. Lawrence Gatt.

Hekk kif għamilna analiżi qasira ta' x'sar matul is-sena 2006/2007 mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, wieħed malajr jista' jinnota l-impenn kbir taż-żgħażagħ tagħna fi ħdan is-Soċjetà u r-raħal ta' l-Imqabba. Issa li qrobna ferm għall-Festa żgur ma jonqosx li għal darb'oħra ser inkunu minn ta' quddiem b'ħidmietna u l-preparamenti li hemm imħejjin għal din is-sena kemm f'rigward ta' armar kif ukoll fl-organizzazzjoni bil-qofol jintlaħaq proprju fil-Marċ Trjonfali ta' l-Aħħar Tridu. Min hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk l-għexieren ta' żgħażagħ li flimkien mal-bqija tal-Kumitat għaddejjin bla heda sabiex nerġgħu niżguraw festa oħra indimentikabbli. Il-ħidma kollettiva u l-għaqda ta' bejnietna hi li tagħmilna differenti minn għaqdiet oħrajn.

Għalhekk l-appell tiegħi f'dawn il-ġranet huwa sabiex nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd u ma naqgħux għal xi provokazzjoni li jista' jkun hemm. Niftakru li aħna niċċelebraw festa ad unur il-Madonna.

'Sena ta' Ħidma u Suċċess' kienet il-frazi li jien użajt sabiex bdejt dan l-artiklu, u bl-istess frażi nixtieq nikkonkludi. Inħossni ferm kuntent u onorat li nagħmel parti minn dan in-nukleu ta' żgħażagħ li flimkien qegħdin nagħmlu daqstant xogħol b'għan wieħed; l-għan li nkabbru l-festa ta' Santa Marija, il-Festa ta' l-Imqabba.



*Sehem iż-żgħażagħ matul il-purċissjoni tad-Duluri*

Filwaqt li nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nifraħ lill-Banda Re Ġorġ V li x-xahar li għadda kienet impenjata bi programmi mużikali fil-Kapitali Taljana kif ukoll nawgura suċċess lil sħabna ta' l-Għaqda tan-Nar li ser ikomplu jgħollu isem is-Soċjetà u isem Malta bil-parteċipazzjoni tagħhom fil-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar bl-Isem 'Caput Lucis' ġewwa Ruma bejn l-1 u l-5 t'Awissu.

Viva Santa Marija Protettriċi ta' l-Imqabba!

Zneiber

**Confectionery & Pastizzerija**

*Orders accepted for*
*Weddings and All Occasion Parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999
Mobile: 9988 3692

St. George’s Street, Luqa
Tel: 2167 7230

# Valentina Hair Care
# Unisex Salon

Mqabba - Tel: 2164 0215

by joanne

A young qualified professional hairdresser offering all you need in




Opening Hours
Monday Closed
Tuesday to Saturday: 9.00am to 5.00pm
For an appointment phone: 2164 0215

- Child cut
- Men cut
- Men wash/cut/rinse
- Women cut
- Women sh. wash/cut/blow/dry
- Women short blow dry
- Women long blow dry
- Colour roots
- Colour whole head
- Straightening short
- Straightening long
- Hair treatment
- Cap lights
- Foil lights short
- Foil lights long
- Up styles
- Perms

# Mons. Pawlu Cremona O.P.

## *L-Arċisqof il-Ġdid ta' Malta*

Mons. Pawlu Cremona O.P. twieled il-Belt Valletta nhar il-25 ta' Jannar 1946. Missieru Joseph u ommu Josephine xebba Cauchi. Hu għandu żewġ ħutu oħrajn, Lino u Marie-Louise. Ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-montessori fil-Belt Valletta stess u wara l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo, il-Ħamrun. Mons. Pawlu Cremona O.P. daħal fl-Ordni Dumnikana f'Settembru tal-1962 u ġie professat fl-istess Ordni nhar id-29 ta' Settembru 1963. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas ta' Akwinu fil-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat u ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Marzu 1969. Studja t-Teoloġija Morali fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas ta' Akwinu f'Ruma minn fejn kiseb id-Dottorat fl-1973.

Bejn l-1974 u l-1980 u aktar tard bejn l-1997 u l-2003, hu kien Pirjol fil-Kunvent ta' Sidtna Marija tal-Għar fir-Rabat. Fl-1981 intgħażel bħala Provinċjal tal-Provinċja Dumnikana Maltija fejn serva f'dan l-uffiċċju għal żewġ perjodi ta' erba' snin.

Wara ntbagħat bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Fatima, Gwardamangia. Bejn l-1993 u l-1997 kien responsabbli mill-formazzjoni tan-Novizzi u l-istudenti Dumnikani fir-Rabat. Xogħol li reġa' kien responsabbli minnu bejn l-2004 u l-2005. Fl-2005 ġie maħtur Kappillan tal-Parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu ġewwa Tas-Sliema.

Mons. Pawlu Cremona O.P. serva wkoll f'diversi uffiċċji oħrajn ta' l-Arċidjoċesi fosthom, Delegat ta' l-Arċisqof għall-Ħajja Konsagrata, Assistent Direttur Spiritwali fis-Seminarju ta' l-Arċisqof ġewwa tal-Virtù r-Rabat, membru fil-Kunsill Presbiterali, kif ukoll President tal-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-reliġjużi Maltin.



*W.R. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P.*

Kiteb bosta kotba fosthom it-Teżi tiegħu – The Concept of Peace in Pope John XXIII, kotba fuq il-Kredu u l-Kmandamenti, erba' kotba oħra li kiteb flimkien ma' Mons. Ġorġ Frendo O.P, illum Isqof fl-Albanija – Fil-mixja lejn is-Sena 2000, ieħor fuq il-Virtujiet u fuq il-Knisja – Ikona tat-Trinità Qaddisa.

It-tħabbira ta' Mons. Pawlu Cremona O.P. bħala s-suċċessur magħżul mill-Vatikan biex iservi bħala Arċisqof ta' Malta saret nhar it-2 ta' Diċembru 2006.

Il-ħatra uffiċjali tiegħu bħala Arċisqof il-ġdid ta' Malta saret nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2007 ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-motto magħżul mill-Arċisqof il-ġdid ta' Malta hu **ĦEJJU T-TRIQ GĦALL-MULEJ**.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ u tawgura lill-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona O.P. għal din il-ħatra bħala Ragħaj tagħna lkoll. Aħna lkoll nemmnu fil-kapaċitajiet ta' Mons. Pawlu Cremona u persważi li din il-ħidma pastorali ser titwettaq b'responsabbiltà kbira. Nitolbu sabiex il-Mulej iżomm idejH fuq l-Arċisqof Cremona u jagħtih id-don neċessarju f'din il-kariga ġdida.

*Ad Multos Annos*





*Is-salib (quddiem u wara) li jġorr l-Arċisqof ta' Malta, irregalat lilu mis-Soċjetà tal-MUSEUM, li huwa relikwa ta' San Ġorġ Preca.*

REA
CERAMICS LTD

# Suppliers & Manufacturers of Bathroom Fittings

*Għall-orħos prezzijiet fis-suq*

76, Birżebbuġa Street, Birżebbuġa
• Tel: 2165 1583 • Mob: 7965 8539
E-mail: acholdings@camline.net.mt
• www.reaceramics.com



## Apprezzament

# Mons. Ġużeppi Mercieca

## Arċisqof ta' Malta bejn Diċembru ta' l-1976 u Jannar tas-sena 2007

Ġużeppi Merċieca twieled fir-Rabat, Għawdex fil-11 ta' Novembru 1928. Beda jieħu l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex u ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu 1952. Studja fl-Universitajiet Gregorjana u Lateranensi ġewwa Ruma u kiseb id-dottorat fit-Teoloġija u fil-liġi Ċivili u Ekkleżjastika.

Mons. Ġużeppi Merċieca tqie-għed bħala Kanċillier tal-Kurja ta' l-Isqof f'Għawdex. Fis-Seminarju għallem it-Teoloġija u l-liġi tal-Knisja.

Mill-1959 sa l-1969, kien rettur tas-Seminarju ta' Għawdex sakemm fl-1969 ġie magħżul bħala Mħallef tas-Sagra Rumana Rota. Kien ukoll konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi.

Fis-27 ta' Lulju 1974 ġie nominat Isqof titulari ta' Ġemelle fin-Numidja u awżiljarju għall-Arċisqof Gonzi. Ftit snin wara tqiegħed bħala Vigarju Ġenerali, u hu baqa' f'dan is-servizz sakemm ġie nominat Arċisqof Metropolitan ta' Malta fis-sena 1976. Ħa l-pussess tat-tmexxija ta' l-Arċidjoċesi fit-12 ta' Diċembru 1976. F'Ġunju ta' l-1991, Mons. Ġużeppi Merċieca ġie nominat Imħallef tat-Tribunal Suprem tas-Sinjatura Appostolika.



Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta bejn l-1976 u s-sena 2007.

Fl-1995, l-Arcisqof Merċieca ġie magħżul bħala membru fix-Xirka Ġieħ ir-Repubblika ta' Malta u fl-istess żmien ġie nominat ukoll bħala Kappillan Konventwali ta' l-Ordni Sovran Militari ta' Malta. Meta għalaq 75 sena, fil-11 ta' Novembru 2003, l-Arċisqof Mercieca talab ir-rinunzja tiegħu, kif fil-fatt jesiġu l-liġijiet tal-Knisja.

Din però ġiet miċħuda mill-Papa Ġwanni Pawlu II u baqa' jmexxi l-Arċidjoċesi ta' Malta sal-25 ta' Jannar 2007.

Fl-aħħarnett, il-Kumitat Eżekuttiv u s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, juru l-apprezzament tagħna lkoll għax-xogħol siewi li l-Arċisqof Ġużeppi Merċieca għamel b'riżq l-Arċidjoċesi ta' Malta tul it-tletin sena li dam jokkupa l-kariga ta' Arċisqof u Ragħaj tagħna lkoll.

*Ad Multos Annos*

**L-Avukat**
**Dr Mark Portelli B.A., LL.D.**

**Jawgura l-festa t-tajba**
**Lill-Imqabbin kollha**

Uffiċċji: 11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba, MQB 1330
Tel: 2164 7089 | Fax: 2122 3058 | Mobile: 79055392

62/3, Triq l-Ifran, Valletta, VLT 1454
Tel: 2122 3235 | Fax: 2122 3058







# Private Tuition

**Mathematics & Physics:** Forms **3, 4,** and **5 (SEC)**

**Pure Mathematics:** **MATSEC Intermediate** and **Advanced**
*(1st year course starting soon)*

**Locality:** Mqabba / Żurrieq
**Contact:** M. Debattista B.Ed. (Hons)
**Mobile:** 79 70 74 58



# Sena ta' Grazzja

**kitba tas-Superjur Joe Vidal - M.U.S.E.U.M. Mqabba**

Kemm tkun sena kbira dik li fiha jaħbtulek ħafna okkażjonijiet f'daqqa! Tabilħaqq, hekk ġara din is-sena, u għalhekk bir-raġun sejjaħtilha sena ta' grazzja. L-ewwel u qabel kollox, hija sena speċjali għalina l-membri tal-M.U.S.E.U.M. għaliex fiha qegħdin infakkru l-mitt sena mit-twaqqif ta' l-għaqda tagħna. It-tieni, għall-poplu kollu ta' l-Imqabba minħabba li l-Qasam tagħna din is-sena jagħlaq 75 sena mill-bidu tiegħu fil-Parroċċa. Iżda, b'mod partikulari wkoll għall-poplu Malti u Għawdxi kollu bil-Kanonizzazzjoni ta' l-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca.

San Ġorġ Preca kien iħobb jgħid li xejn ma jiġri bl-addoċċ, iżda kollox fid-dawl tas-sapjenza t'Alla, u fil-fatt kellu jiġi kkanonizzat proprju f'għeluq il-mitt sena tas-Soċjetà li hu stess waqqaf. Darba wieħed soċju staqsa lil San Ġorġ, "Int qaddis?", għax in-nies kienu diġà jqisuh hekk. Huwa wieġbu, "Le, miniex, iżda nixtieq insir". U sar tassew għax issa għandna wkoll il-konferma ta' dan mill-Knisja universali. Il-Papa mhux biss iddikjarah qaddis, iżda talbu jidħol quddiem Alla għall-Knisja kollha. Fl-Iskrittura hemm miktub li Alla jeżalta lill-umli, hekk kif għamel lil Marija, għax hi wkoll kienet mara mimlija bl-umiltà. Dan jgħodd ukoll għal San Ġorġ Preca, li minkejja d-dinjità tiegħu ta' saċerdot, qatt ma tkabbar f'ħajtu, anzi xtaq li wara mewtu jintesa. Jekk nagħtu ħarsa lejn xi episodji mill-ħajja tiegħu, mill-ewwel nintebħu kemm kien umli. Kull meta kienu jirreferu għalih bħala l-fundatur



*Il-faċċata tal-Museum tas-Subien fl-Imqabba*

tal-M.U.S.E.U.M., hu kien jirrifjuta dan it-titlu, u jgħidilhom li kien San Pawl li waqqaf is-Soċjetà għax kien minn għandu li silet din l-idea. Barra minn hekk, hu qatt ma ried lil ħadd jeħodlu ritratti. Fost l-oħrajn, insemmu l-ġrajja ta' meta ġie mistieden mill-Ingliżi biex ibierek magna ġdida fil-*laundry* u hekk kif lemaħ wieħed Ingliż lest biex jeħodlu ritratt, bagħat lis-superjur ta' San Ġiljan li kien jaħdem fil-post, jgħidlu, "*The father hates photos*". L-umiltà tiegħu wasslitu biex meta kienu jgħajruh kien iżomm sieket. L-ilbies sempliċi tiegħu kien ukoll xhieda ta' din il-virtù, u xi kultant kont anke ssiblu xi roqgħa fi ħwejġu. Episodju ieħor magħruf hu meta darba Dun Ġorġ kien ħiereġ iqarben il-morda u wieħed saċerdot tah il-kowt tiegħu biex jilqagħlu l-kesħa, iżda Dun Ġorġ ma libsux għax rah sabiħ wisq. U tabilħaqq, għax kien umli, Alla għażlu u fdah bit-tagħlim tal-poplu.

Fil-fatt, mitt sena ilu, ġewwa dar ċkejkna fil-Ħamrun, huwa beda din l-opra li mbagħad infirxet ma' Malta kollha u saħansitra ħarġet barra minn xtutna. Kien bidu pjuttost kwiet bħalma wara kollox kien seren l-ambjent tal-kamra ta' fuq tad-dar tiegħu li fiha huwa tant qatta' ħin f'meditazzjoni ma' Alla. Ma kienx hemm dawl elettriku u l-membri kienu joqogħdu bil-qiegħda fuq daqsxejn ta' ħasira ma' l-art għad-dawl tal-lampa tal-pitrolju, waqt li Dun Ġorġ kien joqgħod bil-qiegħda fuq kaxxa mdaqqsa. Hekk kibret iż-żerriegħa li żera' Alla, bi tfal, żgħażagħ u adulti jisimgħu l-Kelma ta' Alla. Minn dan joħroġ li l-għan tas-Soċjetà huwa t-tagħlim, li għal Dun Ġorġ hu l-għajn ta' kull ġid. Hu ried li waqt li jgħallmu d-duttrina, is-soċji tal-M.U.S.E.U.M. ikunu huma wkoll imħarrġa fit-tagħlim. Għalhekk, huwa ħoloq siegħa ta' tagħlim kuljum, imsejħa l-Assenjatur, għax ħadd ma jagħti minn dak li m'għandux. Illum, is-Soċjetà tinsab f'diversi pajjiżi fosthom l-Awstralja, is-Sudan, il-Kenja, l-Ingilterra, l-Albanija u l-Perù.

Ħamsa u għoxrin sena wara li nfetħet l-ewwel dar



*San Ġorġ Preca waqt waħda mis-Sajdiet Museumini*

# Dilja Car Imports Ltd.

## IMPORTERS OF JAPANESE CARS

Labour Road, Marsa

*(Next to Shipbuilding)*

Tel: 2122 6793

Fax: 2122 4144



# *Lorraine's*

Beauty Clinic

*Lorraine Muscat I.T.E.C.*

*Beauty Therapist, Electrologist*



- Facials
- Specialised Facial Treatments
- Pedicures
- Manicures
- Hand & Foot Treatments with Paraffin Wax
- Eyebrow & Eye Lash Tinting
- Eyelash Perming
- Waxing
- Electrolysis
- Slimming Treatments
- Make-up for all occasions
- Make-up lessons (1-1 1/2 hours)
- Aroma Therapy Massage
- Paraffin Wax Treatment
- Nail Acrylics
- Nail Art

**Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba**

**Tel: 2168 9785 / 2164 1263. Mobile: 9945 0647**



*Kappella moderna li tinsab fil-Museum tas-Subien*



*Venja ta' talb fil-Kappella tal-Medalja Mirakoluża ġewwa l-Blata l-Bajda fejn jinsab il-korp ta' San Ġorġ Preca.*

fil-Ħamrun kien imiss li jinfetaħ il-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. fl-Imqabba. Dan seħħ wara laqgħat li kienu jsiru fil-kappelli ta' San Bażilju u Santa Katerina u li wasslu biex numru ta' żgħażagħ Imqabbin jitħajru jingħaqdu fis-Soċjetà. Fost dawn insemmu lil Innocenzo Debattista, Andrea Magro u Toni Zammit. Wara ftit, eżattament fis-7 ta' Novembru 1932, bl-għajnuna ta' tliet soċji mis-Siġġiewi, bdew jgħallmu d-duttrina b'mod regolari. Kemm tfal attendew għat-tagħlim biex jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof! Kemm żgħażagħ iffurmaw lilhom infushom! Kemm ġid sar tul dawn l-aħħar 75 sena!

Għalhekk, l-ewwel ħajr tiegħi f'ismi u f'isem is-soċji ta' l-Imqabba jmur lil Alla talli f'din is-sena speċjali tefa' l-barka tiegħu fuqna, u nitolbuh jibqa' jħarisna. Grazzi wkoll lil ħafna benefatturi li għenu biex din l-opra setgħet titwettaq. Grazzi mill-qalb.

***Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lis-Soċjetà tal-MUSEUM fl-okkażjoni tal-100 sena mit-twaqqif tagħha u f'għeluq il-75 sena mill-ftuħ tal-MUSEUM ġewwa l-Imqabba.***

F1 CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420

# Starbrite

## Dry Cleaning

Triq Tas-Sejba, Mqabba
Tel/Fax: 2168 3367

# James Green

## Funeral Service

**Irrikorru**
**“Green House’,**
**St. Catherine Street,**
**Qrendi**

**Tel: 2164 2738, 2164 2508, 2164 7791**
**Mobile: 9949 4880, 9949 7959**

# Mobiltech

**Prop. John W. Cutajar**

## *Auto Electric Service*

**Valletta Road, Ûurrieq ZRQ 06**
**Tel: (+356) 2164 0466 – Fax: (+356) 2164 7052 – Mob: 9949 8465**
**E-mail: mobiltech@global.net.mt**



# San Ġorġ Preca
# u s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

## *L-Ewwel Qaddis Malti*
## *100 Sena mit-Twaqqif tal-M.U.S.E.U.M.*

**1880:** 12 ta' Frar: Dun Ġorġ twieled minn Vinċenz Preca (li kien iben Ġorġ u Karmela Mizzi) u Natalina, (imwielda Ceravolo u bint Antonju u Marija Canto) fi 53 Triq il-Punent, il-Belt Valletta.

**1880:** 17 ta' Frar: Ġie mgħammed fil-Parroċċa tal-Portu Salvu, fil-Belt Valletta minn Patri Vinċenz Cousin, u ngħata l-ismijiet ta' Ġorġ, Pawlu, Manwel, Ġwanni, u Piju. Il-parrinijiet tiegħu kienu Ġwanni u Marjanna Coppini.

**1888:** 2 t'Awissu: Wara li l-familja tiegħu għaddiet toqgħod għal żmien qasir f'Birkirkara u minn hemm għall-Ħamrun, iċ-ċkejken Ġorġ irċieva s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu mill-Isqof Kapuċċin Mons. Anton Buhagiar. Il-parrinu tiegħu kien Dun Karm Gatt.

**1899:** 5 ta' Settembru: Is-Seminarista Ġorġ Preca nkiteb fil-Pija Unjoni ta' Ġesù Nazzarenu fil-Knisja tan-Nazzarenu f'Tas-Sliema fejn dik il-Pija Unjoni kienet affiljata mas-Santwarju ta' Ġesù Nazzarenu f'Ruma.

**1905:** 8 ta' April: Miet Dun Alwiġ Galea, saċerdot ta' qdusija li kien il-Konfessur tas-seminarista Ġorġ Preca. Hu jiirrakkonta li dan deherlu u ħabbarlu x'kienet il-missjoni li Alla ried jafdalu f'idejh.

**1906:** Kien żmien li matulu Dun Ġorġ beda jlaqqa' xi żgħażagħ, u jkellimhom fuq il-passjoni ta' Kristu. Dawn il-laqgħat kienu jsiru fl-għalqa li f'dak iż-żmien kienet tinsab quddiem il-Parroċċa ta' San



*San Ġorġ Preca, kanonizzat qaddis nhar it-3 ta' Ġunju, 2007.*

Gejtanu, il-Ħamrun.

**1906:** 22 ta' Diċembru: Għalkemm marid sewwa, Dun Ġorġ ġie ordnat saċerdot. Imma, skond il-Professur Enriku Meli, missieru ma kellu għalfejn joqgħod jixtrilu xejn għaliex hu kien sejjer imut malajr.

**1906:** Nhar il-Milied: Dun Ġorġ qaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Parroċċa ta' San Gejtanu.

**1907:** Dun Ġorġ beda, jlaqqa' ż-żgħażagħ fil-Knisja msejħa Ta' Nuzzu, u jgħallem fil-Parroċċa tal-




*Santa tifkira ta' l-ewwel quddiesa ta' San Ġorġ Preca fl-1906.*

Ħamrun, sakemm fis-7 ta' Marzu nkriet l-ewwel dar li kienet f'numru 6 Triq Fra Diegu, il-Ħamrun.

**1907:** Is-Soċjetà ssejħet M.U.S.E.U.M. - "Magister, utinam sequatur Evangelium universus mundus". li tfisser, "O Mulej, kemm nixtieq li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju Tiegħek".

**1909:** Lejn din is-sena, is-Soċjetà M.U.S.E.U.M., għaddiet minn żminijiet koroh. Dun Ġorġ irċieva l-ordni li jagħlaq il-Mużewijiet kollha; imma, għalkemm baxxa rasu, u kien lest biex jobdi, hu ma laħaqx għalaq ħlief wieħed. L-ordni kienet ġejja mill-Isqof ta' Malta Pietru Pace. Ħafna kienu fesfsu f'widnejn l-Isqof ta' Malta dwar it-tiġrb li seta' jiġi minn dik is-Soċjetà ġdida. Imma ma naqsux lanqas dawk il-Kappillani li qabżu għal Dun Ġorġ; u kien bil-ħila tagħhom li dik l-ordni ma ġietx esegwita. Madanakollu, l-għeluq ta' qasam sewa ta' ġid għal Dun Ġorġ għaliex l-Isqof ra li hu kien lest biex joqgħod għal li jgħidlu. Għal dawn ir-raġunijiet l-ordni li l-Oqsma jingħalqu ġiet irtirata, u l-opra tas-Soċjetà baqgħet sejra.

**1910:** Dun Ġorġ waqqaf il-fergħa tal-bniet: imma ried ukoll li din tkun dejjem mifruda minn dik tas-Subien.

**1913:** Dun Ġorġ ta' sikwit jirrakkonta li, lejn din is-sena, fi triqtu bil-mixi lejn Raħal Ġdid, meta kien għaddej mill-Marsa qrib fejn kien hemm Salib tal-ġebel f'nofs it-triq, lilu deherlu li ra 'l Ġesù, fix-xbieha ta' tfajjel, qiegħed jiġbed karretta mimlija bid-demel. Hu ħass

Big BUN Caterers

• Fresh daily bread

• 24 hrs
Delivery service
Big BUN Caterers
10, Bajjada Street Żabbar
Tel: 21 803 897
Mob 79 803 897

li lilu l-Mulej sejjaħlu biex jgħinu. Dun Ġorġ mar jimbotta mingħajr ma qagħad jaħsibha xejn, u jirrakkonta wkoll li ħass ħlewwa kbira huwa u jimbotta, imma mbagħad, hu nnifsu lanqas jaf kif reġa' sab ruħu waħdu fit-triq. Dun Ġorġ deherlu li fehem b'mod ċar li l-Mulej kien qiegħed isejjaħlu biex jissokta f'dik l-opra kbira għat-tagħlim li kien beda permezz tas-Soċjetà li kien għadu kif waqqaf.

**1914:** Fi żmien ta' kalunnji, Dun Ġorġ ordna li s-Soċi tiegħu jagħmlu l-vot tal-manswetudni li bih rabathom li ma jivvendikawx ruħhom minn min jonqoshom.

**1917:** 3 ta' Diċembru: Dun Ġorġ, għall-ewwel darba, għamel użu mill-kelmiet:"Verbum Dei Caro Factum Est": meta kitibhom fuq biċċa karta, u qegħidhom fuq sider missieru li kien qiegħed imut.

**1917:** Dun Ġorġ ħass li missieru deherlu u kellmu. Hu raddlu ħajr talli kien qegħidlu l-kliem tal-" Verbum Dei" fuq sidru waqt il-mewt. Dik l-espressjoni dejjem baqgħet l-iktar waħda li laqtitu. Dawk il-kelmiet li jfissru 'L-lben t'Alla sar Bniedem' bdew jidhru ma' kullimkien: fid-djar, fil-ħwienet, fil-postijiet tax-xogħol, fuq il-karrozzi u, b'mod speċjali,



Dun Ġorġ fl-aħħar snin

fuq il-ġlekk jew il-libsa tal-membri kollha tal-M.U.S.E.U.M. Sadattant, San Ġwann Battista kien intagħżel bħala Patrun tas-Soċjetà.

**1918:** Il-membri tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M., għall-ewwel darba, bdew jużaw il-"badge" li ġġib il-kelmiet "Verbum Dei Caro Factum Est".

**1918:** 21 ta' Lulju: Dun Ġorġ inkiteb Terzjarju Karmelitan, u pprofessa fis-6 ta' Settembru 1919. Bħala terzjarju, hu ħa l-isem ta' Patri Franku.

**1921:** Lejn din is-sena, bħala sinjal ta' qima lejn il-kelmiet tal-Evanġelju ta' San Ġwann: "Verbum (Dei) caro factum est", Dun Ġorġ ordna li kull Qasam tas-Soċjetà jagħmel dimostrazzjoni bix-xbieha taċ-ċkejken Ġesù mat-triqat u bil-kant ferrieħi tat-tfal lejliet il-Milied. Din il-purċissjoni saret l-ewwel darba fil-Ħamrun; imma, imbagħad, infirxet ma' kullimkien, u n-nies tkun tistennieha.

**1932:** 12 ta' April: Għalkemm ġieli stqarr li kemm idum Isqof hu, is-Soċjetà Museum ma japprovaha qatt, fil-fatt l-Isqof Mawru Caruana ħareġ id-digriet ta' l-erezzjoni kanonika tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Minn dak il-waqt l-isem uffiċjali sar "Societas Doctrinae Christianae" (Soċjetà għad-Duttrina Nisranija) magħrufa mill-poplu bħala M.U.S.E.U.M. Sa żmien l-approvazzjoni, l-isem kien għadu "Soċjetà ta' Ulied il-Papa".

**1932:** Infetaħ il-qasam tal-M.U.S.E.U.M. tas-subien ġewwa r-raħal ta' l-Imqabba.

**1941:** 2 ta' Awissu: Mons. Dun Pawl Galea, il-Vigarju Ġenerali, wara li ġew studjati u diskussi d-diffikultajiet li kienu nqalgħu, bagħat digriet ġdid li bih approva l-istatuti tas-Soċjetà. Imma, kif isir dejjem, il-Kurja Djoċesana żammet id-dritt li ddaħħal it-tibdil kollu li 'l quddiem jidher meħtieġ.



*Dun Ġorġ, flimkien ma' l-Arċisqof Mikiel Gonzi u Monsinjur Milanesi, waqt il-funzjoni tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tad-Dar Ċentrali: fit-2 ta' Ottubru, 1954.*

**1951:** 19 ta' Mejju: Dun Ġorġ bierek l-ewwel ġebla ta' l-iskola San Mikiel li s-Soċjetà M.U.S.E.U.M. kienet sejra tibni fl-inħawi ta' Santa Venera.

**1951:** 5 ta' Awissu: Waqt Funzjoni Solenni, tqegħdet l-ewwel ġebla ta' l-iskola San Mikiel mill-Arċisqof Gonzi.

**1951:** Dun Ġorġ, lis-Soċi tal-M.U.S.E.U.M., dejjem għafsilhom fuq li għandhom iġibu fuqhom il-Labtu tal-Karmnu u jitkellmu fuqu kemm jifilħu.

**1952:** Fis-27 ta' Ġunju, is-Soċjetà M.U.S.E.U.M. tat bidu uffiċjali għall-ħidma tagħha fl-Awstralja.

**1952:** 2 ta' Ottubru: Wara talba ta' l-Arċisqof Gonzi, ħareġ mill-Vatikan id-dokument li Dun Ġorġ Preca intagħżel Kamrier Sigriet tal-Papa Piju XII bit-titlu ta' Monsinjur. Dun Ġorġ ma kien jaf b'xejn bit-talba li kienet saret mill-Arċisqof ta' Malta.

**1952:** 20 ta' Ottubru: Id-diploma tal-ħatra ta' Monsinjur kienet waslet fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta. Għalhekk, l-Arċisqof sejjaħ lil Dun Ġorġ biex ikellmu. Dun Dun Ġorġ ħassu mnikket u lill-Arċisqof qallu, "Neħħejtli l-feliċità ta' ħajti."

**1959-1962:** Biex naraw jekk l-isem ta' Dun Ġorġ hux imqiegħed

# SPEND 'N' SAVE

**discount supermarket**

115, St Catherine Street
Żurrieq Tel: 2168 9878




***Fejn il-mara tad-dar issib minn kollox u fl-istess ħin tiffranka l-flus u toħroġ sodisfatta***

Offerta Speċjali:
ma' Lm 5 li tonfoq tieħu flixkun ilma b'xejn jew pakkett għaġin
ma' Lm10 li tonfoq tieħu 2 fliexken ilma b'xejn
ma' Lm20 li tonfoq tieħu 3 fliexken ilma b'xejn
ma' Lm30 li tonfoq tieħu 5 fliexken ilma b'xejn
ma' Lm40 li tonfoq tieħu 6 fliexken ilma b'xejn
ma' kaxxa Pepsi jew Light Cola tieħu flixkun b'xejn

Óin: mit-Tnejn sal- Ì img˙a mis-6.00am sas-7.00pm
Is-Sibt:6.00 a.m. - 6.30 p.m.

ma' dak tal-Kamrieri Sigrieti ta' dak iż-żmien. L-isem tiegħu baqa' ma nstabx. Dan ifisser li Dun Ġorġ ma baqax Monsinjur sal-mewt. Dan il-fatt jikkonferma għal darb'oħra li Dun Ġorġ ma kellu l-ebda rabta ma' titlu fieragħ. It-titlu kien ġie mogħti lilu bla ma xtaqu, u hu lanqas biss ma ta każ li jibqa' bih sal-mewt.

**1954:** 15 ta' Awissu: Dun Ġorġ fil-jum solenni ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija fis-sema, bierek biċċa art fil-Blata l-Bajda: fejn, minflok iċ-ċimiterju li kien hemm, kellha titla' d-Dar Ċentrali tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M.

**1954:** 2 ta' Ottubru: Tqiegħdet l-ewwel ġebla tad-Dar Ċentrali fil-Blata l-Bajda.

**1955:** 4 ta' Settembru: Dun Ġorġ bierek u qiegħed l-ewwel ġebla ta' l-Istitut Sagra Familja f'Ħaż-Żabbar. Il-ħsieb kien li 'l quddiem ikunu jistgħu jgħallmu s-snajja lit-tfal. Imma x-xogħol tal-Istitut kellu jkun dak ta' stamperija.

**1958:** 23 ta' Frar: Tqegħdet l-ewwel ġebla tal-Kappella li tmiss mad-Dar Ċentrali tal-Blata l-Bajda. Il-kappella kellha tissemma għall-Midalja Mirakuluża.

**1960:** 7 ta' Lulju: Minħabba saħħtu, Dun Ġorġ talab u qala' l-permess mingħand Papa Ġwanni XXII li jkun jista' jqaddes fil-Kappella tad-dar tiegħu.

**1961:** Dun Ġorġ għamel żmien twil jgħix fi Triq il-Kbira, numru 683, il-Ħamrun, kważi quddiem il-Parroċċa ta' San Gejtanu. Imma sena biss qabel il-mewt tiegħu eżattament f'Lulju, Dun Ġorġ biddel id-dar tiegħu biex mill-Ħamrun mar joqgħod f'Santa Venera: f'dar San Gejtanu fi Triq il-Ġdida ma' Triq Kanun.

**1962:** Lulju: Dun Ġorġ kien batut ħafna u taħ l-ewwel attakk gravi tal-marda li kellha twasslu għal tmiem ħajtu.




*Tifkira tal-mewt ta' Dun Ġorġ Preca nhar is-26 ta' Lulju 1962,*

**1962:** 8 ta' Lulju: Lil Dun Ġorġ għamlulu l-Griżma tal-Morda.

**1962:** 26 ta' Lulju: Dun Ġorġ miet fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħaxija. Għalkemm Dun Ġorġ xtaq li jkollu funeral sempliċi, is-Soċjetà ħassitha fid-dmir li lill-Fundatur tagħha tagħmillu funeral li kien jixraqlu. Dan kien ukoll mistenni minn kulħadd għaliex f'Dun Ġorġ il-Maltin kollha raw benefattur kbir ta' art twelidhom.

**1963:** Is-Superjur Ġenerali Ewġenju Borġ, f'isem is-Soċjetà MUSEUM, irriakomanda l-każ ta' Dun Ġorġ Preca sabiex l-Arċisqof Mikiel Gonzi jara jekk hux il-waqt li l-qdusija tal-Fundatur titressaq biex tiġi eżaminata mill-Awtorità Suprema tal-Knisja.

**1964:** 3 ta' Frar: L-ewwel miraklu li seħħ bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ kien il-fejqan fuq Charles Zammit Endrich, wara li kellu kumplikazzjonijiet fid-dawl t'għajnejh.

**1971:** 29 ta' Settembru: L-Arċisqof ta' Malta ppreżenta lill-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin id-dokumenti meħtieġa għall-introduzzjoni tal-kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ, u anki talba formali biex is-Soċjetà M.U.S.E.U.M. tiġi magħrufa bħala "Istitut Sekulari".

**1972:** 21 ta' Frar: Il-Kongregazzjoni Pontifiċja għall-kawżi tal-Qaddisin wieġbet lill-Arċisqof Mikiel Gonzi li, wara li ġew eżaminati d-dokumenti kollha li hu ppreżenta, il-gudizzju tagħha kien wieħed favorevoli.

**1975:** Wara li l-Awtoritajiet Rumani taw il-kunsens tagħhom biex tkun tista' tibda l-kawża ta' Dun Ġorġ, fit-13 ta' Marzu, il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin iddikjarat li l-Arċisqof ta' Malta seta' joħroġ id-digriet għall-ftuħ tal-kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ, u ngħata wkoll is-setgħa li jwaqqaf Tribunal biex jibda l-Proċess. L-Arċisqof Mikiel Gonzi ħareġ id-digriet ta' l-introduzzjoni tal-kawża ta' Dun Ġorġ Preca nhar l-24 ta' Ġunju.

**1976:** 25 ta' Frar: Infetaħ it-Tribunal Arċidjoċesan ta' Malta għall-kawża ta' Dun Ġorġ skond il-preskrizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Liġi tal-Knisja u l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin.



***Il-membri tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M. bi ħġarhom miġburin flimkien fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann waqt iċ-ċelebrazzjonijiet solenni li fakkru għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tas-Soċjetà.***

TROCADERO

Pastizzeria & Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju,**
**Mqabba**

*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**



# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**



# J. Cutajar

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba ŻRQ 08
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*


SEGRETERIA DI STATO
DI SUA SANTITA

Sanctissimus Dominus Noster
Pius PP. XII
adlegere dignatus est inter Suos Cubicularios intimos Rev Dominum
Georgium Preca
ex Archidioecesi Melitensi.
Quod quidem eidem Rev. Domino Preca opportune significatur.
Ex Aed. Vat., die 2 Octobris 1952

Substitutus Secretariae Status

***B'dan id-dokument ta' Papa Piju XII, iffirmat minn Ġwanni Battista Montini, Dun Ġorġ intgħażel Kamrier sigriet tal-Papa bit-titlu ta' Monsinjur. Dun Ġorġ minflok ma feraħ, sewwed qalbu għaliex qatt ma xtaq il-ġieħ tad-dinja.***

**1983:** Is-Soċjetà M.U.S.E.U.M. tat bidu uffiċjali għall-ħidma tagħha fis-Sudan.

**1988:** Ħames snin wara s-Soċjetà M.U.S.E.U.M. tat bidu għall-ħidma tagħha ġewwa l-Kenja u l-Ingilterra.

**1995:** Is-Soċjetà intalbet formalment biex tgħin fit-twaqqif u tmexxi l-iskola Preca College fl-Albanija.

**1999:** 28 ta' Ġunju: Dun Ġorġ Preca ġie ddikjarat bħala Venerabbli.

**2001:** 9 ta' Mejju: Waqt żjara f'Malta mill-Papa Ġwanni Pawlu II, Dun Ġorġ Preca ġie ddikjarat Beatu flimkien ma' Suor Maria Adeodata Pisani u l-Venerabbli Nazju Falzon.

**2001:** Lulju: Il-fejqan ta' tarbija minn Ħaż-Żebbuġ, bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ kien it-tieni u l-aħħar miraklu li l-Vatikan approva u kellu bżonn biex il-fundatur tal-M.U.S.E.U.M. isir qaddis. It-tarbija (illum tifel ta' sitt snin) kellu kumplikazzjonijiet severi fil-fwied.

**2003:** Jannar: Is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. bdiet uffiċjalment il-ħidma tagħha ġewwa l-Peru'.

**2007:** 3 ta' Ġunju: Il-Papa Benedittu XVI iddikjara lil Dun Ġorġ bħala l-ewwel Qaddis Malti waqt ċerimonja li saret ġewwa l-Vatikan, Ruma. Inċidentalment



***Dun Ġorġ għamel ħiltu biex ikabbar id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija; lilha s-Soċjetà M.U.S.E.U.M. iddedikat il-Knisja li nbniet maġenb id-Dar Ċentrali fil-Blata l-Bajda.***

din is-sena jaħbat ukoll l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

L ROYAL L
MOTORING SCHOOL

**Driving Lessons on Automatic Car**

**Call PAUL on**

**79729451 /**
**79797272**

- Door to door pick-up: Home, work, etc
- Car with A/C
- Special attention given to drivers who already have the licence and are afraid to drive alone and need a little more lessons to drive
- Insurance and VAT included in the price
- No hidden charges
- Money back guaranteed if client is not satisfied

# XELINI

## Skip Hire




**Contact:**

**Mr. Esron Mifsud**

**Mob: 7923 0112**


Ta' Frida
Pet & Garden
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba. Tel: 21642693
vasar
Dog & cat food, tropical fish, aquariums, pets, affarijiet
għad-delizzju tas-sajd u affarijiet għall-ġonna


WHEN IT COMES TO CONSTRUCTION
NO ONE
HAS RISEN
TO GREATER
HEIGHTS
Over the years we have quietly built a reputation of being capable of tackling any kind of construction project, large or small.
We have tackled projects that have led us to build upwards, downwards and sideways, each time proving our ability to keep to time scales and budgets.
It is no surprise, therefore, that when the chance to build Malta's tallest building came about, our company was the natural choice.
elbros
Reliability - Flexibility - Determination
ELBROS CONSTRUCTION LTD.
Triq l-Industrija, Kirkop.
Telephone: 2124 9999, Fax: 2168 5075
email: info@elbros.com.mt




# Callus
Landscaping & Gardening

- Detailed Design & Landscaping
- Automatic water irrigation
- Ponds and water falls
- Natural & artificial rocks-scaping
- Suppliers of all types of trees, palms and shrubs
- Real carpet lawns
- Garden Cleaning and Maintenance
- Pruning of Trees
- Free consultation

*We can alter your garden to your likings!*

'Serjo' • Triq Wied Xkora • Siggiewi

Tel: 2146 4602 | Fax: 2740 5135 | Mob: 7940 5135 • 7906 2797

E-mail: callusj@onvol.net

# Viva ta' Santa Marija ta' l-Imqabba



**miktuba minn Charlie Busuttil**

Disa u għoxrin t'April
sena elfejn u sitta
ta' l-Assunta ta' l-Imqabba
lesti kollha għal dik il-qatra

Ġewwa Malta saret festa
kompetizzjoni dik tan-nar
bejn Maltin u Ewropej
eluf ta' nies marru jaraw

Kieku tafu dan min kien
meta ġew biex jivvutaw
rebbieħa tal-kompetizzjoni
Ta' l-Imqabba lilhom taw

Jiena rajtu fuq DVD
kellkom żgur li lkoll tiftaħru
minn qalbi nawguralkom
minn jaf kemm intom li fraħtu

Raħal żgħir ta' ħila kbira
ma' Marija magħqudin
għandkom ħafna biex titkellmu
għaliex f'Malta imfaħħrin

Imżejjen dak l-isparar
għal murtali u mużika
warda tiftaħ forma ħelwa
issebbaħ lil dik iż-żifna

Jistennew marċ ta' fil-għodu
dawk iż-żgħażagħ kollha flimkien
fuqhom għandhom il-Madonna
biex tħarishom mill-inkwiet

Hekk għamilna tal-familja
Inġbarna kollha bil-qiegħda
Nixorbu xi ħaġa rqieqa
Marċi smajna ferriħija

Kemm xtaqt li kont il-festa
noqgħod fuq dak is-siġġu
lira minn qalbi jiena ntikom
Nitpaxxa b'dak li għamiltu

Maħdum b'intelliġenza
anke raġel jiġri fis-sema
sabiex jirbaħ dik it-tiġrija
bħalu żgur li qatt ma rajna

Iddispjaċini meta smajt
li fil-festa qattret ftit xita
nispera li ħadtu pjaċir
għal Marija ġiet imwettqa

Ċelebrità volum erba'
pjaċir nisimgħu u nkantah
lejn Marija nduru aħna
nitolbuha tieqaf magħna

Jien minn qalbi nsellmilkom
j'Alla tibqgħu dejjem flimkien
għax għalija inthom wieħed
pajjiż żgħir imma kburin

Għalkemm jien minn Raħal Ġdid
milli rajt u dak li smajt
fuq dan-nies li jagħmlu n-nar
tgħaxxaqt bikom jien u fraħt

Ix-xewqa li jien baqagħli
meta ninżel nerġa' Malta
narakom ġewwa l-Imqabba
u nixrob magħkom dik il-qatra

St. Albans Victoria Australia
10 ta' Ottubru 2006






# A&A
## Stone Decorations

*For all kinds of stone works, fireplaces, coving, units, kitchens, BBQ's, etc...*

**We also do gypsum, plastering & painting.**

**Mob:**
(Alex) **9982 1402,**
(Andrè) **9944 7971**



# Victoria's Beauty Parlour

VICTORIA CUTAJAR - Beauty & Body Therapist & Electrologist C.I.B.T.A.C., DIP - CIDESCO
8, Triq Is-Suq, Qrendi Tel: 2164 2676 Mob: 7920 7158

Professional Services Include:
Facials (Specialized Face Treatments)
Non Surgical Face Lifting
Hydradermie Lift eyes
Body Treatments
Ultratone Slimming Treatments
Body Massage
Authentic indian head massage
Spa Treatments
Hydrotherapy Bath
Waxing
Electrolysis
Manicures & Pedicures
Eyebrow/Eyelash Tinting
Make-Up for all occasions




GUINOT INSTITUT • PARIS | MARY COHR PARIS | dermalogica | ULTRATONE | MAKE-UP MADE IN ITALY EVA GARDEN by Paolo Gualtieri



*L-attivist tas-Sena*

# Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.

Bħal kull sena s-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippreżenta l-unur ta' l-attivist tas-sena lil dak jew dawk il-persuni li fl-opinjoni tagħha jkunu ddistingwew ruħhom b'xi mod aktar minn oħrajn. Għall-impenn u ħidma matul is-sena. Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li bla dubju għandhom għal qalbhom ferm is-Soċjetà tagħna.

L-attivist għal din is-sena kien fil-fatt is-Sur Ronald Zammit. Dan l-unur ġie ppreżentat nhar l-10 ta' Awissu 2006 waqt il-programm vokali u strumentali mtella' mill-Banda Re Ġorġ V.

Ronald huwa bniedem attiv ħafna speċjalment fejn jidħol in-nar. Huwa bniedem ta' kuraġġ kbir u dejjem iħeġġiġna biex l-ispettakli tan-nar u l-festa li tant iħobb ma jkun jonqoshom xejn. Kull naqra ċans li jkollu tarah dejjem il-post tan-nar, fejn iqatta' ġranet sħaħ fil-post li tant hu għal qalbu. Ronald hu bniedem ħabrieki ħafna fil-ħidma tan-nar u dejjem jagħti kontribut qawwi biex il-festa ta' Santa Marija tkun imżewqa bl-isbaħ spettakli ta' nar li jixraqilha. Fil-fatt Ronald huwa l-moħħ jew aħjar il-koordinatur fejn jidħlu l-ispettakli tan-nar ta' l-ajru sinkronizzati mal-mużika li issa l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba hija tant rinomata għalihom. Ronald, bil-għajnuna ta' sħabu kollha li b'mod volontarju jaħdmu n-nar, kien strumentali fir-rebħ ta' l-Ewwel Festival tan-Nar ta' Malta propju s-sena l-oħra fejn l-Għaqda rnexxielha tirbaħ l-unuri għall-aħjar spettaklu tan-nar, l-aħjar sinkronizzazzjoni mal-mużika, l-aħjar prodott oriġinali, l-aħjar spettaklu skond l-opinjoni pubblika u finalment l-unur għar-rebbieħa assoluti ta' dan l-ewwel festival tan-nar.

Prosit Ronald u l-membri kollha fi ħdan l-Għaqda tan-Nar Santa Marija.



*Is-Sur Ronald Zammit jidher qed jirċievi t-trofew mingħand il-familja Martin fil-preżenza tas-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*





*Spettaklu li ddikjara l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba bħala l-Ewwel Rebbieħa Assoluta ta' l-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta 2006 organizzat ġewwa l-Port il-Kbir. (Ritratti: Melvin Degiorgio)*

3M Take Away

SOUTHERN STYLE Chicken

*We also make Pizza*

**9, Blue Grotto Avenue, Żurrieq**
**Tel: 21642986 Mob: 79476573**

# Sunray Butcher

**40, Church Square, Mqabba**
**Tel: 2168 3690**

**G˙al kull kwalità ta’ La˙am Frisk,**
**Ti©ie© u Fniek, Bajd, eçç**

# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

(ta’ Rita)
Now Under New Management
Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 9.00 onwards

# L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba



## *Sena Sħiħa Mimlija Wirjiet tal-Logħob tan-Nar*

L-ispettakli tal-logħob tan-nar ilhom sinonimi mal-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija issa stabbiliet ruħha bħala Għaqda li qed tipprovdi spettakli simili matul is-sena kollha f'Malta u dan l-aħħar ukoll barra minn pajjiżna.

Dawn l-aħħar 12-il xahar mill-aħħar edizzjoni ta' dan il-Programm kienu xhur impenjattivi li matulhom l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba, apparti li għamlet il-wirjiet ta' kull sena fil-festa tar-raħal, ipprovdiet żewġ spettakli fil-Port il-Kbir għal konferenza ta' aġenti ta' l-ivvjaġar barranin, għalqet il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir bħala l-ewwel rebbieħa tal-kompetizzjoni fl-istess festival, ħadet sehem fil-festival tan-nar ta' l-art lejlet il-festa tal-Furjana u issa qed tieħu sehem ukoll għall-ewwel darba fl-istorja tagħha u ta' l-Imqabba barra minn Malta fil-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-nar f'Ruma, l-Italja. Il-logħob tan-nar f'dawn il-wirjiet kif ukoll il-koreografija mużikali kienu kollha xogħol id-dilettanti ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija.

### 30 ta' Lulju – 22 ta' Awissu 2006: Ċelebrazzjoni kif jixraq fil-Festa




Il-festa ta' Santa Marija s-sena l-oħra kellha tifsira speċjali wara li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba f'April ta' qabel kienet rebħet l-ewwel kompetizzjoni li saret fil-Festival tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir. L-entużjasti tan-nar tal-festa tar-raħal ħejjew spettakli tal-logħob tan-nar kif jixraq għall-ewwel festa wara r-rebħ tal-Festival.
L-ispettakli kienu tul il-jiem kollha tal-festa u laħqu l-quċċata tagħhom nhar il-festa u lejlietha meta sar l-ispettaklu li kien fih logħob tan-nar varjat sinkronizzat ma' siltiet magħrufin ta' mużika klassika permezz ta' sistema kompjuterizzata u koreografat mid-dilettanti ta' l-Għaqda. L-istess sistema kompjuterizzata ntużat ukoll nhar il-festa fil-kaxxa infernali tal-ħruġ. Il-wirjiet matul il-jiem tal-festa kienu jinkludu wkoll murtali tradizzjonali tal-murtaletti, tal-beraq pront u tal-kulur u logħob tan-nar ta' l-art flimkien ma' kaxxi infernali.

### 2 u 5 ta' Diċembru 2006: Żewġ wirjiet fil-konferenza ta' Thomas Cook

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba fil-bidu ta' Diċembru li għadda ġiet inkarigata tipprovdi żewġ wirjiet tal-logħob tan-nar waqt il-Konferenza ta' Thomas Cook li saret f'Malta. L-elfejn manager ta' Thomas Cook li ġew Malta nqasmu f'żewġ gruppi li kull wieħed minnhom ra spettaklu fil-Port il-Kbir fi tmiem żewġ ikliet fit-2 u fil-5 ta' Diċembru li saru għalihom fil-Barrakka ta' Fuq. L-ispettakli bdew kull wieħed b'wirja awdjo-viżiva dwar l-istorja ta' Malta b'logħob tan-nar ta' l-Għaqda u projezzjonijiet ta' Ross Ashton fuq il-forti Sant Anġlu.

Immedjatament wara, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ipprovdiet il-wirjiet ta' logħob tan-nar minn Bighi. L-ispettakli kien fihom ukoll logħob tan-nar fuq l-ilma u fuq 'jet-skis' madwar il-Port









Msida multi-level intersection



Msida multi-level intersection



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commercial Centre, Sliema



St.James Art Centre, Valletta

**BALLUT BLOCKS LTD.**

**Civil Engineering Contractors,
Manufacturers of
precast concrete products
and suppliers of
building materials.**

**Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar
Tel: 2157 3093, 2157 2666 • Fax: 2157 5562**





*Ritratti f'serje taż-żewġt irdieden fil-kategorija prinċipali huma u jagħtu l-ispettaklu tagħhom u li għalih ġew ikklassifikati 'l fuq fost il-lista ta' l-14-il għaqda li pparteċipaw.*





u logħob ieħor varjat sinkronizzat b'sistema kompjuterizzata ma' siltiet mużikali klassiċi.

## 21 ta' April 2007: Sehem fil-festival tal-logħob tan-nar ta' l-art

Il-Kunsill Lokali tal-Furjana lejlet il-festa titulari ta' San Publiju organizza festival tal-logħob tan-nar ta' l-art. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ħadet sehem bi tlett irdieden f'dan il-festival, waħda fil-kategorija għall-irdieden oriġinali u tnejn fil-kategorija ewlenija tal-festival. It-tlett irdieden ħadmu kollha b'suċċess kif ippjanat u l-pubbliku preżenti seta' jara fihom id-diversi mekkaniżmi, uħud li bdew jintużaw fil-passat proprju fil-ġiġġifogu fil-festa ta' l-Imqabba. Il-festival tan-nar ta' l-art intrebaħ mill-Għaqda 'Unjoni' ta' Ħal Luqa li nifirħulhom (ara wkoll il-punteġġ taħt).



*Ir-Raddiena fil-Kategorija ta' l-Oriġinalità*

### L-Ewwel Festival tal-Logħob tan-Nar ta' l-Art 2007

Il-Punteġġi uffiċjali kif mogħtija mill-Ġurija Internazzjonali

| | Għaqda tan-Nar | Raħal | L-aħjar Mekkaniżmu | L-aħjar xogħol bil-Katina | L-ahjar Prodott | Punteġġ Finali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sant' Andrija | Luqa | 145 | xejn | 87 | 232 |
| 2 | San Ġużepp | Kirkop | xejn | 140 | 86 | 226 |
| 3 | Santa Marija | Mosta | 137.5 | xejn | 84.5 | 222 |
| 4 | Santa Marija | Mqabba | 70 | 73 | 77 | 220 |
| 5 | San Pawl | Safi | 135 | xejn | 83 | 218 |
| 6 | Qrendi | Qrendi | 128 | xejn | 75 | 203 |
| 7 | San Ġużepp | Żebbuġ | 127 | xejn | 74 | 201 |
| 8 | Taċ-Ċintura | Gudja | 65 | 60 | 74 | 199 |
| 9 | Tal-Ġilju | Mqabba | 122 | xejn | 74 | 196 |
| 10 | Tad-Duttrina | Gudja | 110 | xejn | 80 | 190 |
| 11 | Santa Katarina | Żurrieq | 61 | 58 | 65 | 184 |
| 12 | Tal-Vitorja | Naxxar | 53 | 55 | 63 | 171 |
| 13 | San Bartilmew | Għargħur | 101 | xejn | 53 | 154 |
| 14 | Santa Marija | Għaxaq | 43 | 47 | 50 | 140 |


SPECTACULAR FIREWORKS
by the First Fireworks Festival Winners and participants in Rome 'Caput Lucis' Fireworks World Championship
Santa Marija, MQABBA
Tuesday 14th August @ 9.45pm
Wednesday 15th August @ 7.00pm





## 1 ta' Mejju 2007: Għeluq tal-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba din is-sena kellha l-privileġġ li tagħlaq il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li sar fil-Port il-Kbir u li għat-tieni darba ħa l-forma ta' kompetizzjoni. Billi l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet rebħet l-ewwel kompetizzjoni s-sena ta' qabel, skond ir-regoli tal-Festival, ma ħaditx sehem fil-kompetizzjoni iżda kellha d-dritt li tagħlaq il-Festival. Hekk għamlet bi spettaklu ta' logħob tan-nar minn fuq il-braken fil-Port il-Kbir f'nofs il-lejl, hekk kif qaleb l-Ewwel ta' Mejju; it-tielet anniversarju tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Il-wirja kienet tinkludi logħob tan-nar varjat u spettakolari kollu xogħol id-dilettanti ta' l-Għaqda, sinkronizzat ma' siltiet ta' mużika klassika u koreografat mid-dilettanti ta' l-Għaqda. Qabel l-għeluq tal-Festival, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kellha l-pjaċir tgħaddi l-'Aggregate Shield' li kienet l-ewwel Għaqda li naqqxet isimha fuqha s-sena ta' qabel u tifraħ kif jixraq lill-Għaqda tan-Nar Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq li kienet ir-rebbieħa ta' din is-sena.

## 2 ta' Awissu 2007: L-ewwel parteċipazzjoni barra minn Malta

Fil-bidu ta' Awissu ta' din is-sena, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba qed tikteb paġna oħra kbira meta għall-ewwel darba fl-istorja tagħha u ta' l-Imqabba, qed tagħmel spettaklu tal-logħob tan-nar barra minn Malta.

L-Għaqda qed tirrappreżenta lil Malta fil-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar li jsir fil-provinċja ta' Ruma, l-Italja, bl-isem 'Caput Lucis', li bil-Latin ifisser 'kapitali tad-dawl'.

F'Ruma, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba qed tieħu sehem b'talent Malti u b'xogħol uniku għal Malta flimkien ma' ditti u għaqdiet tal-logħob tan-nar rinomati minn pajjiżi differenti madwar id-dinja u li jkunu magħżulin biex jiedu sehem għax ikunu urew li huma fost l-aqwa fid-dinja.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kien imissha tagħti l-ispettaklu tagħha l-Ħamis, 2 ta' Awissu. Il-parteċipanti l-oħrajn fil-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar f'Ruma qed jirrappreżentaw lill-Ġappun, l-Italja, l-Ingilterra, ir-Rumanija, is-Slovejna, Spanja u ċ-Ċina.



















# Jerry's Silencer Repairs






**Jerry's Garage**

Siġġiewi Road, Mqabba

Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237




# Programm tan-Nar



**It-Tnejn, 30 ta' Lulju:**
***Bidu tal-Kwindiċina***

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Hruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

**Il-Ħamis, 9 ta' Awissu:**
***Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier***

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-ħruġ ta' l-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Hruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Hruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

**Is-Sibt, 11 ta' Awissu:**
***L-ewwel jum tat-Tridu***

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.15pm** Hruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Hruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

**Il-Ħadd, 12 ta' Awissu:**
***It-Tieni jum tat-Tridu***
**Kollox bħall-jum ta' qabel.**

**It-Tnejn, 13 ta' Awissu:**
***It-Tielet jum tat-Tridu***
**Kollox bħall-jum ta' qabel.**

**It-Tlieta, 14 ta' Awissu:**
***Lejlet il-Festa***

**9.30am** Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Tohrog it-Tranżulazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar ta' l-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari sinkronizzati mal-mużika. Kif ukoll settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Din is-sena ser tintuża għall-ewwel darba fl-Imqabba s-sistema kompjuterizzata tal-*Fire One*.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat.

**L-Erbgħa, 15 ta' Awissu:**
***L-Għid ta' l-Assunta***

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Hruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-istatwa devota tal-Padruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Hruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

**L-Erbgħa, 22 ta' Awissu:**
***L-Ottava tal-Festa***

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali:** Bhas-snin ta' qabel, dan ix-xoghol kollu sar bis-sahha tal-membri ta' l-Ghaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċi u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier taghna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Ghaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min ghen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon shih ta' xogholhom u nitolbu biex Santa Marija tharishom waqt hidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-hruq.

# Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

For Receptions, Parties and all occasions

**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**



# C&G HARDWARE STORE

## 45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA

**TEL N$^{OS}$: 21642167 • 99885491**

- CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
- NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
- WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
- ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
- ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
- GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
- GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
- LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
- ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
- METAL FANS + GAS HEATERS
- 10% DISCOUNT ON PAINT
- CAR ACCESSORIES
- LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
- IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS




MOTTURA

SIGMA COATINGS

Sika

CISA

WÜRTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS

HAMMERITE
DIRECT TO RUST
METAL PAINT









narex

Cuprinol

SILCA

*Messaġġ mil-Licensee*

**is-Sur Joseph Camilleri**



# Sena Impenjattiva għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija

Għeżież partitarji, bħalma tafu sena malajr tgerbeb. Is-sena elfen u sitta, lis-Soċjetà tagħna permezz ta' l-Għaqda tan-Nar ħallitilna ferħ kbir. Fix-xahar ta' April ġewwa l-port il-kbir sar għall-ewwel darba l-Festival tan-Nar li kien fuq bażi ta' kompetizzjoni. L-Għaqda tan-nar tagħna daħlet għalih bil-kbir u minn fost kompetituri Maltin u barranin, l-Għaqda tan-nar tagħna rebħet bil-kbir din il-kompetizzjoni. Però dan ma kienx biżżejjed għax fl-erbatax ta' Awissu 2006, lejliet Santa Marija, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija reġgħet ippreżentat wirja oħra impekkabbli li kull min kien preżenti kulħadd ħa gost speċjalment b'dawk il-ħafna forom, li ta' min jgħid ukoll li l-Għaqda tagħna kienet il-pijuniera tagħhom ġewwa Malta.



Ma tistax ukoll ma ssemmix dawk il-ftuħ fl-ajru li jferrħu lil kulħadd x'ħin tibda tara l-kliem fl-ajru. L-Għaqda tagħna wara l-Festa ta' Santa Marija mill-ewwel reġgħet ġiet fdata żewġ spettakli oħra ġewwa l-Port il-Kbir li saru fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru. Dawn iż-żewġ spettakli saru fl-okkażjoni ta' Konferenza ta' Thomas Cook fejn kellna ħafna nies minn madwar id-dinja jaraw dawn l-ispettakli kbar.

Il-kumpanija Thomas Cook kienu jafu min hu kapaċi biex jagħmel dawn iż-żewġ spettakli kbar u għalhekk ġew fuq l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba. Veru kienu jafu fejn għandhom imorru biex dawk in-nies joħorġu sodisfatti għax wara li saru ż-żewġ spettakli, il-Port litteralment ittarrax biċ-ċapċip li kien prova ta' l-approvazzjoni kbira li tawna minn fuq il-Barrakka. L-Għaqda tagħna kienet l-ewwel f'Malta li għaxar snin ilu bdiet toffri spettakli sinkronizzati mal-mużika u ma' *laser shows* kif ukoll bdiet tuża s-sistema kompjuterizzata magħrufa *Fire One* sabiex jinħaraq in-nar. Dan kien fil-qosor il-ħidmiet li kellna fis-sena 2006.

Però dan ma kienx biżżejjed għax f'April ta' din is-sena l-Għaqda tagħna reġgħet kienet mistiedna sabiex toffri spettaklu bħala *Gran Finale* fil-Festival tan-Nar ta' Malta ġewwa l-Port il-Kbir, għaliex bħalma tafu skond ir-regolamenti, min jirbaħ il-Festival tan-Nar ma jistax jerġa' jikkompeti. Biss, wara li sar dan l-ispettaklu kulħadd kien kelma waħda: X'esebizzjoni u x'meravilja offriet il-Kamra tan-Nar ta' Santa Marija ta' l-Imqabba. Tħossok sodisfatt int u sħabek li wara dak ix-xogħol kollu tisma' lin-nies, kemm Maltin kif ukoll barranin jgħidulek kummenti sbieħ u li qatt ma raw spettaklu bħal dak offrut mill-Għaqda tagħna. Dan ma kienx biżżejjed għaliex fit-2 ta' Awissu 2007 l-Għaqda tan-Nar Sant Marija ġiet mistiedna sabiex tikkompeti din id-darba barra minn xtutna sewwasew f'kompetizzjoni Internazzjonali kbira li minnha joħroġ ir-rebbieħ assolut tad-dinja fil-logħob tan-nar ta' l-ajru – *Campione del Mondo di fuochi Artificiali*, li tiġi organizzata ġewwa Valmontone fil-provinċja ta' Ruma.



Għeżież partitarji, dan kollu jikkonferma bla tlaqliq u fanfarunati żejda kemm l-Għaqda tagħna stabbiliet ruħha sew ġewwa Malta u issa anke barra xtutna. L-Għaqda tagħna ma toqgħodx tinħela f'kummenti fuq

**G. DARMANIN SERVICE STATION**

Valletta Road, Luqa.  Tel: 2166 7109

*ISSA UKOLL B'SISTEMA AWTOMATIKA*

24 SIEGĦA SERVIZZ




# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

ġurnali jew ftaħir żejjed imma dejjem tara li toħloq xi ħaġa ġdida u oriġinali fl-ispettakli tagħha.

Issa għeżież partitarji, dan li għidna għadu m'hu xejn għaliex il-membri ta' l-Għaqda tan-nar ħejjew spettakli oħra tan-nar għall-Festa Titulari ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija, Festa li għaliha l-Għaqda tan-Nar Santa Marija dejjem ħadmet b'ħożża kbira għaliha.

Nassigurakom li l-Festa kienet, għadha u tibqa' l-ewwel u qabel kollox u din is-sena mhux ser tkun anqas mis-snin l-imgħoddija għaliex għandna programm vast ta' nar ippreparat għalikom. Għeżież ħuti partitarji, ma nistax ma nsemmix barra l-ħafna xogħol li għamilna għall-Festa, il-famuża esebizzjoni ta' lejlet il-Festa fejn bħas-soltu taraw ħafna kwalitajiet ta' disinni, u anke kliem jifforma fl-ajru li jafu kollha l-bidu tagħhom lill-Għaqda tagħna.

Barra dan l-Għaqda ħejjiet ukoll prgramm vast ieħor ta' nar ta' l-art għal matul il-ġimgħa kollha tal-Festa bil-qofol ikun spettaklu oriġinali u kollu mekkanizzat lejlet il-Festa. L-Għaqda tagħna ħadmet bis-sħiħ fuq dan il-programm fejn żgur li min ser jattendi joħroġ sodisfatt bil-kwalità ta' funtani tal-kulur u ingranaġġi li jpaxxu lil min jarahom.

Ta' min isemmi wkoll li din is-sena l-Għaqda ħadet sehem fl-ewwel Festival tan-nar ta' l-Art u ġabet punteġġi għoljin ħafna. Fil-fatt l-Għaqda tagħna spiċċat ma' l-ewwel erba' postijiet.

Għeżież partitarji, jekk nibqa' nikteb ma nispiċċa qatt, però żgur li ma nistax nagħlaq din il-kitba mingħajr ma nifraħ lil shabi ta' l-Għaqda u anke lin-nisa tagħhom u l-familjari kollha ta' l-inkoraġġiment li dejjem tawna. Prosit kbira lil dawk kollha fi ħdan l-Għaqda tan-nar tas-suċċessi li ġibtu lil din is-Soċjetà għaliex fejn jirrigwardja n-nar, tellgħuha fuq pedestall. Nawgura li jekk Alla jrid meta l-Għaqda tieħu sehem ġewwa Ruma, ir-riżultat ikun wieħed pożittiv u forsi nġibu xi unur ieħor lejn is-Soċjetà tagħna, lejn ir-raħal tagħna u lejn pajjiżna. Qabel ma nagħlaq dawn l-erba' kelmiet nixtieq nirringrazzja lill-benefatturi kollha tal-għajnuna li dejjem tawna sew finanzjarjament kif ukoll fl-arbular tal-Festa. Bħalma tafu l-Għaqda tagħna tagħmel sagrifiċċji kbar biex tippreżenta dawn l-ispettakli pirotekniċi hekk kbar. Għalhekk inħeġġukom li tkunu bħal dejjem ġenerużi fl-għotjiet tagħkom mill-aħjar li tistgħu. Nixtieq mill-qalb ukoll nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-għajnuna kbira li dejjem tawna; lis-Sezzjoni Żgħażagħ li dejjem sibnihom ta' għajnuna kbira u lis-sotto-Kumitati kollha fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, kif ukoll lis-soċi, partitarji u benefatturi kollha tas-Soċjetà. Grazzi lill-kleru ta' din il-parroċċa ddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, Patruna ta' l-Imqabbin kollha. Grazzi ħafna lil dawk kollha li jħalluna nużaw ir-raba' tagħhom f'dawn il-jiem tal-Festa. Grazzi mill-qalb lill-pulizija kollha li jieħdu sehem fil-Festa tagħna. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Maltin u l-Għawdxin kollha li jiġu jżuruna fil-jiem tal-Festa ad unur Santa Marija. Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-Festa nersqu aktar lejn il-knisja għaliex hemm biss tħossok aktar kuntent. Meta f'dawn il-jiem tal-Festa tkun tqim lil Ommna Marija Santissma li dejjem tkun lesta sabiex taqlgħalna dawk il-grazzji li jkollna bżonn. Fl-aħħarnett, iżda żgur li mhux l-inqas, grazzi kbira lilek Santa Marija u minn qalbna nitolbuk sabiex bħalma dejjem għamilt tieħu ħsiebna fil-kmamar tan-nar. Ħu ħsieb ukoll il-familji tagħna u dejjem nitolbuk minn qalbna sabiex tindukrana sewwa. Aħna nemmnu li Marija Assunta dejjem tidħol għalina quddiem il-Mulej u lesta bħal dejjem li tagħti dik l-għajnuna meħtieġa lil kull min jitlobHa.

Nixtieq il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u anke lil ħutna Maltin u Għawdxin li jinsabu barra minn xtutna. Għeżież partitarji, ejjew ilkoll flimkien nieħdu gost fil-Festa tagħna. Nieħdu gost mingħajr ma noffendu lil ħadd, sabiex inkunu ta' eżempju għal kulħadd u nagħtu stampa sabiħa ta' raħalna li tant inħobbu lkoll.

Viva Santa Marija, il-Patruna ta' l-Imqabbin kollha u Patruna Universali.











DAN IR-REKLAM JIDHER HEKK FUQ TALBA TAL-KLIJENT

# Mater Divinae Gratiae



**miktuba minn Stefano Farrugia**

Din l-art mejta bil-għatx għall-imħabba
Thares lejk f'dan il-jum O Marija
U titolbok li fiha titrabba
L-oħla grazzja li fik hi mogħnija.

Mill-ħsarat tat-tweghir, tal-mibegħda,
Mill-għarbiel tas-sikrana fl-uċuħ,
Int tilqagħna, ilkoll fl-art imwiegħda,
Safja bħalek mill-ħażen fir-ruħ.

Int taghtina l-kuraġġ, kollok ħlewwa
U treġġagħna għal ħajja bla tmiem,
Għaliex f'Ibnek nimirħu fis-sewwa
U naqilgħu, il-premju tas-sliem.

Jekk ninsatru fil-mewġa belhiena
Tad-dilemmi, id-dubji u d-dnub,
Oħloq fina, indiema sogħbiena
Ħa noqorbu lejn Ibnek Maħbub.

Ħalli l-għadam jitlaħħam bil-ħajja
U jitmantna bil-frott tad-Divin,
W hekk nissieħbu ma' t'Ibnek il-ġrajja
Meta nersqu bil-ferħ għat-Tqarbin.

Thalliniex aktar mejta fil-qabar
Li jtarrafna, 'il bogħ'd mill-ħarsien,
Tina d-dawl tal-qdusija u s-sabar
Biex fik nilmħu l-mudell tal-qawmien.

F'dan iż-żmien li fih aħna ntennulek
It-tislima ta' wlied magħqudin,
F'din il-festa li m'nn qalbna nagħmlulek
Bħal kull sena, flimkien, l-Imqabbin,

Nitolbuk li tħallimna bil-għana
Li jitmewweġ f'dak ġufek ħanin,
Biex f'ħajjitna, f'kull għelt li jtebbagħna,
Aħna nisħqu, is-serp, rebbiħin.

Għax Int l-arka glorjuża, dejjiema
Li tindokra f'kull waqt lill-batut,
Inti t-tarka tal-morda, l-iltiema,
Jew ta' min safa f'ħajtu ttradut.

Inti tħares lir-romol f'kull għabex
U sserraħhom fis-skiet mit-tiġrib,
Lilna l-poplu ta' Malta w ta' Għawdex
Tina l-qawwa fil-ġarr tas-salib.

Għinna nifhmu x'sens fiha t-tbatija
Sabiex qatt ma nintilfu fit-triq,
Waqt li nishru, ilkoll imħejjija
Biex nitgħaxxqu bis-sebħ taż-żerniq.

Għalhekk aħna, inżejnu lkoll djarna
U f'dar Ibnek nitwaħħdu mill-ġdid,
Waqt li naħfru u nagħdru lil għajrna,
U fil-ġilwa w'rajk nimxu, id f'id.

Għalenija, għalik O Patruna,
O Sultana bi ġmielek dehbien,
Lejk induru w taghtina l-għajnuna,
U ssaħħaħna fil-fidi w fl-għarfien.

Lilek ninsġu din l-għanja smewwija,
Mera ħajja ta' kemm inħobbuk,
Għaliex lilek O Santa Marija
Aħna għal dejjem ġo qalbna nżommuk!

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-festa nersqu aktar lejn is-sagramenti ħalli jkollna fina l-veru paċi u ferħ f'qalbna, kif tixtieq Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.***

# TOPS 'N' TAILS

YOU DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE
OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.



*To look smart and elegantly dressed,*
*why not visit us for wide selections of*
*Tails, Dinner Jackets, Spencer*
*and Morning Suits*

*Even Coloured Suits*
*available at:*

***51, MARINA STREET,***
***PIETÀ***
***TEL: 2123 5666***

*Prop. Mr M. Cassar*

*No connection with any other shop*



# SCICLUNA FLORIST GARDEN CENTRE

**"Cor Jesus" Triq il-Bronja**
**Ûurrieq**
**Tel: 2164 9621, 2167 6252**

**Specialists in arrangements of**
**fresh and artificial flowers**
**for Weddings, Engagement Parties and Funerals**

**Accepts orders**
**for printing of invitations.**

**Souvenirs, Tulle and Accessories**
**for all occasions at moderate prices.**



*Bijografija*

# Ġużeppi Galea (1918 - 1980)

## *Fundatur 'Orkestra Santa Marija*

**kitba tas-Sur Victor Galea,**
**iben Ġużeppi Galea u Bandist Attiv**

Ġużeppi Galea hu iben Mikiel u Anna, xebba Mallia. Twieled l-Imqabba nhar l-10 ta' Novembru 1918 fejn għex ħajtu kollha. Ġużeppi kien idoqq il-klarinett mal-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa u wara beda jistudja l-pjanu. Dan seħħ fis-snin tletin. Ftit qabel it-tieni gwerra dinjija, Ġużeppi Galea beda jgħallem il-mużika fil-Każin Re Ġorġ V iżda kellu jieqaf ħesrem minħabba l-gwerra. F'dan iż-żmien insibuh idoqq l-orgni tal-knisja parrokkjali sakemm inqabad suldat mar-*Royal Army Medical Corps*. Wara l-gwerra reġa' ntefa' b'ruħu u ġismu għat-tagħlim tal-mużika ġewwa l-każin sabiex fis-sena 1945 twaqqfet l-Orkestra Santa Marija. Fl-istess żmien lil Ġużeppi Galea nsibuh jitgħallem il-vjolinċell. Id-dedikazzjoni fil-professjoni tiegħu ta' infermier u l-imħabba altruwista għat-tixrid tal-kultura mużikali għamlu lil Ġużeppi Galea bniedem rispettat u maħbub ħafna. Ġużeppi miet nhar it-18 ta' Jannar 1980.

## Ġrajjiet u drawwiet ta' Ġużeppi Galea

Missieri bħalma tafu, kien idoqq l-orgni tal-knisja, il-vjolinċell kif ukoll il-klarinett. Nibda b'rakkont li ġralu meta darba kienu qegħdin idoqqu mas-surmast Carmelo Pace. Kienu qed jagħmlu kunċert ġol-każin Vilhena mal-Orkestra tal-*Malta Cultural Institute*, għall-programm li kien ser isir ġol-*Phoenicia Hotel*. Niftakar missieri kien qed idoqq il-vjolinċell. F'daqqa waħda, waqt il-kunċert bdiet tiċċaqlaq il-linfa u bdiet iċċekċek. Is-saqaf beda jiċċaqlaq u t-twieqi kollha



*Ġużeppi Galea (1918-1980), Fundatur ta' l-Orkestra Santa Marija.*

bdew iċekċku. Ħasbuh xi terremot u għalhekk qabdu l-istrumenti tagħhom u ħarġu kollha 'l barra fi Triq Sant'Anna. Kienu xi 25 mużiċist. Isfel fil-*bar* kien hemm xi nies jixorbu u qalulhom li kienu ħassu xi terremot. Is-Surmast Pace kien baqa' hemmhekk u ma ħariġx barra magħhom għar-raġuni li qal li xorta kellu jmut xi darba.

Meta dawn il-mużiċisti fosthom missieri reġgħu ltaqgħu darb'oħra għall-kunċert, skoprew li dak ma kien terremot xejn imma kienu xi plejers tal-futbol li kienu qegħdin jittrenjaw u jaqbżu fis-sala ta' fuqhom fejn kienu qed jagħmlu l-kunċert.

Missieri wkoll kien jgħallem il-mużika ġewwa l-każin u t-tagħlim tal-mużika kien jieħdu bis-serjetà ħafna. Fuq hekk missieri u l-mibki Nardu Farrugia kienu jaqblu ħafna. Kien dejjem jara li jkellem xi żgħażagħ u jħajjarhom għat-tagħlim tal-mużika. Niftakar fiż-żmien meta jiena, Victor, kont qed nitgħallem il-mużika. Kien hemm ħafna entużjażmu għat-tagħlim tal-mużika u kien bil-paċenzja kollha jara li xi żgħażagħ jaslu għall-istrument u joħorġhom idoqqu għall-Festa għażiża tagħna ta' Santa Marija.

Missieri kien il-ħin kollu impenjat u ma kinitx tgħaddi minuta waħda li ma kienx ikollu x'jagħmel. Kien iġorrni miegħu meta kien imur idoqq il-vjolinċell barra r-raħal f'xi festa ġol-knisja. Konna mmorru bil-karozza tal-linja u lili kien iqabbadni nżommlu l-vjolinċell u hu kien iżomm il-mużika f'idejh. Niftakar kien ipattili billi kien jixtrili xi ġelat.

Passatemp li kellu missieri kienet it-trobbija tal-fniek u tal-ħamiem. Dak iż-żmien meta konna żgħar u kien għadu fl-aqwa tiegħu, missieri kellu mqabbla għandu għalqa n-naħa ta' l-Isqof u kien iħobb jiżra' xi patata u xi basal. Peress li konna familja kbira, kien jagħmel minn kollox biex jiffranka xi ħaġa u jara li l-familja ma jonqosha xejn. L-aktar li konna naħdmu mill-qrib tiegħu fejn jidħol xi naqra xogħol iebes konna jiena Victor u oħti Mary. Ħuti l-oħra kien aktar moħħhom fl-istudju tal-iskola. Niftakar kemm kien jirrabja meta jien jaqsam xi patata l-aktar meta tkun kbira. Niftakar meta beda tiela' ħafna bini, u l-għalqa ħaduha għat-tqattiegħ tal-blat. Niftakar ukoll li jien kont nieħu ħsieb li nnaddaf il-fniek u l-ħamiem.

Peress li aħna konna familja

# Chris Mercieca

Business Management and Tax Advisor

***Offering services for sole traders and companies for :***

**Accounting**

**Vat**

**Tax**

**Payroll**

**Back-office Duties**

**Management Accounts**

**Internal Audit & Assurance service**

For a free appointment, please call Chris Mercieca on
Tel/Fax: 21639201. Mob: 99828997. Email: cmer@di-ve.com




kbira, ommi qatt ma qatgħet qalbha mix-xogħol tad-dar. Iżda meta missieri Ġużeppi ma kienx ikun xogħol, kienet tieħu ftit tan-nifs għaliex missieri kien imidd għonqu wkoll għax-xogħol tad-dar. Kien jgħinna f'kollox; fil-ħasil tal-ħwejjeġ, tisjir, tindif li jkun hemm bżonn u qatt ma kien jgħidilha 'le'.

Missieri kien dilettant ħafna li jarma l-presepju tal-Milied. Kien iħobb jarmah taħt it-taraġ u dan l-aħħar ġol-kamra tal-pranzu ġor-rokna. Kien dilettant ukoll li jarma artal. Niftakar li kellu wieħed imdaqqas sew, għoli daqs kważi bniedem u kien jieħu pjaċir f'xi festa jarmah bil-lampieri u gandlieri flimkien ma' statwetti tal-appostli.

Missieri, Ġużeppi Galea, peress li kien infermier magħruf ġor-raħal tagħna u anke ġieli ma' barra r-raħal, ħafna nies kienu jafdaw ħafna fih. Missieri, idejh kienu taz-zokkor meta kien ikun qed idur b'xi pazjent u għadhom sal-lum isemmuh kemm kien twajjeb u ġentlom.

Ġieli anke bil-lejl kienu jiġu d-dar biex jgħinhom u jdewwi xi nies. Għall-marid kien jagħmel kollox biex isabbru u jarah imfejjaq.

Fuq missieri Ġużeppi, hemm pataflun ta' kliem x'tikteb u ma tispiċċa qatt. Kien jiċċajta goff fiċ-ċajt tiegħu.

Imma kollox kellu l-limitu tiegħu. Mid-daħka tiegħu kont tinduna li kien raġel sinċier u twajjeb. Meta ma kienx ikun xogħol kont tarah ħdejn ommi jagħmel xi borma minestra u kien jagħmilha tajba daqs ommi.

Nispera li ħadtu gost taqraw ftit mill-ħsibijiet li jiena ktibt fuq missieri Ġużeppi. Ma nista' ninsa qatt il-memorji tiegħu. Jien dejjem inżommu quddiem għajnejja u nirringrazzja lil Alla li tani ġenituri hekk tajbin.

Saħħa u l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

***O Madonna ieqaf magħna***
***U ħarisna mis-smewwiet.***
***Bierek jiemna u ħidmietna***
***Begħedna dejjem mill-inkwiet.***

SILVERCRAFT PRODUCTS
GARDEN ORNAMENTS
Gudja Road, Għaxaq
Tel: 21898046 Fax: 21666400








View our large selection of fountains
& statues at our showroom

MED LENS
OPTICAL CLINIC

Sliema Road, Gżira GZR 04
Tel: 2131 5730

5, New Street, Luqa LQA 02
Tel: 2167 3238
EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE

Beretta SPORT

fcuk vision

Montana CLAUDE MONTANA

GIVENCHY PARIS

ANTOINE BOURGEOIS PARIS

**OPTICIANS SUNGLASSES
CONTACT LENSES
SPECTACLES**

***We supply full range of contact lenses, tinting and anti-reflective coats, hard coating to reduce scratching, photochromatic lenses & Bifocals.***



High - Scorers: The Shooter's answer to better vision



Latest fashion spectacle frames

# The Village Shop

Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba

**Fejn tista' ssib o©©etti li jiswew Lm1 biss
u aktar affarijiet bi prezzijiet ir˙as**

Ftuħ: Tnejn - Ġimgħa • 9.00am - 12.00pm – 4.30pm - 7.00pm
Is-Sibt • 9.00am - 12.30pm

**Mobile: 7999 9912**

*To Save Time & Money Use Our Cleaning Products & Services*

*We Offer:*
- Cleaning Service
- Maid Service
- Window Cleaning
- Carpet/Sofa Cleaning
- 1st Time Cleaning
- Office Cleaning
- ... & all other Cleaning



Omajco Cleaners Ltd.
11, Rokku Buhagiar Str., Qrendi

*Call for a Free Quote*

Tel: 21 642 343 • Fax: 21 641 168 • Mob: 99 498 464
www.omajco.com sales@omajco.com

Our Cleaning Shops

**13, Rokku Buhagiar Str., Qrendi (Near Church)**

**Naxxar Road, San Ġwann (Near Church)**

*Sole Agents of British Nova Industrial Products*



*Messaġġ mid-Delegat Planċier*

**is-Sur Benjamin Camilleri**

# Planċier għall-Banda Re Ġorġ V Rendikont ta' Ħidma 2006/2007

Sena wara sena, iż-żmien igerbeb u bħal lanqas inkunu nafu, jerġa' jasal żmien il-Festa. Perjodu fis-sena li fih diversi sezzjonijiet tas-Soċjetà Santa Marija jesponu dak li jkunu ħadmu fuqu fix-xhur preċedenti, sew jekk hi l-banda, armar, jew nar. Huwa għalhekk xieraq li permezz ta' din il-kitba nagħti rendikont tal-ħidma fuq il-planċier tal-Banda Re Ġorġ V għas-sena 2006/2007.

Minn ġimgħa wara l-Festa ta' Santa Marija 2006 erġajt bdejt nagħmel xogħol ta' alterazzjoni fuq il-qafas sabiex jitnaqqas il-volum ta' ħadid li kien jifforma l-istess bażi tal-planċier.

Dan il-proċess ħa madwar tliet xhur biex tlesta u r-riżultat kien wieħed pożittiv ħafna. Sa dan it-tant filwaqt li reġa' ġie mnaqqas ammont sostanzjali ta' ħadid, is-saħħa tal-bażi baqgħet bla mittiefes.

Minn hawn għaddejt sabiex naltera iċ-ċirkonferenza taċ-ċirku ta' quddiem tal-planċier. Tnaqqas b'erba' pulzieri id-dijametru taċ-ċirku ta' quddiem sabiex id-disinn ta' mad-dawra u n-niċeċ jaqblu u jkunu meħmuża aħjar kif ukoll sabiex ix-xogħol li jgħaqqad iċ-ċirku ta' quddiem u dak ta' wara jiġi mlaqqa' sew u bl-istess simetrija tal-kumplament tal-gwarniċa ta' fuq u l-bordura t'isfel. Din solviet problema pendenti sa mill-bidu u diffikultajiet minħabba d-diżlivell.

Din l-alterazzjoni wasslet biex ikollhom jiġu adattati ukoll diversi partijiet mill-intavlar tal-wiċċ. Hekk kif dan ix-xogħol kien kollu lest, ħadna wkoll l-okkażjoni biex bl-għajnuna ta' Joseph Tonna u Emanuel (Leli) Pace, erġajna żbajna numru ta' passati kemm ta' *wood sealer* kif ukoll biż-żebgħa.

Ta' min wieħed isemmi li saru diversi xogħlijiet oħra li mhux la kemm wieħed ipoġġihom f'dokumentazzjoni bħal din u wisq iktar diffiċli li wħud jindunaw bihom.

Però nista' nassigurakom li dawn kollha kienu rikjesti u riedu l-ħsieb u siegħat ta' ħidma.

Dan ix-xogħol hawn fuq imsemmi kien kollu lest sa l-ewwel ġimgħa ta' Jannar meta għaddejt biex naħdem kemm fuq produzzjoni ta' xogħol ġdid f'dak li għandu x'jaqsam mal-kumplament tal-panewijiet u l-pilastri ta' mad-dawra.

Sa qrib l-aħħar ta' Lulju 2007, il-ħidma kienet għadha tiffoka fuq dan ix-xogħol ġdid li kien qed jinħadem sabiex sal-Festa ta' Santa Marija 2007, il-planċier ikun imdawwar kollu bil-panewijiet u pilastri u miżbugħ kollox abjad. Dan ifisser li filwaqt li l-wiċċ u l-ġnubijiet ser ikuni lesti għall-irħamar, fis-sena ta' ħidma 2007/2008 jinbeda xogħol fuq il-faċċata u l-parti ta' wara tal-planċier.

Filwaqt li għal darb'oħra nirringrazzja lil dawk li dejjem urew l-appoġġ u l-fiduċja tagħhom f'dan il-proġett, jien nassigurakom li ser inkompli nagħmel l-almu tiegħi biex fis-snin li ġejjin niksbu wkoll is-suċċessi mixtieqa f'dan il-qasam. Għaldaqstant nagħlaq dan il-messaġġ bl-awguri tal-Festa t-tajba lil kulħadd.



*Il-Banda Re Ġorġ tesegwixxi l-programm annwali tagħha nhar l-10 ta' Awissu 2006.*

# KRISTIANNE BEAUTY CENTRE AND BABY CARE

P. P. SAYDON STREET, ŻURRIEQ

Tel: 2164 7391

- Cosmetics
- Skincare
- Toiletries
- Perfumes …

and NOW a wide selection of pushchairs, prams, beds, nappy changers, highchairs and all you need for your baby



# Il-Fratellanza tas-Sagrament



**kitba tas-Sur Giovanni Farrugia - Storiku**

Il-Fratellanza tas-Sagrament ta' l-Imqabba hi waħda antika jew waħda mill-eqdem tal-għejjer Maltin. Din il-fratellanza għandha rabta kbira mal-kappella ta' San Bażilju li għandna ġewwa l-Imqabba stess.

Tajjeb li qabel xejn niktbu biċċa mill-istorja biex naraw kif kien il-bidu tal-fratellanza. Il-parroċċa antika[1] ta' Bir Miftuħ iddedikata lil Marija Assunta kienet eretta mill-Isqof Mons. De Mello fil-1436. Issa f'dan iż-żmien l-Imqabba kien fiha madwar 30 dar li kwazi kienu jinsabu kollha qrib il-knisja ta' San Bażilju. Ħal Farruġ kien fih 10 djar[2]. Meta l-knisja ta' Bir Miftuħ saret parroċċa fl-1436, f'dan iż-żmien fil-knisja ta' San Bażilju kienu diġà nbnew l-ewwel tlett arkati u kienu qed jissemmew li se jsiru tnejn oħra. Però biex dejjem nibqgħu dwar il-fratellanza tas-sagrament jaqbel li nħallu għal ftit l-istorja ferm interessanti ta' San Bażilju għal darb'oħra. Minn dan naraw li din il-knisja kienet diġà qed tiġi ffrekwentata sew jew aħjar kien hemm devozzjoni lejn din il-knisja għax kienet qed tiġi ffrekwentata ta' spiss peress li l-knisja ta' Bir Miftuħ kienet xi żewġ mili bogħod. Minkejja t-tbatija li missirijietna kellhom u anke l-faqar li kien hawn, kellhom devozzjoni serja li jwettqu dak li jemmnu.

F'waħda mir-riċerki li ltqajt magħhom u ta' interess hija[3] li fiż-Żurrieq, fl-Imqabba u Ħal Safi, kienu jiltaqgħu xi nies jitolbu lil Ġesù wara li tispiċċa l-quddiesa tal-Ħadd fil-għodu. Din iġġib l-annu 1310[4]. Kitba antika oħra li kienet tinsab għand G. Theuma minn 13–il riċerka u li vverifikajt mal-Propostu Monsinjur Vella fl-1960, tgħid li fl-Imqabba u ż-Żurrieq kienet twaqqfet kumpanija ta' nies li jagħmlu ħin ta' talb qudiem Ġesù Sagramentat wara l-quddies tal-Ħadd u dawn kienu jissejħu adoraturi. Dan kien circa 1210[5]. Issa wieħed jista' jifhem li l-idea tal-fratelli bdiet minn hawn. Però bħala fratelli tas-Sagrament insibu li fl-1575 Monsinjur Dusina żar il-knisja ta' Bir Miftuħ, li kellha kappillan lil Dun Bartilmew Mangion mgħejjun minn qassis Dun Pankrazju Cafur. F'din il-knisja kienu jinsabu ħames altari u fl-altar maġġur waqqaf il-Konfraternità tas-Sagrament u f'dak l-istess ħin kiteb erbatax-il fratell tas-Santissmu Sagrament. Dan kien fis-7 ta' Frar 1575. Li għandna nifhmu li dawn kienu mill-inħawi kollha li kienu jagħmlu ma' Bir Miftuħ.



*L-istatwa ta' Santa Marija merfugħa mill-Fratellanza tas-Sagrament.*

[6]Fit-8 ta' Frar 1575 ġie l-Imqabba Mons. Dusina li żar it-tmien knejjes li kien hawn dak iż-żmien. F'dan iż-żmien kien diġà hemm l-idea li l-Imqabba għandha ssir parroċċa. Infatti Mons. Gargallo fl-1598, għamel parroċċa l-knisja ta' l-Imqabba bil-kappillan ikun Dun Ġwann Mizzi.

Fil-vista ta' Mons. Tommasu Gargallo, però meta kien kappillan Dun Pietru Pace, twaqqfet il-Konfraternità tar-Ruzarju[7]. F'dan iż-żmien l-Imqabba kienet tikkonsisti f'130 dar[8] li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu qrib il-knisja ta' San Bażilju.

Issa għalkemm fl-istorja ta' Dun L. Zammit ma semmix kif kienu imqassmin il-fratelli li saru fis-7 ta' Frar 1575, dawn kollha kienu mill-irħula li kienu jaqgħu taħt Bir Miftuħ. Dawn kienu mqassmin hekk: [9]5 mill-Gudja, 3 minn Ħal Kirkop, 3 mill-Imqabba, 2 minn Ħal Safi u 1 minn Ħal Farruġ, għal total ta' 14-il fratell li kif diġà għidna saru minn Mons. Duzina fis-7 ta' Frar 1575.

Dawn bdew iħajru oħrajn tant li l-Imqabba kienu żdiedu numru sabiħ ta' fratelli tas-Sagrament u għalhekk fl-1600 diġà kienet tiffunzjona sew din il-fratellanza.

Skond l-istoriku Dun L. Zammit, din il-fratellanza ma kellniex l-approvazzjoni sħiħa ta' l-Isqof u ma kellhiex indulġenzi preskritti. Meta ġie Mons. Cagliares[10] li għamel vista fis-6 ta' Ġunju 1621, ordna lil kappillan Dun Pietru Pace u lil Andrea Schembri, prokuratur ta' l-imsemmija Konfraternità, li jgħidu mill-aktar fis lill-Isqof biex din il-

# ELECTROCARE



25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755

T.V. Retailer including
**Plasma & LCD Screens of major brands: Panasonic, Grundig, Samsung, Hitachi etc**
Retailer of **Satellite systems, Hi Fi systems, Projectors, Home Theatre sound systems, car stereos and speakers, Digital cameras: Canon, Benq, etc**



Plasma TVs also available

***We also do REPAIRS, specialising in Videos, T.V.s and Hi-Fi***





Planning a party?

# PISCOPO'S CASH & CARRY

can provide you with all your needs



Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives,
beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins,
balloons, disposable plates
and much much more!



## All items at a discounted price!!



**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 2157 0265, 2157 0375**

fratellanza jżejjinha bl-indulġenzi u jagredawha ma' dik ta' Santa Marija ta' Ruma. U ordna l-istess lill-Konfraternità tar-Rużarju li din ġiet imwaqqfa fil-parroċċa ta' San Bażilju. Fis-sena 1634 kienet magħquda wkoll ma' dik ta' Santa Marija ta' Ruma.

Wara din ir-riċerka[11] li bdejt qabel l-1970 irrikorrejt lejn Dun Nikol Aquilina mis-Siġġiewi li kien intiż ħafna f'dan ir-rigward u qalli li Mons. Cagliares ried li peress li fl-Imqabba diġà kien hemm devozzjoni kbira, kif għidna qabel, lejn Ġesù fl-Ewkaristija, u fl-istess żmien kienet qed tinxtered id-devozzjoni lejn Marija Assunta, allura kien xieraq li tiġi mogħnija b'indulġenzi kbar u magħquda ma' dik ta' Santa Marija ta' Ruma. Tant li fil-festi prima klassi, riedu jitwaħħlu mal-bieb tal-knisja, inkwadru bl-indulġenzi kif preskritti.[12]

Riċerka oħra[13] li għamilt mal-Professur Andrew Vella O.P., sibna li Ruma hemm imniżżla d-data tal-1600 fit-twaqqif tal-Konfraternità tas-Santissmu Sagrament u msemmi wkoll Dun Pietru Pace bħala kappillan u Andrew Schembri bħala Prokuratur u li din il-Konfraternità qed tiffunzjoni fil-parroċċa ta' l-Imqabba.

F'Ottubru 1965[14] erġajt iltqajt mal-Professur Andrew Vella biex inkomplu fejn ħallejna, jiġifieri biex insibu x'kienet ir-raġuni għaliex saret il-fratellanza. Il-verità kienet li dawk li ġew approvati fratelli f'Bir Miftuħ, biż-żmien saru retturi u allura kellhom il-fakultà li jkabbru l-fratellanza. Mill-bqija kif qalilna Dun Nikol Aquilina, tana spjegazzjoni tajba għaliex dan jirriżulta wkoll li diġà kien hemm il-ħsieb li l-Beata Marija Assunta ssir parroċċa ta' l-Imqabba.

Għalissa wasalna sa hawn[15]. Ktibt kemm jista' jkun sempliċi biex ikollna ftit idea ta' l-istorja tal-fratellanza tas-Sagrament. Għad fadal ħafna aktar mill-istorja ta' din il-fratellanza li jekk il-Bambin irid nippubblikawhom aktar 'il quddiem.



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija merfugħa mill-fratelli tas-Sagrament.*

**Riferenzi**

1 Storja ta' l-Imqabba - Dun L. Zammit P1
2 Volumi antiki ta' Loretu Vella - P111, Vol 4; li sibt fil-kotba ta' Loretu Vella sibthom fil-karti li sellifni Patri Andrew Vella O.P.
3 Giuseppe Zahra - Storiku, Qormi - Vol 5, P112
4 G. Theuma Vol. 3, P120; kjarifika mill-Propostu Mons. Vella 1962
5 Storja ta' l-Imqabba - Dun L. Zammit P4
6 Storia Micabiba - Dun L. Zammit P9
7 Castagnia - Vol 1
8 Giuseppe Zahra - Storiku, Qormi - Vol 5, P180
9 Storja ta' Malta Giov. Second - Giuseppe Zahra Volumi Antiki
10 Storia Micabiba - Dun L. Zammit P25
11 Dun Nikol Aquilina - Spjegazzjoni Personali - April 1961
12 Dawn osfru u ma baqgħux jidhru
13 Profs. Andrew Vella O.P. - Spjegazzjoni Personali wara riċerka li għamel
14 Profs. Andrew Vella O.P. - Kien Professur ta' l-istorja li kien spjegalek b'ċertu dettall u li jagħtik ħafna gost tisimgħu
15 Riċerka tas-sena 1978


# HORACE ENTERPRISES LTD.



**Trophies & Sports Goods Importer & Wholesaler**

Tel: 2169 6302, Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397
174, Triq Raymond Caruana, Gudja
E-mail: horaceenltd@link.net.mt






Suppliers of:

**Granite, Marble, Terrazzo, Ceramics and Paving Blocks**

FRANCESCO FENECH

Valletta Road,
Mosta
Tel: 2143 4555
Fax: 2143 3517

# L-Ostensorju ta' Santa Marija f'Għeluq il-95 Sena



Fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ddedikata lil Santa Marija, insibu diversi oġġetti imprezzabbli li kienu ġew magħmula, mixtrija jew mogħtija lill-istess Knisja Parrokkjali fl-imgħoddi minn missirijietna. Forsi ftit huma dawk li huma konxji ta' dawn it-teżori sbieħ li tippossedi l-Knisja tagħna.

Fost diversi oġġetti li jinsabu fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba jixraq li wieħed isemmi s-Salib tal-Kleru magħmul fis-sena 1768 mill-Kappillan u l-Kleru ta' dak iż-żmien. Insibu l-Akkolti mixtrija fis-sena 1908 kif ukoll il-Lampier ta' l-Altar Maġġur mogħti minn Maria Farrugia fis-sena 1789.

L-Isfera għall-Espożizzjoni tas-Santissmu Sagrament ġiet magħmula fis-sena 1754, kif ukoll insibu erba' Pissidi, wieħed kbir li kien iservi għall-Festi biss, tnejn oħra għal kuljum u l-ieħor għall-Vjatku u erba' Kalċi, wieħed mogħti min-Nutar M'Antonio Brincat fis-16 ta' Frar 1737 u t-tlieta l-oħra saru fis-sena 1785.

Fil-Knisja Parrokkjali ddedikata lil Santa Marija nsibu wkoll żewġ Ċnieser li wieħed minnhom ġie mogħti minn Ġammari Camilleri fis-sena 1888 u maħdum minn Mastru Pawlu Busuttil.

Insibu wkoll Pedestall tal-Fidda ta' l-Istatwa Titulari ta' l-Assunzjoni ta' MarijaVerġni maħdum mid-ditta Antonio Ghezzi e Figli ta' Milano kif ukoll erba' Gastri tal-fidda ta' l-istess Statwa Titulari. Oġġetti oħra tal-fidda li nsibu ġewwa l-istess Knisja ta' l-Imqabba huma erba' Lanterni, tnejn għall-konfraternità tas-Santissmu Sagrament u tnejn għall-konfraternità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.

Fl-aħħarnett insibu wkoll erba' Ostensorji, wieħed li nsibuh taħt forma ta' Salib, ieħor magħmul fis-sena 1743 u mogħti minn Katarina Briffa, ieħor joħroġ fil-Festa ta' San Innoċenzju Martri u l-ieħor dak li jidher fir-ritratt.

Dan l-Ostensorju ġie magħmul ħamsa u disgħin sena ilu sewwasew fis-sena 1912 u mogħti mis-saċerdot Dun Salv Schembri. L-istess Ostensjorju jintuża għall-Festa Titulari tal-Parroċċa dik ta' Santa Marija u joħroġ tliet darbiet fis-sena; fit-Tranżulazzjoni, fil-Purċissjoni ta' nhar il-Festa u fl-Ottava tal-Festa. Fl-1965 dan l-Ostensorju ġie mogħni b'pedestall tal-fidda li ġie mogħti minn Ġużeppi Facciol.



*L-Ostensorju li jintuża fil-Festa Titulari ta' Santa Marija. Fir-ritratt jidher P. Ugolin Scerri OFM li mexxa l-purċissjoni tal-Festa 2006 kif ukoll Dun Raymond Cassar (xellug) u Patri Joseph Zahra OP (lemin), Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba.*




VIERGE

Unisex Hair Salon *by* Sonia

The Salon for a New Look

**St. Innocent Street, Mqabba**
*For Appointment Call:*
Tel: 2168 3175
Mob: 7920 8040

*Opening Hours:*
Mon: Closed
Tue, Thur, Fri & Sat: 9am - 7pm
Wed: 9am - 2pm

# A. Ferriggi

## Hand Tools Supplier

*Available from all leading ironmongeries*

'Fiorella', 65, Triq Ġużè Abela, Żejtun.
Tel: 2167 3719 Mobile: 9947 5154




QUALITY GUARANTEED

**San Dawtar,**
**Fawwara Road, Siġġiewi**

**Tel: 2146 6180**
**Fax: 2146 5922**
**Mobile: 7979 1210**

Fresh Quality Products

***Treatments Available:***
- Relaxing Anti-Wrinkle Facials
- Deep Cleansing Facials
- Eyelash/Brow Tinting
- Electrolysis
- Waxing
- Make-up
- Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**
**Tel: 2168 3214 Mob: 9942 6054**



# L-Istatwa ta' Marija Assunta fuq il-Każin f'Għeluq il-55 Sena



Kienet ilha x-xewqa tal-mibki iżda qatt minsi Lorenzo Ellul li jagħmel statwa kolossali ta' Santa Marija u jpoġġiha f'post prominenti biex tħares lil uliedha l-Imqabbin. Fil-ħsieb oriġinali tiegħu din kellha tkun ta' l-irħam u titpoġġa fil-pjazza. Iżda minħabba d-diffikultajiet kbar li ltaqa' magħhom, dan il-ħsieb falla.

Iżda l-ħerqa sabiex jagħmel l-Istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema baqgħet dejjem tix-għel ġo fih. Intant għall-aħħar tas-sena 1951 wasal fi ftehim mas-Soċjetà, dak iż-żmien bl-isem ikun għadu King George V, fejn ingħata l-permess biex ipoġġi l-istatwa fuq il-bejt tal-Każin proprju fuq il-faċċata.

Is-Sur Marco Montebello ntagħżel biex jagħmel id-disinn u x-xogħol ta' fuq l-istatwa. Intlaħaq ftehim malajr, u f'Jannar tas-sena 1952 is-Sur Lorenzo Ellul, mgħejjun mis-soċi tal-Każin Re Ġorġ V, qata' l-ġebla tal-franka, sħiħa u hekk sabiħa, mill-barriera tiegħu stess f'Ta' Kandja limiti ta' l-Imqabba. Minn hawnhekk il-benefattur ħadha għas-spejjeż tiegħu, fil-ħanut tas-Sur Montebello ħdejn iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

Skond l-istess ftehim ix-xogħol kellu jinbeda wara li ssir l-approvazzjoni tal-mudell ta' l-istatwa mis-Sur Ellul u l-Kumitat. L-istatwa vera kellha tkun magħmula minn ġebla sħiħa mogħtija mill-istess benefattur, tkun ta' madwar 9 piedi għoli u tkun lesta sa Marzu tas-sena 1952.

Il-ftehim kien ikompli jgħid li l-iskultur kellu jirċievi s-somma ta' ħamsin lira sterlina (£50) minn għand id-donatur wara li l-istatwa jtellagħha f'postha taħt id-direzzjoni ta' l-iskultur Montebello mingħajr ma dan jidħol fl-ispejjeż tat-tlugħ u tat-trasport.



*L-istatwa fuq il-bejt tal-każin li ġiet imħallsa mis-Sur Lorenzo Ellul.*




*L-irħama li turi l-indulġenza plenarja mirbuħa għal min jgħid Salve Regina quddiem l-istess xbieħa.*

Ix-xogħol mexa mgħaġġel sewwa u nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 1952, kienet il-ġurnata li l-istatwa ta' Santa Marija kellha tittella' fuq il-Każn. Din il-ġurnata kienet taħbat ukoll, fl-Imqabba, il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Iżda d-diffikultajiet ma kinux żgħar u wara ħafna pariri, ħsibijiet u diversi suġġerimenti minn persuni tas-sengħa, il-Kumitat inkariga lis-Sur Eugenio Sciberras biex jieħu ħsieb l-armar u jtella' l-istatwa. Dan qatagħha li l-istatwa għandha tibqa' sħiħa u titla' minn quddiem il-Każin; proċedura li kienet ta' sogru mill-akbar. Wara li twaqqaf l-armar, sar it-tberik ta' l-istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema mill-Eċċ. Tiegħu Reverendissmu Mons. Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali. Wara beda l-mument kritiku. Fost taqtigħ il-qalb mill-akbar, iżda wkoll fost ferħ bla qies, Lorenzo Ellul, il-Kumitat tal-każin, soċi u partitarji kollha raw lil din l-istatwa tiela' bil-mod iżda dejjem 'il fuq, sakemm waslet f'postha. Hawn saru x-xogħlijiet neċessarji biex l-istatwa tibqa' mwaħħla għal dejjem. B'hekk din l-istatwa ta' Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema setgħet tħares lil uliedha devoti.

U biex tfakkar din il-ġrajja hekk sabiħa, twaħħlet irħama fuq il-bieb tal-każin li taqra hekk:

'Min igħid Salve Regina quddiem din ix-Xbieħa tal-B.V. MARIJA ASSUNTA jirbaħ 200 Jum Indulġenza. Mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1952 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.'

Problems with your

T.V. Video Hi-Fi





Call David Ciantar on

99821255 or 21 641 207

Workshop location: Mqabba

**Tahabel Limited**

Prop: J. Ferriggi

*Rope & Chair Dealer*

*Fejn issibu kull tip ta' spag*
*u tajjar għax-xogħol tan-nar.*

'St. Catherine', John Borg Str.,
Ûejtun ZTN 05 - Malta
Tel: 2167 3589 – Mob: 9947 0351 – Fax: 2169 2894

# Il-15 ta' Awissu 1945

## *Ġużè Ghigo (1927-2003)*

**tagħrif miġbur minn Joseph Farrugia**



Iltqajt ma' din il-poeżija fit-tiftix tiegħi għall-ktieb '50 Sena Domma (1950-2000) tal-Fidi ta' l-Assunzjoni'. Billi ma kinitx fil-linja ta' dak li kelli bżonn, ħadt nota tagħha għal xi okkażjoni oħra. Ftit ilu nġibditli l-attenzjoni li Fr. Joseph Ghigo semmieni fl-aħħar pubblikazzjoni ta' ħajtu 'Miexi lejn id-Dawl'. Għamlet bija l-kurżità u għaġġilt immur għall-ktieb. Ġejt mistieden mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imabba, għall-quddiesa fil-ftuħ ta' sena festi tal-Ġublew tad-deheb tad-Domma ta' l-Assunzjoni nhar l-ewwel ta' Novembru 1999. Qaddes il-kappillan Dun Joe Bartolo assistit minn Fr. Joe Ghigo, Direttur Spiritwali tas-Soċjetà. Fil-bidu tal-quddiesa nqara l-final tal-Bolla Mugnificentissimus Deus.

Fis-sagristija wara l-quddiesa avviċinajt lil Fr. Ghigo, għal tagħrif dwar missieru bil-ħsieb ta' xi kitba fuqu. Fil-bidu tal-ktieb 'Miexi lejn id-Dawl' l-awtur jgħid: 'Dik żgur kienet okkażjoni sabiħa u veru tajba, waħda minn bosta, sabiex jien (hu) nibda niġbor u nżomm u nikteb dawn it-tifkiriet personali.' U ħsibt jiena...Għaliex meta din hi l-aħħar pubblikazzjoni ta' Fr. Ghigo ma niehux l-opportunità biex tinqara l-kitba li fl-opinjoni tiegħi kienet l-ewwel laqgħa tiegħu mal-pubbliku? Nissuġġerixxi sabiex din il-poeżija tinqara darbtejn biex tifhmu s-sbuħija tagħha; il-pinna żagħżugħa tal-kompatrijott Fr. Ghigo.


IL-15 T'AWWISSU 1945

## Estratt: IL-BERQA,
## L-Erbgħa, 15 ta' Awissu, 1945

Illum mhux id-difa tas-sema t'Awissu
Jqanqal lil qalbna tinfexx f'dan il-ferħ:
Jo' l-fwieħa w il-benna tal-frott u l-għelejjel,
Illum mhux daw'l ħwejjeġ jagħmluha bis-serħ.

U l-anqas iż-żiffa li tfewweġ mill-baħar,
Li ttaffi din l-għomma u twieti l-ħolqien:
Il-ħidma ta' niesna, li b'sengħa trodd għaxqa
Quddiem il-barrani, u lilna l-għixien.

Illum ġewwa moħħna ħsieb wieħed isaltan
Ngħannulek din l-għanja, b'foħrija u b'ġieħ:
Ismagħha, Omm Ħanina, din l-għanja minn qalbna,
Il-faraġ kattrilna u hemmna nissieħ.

Biex ninżgħu il-frugħa kburija tad-dinja,
Ninsew l-għira, l-firda, li jsaltnu flimkien:
U ħsiebna Fik jogħla, ja ħlejqa Omm Tagħna,
Biex nilmħu f'faqarna, kull żmien kullimkien.

Il-kobor, w is-setgħa, w is-safa, w il-ħlewwa,
Il-milja tat-tjieba li lilek tagħnik:
Fik nilmħu, Marija, Sultana tal-ħlejjaq,
Kemm Alla Missierna ħanin kien Għalik.

Għax ħabbek u ħatrek Omm Tiegħu għażiża,
Fil-ħeġġa ta' mħabbtu, għalina bnedmin:
Hu nisslek bla ħtija, Waħdiena fid-dinja,
U Minnek Hu twieled, biex nerġgħu henjin.

Għalhekk insellmulek, Feddejja ma' Ibnek,
Li kisser il-jasar, wellidna mill-ġdid,
Għaliex Dak li sejjaħ Missierna 'l Missieru,
Ħalliek fostna b'Ommna, tqassmilna kull ġid.

Għalhekk insellmulek, u ħajr inroddulek,
O sbejħa Madonna, f'ġurnata bħal din:
Nifirħu, x'ħin nifhmu, nitgħaxxqu, u ftit nifhmu,
Kemm Alla Missierna kien Miegħek ħanin.

Il-lum ġewwa moħħna tistrieħ dit-tifkira,
Is-setgħa li taħkem, fejn taħlaq, bla qies,
Qajjmitek mir-raqda, bil-ħeffa ta' l-anġli
Refgħetek f'Saltnatek, fuq l-Anġli w in-nies.

Hi kbira dil-ġrajja, 'mma akbar tifsirtha –
Għax Alla li weghdek, Marija, w għanik
B'kull ġid u b'kull tjieba, fil-milja ta' kollox,
B'din, seddqek u wettqek, b'kull ma għamel Għalik.

Dan l-hena, Marija, li jixgħel ġo qalbna,
Milquta b'tifkira ta' ġrajja bħal din,
Li xegħ'l fi qlub l-anġli, li jixhdu dil-ġrajja,
Illum jerġa' jixgħel fi qlub il-Maltin.

Ix-xhieda dan l-hena, il-ħajr ta' min ġarrab
Il-qirda fil-ġlieda, il-għera u l-ġuħ:
Lil dawn li ferħulek f'ġrajjietek ferraħħhom –
Għax talbhom kien Minnek, u m'nn Ibnek mismugħ.


CTRONICS
PC Systems
Monitors
Digital Cameras
Speakers
Laptops
MP3
&
MP4
Players
WE Do Also:
Computer Repairs
Computer Servicing
Home Service Calls
Networking
CARTRIGE REFILLS
EPSON
LEXMARK
Canon
hp
invent
SMART CARD ACCEPTED
And Much More items to choose from
Blue Grotto Avenue, Zurrieq
Tel 21 642744 Fax 21 683662
Email: info@ctronics.com.mt



*Fuq xewqa ta' l-E.T. Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona O.P., qegħdin nirriproduċu l-omelija li saret waqt quddiesa għall-organizzaturi tal-festi fil-parroċċi.*

**UFFIĊĊJU STAMPA**
**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**
Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

16 ta' Marzu 2007
TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 46/2007

# Quddiesa mill-Arċisqof għall-Organizzaturi tal-Festi fil-Parroċċa



## L-ispirtu Nisrani fil-festi

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. nhar il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007, iċċelebra Quddiesa fis-Santwarju ta' Santa Tereża, Birkirkara, għad-diriġenti u rappreżentanti ta' kumitati, gruppi, assoċjazzjonijiet u każini li jagħtu sehem fl-organizzazzjoni tal-festi tal-qaddisin fil-parroċċi. Dan li ġej hu t-test ta' dak li Mons. Arċisqof qal dwar l-okkażjoni u dwar il-festi fil-bidu tal-Quddiesa u fl-Omelija.

## Introduzzjoni

Jumejn ilu kont qiegħed is-Seminarju. Kien hemm il-premjazzjoni. Dak il-ħin, quddiem dawk it-tfal li jridu jitrawmu, ġewni żewġ kelmiet: xi privileġġ li għandna dawk it-tfal f'idejna li nistgħu nrawmuhom, u x'responsabbiltà li tipprova trawwimhom tajjeb. Jiena nixtieq li dawn iż-żewġ kelmiet ikunu proprju l-qofol ta' dak li qegħdin niċċelebraw il-lum. Huwa privileġġ għaliex dalwaqt jibda, nistgħu ngħidulu hekk, l-istaġun proprju tal-festi. Huwa privileġġ għax ikun hemm dak li, bl-Ingliż, ngħidulu *coverage,* fuq il-*media,* enormi tal-festi tagħna. Xi privileġġ li, permezz tal-festi, aħna qegħdin inwasslu wkoll din it-togħma! Imma, fl-istess ħin, huwa responsabbiltà ikbar, għaliex f'dan l-istaġun, il-wiċċ ta' - biex ngħid hekk - tal-Knisja, irid jidher b'mod speċjali permezz tal-festi. Dak li hu tajjeb, nżżu ħajr lil Alla. Imma jista' jkun ukoll xi ħaġa li tkun - għax ħadd ma hu perfett - xi ħaġa li hija negattiva wkoll. Għalhekk, jiena xtaqt - mill-ewwel kelli dan il-ħsieb - li jekk taqblu miegħi, kull sena, qabel ma jibda l-istaġun tal-festi, niltaqgħu hawn, nitolbu l-barka tal-Mulej fuq il-festi kollha tagħna. Nixtieq nitlob il-barka tal-Mulej fuqkom ilkoll u fuq il-familji tagħkom u fuq dawk kollha li tgħidx kemm se jagħtu ħin mill-ġurnata tagħhom u mill-ġimgħat tagħhom proprju biex isiru dawn il-festi. Nixtieq li l-barka tal-Mulej tinżel fikom biex dejjem iktar tqisuha bħala missjoni.

## Omelija

L-ewwelnett nirringrazzjakom talli ġejtu hawnhekk flimkien miegħi, Knisja waħda, missjoni waħda, biex nirriflettu fuq dan is-servizz li intom, b'mod speċjali, qed tagħtu permezz tal-festi - dik li aħna ngħidulha bħala espressjoni reliġjuża tal-fidi tagħna. Aħna nafu li, meta naqraw il-Kelma ta' Alla, naraw ukoll diversi okkażjonijiet fejn proprju l-fidi kienet tiġi espressa b'ferħ – b'xi ħaġa li hija esterna. Tiġini f'rasi per eżempju, l-eżempju tas-sultan David, li kien jiżfen u jkanta quddiem l-Arka tal-Mulej. Il-ferħ li kien ikollu f'qalbu kien jesprimieh permezz tal-kant u taż-żfin. Tiġini f'rasi per eżempju, meta Sidna Ġesù Kristu, naqraw fl-Evanġelju skond San Ġwann, kien sejjer lejn il-passjoni tiegħu: fit-triq, wasal f'Betanja, u kien hemm


STARTING POINT
DOMESTIC & ELECTRIC APPLIANCES
St. Thomas Street, Luqa Tel/Fax: 21803017 Mob: 9947 6704
E-mail:startingpoint@vol.net.mt
TRATAMIENTO
2 Year Guarantee on Parts and Labour
5 Year Guarantee on Water Heaters
FAGOR


www.gasanmamo.com
GasanMamo Insurance
LIMITED
the name in Insurance
Head Office: Msida Road, Gzira Tel: 21 345 123
BRANCHES
Valletta: 173, Old Bakery Street Tel: 21 232 666
Mellieha: 23, G. Borg Olivier Street Tel: 21 523 672
Paola: 124, Antoine de Paule Square Tel: 21 662 815
B'Kara: 233, Brared Street Tel: 21 496 235
Qormi: 206, Victory Street Tel: 21 487 118
Sliema: Il-Piazzetta, Tower Road Tel: 21 342 211
Mriehel: Mriehel Gasan Centre, Mriehel Bypass Tel: 23 851 277
Rabat: 120, St. Rita Street Tel: 21 455 523
email: insurance@gasanmamo.com
GasanMamo Insurance Limited is authorised to carry on business of Insurance regulated by the MFSA.

waħda mara li xtrat żejt li kien jiswa ħafna, biex tkun tista' tidilku proprju qabel ma jbati. U Ġesù juri li ma ddejjaqx - allavolja Ġuda gerger - ma ddejjaqx li din il-mara għamlet dan il-ġest. Jiġifieri aħna nagħrfu l-importanza anke li l-fidi tagħna tiġi espressa b'modi li huma barra minna, fosthom il-festi.

## Is-Sinodu dwar il-festi

Għalhekk, meta kellna s-Sinodu Djoċesan, qalilna dan il-kliem fuq il-festi. Għandna fuq id-dokument fuq il-kultura, soċjetà u Knisja, il-kultura reliġjuża popolari hija l-mod kif il-poplu Malti jgħix ir-reliġjon fil-ħajja ta' kuljum. Fl-istess dokument, il-festi esterni huma element importanti tal-wirt kulturali, folkloristiku tal-gzira, sa ftit żmien ilu kienu jintegraw ruħhom tajjeb maċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-festa tal-patrun tal-parroċċa. U fid-dokument fuq ix-xandir tal-Kelma għandna, il-festi titulari huma mumenti qawwija meta l-poplu tagħna jistqarr b'mod pubbliku l-ferħ tiegħu. Meta aħna semmejna dawk l-eżempji, fil-bidu, mill-Kelma ta' Alla, tas-sultan David u ta' dik il-mara, aħna kellna daqsxejn ta' dawl, għaliex il-ferħ ta' David u ta' dik il-mara ħareġ minn fidi kbira li huma kellhom lejn Sidna Ġesù Kristu.

L-ewwel lil Sidna Ġesù Kristu skoprewh, lil Sidna Ġesù Kristu ħabbewh, imbagħad riedu jesprimu minn barra dan il-ferħ kollu tagħna. U aħna nafu, li l-festi tagħna bdew mhux bħala festi; bdew għaliex kien ikun hemm komunità nisranija li tħobb lil Alla l-Imbierek, bdiet tfittex kif tagħtih ġieħ, u waħda mill-modi li skopriet kif tagħtih ġieħ kienet proprju billi tibda torganizza festi biex tesprimi minn barra dak li inti tħoss ġewwa fik.

Jiena naħseb li dan huwa l-veru spirtu li rridu niskopru fil-festi tagħna. Irridu nerġgħu niskopru din l-għaqda kbira. Mhux xi ħadd li jagħmel il-festi, imma intom ilkoll, aħna lkoll, l-ewwel ikollok relazzjoni sabiħa mal-Mulej - taf li inti komdu miegħu, taf li inti qed timxi fuq il-passi tiegħu - imbagħad il-ferħ tesprimih proprju fil-festa li tista' tiġi, tkun tal-patrun tal-parroċċa tagħna. Irridu nerġgħu niskopru fil-fond, il-għaqda bejn il-fidi - li allura tkun is-sena kollha - u dak il-mument speċjali fejn il-komunità nisranija ta' raħal, ta' parroċċa, tinġabar biex din il-fidi tagħha tkun tista' tesprimiha fil-ferħ.

## Il-festa Nisranija

Meta aħna qed nitkellmu fuq din il-forma ta' festa, aħna rridu ngħidu li l-forma ta' festa Kristjana jrid ikollha togħma differenti minn forom ta' festi oħrajn. Għaliex? Għaliex il-festi l-oħrajn li jsiru – jistgħu jkunu politiċi, jistgħu jkunu ta' *clubs* tal-*football* … dawk qed jiġuni f'rasi - dawk qegħdin hemmhekk biex jagħtu gost lilna. Imma meta aħna qed nitkellmu fuq festi, aħna qed ngħidu u qed nagħmlu xi ħaġa biex nagħtu gost lil Alla l-Imbierek, biex nagħtu glorja lil Alla l-Imbierek. U allura meta int se tagħti rigal lil xi ħadd, int tipprova taħseb. Dan ir-rigal li se nagħtih, liema hi l-biċċa li togħġbu? Kif għandu jkun biex din il-biċċa tkun verament togħġbu? Naqralkom silta żgħira minn San Pawl: San Pawl kien jaf x'jiġifieri l-ferħ li joħroġ mill-fidi tiegħu. Jgħid hekk, fl-Ittra lill-Filippin: "*Ifirħu dejjem fil-Mulej. Nerġa' ngħidilkom, ifirħu. Il-ħlewwa tagħkom, ħalli jkunu jafuha l-bnedmin kollha. Il-Mulej qorob u s-sliem ta' Alla jferrħilkom qalbkom u tagħmilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu Ġesù. Alla tas-sliem ikun magħkom*." Dan huwa l-ferħ nisrani li aħna, minn taħt, irid jagħti daqsxejn ta' togħma lil kollox: lil-liturgija tagħna u anki lill-festi tagħna, ħalli l-festi tagħna jkunu parti waħda mill-missjoni tal-Knisja.

## 'Ħejju t-Triq għall-Mulej'

Tafu li bħala motto tiegħi jiena ħadt, "Hejju t-Triq għall-Mulej". Tafu li għidtha, għaliex nemmen li l-Mulej għandu x-xewqa kbira li jkun jaf lil kulħadd u kulħadd ikun jafu u kulħadd iqimu. U jiena ħadtha bħala motto għax għedt, 'aħna bħala Knisja, mela, min aħna?' Aħna dawk li nħejju t-triq għall-Mulej, l-ewwel ġol-qalb tagħna, imbagħad permezz tagħna nħejju t-triq għall-oħrajn għal meta jersqu lejn il-Mulej. Allura nixtieq li aħna lkoll kultant nagħmlu daqsxejn ta' riflessjoni. Tkun għaddiet il-festa u wara l-festa tagħmel il-mistoqsija: "Imma permezz tal-festa, qalbi saret iktar qrib tal-Mulej?" Mhux lejn il-qaddis biss. Ifhmuni… Jiena tafu li jiena patri ta' San Duminku... Jiena dejjem kont nirraġuna – mhux biex nagħmel naħa jew oħra… mhux importanti… biex ngħid fatt. Imma darba kont irriflettejt, għedt: 'San Duminku x'jixtieq?' Jifraħ meta jiena ngħidlu, 'viva San Duminku.' Imma jifraħ ħafna meta ngħidlu, 'San Duminku, int wassaltni lejn Kristu.' Iktar b'din jifraħ. U l-qaddisin iktar b'din jifirħu. Jiġifieri, wara l-festa, wieħed irid jagħmel daqxejn (riflessjoni) - bħala kumitati… agħmluha. Imma din il-festa, b'dak l-isforz kollu, b'dawk is-sagrifiċċji kollha… U tibda tagħmel (riflessjoni): "Imma jiena ersaqt lejn il-Mulej?" U meta jiena nindaga fost sħabi: "Grazzi tal-festa li għamiltuli", jibdew jgħidulna n-nies. "Kieku taf kemm ħassejtni iktar qrib tal-Mulej". Jew inkella jkun hemm xi ħadd għadu qed ifittex il-Mulej: "Imnalla kienet il-festa tagħkom, li lili ġabitni nemmen iktar, għax rajt il-ferħ nisrani li hemm ġewwa qalbkom." Dan qed ngħidu għalija u għalikom; mhux għalikom biss, (imma) għalina lkoll. Irridu nieħduha verament bħala sfida kbira. Qed ngħid dan, għaliex? Għaliex - ħa ngħidu wkoll xi ħaġa spiritwali – tafu li fil-Pastorali (tar-Randan) tkellimt ukoll fuq il-ħajja ta' dejjem. Darba Sidna Ġesù Kristu qalilna, 'aħżnu teżori fis-sema.'

## Investiment tajjeb

Jiena ngħid: Kemm hemm nies



# GREEN GARDEN

**Joe Borg**
*Joe ta' Lukardu tal-Fjuri*

## All Year round Growers of All Types of Flowers

***Specialising in*** **Carnations, Gebra, Gladioli.**

Residence: 12, St Bartolomew Street, Qormi Tel: **2144 3723**
Ta' Kandja Nursery, l/o Siggiewi Tel: **2164 0467**
Fax: **2147 0335** Mob: **9945 8234**

UV PRINT

# SCREEN PRINTERS

*We can create your Tops from A to Z*

**Numbers (small & large) • Printed & Embroider Logos**

- ***T-Shirts***
- ***Scarves***
- ***Caps***
- ***Flags***
- ***Banners***
- ***Stickers***
- ***Pvc Cards***
- ***Clocks***
- ***Small items***

**Triq in-Nassab, Qormi**
**Tel: 2144 0815 • Fax: 2144 0832 • Mob: 9942 9798**
**E-mail: uvprint@waldonet.net.mt**

li jaħdmu tant għall-festi? Jekk aħna ngħaqqduhom – ma rridx inkun ħafna negattiv - imma, per eżempju, jekk jiena dak li qed nagħmel… għax il-Mulej, meta se niġu quddiemu ma jgħidlix biss, 'għax inti armajt għall-festa.' Jieħu gost ukoll.

Imma jgħidli, ' Imma x'kien l-ispirtu?' Jiġifieri jekk jiena armajt il-festa u tlabtu meta qed narma, il-Mulej jifraħ ħafna. Imma jekk jiena waqt li qed narma, minflok ma faħħartu għidt xi ħaġa oħra, mhux se jservini bħala teżor fis-sema. Jekk jiena, per eżempju, inkunu flimkien u ngħid, 'isma', ħalli nippruvaw inkunu spirtu wieħed.'

Ma jimpurtax billi jkollok patrun jew ieħor – ma tagħmilx ħsara. Imma mbagħad ma nistax immur ngħidlu, 'Mulej, jien taf kemm armajtlek?' U xi spirtu kellek? Spirtu ta' firda; 'taf kemm iġġilidt kontra l-oħrajn!' Ma naħsibx li (huwa) investiment tajjeb lejn dak li rridu naħżnu. Dan li nixtieq ngħidilkom huwa proprju dan. Allavolja intom qed taqdu lill-parroċċa permezz tal-festi, araw ftit anke, forsi matul is-sena jkun hemm il-Kappillan - tafu li l-lum, anki l-Kappillani, huma daqsxejn magħfusin, qed nonqsu fin-numru, qed nafdaw ħafna fuq il-lajċi - min jaf kieku l-Kappillani, minn barra l-festa, tgħidulhom: 'Nistgħu ngħinuk Kappillan?'

B'mod jew ieħor… Liturġija – hi x'inhi. Nistgħu nagħtu s-sehem tagħna? Ifhmuni: biex il-Knisja, il-parroċċa ma tkunx il-festa biss, imma permezz tal-festa nasal ukoll lejn il-parroċċa li hija l-veru missjoni tagħna. Li xtaqt naqsam (magħkom) huwa dan: Jiena nittama - ma nafx x'taħsbu intom – imma nixtieq li kull sena nibda niltaqa', proprju ħalli ngħaddilkom din il-missjoni.

## Missjoni

Il-missjoni tiegħi, li nixtieq naqsam magħkom hija din: Qegħdin fi żminijiet importanti. Tafu li qegħdin f'dinja li mhux dejjem tgħinna, qegħdin f'dinja sekularista. Kemm hu sabiħ kieku l-enerġija li intom tagħtu - u nirringrazzjakom tagħha… Jien kultant jistagħġbuni nara żgħażagħ qegħdin jarmaw. Alla jbierek; ngħid, 'imma x'enerġija!... Din l-enerġija kollha, agħmluha parti mill-missjoni tal-Knisja.

Kunu miegħi anki f'dan id-dawl: li intom tikkunsidraw, dak li qegħdin nagħmlu jista' jwassal lil xi ħadd biex idur lejn il-Mulej. Jalla l-Mulej, lili u lilkom, jagħtina dawl ġdid, spirtu ġdid, anki jiena għandi bżonnu, biex ħafna u ħafna iktar f'Malta, b'mod speċjali, ikunu jafu lill-Mulej permezz ta' kollox, anki permezz tal-festi li b'tant dedikazzjoni intom tagħmlu f'kull parroċċa. Grazzi mhux biss talli ġejtu, grazzi tal-ħidmiet kollha tagħkom.

Santwarju Santa Tereża, Birkirkara
15 ta' Marzu 2007


MARCON'S
HAIR SALON

Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba





Opening Hours:
Tue-Fri: 09.00am–06.00pm
Sat: 08.00am–07.00pm
*Monday closed*





Tel: 27602437 Mob: 79602437




Arcadia,
Gilbiena Street,
Żabbar.
Tel/Fax: 2167 7970

*We Specialize in:*

**1.** Frame Moulding in different shapes and sizes, Parquet Flooring and Wooden Skirting
**2.** Furniture Mouldings
**3.** Kitchen & Interior doors in standard measures or in desirable size
**4.** Panelling in solid Pine





All Selections can be made from a wide selection of wood
(Pine - Oak - Mahogany - Samba)

**PURCHASE DIRECTLY FROM MANUFACTURER AND SAVE MONEY**

**FREE DELIVERY**





# Dolceria Croce Bonaci

We are the originals

Over 100 years Experience
*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Tel/Fax: 2122 5924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933



# San Bażilju l-Kbir

*(329-379)*

**kitba tas-Sur Joseph Farrugia**

Mill-medja sirt naf li kien qed isir restawr tal-Kappella ta’ San Bażilju fl-Imqabba. Din il-Kappella ttini tifkiriet ta’ tfuliti. Fiha kien isir id-dfin tat-trabi u hemmhekk ħadt għal xi żmien it-tagħlim tad-duttrina minn membri tal-MUSEUM. Kull sena fl-ewwel ta’ Jannar, kienet issir proċessjoni tal-kleru mill-parroċċa għal din il-Kappella u wara ssir quddiesa kantata. Nifhem li billi l-festa ta’ San Bażilju taħbat fit-2 ta’ Jannar, il-festa fil-Kappella kienet tkun iċċelebrata ġurnata qabel – festa kmandata. Meta ltqajt ma’ dan l-artiklu segwenti, ħsibt li jkun opportun li ngħaddih għall-pubblikazzjoni għal tagħrif dwar il-ħajja ta’ dan il-qaddis li l-antenati tagħna għażlu bi protettur.

San Bażilju, Isqof ta’ Ċesareja u Duttur tal-Knisja, hu l-ewwel wieħed fost it-tliet għorrief imlaqqma ‘It-Tlieta tal-Kappadoċja’, u l-waħdieni fosthom li sthaqqlu jibqa’ jissejjaħ ‘il-Kbir’. Flimkien mat-tnejn l-oħra: ħabibu, San Girgor ta’ Nazjanze u ħuh, iżgħar minnu, San Girgor ta’ Nissa, hu ħadem għall-paċi tal-knisja fi żmien il-persekuzzjoni arjana u żviluppa t-tagħlim tal-Knisja dwar it-Trinità. Bażilju baqa’ jissemma wkoll bħala missier il-monakiżmu tal-Lvant u għar-riforma li wettaq fil-liturġija. Iktar mit-tnejn l-oħra, hu wera ħila kbira bħala mexxej u organizzatur tal-Knisja.

Bażilju twieled f’Ċesareja tal-Kappadoċja, lejn it-tmiem tas-sena 329 W.K. Hu kellu l-vantaġġ li jitwieled f’familja ta’ qaddisin: nanntu kienet Santa Makrina l-kbira, li sofriet għall-fidi taħt l-aħħar imperaturi pagani, missieru, Bażilju wkoll, u ommu Emmelja huma t-tnejn qaddisin, waqt li fost l-għaxar uliedhom, insibu tliet qaddisin oħra minbarra Bażilju: San Girgor, Isqof ta’



*San Bażilju l-Kbir*

Nissa, San Pietru, Isqof ta’ Sebaste u Santa Makrina ż-żgħira, li kienet mudell ta’ ħajja axxetka. Iktar minn hekk, Bażilju għadda l-ewwel snin ta’ ħajtu għand nanntu, Santa Makrina, fid-dar tal-kampanja li din kellha qrib Noeċesareja. Mingħandha Bażilju kiseb l-ewwel ħjiel tal-virtù, waqt li mingħand missieru, li kien avukat ta’ fama u għalliem tar-rettorika, hu ħa l-ewwel tagħlim fil-letteratura. Mingħandu tgħallem ukoll ikun bieżel u ma jibżax mix-xogħol. Min jaf kemm il-lejla, missieru kien jibqa’ mqajjem tard bil-lejl, jaħdem fid-dawl tal-lampa taż-żejt, biex ilaħħaq max-xogħol tal-klijenti tiegħu, li f’għadd kbir kienu jmorru għandu biex jgħinhom jieħdu dak li kien tagħhom. Iżda Bażilju ma damx igawdih ’il missieru. Dan miet meta ibnu kien għadu ta’ età żgħira. Wara l-mewt ta’ missieru, Bażilju reġa’ lura f’Ċesareja, belt twelidu, fejn seta’ jkompli l-istudji tiegħu, speċjalment fir-rettorika. Kien hawn li hu ltaqa’ għall-ewwel darba ma’ Girgor ta’ Nazjanze u li bejn it-tnejn nibtet ħbiberija l-iżjed kbira. Iżda, hekk kif Bażilju għamel tiegħu kulma dik il-belt setgħet toffrilu f’dak li hu għerf, hu rħielha għal Kostantinopli, fejn l-aqwa għalliem tar-rettorika ta’ dak iż-żmien, il-pagan Libjanu, kien jagħti l-lezzjonijiet tiegħu. Bażilju ma damx ma sar l-aqwa skular ta’ Libjanu. Dan nafuh mill-korrispondenza li dan il-għaref baqa’ jżomm ma’ Bażilju.

Min-naħa tiegħu, meta ma baqagħlux x’jitgħallem iktar f’Kostantinopli, Bażilju, imbuttat mill-kilba li kellu għat-tagħlim, telaq lejn Ateni, il-metropoli tal-għerf u t-tagħlim. Hawn, flimkien mar-rettorika, hu studja l-filosofija u l-matematika. Tgħidx kemm feraħ meta f’Ateni hu ltaqa’ mill-ġdid ma’ ħabibu Girgor; il-ħbiberija ta’ bejniethom tkompliet tikber u tissaħħaħ u t-tnejn kienu jgħinu ’l xulxin fl-istudji tagħhom. Iżda l-fama li kiseb f’Ateni, ’il Bażilju ma għamlitx bih. Wara xi erba’ jew ħames snin f’dik il-belt, hu reġa’ lura f’Ċesareja, fejn fetaħ skola ta’ l-oratorja u għamel ukoll xi xogħol ta’ avukat. Kien f’din il-ħabta li hu ddeċieda li jitgħammed; dak iż-żmien dan is-sagrament kien jitħalla għal meta wieħed jikber. Għal Bażilju, il-Magħmudija kienet sinjal għall-konverżjoni spiritwali. Hu telaq it-tagħlim u l-ħajja fil-belt, biex jingħata iżjed għal Alla. L-ewwel ħaġa li għamel kien vjaġġ fl-Eġittu, is-Sirja u l-Mesopotamja, fejn żar l-axxeti u l-eremiti l-iktar magħrufa li kienu jgħixu hemmhekk. Hu baqa’ milqut mill-ħajja iebsa u ta’ ċaħda



*Il-kappella ta’ San Bażilju wara x-xogħol ta’ restawr li sar fuqha.*

li dawn kienu jgħixu; iżda deherlu li l-ħajja organizzata f'komunità kienet aħjar minn dik f'eremitaġġ. Għalhekk, wara li qassam ġidu lill-foqra, mar jgħix, flimkien ma' ftit oħra, fl-inħawi ta' Annesi, qrib Neoċesareja tal-Pontu. Ma għaddiex żmien wisq, li miegħu u ma' sħabu ma ngħaqdux għadd kbir ta' nies oħra li bħalhom kienu jfittxu l-ħajja tal-perfezzjoni. Iżda Bażilju ma riedx komunitajiet kbar. Ebda komunità ma ried, li jkollha iktar minn tletin jew erbgħin raħeb. Għalihom kiteb żewġ regoli: ir-Regola t-Twila u r-Regola l-Qasira. F'dawn ir-regoli Bażilju wera l-ġenju prattiku li kellu u għalihom stħaqqlu jissejjaħ 'Missier il-Monakiżmu tal-Lvant'. Kien hu li ġietu l-ideja tan-novizzjati, fejn dawk li jitħajru għall-ħajja reliġjuża, jagħmlu żmien ta' prova u jitgħallmu jirbħu lilhom infushom billi jitħarrġu fl-ubbidjenza, il-pern li fuqu r-raħeb kellu jibni l-qdusija tiegħu. Ir-regola kienet waħda iebsa; iżda ebda raħeb ma kellu jżid xejn magħha minn jeddu. Dan Bażilju għamlu biex ebda raħeb ma' jitqanqal jagħmel penitenza, imqanqal mis-suppervja jew il-vanità. Elementi importanti kienu t-talb ta' flimkien, l-astinenza perpetwa mil-laħam u mill-inbid, u x-xogħol manwali li kull raħeb kien jingħata biex jagħmel. B'danakollu lejn il-morda kellha tintwera mħabba kbira: u dawn kellhom jingħataw l-ikbar kura u ma jiċċaħdilhom ebda konfort. L-irħieb ta' Bażilju kellhom iħarrġu wkoll ospitalità kbira mal-barranin li jżuru l-monasteru.

Il-komunitajiet ta' qrib Neoċesareja ma damux igawduh wisq lil Bażilju. Il-ħeġġa li kellu biex il-fidi tinżamm safja, ġegħlitu jerġa' lura f'Ċesareja, fejn l-ereżija arjana kienet dakkret saħansitra lill-Isqof Djanu tal-belt. Il-ħidma ta' Bażilju swiet, għaliex fuq is-sodda tal-mewt Djanu għaraf l-iżball tiegħu u stqarr ma' Bażilju l-lealtà tiegħu lejn it-tagħlim ta' Niċeja. L-Isqof Ewsebju, li laħaq f'Ċesareja wara l-mewt ta' Djanu, kien dgħajjef u ma jinqalax bħala tejologu; għalhekk talab lil Bażilju jgħinu. Bażilju aċċetta u Ewsebju ordnah saċerdot. Hu kien l-id il-leminija ta' l-isqof: kien jgħinu bil-pariri għaqlin tiegħu, ifissirlu l-Kotba Mqaddsa u jurih x'kienu d-dmirijiet tiegħu ta' isqof. In-nies kienet tissaħħar bil-priedki ta' Bażilju u l-foqra tal-belt ma nsew qatt il-karta' kbira li wera magħhom fi żmien il-għaks li waqa' fuq dawk l-inħawi, wara li maltempati qliel bis-silġ kienu għamlu ħerba kbira mill-għelejjel tar-raba'. Kienet ħaġa naturali, għalhekk, li mal-mewt ta' Ewsebju, li ġrat fis-sena 370 W.K, minfloku jintgħażel Bażilju, li mal-ħatra, sar ukoll metropolità tal-Kappadoċja u eżarka ċivili tal-provinċja tal-Pontu. Fit-tmien snin li dam isqof, Bażilju wera l-ħila kbira tiegħu bħala mexxej. Huwa mexxa ħidma ta' għajnuna soċjali, ħa ħsieb it-tagħlim tal-foqra u waqqaf orfanatrofji, fosthom l-istitut Ptocho-tropheion, li kien maħsub għat-tfal foqra.


*Il-kwadru li jinsab fil-kappella ta' San Bażilju.*

Hu ħadem ħafna wkoll biex jaqta' abbużi ta' simonija u nuqqas ta' serjetà fil-għażla tas-saċerdoti. Ma setax jonqos li din il-ħidma ġġiblu oppożizzjoni kbira minn dawk li kienu qed imorru tajjeb b'dawn l-abbużi; iżda l-poplu kien wara Bażilju u kien jagħtih awtorità, hekk li ħadd ma seta' jieqaf għar-rieda tiegħu. Saħansitra l-Imperatur Valent, li kien jaħkem fuq l-imperu tal-lvant, u li għal raġunijiet politiċi ried jimponi l-ereżija arjana fuq il-provinċji kollha taħt is-setgħa tiegħu, ma' Bażilju ma seta' jagħmel xejn. Fil-waqt li isqfijiet oħra li ma qagħdux għar-rieda, ta' l-imperatur tneħħew u ġew eżiljati, Bażilju baqa' sod u b'tattika kbira u b'awtorità tal-għaġeb, waqqaf lill-imperatur milli jimponi l-ereżija fuq id-djoċesi tiegħu. Iktar minn hekk; ma kenitx l-ewwel darba li l-imperatur innifsu ħa sehem f'funzjonijiet immexxija minn Bażilju, li f'wiċċu kien iċanfru għall-ħażen tiegħu. Bażilju ma kkuntentax ruħu li d-djoċesi tiegħu kienet tgawdi paċi relattiva; it-tbatija ta' l-insara fi djoċesijiet oħra, li minħabba l-persekuzzjoni kienu sfaw bla ragħaj, qanqlitu jmidd idejh u jaħdem biex iġibilhom għajnuna mill-punent, speċjalment minn Ruma. Hu ħadem ukoll biex isewwi l-firda li l-ereżija ġabet fil-lvant. Nistgħu ngħidu, li wara l-mewt ta' Sant Atanasju, il-piż tad-difiża tad-duttrina vera fil-lvant, kien waqa' fuq spallejh. Għalkemm f'ħajtu Bażilju ma laħaqx jara t-trijonf tad-duttrina ta' Niċeja fuq l-arjaniżmu permezz tal-ewwel Konċilju ta' Kostantinopli, kien hu l-bniedem iktar minn kulħadd li wassal għal dan it-trijonf.

L-aħħar snin ta' Bażilju kienu ta' niket kbir għalih. Saħħtu qatt ma kienet tajba u l-isqfijiet sħabu mhux dejjem fehmuh. Fis-sena 371 W.K, deċiżjoni ta' l-imperatur Valent, li jaqsam il-Kappadoċja f'żewġ provinċji, ġabitlu nkwiet ma' l-Isqof Antimus, li tqiegħed metropolità fuq il-parti li ma baqgħetx taħt idejn Bażilju. Dan, biex isaħħaħ il-qagħda tiegħu, ħoloq għadd ta' djoċesijiet ġodda, suffragani għalih. Djoċesi minn dawn hu taha lil ħabibu, Girgor ta' Nazjanze, li aċċettaha kontra qalbu. Iżda meta 'l quddiem din il-ħatra tellfet lil Girgor id-dritt li jsir Isqof ta' Kostantinopli, dan ħadha bi kbira u tefa' l-ħtija ta' dan fuq Bażilju. Minħabba f'hekk il-ħbiberija ta' bejniethom birdet u qatt ma reġgħet ġiet għal li kienet. Mifni bix-xogħol, bin-niket u d-diżappunti, Bażilju miet f'qasir il-għomor, fl-1 ta' Jannar tas-sena 379. Kien għadu ma għalaqx il-ħamsin sena. Il-poplu kollu; insara, Lhud u pagani, bkewh. Tnejn u sebgħin sena wara mewtu, il-Konċilju ta' Kalċedonja sejjaħlu: 'Bażilju l-Kbir, ministru tal-grazzja li fisser il-verità lid-dinja kollha.'

**Riferenzi:**

Philip Hughes: A History of the Catholic Church, Vol. I Sheed & Ward, London, 1956
Alex Bonnici, OFM Conv: Patroloġija Vol II; Reliġjon u Ħajja, 1976
Butler's Lives of the Saints
G. Brimmer: Ħajjet ta' Qaddisin, Għadd 1, 1982, paġni 7-11



# Il-Knejjes ta' San Bażilju u San Mikiel

**Sem. Jonathan Farrugia**
**B.A. (Hons) B. A. Theol. & Hum. Stud. S. Th. B.**

Din is-sena, bit-tħabrik tal-Kappillan u tal-Ministeru ta' l-Onor. il-Perit Ninu Zammit kellna x-xorti li naraw l-eqdem żewġ knejjes tal-parroċċa tagħna jiġu rrestawrati u mogħtija l-ħajja mill-ġdid. Ix-xogħol minn ħaddiema u periti professjonali dam għaddej madwar sena, minn ftit wara l-festa titulari ta' Santa Marija Assunta tas-sena l-oħra, sakemm il-knejjes reġgħu nfetħu mill-ġdid fil-25 ta' Mejju 2007. Għaldaqstant ħassejt li kien xieraq li din is-sena nikteb xi ħaġa dwar dawn iż-żewġ monumenti li jagħmlulna ġieħ, kif ukoll biex insiru nafu xi ftit dwar il-kult tal-qaddisin li lilhom huma ddedikati.

## San Bażilju u l-knisja tiegħu fl-Imqabba

Bażilju twieled f'Pontu lejn is-sena 329 f'familja tat-tajjeb li kienet batiet ħafna fi żmien il-persekuzzjoni ta' Massiminu Galerju (305-314). Kellu trobbija nisranija imma ma tgħammidx meta kien tarbija, peress li d-drawwa kienet li l-insara jitgħammdu kbar wara xi xhur ta' katekumenat. Studja f'Ċesarija, f'Kostantinopli u f'Ateni – l-aqwa bliet akkademiċi ta' dawk iż-żminijiet. Sieħbu fl-istudju kien il-qaddis Girgor Nazjanzenu. Mill-kitbiet ta' San Girgor nafu li Bażilju wera minn kmieni l-kwalitajiet intellettwali straordinarji li kellu; kien jinqala' fir-rettorika, fil-filosofija, fil-matematika, fl-astronomija, fil-mediċina u fil-grammatika. Nistgħu ngħidu li kien ġenju għal żmienu. Meta spiċċa mill-istudji tgħammed u mar lura lejn pajjiżu, u hemm, bil-għajnuna ta' oħtu, Santa Makrina, beda jinteressa ruħu aktar fil-Fidi u beda dejjem aktar ifittex il-perfezzjoni. Wara xi żmien Bażilju waqqaf l-ewwel monasteru ċenobitiku[1] f'Pontu, u kiteb ukoll Regula għal din it-tip ta' ħajja – b'hekk dal-qaddis baqa' magħruf bħala missier il-monastiċiżmu tal-Lvant.



*Il-kappella ta' San Bażilju qabel ma sar ir-restawr.*

Lejn is-sena 360 inqala' xi nuqqas ta' qbil fit-tagħlim li wassal biex reġgħet tfaċċat l-ereżija serja ta' Arju, li ċaħad id-divinità ta' Kristu. Bażilju kien wieħed mill-ħafna eremiti li kellhom jitilqu mill-monasteri biex imur Kostantinopli u jiddefendi l-verità. Huwa żamm mad-duttrina li kienet ġiet definita fil-Konċilju ta' Niċea fis-sena 325, li Kristu huwa magħmul mill-istess sustanza tal-Missier u li hu daqsu u etern bħalu.

Fis-sena 365 ġie ordnat saċerdot u ħames snin wara sar l-isqof ta' Ċesarija. Matul l-episkopat tiegħu ħadem ħafna biex iġib l-għaqda fost l-insara li żammew mal-Fidi u l-oħrajn li ngħaqdu ma' xi moviment eretiku. Hu kien wieħed minn ta' l-ewwel qaddisin tal-Lvant li għarfu l-isqof ta' Ruma (il-papa) bħala l-kap tal-Knisja kollha. Fil-fatt għadhom jeżistu xi ittri li bagħat lill-Papa Damasu I li fihom ħeġġu biex jikkundanna kull ereżija li titfaċċa, mhux biss fil-Punent, imma fil-Knisja kollha. Il-ħidma bla waqfien fid-djoċesi tiegħu, is-sagrifiċċji li kien jagħmel, flimkien ma' marda fil-fwied wasslu biex Bażilju miet fl-età ta' madwar 50 sena, fl-1 ta' Jannar 379. Baqa' magħruf bħala wieħed mill-ikbar qaddisin ta' l-ewwel sekli tal-Knisja, u ġie ddikjarat Duttur tal-knisja għal ħafna kitbiet li ħalla dwar id-duttrina tat-Trinità. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fit-2 ta' Jannar.

Il-knisja ta' San Bażilju nistgħu ngħidu li hija teżor Imqabbi f'kull sens; minħabba l-qedem tagħha, minħabba l-arkitettura normanna li fiha, l-uniċità tad-dedikazzjoni tagħha f'pajjiżna, kif ukoll minħabba l-fatt li serviet għal diversi snin bħala l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. Hawnhekk tajjeb li niċċaraw punt li spiss jitħalla barra. Il-parroċċa ta' l-Imqabba kienet minn dejjem iddedikata lill-Assunta minkejja li fl-ewwel snin il-knisja parrokkjali kienet proviżorjament dik ta' San Bażilju. Meta seba' Mqabbin missirijietna għamlu s-supplika ta' l-1595, ix-xewqa tagħhom kienet li l-knisja l-antika ta' l-Assunta ssir parroċċa. Dan jidher ċar mill-kundizzjonijiet li għamlu lill-Isqof Tumas Gargallo fil-petizzjoni li ppreżentawlu:

> Huma weghdu li joħorġu ħames skudi fis-sena biex iżommu jixgħel il-lampier

SOUTHERN FRIED
Lip Licking Flavour
Chicken

**For the Best Southern Fried Chicken in Malta**
**available from**
**B'Kara M'Scala B'Buġa Ħamrun**

JV
Plastering

**Għal kull tip ta' xogħol fuq il-fil, tibjid, tikħil, kisi u restawr fuq l-antik**

**SCAFFOLDING GĦALL-KIRI**

Mob: 9924 4807 jew 9986 1751



*Il-kappella ta' San Bażilju u San Mikiel li jinsabu fl-Imqabba, wara li ġew restawrati.*

ta' quddiem is-Sagrament fil-knisja ta' l-Assunta, u li joħorġu wkoll 16-il skud u 6 irbajja fis-sena għall-manteniment ta' dak li jinħatar bħala kappillan jew kurat tal-knisja li kienet sejra tiġi ddikjarata parroċċa. ġ…ħ Imma l-flus ma kinux se joħorġuhom jekk **il-knisja ta' l-Assunta ta' l-Imqabba** ma tinqatax għal kollox minn dik ta' Birmiftuħ. Is-somma mwiegħda kienet sejra toħroġ kull sena **nhar il-festa ta' Santa Marija Assunta**, jiġifieri fil-15 ta' Awissu.[2]

Għal raġunijiet ta' pastorali, l-Isqof waqqaf il-parroċċa taħt il-patroċinju li għadha żżomm sal-lum, dak ta' Santa Marija,[3] imma ordna biex il-knisja ta' San Bażilju, peress li kienet l-ikbar waħda, tintuża bħala l-knisja ewlenija sakemm tinbena knisja akbar iddedikata lill-patruna tar-raħal.

Il-bidu tad-devozzjoni fl-Imqabba lejn dan il-qaddis kbir tal-Knisja Orjentali mhux magħruf. Hemm min jaħseb li xi nies barranin ħarbu minn pajjiżhom fiż-żminijiet tan-nofs meta l-Musulmani kienu qed jidħlu fl-Ewropa, sabu r-refuġju f'Malta fl-inħawi ta' l-Imqabba, u bnew knisja lill-qaddis li kienu jqimu f'pajjiżhom.

Minn studji li saru f'dwan l-aħħar snin nafu li din il-knisja kienet diġà teżisti fis-sena 1486. Kienet iżgħar milli hi llum – fil-fatt dak li llum nafuh bħala 'l-artal tal-ġenb', oriġinarjament kien l-artal prinċipali, u l-bieb ta' quddiemu, li llum jagħti għall-kamrun, qabel kien il-bieb ewlieni li jagħti għat-triq. Tkabbret diversi drabi, l-aħħar darba kien fl-1515, meta ħadet il-forma li għandha llum.

Mill-viżti pastorali li saru matul is-sekli, nistgħu nibnu ħjiel dwar l-istorja ta' din il-knisja, l-unika waħda f'Malta ddedikata lil dan il-qaddis. Nafu li fl-1575 fuq l-artal maġġur kien hemm ikona ċkejkna, li nassumu kienet tirrappreżenta lil dan il-qaddis. Il-knisja kienet fqira ħafna. Fiha kienet tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Ħdud u l-festi u fl-14 ta' Ġunju[4] kienet tiġi ċċelebrata festa devozzjonali f'ġieħ il-qaddis patrun. Nafu li f'dan iż-żmien kellha wkoll xi altari laterali li ma setax isir quddies fuqhom.

L-unika viżta pastorali li saret meta din il-knisja kienet mgħollija għal ġieħ ta' knisja parrokkjali, kienet fis-7 ta' Diċembru 1600, fi żmien l-isqof Gargallo. F'daż-żmien il-knisja kellha fonti tal-maghmudija ħdejn il-bieb ta' barra, pissidi ta' l-injam indurat, tabernaklu xieraq ta' l-injam u kwadru titulari ġdid bi tliet lampieri quddiemu.[5] Il-kwadru titulari kien ikona fuq l-injam, trittiku ta' stil Biżantin, li fih kien juri lill-Madonna fiċ-ċentru, waqt li fil-ġnub tagħha kien hemm San Bażilju u San Ġużepp. Hemm min jaħseb li l-fatt li l-Madonna kienet tpoġġiet fiċ-ċentru tal-kwadru titulari jixhed, li minkejja li l-knisja kienet iddedikata lil San Bażilju, il-festa prinċipali kienet waħda tal-Madonna, presumibilment ta' Santa Marija. Manuskritt antik li jinsab fil-Bibljoteka Nazzjonali jagħti xi dettalji dwar dan il-kwadru: il-Madonna kellha fi ħdanha lil Ġesù bambin u f'idha x-xellugija kienet qiegħda żżomm palma, waqt li fuqha kien hemm jidher il-Missier Etern. Taħt San Bażilju kien hemm miktub "*Basili Magni Episcopi*" waqt li taħt San Ġużepp kien hemm "*Joseph Confessoris Spon B.M.V.*". Taħt il-Madonna mbagħad kien hemm "*DE Auxilis Istam pinxit. Anno. DML 1584*". B'hekk nafu li din l-ikona kienet tas-seklu sittax, u li żgur mhux l-istess kwadru titulari li jissemma fl-1575.

Il-viżta tgħidilna wkoll li kien hemm żewġ altari oħra. Dak tax-xellug kien iddedikat lill-Madonna tar-Ružarju, mogħni b'pittura, b'lampier u tiżjin ieħor. Fuq dan l-artal fl-1596 kienet twaqqfet il-fratellanza tal-Madonna tar-Ružarju, l-ewwel fratellanza fir-raħal tagħna, li kienet ukoll l-ewlenija fit-tixrid ta' devozzjoni vera lejn il-Madonna. Kienet torganizza purċissjoni fl-ewwel



*Il-kappella ta' San Bażilju minn ġewwa*

JB
STORES

Your One Stop Shop
Open All Day



Household Goods
Fashion Textiles
Haberdashery
Fashionwear

Sewing Services
Curtain Textiles
Hometextiles
Carpets

Jb Department Stores, Iklin Road, Lija
Tel: 2331 4312 / 4301 / 4303 Email: info@jbstores.com

Ħadd ta' kull xahar, u fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju, fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru. L-artal tal-lemin kien iddedikat lill-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta, u kellu wkoll pittura.

Eżattament ħmistax-il sena u jumejn wara, nhar id-9 ta' Diċembru 1615, saret viżta pastorali mill-isqof il-ġdid ta' Malta, Baldassare Cagliares, l-ewwel isqof Malti wara l-1299. Is-sede parrokkjali kienet diġà ġiet trasferita fil-knisja l-ġdida ddedikata lil Santa Marija Assunta, u minħabba f'hekk il-knisja ta' San Bażilju kienet tilfet ħafna mill-importanza li kellha. Madankollu ma kinitx mitluqa. Bastjan Schembri kien jieħu ħsieb jixgħel il-lampier[6] ta' quddiem il-kwadru titulari, li kien għadu dak it-trittiku Biżantin, kif ukoll biex jorganizza l-quddiesa tal-festa ta' San Bażilju. Ma nafux sewwasew x'sar minn din l-ikona. Jidher illi baqgħet tokkupa l-post bħala kwadru titulari sakemm saret il-pittura li hemm illum fl-1677. Wara, dan tpoġġa fuq wieħed mill-altari tal-ġenb. Dan nafuh għax jissemma fil-manuskritt li semmejt ftit ilu. Hija tassew ħasra li dan it-trittiku ntilef.

L-artal tar-Rużarju u l-fratellanza kienu trasferiti għall-parroċċa, għalhekk ma kinux għadhom jeżistu fil-knisja ta' San Bażilju. L-artal u l-kwadru tal-Viżitazzjoni kienu għadhom hemm u jgawdu ċerta devozzjoni. Dan tneħħa u ttieħed fil-knisja parrokkjali xi żmien wara din il-viżta.

Wara dan ma sarux aktar viżti pastorali f'din il-knisja. L-użu tagħha jidher li baqa' għaddej kontinwament għall-quddies. Fil-pesta ta' l-1675 il-knisja u z-zuntier tagħha servew ta' ċimiterju. Fost il-vittmi ta' din il-marda qalila kien hemm il-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Dumink Pace flimkien ma' żewġ saċerdoti oħra: Dun Valerju Zammit u Dun Luqa Zammit. It-tlieta jinsabu midfunin fil-knisja ta' San Bażilju u l-monument li naraw fuq iż-zuntier, magħmul fl-1677, huwa mafkar f'ġieħhom. Fl-



*Mafkar fuq iz-zuntier magħmul fl-1677.*

istess sena sar il-kwadru titulari li naraw illum. Dan iġib fil-parti ta' fuq tiegħu lis-Santissma Trinità; fuq in-naħa tal-lemin tagħhom hemm Ommna Marija tal-Grazzji bil-ħalib ħiereġ minn sidiriha; fuq in-naħa tax-xellug hemm xbieha tal-Patrijarka San Ġużepp. Dan jidher bil-qiegħda fuq l-isħab b'id fuq sidru u bl-oħra jżomm il-bastun tal-ġilju. Il-ħarsa ta' għajnejh hija mwaħħla fuq Marija, li tinsab bi drittu fin-naħa l-oħra tal-kwadru. Artistikament dawn iż-żewġ figuri huma riflessjoni perfetta ta' xulxin, sew fil-qagħda kif ukoll fl-ilbies. Fil-parti t'isfel imbagħad naraw lil San Bażilju Isqof fuq il-lemin u lil San Rokku fuq ix-xellug, u bejniethom hemm l-erwieħ tal-Purgatorju. Fil-pajsaġġ li jidher bejn dawn il-figuri, fejn hemm tiċrita kerha fit-tila, jidhru xi nies qed jittrasportaw l-iġsma ta' dawk li mietu bil-pesta. Oriġinarjament dan kien imdenel fin-niċċa normanna li hemm fil-ħajt, iżda meta tpoġġa l-altar tal-ġebel li hemm illum, fil-bidu tas-seklu XX, peress li dan kien kbir wisq, għatta sew il-pittura, li allura nqalgħet u tpoġġiet fuq l-altar isserraħ mal-ħajt.

Fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, il-ġuħ u l-għaks ġab miegħu ħafna mard u b'konsegwenza ta' hekk in-numru ta' l-imwiet żdied ħafna. Il-Kungress Nazzjonali ordna biex fejn hu possibbli ma jibqgħux jindifnu nies fil-knejjes parrokkjali biex forsi l-mixja ta' l-epidemija tonqos. Peress li fl-Imqabba ma kienx hawn ċimiterju, għal xi żmien reġa' ntuża z-zuntier ta' San Bażilju biex fih jindifnu l-mejtin. Bejn April u Settembru 1799 hemm indifnu 21 persuna, li ismijiethom għadhom jinsabu f'manuskritt fl-arkivju parrokkjali.[7]

Sal-bidu tas-Seklu XX nhar l-ewwel tas-sena kienet issir purċissjoni devozzjonali li kienet titlaq mill-knisja parrokkjali, iżżur il-knejjes tad-Duluri u ta' Santa Katarina u tispiċċa fil-knisja ta' San Bażilju, fejn kienet issir quddiesa solenni bil-kant li kienet tispiċċa bit-*Te Deum*. Il-għada mbagħad, fil-festa liturġika tal-qaddis patrun ta' din il-knisja, kien ikun hemm quddiesa kantata solenni oħra b'suffraġju tal-mejtin u kienu jitbierku l-oqbra ta' fuq iz-zuntier. Qabel ma l-Imqabba saret parroċċa, il-purċissjoni ta' l-ewwel tas-sena kienet titlaq mill-matriċi u tispiċċa f'San Bażilju.[8]

L-ewwel lezzjonijiet tad-duttrina nisranija mill-membri tal-MUSEUM, li bdew isiru fl-Imqabba f'Mejju 1932 għall-bniet u f'Novembru ta' l-istess sena għas-subien, kienu jsiru f'din il-knisja antika, sakemm is-superjura Tereża Ghigo tat post ħdejn id-dar tal-familja tagħha Triq San Bażilju.[9]

Fi żmien il-gwerra, wara li ntlaqtet il-knisja minn bomba Ġermaniża, il-knisja ta' San Bażilju reġgħet serviet bħala s-sede uffiċjali



*L-artal oriġinali*

Blue Creek
BAR & RESTAURANT



*For Information and Reservations, kindly phone*
**2146 2786 or**
**2146 2800**

MOTOR I TRAVEL I YACHT I SHOP I HOME

Elmo Insurance Ltd is authorised to carry on business of Insurance, regulated by the MFSA.




There are many ways to protect your car. Unfortunately they do not all work. Protecting yourself against risk should not be left to chance. When it comes to insurance there's only one way to go - the safe way.
**Elmo Insurance. That secure feeling.**

Elmo
INSURANCE

**Elmo Insurance Ltd**
Abate Rigord Street,
Ta' Xbiex, MSD12
**Tel: 234 30000**
Fax: 2134 5037
elmo@elmogroup.com
www.elmogroup.com

Authorised Sub-Agent : Andrew Camilleri
BELLIZZI SERVICES : 88, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq
Tel: 21642519 Fax: 21689791
Email: bellizziservices@gmail.com



*Parti mill-bieb oriġinali tal-kappella ta' San Bażilju*

tal-parroċċa għal xi xhur, sakemm inbena ħajt li qata' l-parti l-imġarrfa mill-kursija u setgħet tintuża din mill-ġdid. Fid-9 ta' Awissu 1942, eżattament erba' xhur wara li waqgħet il-knisja, f'*air raid* li sar fil-għodu kmieni, saret xi ħsara fis-saqaf ta' din il-knisja, li b'miraklu baqgħet wieqfa.[10]

Wara dan intużat mill-ġdid bħala l-knisja ewlenija bejn is-16 u t-18 ta' Awissu 1958 minħabba li l-knisja parrokkjali kienet ingħalqet għal tlett ijiem wara l-festa ta' Santa Marija minħabba xi nkwiet li nqala' bejn ir-reffiegħa tal-vara titulari b'konsegwenza ta' polemika li kienet inqalgħet sena qabel u li kompliet tikber minħabba nuqqas ta' qbil serju bejn il-każin u l-kappillan Dun Ġerald Mangion.[11] F'nofs dawk it-tlett ijiem, nhar is-17 ta' Awissu 1958, fil-knisja ta' San Bażilju (flok fil-knisja parrokkjali) saret il-quddiesa ta' radd il-ħajr ta' P. Joseph M. Ghigo SJ li kien ordnat saċerdot sena qabel.[12]

Jien niftakar din il-knisja tintuża għall-quddiesa tat-tfal kull nhar ta' Ħadd fit-8:15. Din twaqqfet mill-kappillan Dun Joe Bartolo. Għadha tintuża għall-quddies fil-festa titulari ta' Santa Marija u fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju biex żgur kulħadd ikollu ċans jattendi għall-quddies f'dawn il-ġranet speċjali. F'okkażjonijiet speċjali marbutin ma' anniversarji tal-parroċċa u mal-festa ewlenija ta' l-Assunta, fit-tranżulazzjoni ta' lejlet il-festa, ir-relikwija tal-Madonna tinġabar mill-knisja ta' San Bażilju. Din hija tradizzjoni li messha ssir in-norma ta' kull sena, l-ewwel nett għax permezz tagħha, b'mod simboliku, nfakkru l-ġieħ li kellha din il-knisja antika bħala l-knisja parrokkjali, u t-tieni għax fl-opinjoni tiegħi ma tagħmilx sens li fi tranżulazzjoni solenni noħorġu mill-bieb tal-ġenb u nidħlu mill-bieb ewlieni ta' l-istess knisja!



*Skultura fil-kappella ta' San Bażilju*

Bħala arkitettura din il-knisja hija tassew ġawhra medjevali, 'il-vera ruħ ta' l-arkitettura ekkleżjastika tar-raħal'.[13] Fost l-elementi uniċi li nsibu fiha nistgħu nsemmu t-tieqa f'għamla ta' rota fuq il-bieb prinċipali, maħduma apposta biex iddawwal aktar il-knisja minn ġewwa. Minn ġewwa għandha forma rettangolari b'diversi arkati ppuntati – il-varjazzjonijiet fihom jixhdu d-diversi fażijiet tat-tkabbir tal-knisja. L-istil tagħhom, kif ukoll tal-ħnejja ornamentali li naraw mal-faċċata tal-knisja minn barra jixhdu l-influwenza tan-Normanni li kienu jgħixu fi Sqallija fis-sekli tan-nofs. Il-bieb oriġinarjament kien wieħed antik idur fuq għarqubu, skond l-istil li kienu jużaw għall-knejjes sekli ilu. B'xorti ħażina, ħtija ta' nuqqas ta' apprezzament lejn il-wirt kulturali tar-raħal mill-kappillani ta' l-imgħoddi, dan il-bieb tneħħa u nqered madwar erbgħin sena ilu.

Żball serju ieħor li sar fl-istess żmien kien meta tneħħiet iċ-ċangatura oriġinali tal-paviment biex flokha tpoġġa madum isfar li ma kienx jixraq għal knisja ta' preġju bħal din. Wara r-restawr li sar matul din is-sena, dan il-madum tneħħa u reġgħet tpoġġiet ċangatura ġdida bħal dik li kien hemm qabel.

Ħdejn din il-knisja fis-sena 1887 inbena wkoll kamrun, li fl-istil tiegħu jixbaħ il-binja tal-knisja ta' San Mikiel. Dan il-bini saritlu ħafna ħsara minħabba li kien jintuża biex fih jintrefa' l-armar tal-festa titulari. L-użu ta' bini ekkleżjastiku bħala maħżen ta' l-armar tal-festi titulari mhux xi ħaġa li nsibuha fl-Imqabba biss. Din id-drawwa żbaljata kienet bdiet minħabba li oriġinarjament l-armar ta' barra tal-festa titulari kien tal-knisja. Kien wara li nħolqu l-każini li l-armar żdied u ma' dak li kien proprjetà tal-knisja sar armar ieħor.



*It-titular ta' San Bażilju*

## San Mikiel u l-knisja tiegħu

Ladarba San Mikiel huwa arkanġlu, ma nistgħux nagħtu bijografija tiegħu. Imma nistgħu nagħtu ħjiel tal-kult tiegħu fil-Knisja, speċjalment dak marbut mad-dehra tiegħu li seħħet fis-seklu VI, fuq l-għolja tal-Gargano fin-nofsinhar ta' l-Italja. It-tradizzjoni tgħid li l-Arkanġlu deher u ordna li fuq dik l-għolja tinbena knisja f'ġieħu. Dehra oħra ta' dan l-anġlu hija magħrufa fost l-Insara tar-rit Grieg, li jgħidu li fl-ewwel seklu San Mikiel deher f'Khonas biex jiġġieled kontra l-pagani li ppruvaw jeqirdu knisja ddedikata lilu billi dawru l-kurrent ta' xmara għal fuqha. Mikiel qasam blata

b'sajjetta u dawwar ir-rotta tax-xmara, li minn dak iż-żmien saret mirakoluża.

Ismu bl-Ebrajk ifisser "Min hu bħal Alla?" Il-Knisja, skond il-kitbiet li nsibu fl-Apokalissi, tgħallimna li Mikiel huwa l-mexxej ta' l-armata tal-ġenna, u li kien hu li mexxa l-gwerra konta Luċifru u l-anġli tiegħu. Ħafna qaddisin kienu devoti ta' dan l-arkanġlu, fosthom anke San Ġorġ Preca, li għamlu protettur tas-Soċjetà li waqqaf. Huwa l-anġlu protettur ta' l-Art Imqaddsa u l-qima tiegħu hija komuni fost l-Insara, il-Lhud u l-Musulmani! Hemm diversi leġġendi li jgħidu li San Mikiel ħareġ ilma mirakoluż mill-blat f'Kairotopa, f'Khonas, fil-Pizja u fil-Bitinja - b'hekk San Mikiel huwa meqjum minna l-insara bħala tabib divin li jġib il-fejqan lill-morda.

Il-knisja ta' San Mikiel, mibnija tmiss mal-knisja ta' San Bażilju u tinfed magħha, mhix antika daqsha. Oriġinarjament kien hemm knisja oħra ddedikata lil dan l-arkanġlu mibnija madwar is-sena 1550,[14] li tissemma fil-viżta pastorali ta' Dusina fl-1575. Din kienet nieqsa minn kollox – il-festa kienet issir mir-renti ta' biċċa art f'Ta' Sbieġi. Minn dawn ir-renti wkoll kien jinżamm mixgħul lampier u kienet tingħata xi għajnuna lill-foqra.[15] Fil-viżti pastorali li saru wara, din il-knisja bil-kemm tissemma, forsi għax kienet intelqet jew twaqqgħet.

Dik li hemm illum tlestiet fis-sena 1669, bħalma tgħid irħama kommemorattiva fuq il-ħajt tal-bieb prinċipali. Il-prokuratur li ħa ħsieb jibniha mill-ġdid kien Gio Andrea Zammit.[16] Mal-faċċata ta' din il-knisja, f'tieqa artifiċjali, naraw skultura ta' salib imdawwar b'xi ċrieki fl-isfond ta' salib akbar. Ftit huma l-knejjes antiki bħal din li għandhom tiżjin simili.

Mill-viżta pastorali ta' l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan nafu li fis-26 ta' Mejju 1729 dan l-Isqof ordna li din il-knisja tagħti 25 skud mir-renti tagħha biex jgħinu fil-ħlas tas-sedji tal-kor għall-knisja parrokkjali.[17]

Fl-1852 ġiet eretta f'din il-knisja l-Kongregazzjoni ta' San Mikiel Arkanġlu.[18]

Minn ġewwa għandha forma tawwalija. Il-ħitan ma fihom l-ebda disinn jew tiżjin. Is-saqaf hu magħmul minn ħnejjiet tondi.

Bla dubju, l-aktar ħaġa li tiġbed l-attenzjoni f'din il-knisja hija l-prospettiva tal-kwadru titulari. Fil-prospettiva ta' mal-ġnub ta' l-altar tal-ġebel hemm xi disinji skulturati. Dawn jinbidlu f'żewġ kuruni, waħda fuq kull naħa ta' l-ixaffa ta' fuq l-altar. Id-disinn ikompli f'żewġ kolonni foloz imdawwrin b'żewġ skrolli mibrumin. Fuq dawn imbagħad naraw faxx ta' skulturi floreali b'kerubin fin-nofs – dan jixbaħ ħafna lill-kerubini li nsibu fil-prospettivi ta' l-artali tal-knisja parrokkjali. Fuq nett naraw ħnejja maqsuma, kollha skultura, b'salib fin-nofs.

Imma jekk il-prospettiva hija sabiħa, il-pittura li thaddan ma tagħmlilha ebda għajb. Il-kwadru ta' San Mikiel niftakru kollu tbajja u tiċrit, b'daqqa ta' xi gandlier eżatt fuq ras ix-xitan. Ir-restawr li sar mill-kumpanija Re-coop tassew reġa' ta lil dan il-kwadru l-ġmiel li kellu dari. L-arkanġlu jidher f'qagħda glorjuża bi ġwenħajh miftuħin u bi ħwejjġu mtajjrin qiegħed jirfes fuq ix-xitan, b'xabla f'idu lest biex isawwtu biha. Dettalji interessanti li rari ssibhom f'pitturi oħrajn ta' dan l-arkanġlu huma l-fatt li hu liebes elmu f'rasu, li għandu katina f'idu li biha huwa mrażżan ix-xitan u li x-xabla li għandu hija xabla tal-metall, mhux tan-nar kif is-soltu tkun f'rappreżentazzjoni simili.



*Il-kappella ta' San Mikiel*

L-artist li għamel din l-opra u d-data meta saret m'humiex magħrufin. Ladarba meta sar ir-restawr tal-pittura deher ċar li t-tila ma kinitx miżjuda jew imnaqqsa biex tidħol fil-gwarniċ tal-ġebel. Jidher li saret wara li l-knisja nbiet kif inhi. Bħala stil tixbaħ il-barokk tat-tmiem tas-seklu XVII, fejn l-awqa esponent kien Mattia Preti.

Id-devozzjoni ta' l-Imqabbin lejn dan l-arkanġlu tidher ċar mill-popolarità li kienet tgawdi din il-knisja u mit-tliet statwi tiegħu li nsibu fit-toroq ta' raħalna. Fiha kien hemm ukoll diversi pitturi *ex voto* li nsterqu matul is-snin,[19] u li minnhom għad baqa' waħda biss u llum tinsab fl-uffiċċju parrokkjali.

Għal ħafna snin matul is-seklu għoxrin din il-knisja kienet maħżen ta' l-imbarazz, li f'nofsu kien hemm ukoll xi affarijiet ta' preġju, bħal ngħidu aħna l-pulptu li kien sar fl-1897 minn Savier Oliva mill-Isla, fuq id-disinn ta' Nikola Zammit u thallas minn żewg Imqabbin: Dun Ewġenju Mallia u P. Pawl Galea. Kien sewa £18.[20] Hija x-xewqa ta' diversi Mqabbin anzjani u ta' oħrajn li japprezzaw il-patrimonju ta' raħalna li dan il-pulptu jerga' jieħu postu fil-knisja, jew almenu

li jitħalla f'post prominenti fil-knisja ta' San Bażilju jew ta' San Mikiel fejn jista' jitgawda minn min jidħol. Dwar dan, iżda ma hemm xejn konfermat u l-futur ta' dan il-pulptu għadu mhux deċiż.

B'xorti tajba din il-knisja ma għaddietx minn bdil strutturali u għadna nistgħu ngawduha kif kienet meta nbniet, bl-art u l-bieb oriġinali.

Ħaġa ta' l-iskantament din il-knisja ftit li xejn tissemma fil-pubblikazzjonijiet li saru dwar l-istorja artistika ta' raħalna. Forsi għax dejjem eżistiet fid-dell tal-knisja ta' San Bażilju, li bħalma rajna, tgawdi importanza straordinarja.



*Skultura li tinsab fil-kappella ta' San Mikiel.*

## Għeluq

Issa li rajna dawn iż-żewġ knejjes jiġu restawrati u miftuħin mill-ġdid, forsi nistgħu nibdew biex ninteressaw ruħna aktar fil-wirt li għandna u li jekk ma nieħdux ħsiebu nitilfuh darba għal dejjem. L-ewwel pass importanti li sar kien fis-7 ta' Jannar 1997 meta dawn il-knejjes, flimkien ma' bini ieħor fl-Imqabba, fosthom il-knisja parrokkjali ta' l-Assunta u t-Torri Vinċenti, ġew skedati bħala l-aktar bini importanti fir-raħal u li għall-ebda raġuni ma tista' ssir xi bidla fl-istruttura tagħhom. Il-pass ta' wara kien li jiġu rrestawrati b'mod xieraq, kif fil-fatt ġew.

U issa xi jmiss? Għaxar snin ilu kien il-ħsieb tal-kappillan Dun Joe Bartolo li jibdel dawn iż-żewġ knejjes flimkien mal-kamrun f'mużew żgħir tal-parroċċa. Dan nista' ngħidu għax l-ex kappillan kien qaluli personalment. Dan kien ukoll il-parir ta' esperti ta' l-arti, bħalma nsibu miktub fil-ktieb *L-Imqabba mal-medda taż-żmien*.[21] Li kieku dan iseħħ, fi spazju żgħir inkunu nistgħu npoġġu l-wirt artistiku u sagru tal-parroċċa tagħna, b'mod li jkun jista' jitgawda matul is-sena kollha, mhux biss fil-ġranet tal-festi meta ċerti teżori li s-soltu jkunu maqfulin jintramaw fil-knisja. Esibizzjoni permanenti mgħassa tajjeb ta' vestwarju antik kif ukoll ta' pitturi antiki u forsi xi oġġetti tal-fidda żgur li tkun ferm aktar adatta mill-mod irresponsabbli li bih dawn l-istess oġġetti jiġu armati fil-knisja u jitħallew fil-beraħ bla ma jkun hemm ħadd għassa magħhom!

Iż-żmien li dawn iż-żewġ knejjes jibqgħu jintużaw bħala knejjes għadda. Biss ninsab ċert li jekk il-kleru u l-poplu nagħmlu sforz komuni biex insibulhom użu dinjituż, igawdi kulħadd u dawn iż-żewġ ġawhar ma ntellfulhom xejn mill-preġju li jistħoqqilhom.



*Il-pulptu li nħadem fl-1897.*


**Riferenzi**

1 Il-monaċi ċenobiti jgħixu ħajja ta' eremiti (maqtugħin mid-dinja barra mill-monasteru), imma jgħixu wkoll bħala komunità. Minkejja li s-silenzju u l-kontemplazzjoni huma r-regola prinċipali, ikollhom mumenti ta' rikreazzjoni u talb flimkien.

2 ALEXANDER BONNICI, Lejn l-erezzjoni tal-parroċċa fl-Imqabba fl-1598, minn L-Imqabba mal-medda taż-żmien, Malta 1998, 31.

3 L-istorjografu Mqabbi Dun Lawrenz Zammit jgħidilna li l-Isqof Gargallo "ghazel mil Matric ta' Birmiftuh il-Cnisja tal Imkabba u ghamilgha Parroccia ġdida ghaliha, taħt ittitolu tal Assunzioni ta' Maria V." Minn Descrizioni storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba, Malta 1927, 9.

4 Din hija d-data li fiha, skond it-tradizzjoni, Bażilju ġie ordnat saċerdot.

5 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, Viżti Pastorali, VII (Gargallo), ff 327-328.

6 Din id-darba jissemma lampier wieħed, mhux aktar tlieta.

7 JOSEPH ABDILLA, Il-kappillan Caraffa ta' l-Imqabba u l-imblokk tal-Franċiżi minn L-Imqabba mal-medda taż-żmien, Malta 1998, 101.

8 LAURENZ ZAMMIT, Descrizioni storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba, Malta 1927, 30-31.

9 CARMEN LIA, Qawmien ġdid wara t-tieni gwerra minn L-Imqabba mal-medda taż-żmien, Malta 1998, 194.

10 CHARLES FARRUGIA, L-Imqabbin jgħixu żmien il-gwerer u l-emigrazzjoni minn L-Imqabba mal-medda taż-żmien, Malta 1998, 171.

11 CARMEN LIA, Festa kbira tal-każin fl-1960, Programm tal-festa ta' Santa Marija 1999, Malta, 71

12 JOSEPH M. GHIGO, Monumenti xhieda tal-qima tal-poplu minn L-Imqabba mal-medda taż-żmien, Malta 1998, 48.

13 EMMANUEL FIORENTINO, Il-pittura tal-knejjes ta' l-Imqabba minn L-Imqabba mal-medda taż-żmien, Malta 1998, 77.

14 JOSEPH M. GHIGO, ibid.

15 ALEXANDER BONNICI, op. cit, 28

16 LAURENZ ZAMMIT, op.cit, 35

17 Ibid., 27.

18 Ibid., 28.

19 Tagħrif mgħoddi minn Tereża Debattista fil-25 ta' Mejju 2007.

20 LAURENZ ZAMMIT, op. cit., 29.

21 Paġna 76, kumment ta' Dr Emmanuel Fiorentino

# Minn Fejn se Jgħaddi l-Marċ



Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se naghtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna fosthom il-Banda Ingliża minn Cornwall, St. Stythians Brass Band. Però qabel ma naghtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex naghtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## It-Tnejn, 30 ta' Lulju

### *Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' Lejla Maltija bl-aqwa talent lokali.

## Il-Ħamis, 9 ta' Awissu

### *Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-Zuntier*

**7.30pm** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk; Triq il-Parroċċa, id-Duluri, Madonna tal-Ġilju, Aħwa Ghigo, Barumbara, Madonna tal-Ġilju, Sejba, Diamond Jubilee, Żurrieq, Spnar, Familja Brancati, Kirkop, Diamond Jubilee, Konvoj, Diamond Jubilee, Santa Katarina, Pal, Mithna, Santa Katarina, Santa Marija, Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katarina, Pjazza tal-Knisja u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 10 ta' Awissu

### *Jum il-Banda*

**8.15pm** Imiss jerġa' lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn triq Karmenu Ciantar, Pjazza tal-Knisja, Duluri, Parroċċa u jintemm fil-pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Wara, il-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali annwali tagħha.



## Is-Sibt, 11 ta' Awissu

### *L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq Xandru Farrugia, M.A. Caruana, Ħajt tal-Matla, Kirkop, Nazzarenu, Dun Gerald Mangion, Nikol Zammit, Kirkop, Katakombi, Dun Gerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 12 ta' Awissu

### *It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ (sponsorjat

mis-Sezzjoni Żgħażagħ) li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Diamond Jubilee, Santa Katerina, Kileb, M. Ang Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 13 ta' Awissu

### *It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**8.45pm** Il-Banda Ingliża mistiedna għall-Festa ta' din is-sena, St. Stythians Brass Band, taħt id-direzzjoni Mro. Derek Johnston tesegwixxi programm qasir ġewwa l-pjazza.

## It-Tlieta, 14 ta' Awissu

### *Lejlet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba li jibda minn quddiem il-Każin u jgħaddi kif ġej: Triq it-Troll, Triq is-Sejba, Triq Santa Katerina għall-Pjazza tal-Knisja.

**8.30pm** Il-Banda Ingliża, St. Stythians Band taħt id-direzzjoni ta' Mro. Derek Johnston tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza. U wara tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba li jibda minn quddiem il-Każin u jgħaddi kif ġej: Pjazza tal-Knisja, San Bażilju, San Mikiel, Disgħa ta' April, Karmenu Ciantar għall-Pjazza tal-Knisja fejn tispiċċa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**10.15pm** Taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius il-Banda San Mikiel tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa, 15 ta' Awissu



### *L-Għid ta' l-Assunta*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għall-Pjazza tal-Knisja, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq ix-Xriek, Santa Katerina, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa għall-Pjazza tal-Knisja fejn jintemm quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**6.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M tibda marċ minn Triq Valletta, Triq il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju għall-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ taħt it-tmexxija ta' Mro. Ronnie Debattista, tibda marċ minn Triq Santa Katerina għall-pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria flimkien mas-Sopran Francesca Farrugia ssellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M.. tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgha s-Sema, kompożizzjoni tal-mahbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi mis-Sur Samuel Bezzina A.T.C.L.. A.L.C.M. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Ingliża, St. Stythians Brass Band tagħlaq il-Festa b'daqq ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.

Dolceria Primavera

***CATERERS FOR ALL OCCASIONS***

***SCHOOL STREET, TARXIEN***
***TEL: 2182 6226, 2167 7098   FAX: 2167 6891***

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kul˙add*
jfakkru li huma jagħmlu
**Xog˙ol fl-injam ta' kwalità g˙olja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# FrameMaker

*Prop: Christian Caruana*

**FOR ALL TYPES OF FRAMES**

27, Saint Catherine Street, Mqabba  Tel: 2168 3308



# 50 Sena Anniversarju Mqabba Football Club

## *Promozzjoni għar-Raba' Darba fil-Premier*

**jikteb is-Sur Edward Galea, Segretarju Mqabba F.C.**

Din is-sena jaħbat il-50 anniversarju minn meta ġie mwaqqaf uffiċjalment l-iMqabba Football Club. Għalkemm lir-raħal ta' l-Imqabba ħafna jassoċċjawh mas-sengħa tal-kostruzzjoni, u li jieħu l-ħajja permezz tal-festi li jiġu ċċelebrati, tul dawn il-50 sena l-logħba tal-futbol baqgħet dejjem ħajja sena wara l-oħra. Huwa stat ta' fatt li l-futbol fl-Imqabba huwa nieqes kemm minn għajnuna manwali kif ukoll minn dik finanzjarja meta mqabbel mal-festi, però bil-għajnuna t'Alla dejjem baqa' għaddej.

## Storja

Sa minn żmien ta' qabel u anke wara l-gwerra, fl-Imqabba dejjem kien hawn xi forma ta' timijiet tal-futbol, però dejjem kienu fuq bażi dilettanteska. Insibu li fl-1955 ġie ffurmat l-iMqabba Ramblers F.C. li għal xi raġuni jew oħra ma baqax jiffunzjona, sakemm fl-1957 taħt il-Presidenza tas-Sur Ġilju Farrugia ġie mwaqqaf uffiċjalment l-iMQABBA HAJDUCKS F.C. Minn dak inhar sal-lum il-klabb baqa' jiffunzjona b'mod regolari. L-ewwel każin kien jinsab wara l-knisja (fi Triq San Bażilju) u wara mar fi Triq Santa Katarina. Wara diversi tentattivi, il-klabb affilja mal-Malta Football Association fl-1963. F'dawn iż-żminijiet il-klabb kien jifforma ruħu dejjem bi plejers Imqabbin u dejjem ikkompeta fid-diviżjonijiet inferjuri minħabba li ma kienx hemm riżorsi biex it-tim ikun daqstant kompetittiv bħal ta' bliet u rħula oħrajn. Però fl-istaġun 1974/75 it-tim tal-minors irnexxielu jikseb l-ewwel unur meta rebaħ il-kampjonat tas-sezzjoni rispettiva li kien jikkompeti fiha. Deher evidenti li sa fl-aħħar l-Imqabba seta' jkollha tim kompetittiv. Fil-fatt fl-istaġun 1977/78, it-tim tal-kbar rebaħ il-promozzjoni għat-2 Diviżjoni però safa relegat mill-ewwel. Iżda l-ewwel nofs tas-snin tmenin kienu storiċi għall-klabb. Fl-istaġun 1981/82 intrebaħ il-kampjonat tat-3 diviżjoni b'tim kollu mill-Imqabba (ħafna mill-plejers mit-tim tal-minors 1974/75), waqt li fl-istaġun ta' wara ntilfet il-promozzjoni għall-1 diviżjoni b'decider, xi ħaġa li twettqet staġun wara (1983/84), meta l-klabb sar champion tat-2 diviżjoni. Il-kumitat ta' dak iż-żmien ħass li kellu jipprova jwassal lit-tim fil-Premier Division u għalhekk saħħaħ it-tim b'xi plejers li ma kinux mill-Imqabba. Xi ħaġa li tat il-frott mixtieq għax fl-istaġun 1984/85 il-klabb kiseb il-promozzjoni għall-Premier Division. B'hekk f'temp ta' 4 snin, mit-3 diviżjoni, il-klabb sab ruħu fil-Premier. Snin li fihom waqqaf rekord ta' 37 logħba rningħajr telfa. Għalkemm it-tim safa relegat mill-ewwel mill-Premier, kiseb għadd ta' riżultati pożittivi fosthom rebħa kontra Sliema W. (1-0) u draws kontra Ħamrun, Valletta, Birkirkara u Rabat (li kienu rebħu l-kampjonat f'dak l-istaġun). Wara l-avventura fil-Premier, il-klabb dejjem żamm postu fl-1 diviżjoni. Wara diversi tentattivi, il-klabb lejn l-aħħar tas-snin 80 ġie mgħoddi lilu grawnd adekwat għat-taħriġ (f'dan iż-żmien it-taħriġ kien isir fil-bitħa tal-iskola primarja) li miegħu kienet tikkonsisti wkoll biċċa art fejn seta' jinbena każin ġdid, li bil-għajnuna



*It-tim ta' Mqabba FC fl-istaġun 2006/2007*

# Is-Soċjetà Santa Marija
# u
# Banda Re Ġorġ V
## tifraħ lil

# MQABBA FC

## f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-każin kif ukoll għar-rebħ tal-promozzjoni fl-ogħla livell tal-futbol Malti

---

**IS-SOÇJETÀ SANTA MARIJA**
**U BANDA RE ÌORÌ V**

qiegħda turi l-apprezzament tagħha
lill-kumitat u l-istaff tekniku kollu ta'
**Mqabba Football Club Youth Nursery**
għax-xogħol siewi li qiegħda tagħmel mat-tfal u
ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna.

*Mqabba FC Youth Nursery tixtieq tavża li qiegħda tilqa' l-applikazzjonijiet mingħand il-ġenituri ta' tfal li huma mħajra li jingħaqdu man-nursery. Qegħdin naċċettaw tfal minn ħames snin (5) 'il fuq. Min hu interessat jista' jikkuntattja lis-Sur Mark Bondin fuq in-numru 7905 1404. L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu matul l-istaġun kollu.*

*Għal dawn l-aħħar snin, Mqabba FC Youth Nursery qiegħda tgawdi minn faċilitajiet ġodda fosthom grawnd sintetiku li jifforma parti mill-kumpless ta' Mqabba Football Club.*

ta' ħafna benefatturi u partitarji Mqabbin inbena f'qasir żmien. Fl-1990 waqt laqgħa ġenerali nbidel l-isem tal-klabb minn Mqabba Hajducks F.C., għal Mqabba F.C. Fl-istess sena beda jintuża l-każin il-ġdid li kien mgħammar b'faċilitajiet komdi ħafna. Biex jamalgama tajjeb ma' dan l-avveniment, il-klabb sar champion tal-1 diviżjoni 1990/91 għall-ewwel darba fl-istorja u rritorna fil-Premier fejn wara bidu maġiku b'rebħa storika kontra Żurrieq F.C. (3-0), it-tim fi tmiem l-istaġun reġa' safa relegat. Fl-istaġun suċċessiv (1992/93) il-klabb reġa' kiseb il-promozzjoni għall-Premier għat-3 darba, fejn l-istaġun kien diżappuntanti għall-aħħar b'punt wieħed biss miksub. Fl-istaġun ta' wara, wara 14-il sena saħansitra l-klabb ġie relegat fit-2 diviżjoni fejn kellu jkun decider li salva lill-klabb milli jmur fit-3 diviżjoni. Hawn il-klabb baqa' jikkompeti fit-2 diviżjoni mingħajr prospetti ta' xejn.

## Iż-Żmien Riċenti u l-Ħamsin Anniversarju

Fl-1999 inħatar żagħżugħ mimli entużjażmu President tal-klabb, is-Sur Mario Borg li l-għan tiegħu kien li jerġa' jqajjem fuq saqajh il-klabb. Xi ħaġa li rnexxiet, tant li fl-istaġun 2000/01il-klabb sar champion tat-2 diviżjoni u reġa' kiseb postu fl-ewwel diviżjoni. Wara żewġ staġuni jingrana mill-ġdid fl-1 diviżjoni, mill-istaġun 2003/04 it-tim beda jissielet biex jikseb il-promozzjoni għall-Premier Division. Wara tliet staġuni konsekuttivi jispiċċa fit-3 post fil-klassifika, din is-sena l-objettiv intlaħaq. B'hekk inkisbet għar-raba' darba fl-istorja, il-promozzjoni għall-ogħla diviżjoni li ħabtet eżatt mal-50 Anniversarju mit-twaqqif tal-klabb. Fl-okkażjoni ta' dan l-avveniment, minbarra l-promozzjoni, saru u għad iridu jsiru xi ċelebrazzjonijiet. Fl-20 ta' Mejju 2007 ġiet inawgurata s-sala ta' fuq il-każin mill-Onor. Ministru Louis Galea, li ssemmiet għall-mibki ex-plejer u promotur tal-futbol fl-Imqabba Joe 'Demsi' Bugeja, waqt li fit-2 ta' Ġunju 2007 il-grawnd sintetiku li jinsab viċin il-klabb ġie msemmi ad unur il-plejer Niġerjan Ikechukwu Chibueze li miet ħabta u sabta tul l-istaġun li għadu kif intemm. Aktar tard matul is-sena mistennija jsiru aktar ċelebrazzjonijiet fejn il-qofol tagħhom ikun il-ftuħ uffiċjali tal-każin.

## Mqabba Football Nursery u Faċilitajiet Sportivi

Illum tista' tgħid li kull klabb għandu n-nursery tiegħu affiljata mal-Youth F.A. u għall-Imqabba mhux eċċezzjoni. Imwaqqfa lejn



*Il-President tas-Soċjetà jirregala tifkira lill-President Mario Borg wara l-ftuħ tas-Sala Joe (Demsi) Bugeja.*

l-aħħar tas-snin disgħin, nistgħu ngħidu li llum in-nursery tal-klabb kibret sew fejn taħt it-tmexxija tas-sur Mark Bondin, tgħodd mal-120 tifel ta' etajiet diversi bejn is-6 u s-16-il sena. Fil-futur qarib nittamaw li jinħasad il-frott billi naraw plejers żgħażagħ min-nursery mat-tim tal-kbar. Dan kollu sar possibbli wara li f'dawn l-aħħar snin sar investiment kbir fuq il-faċilitajiet fejn inbena grawnd sintetiku 5-a-side, kif ukoll *dressing rooms* ġodda, arja ta' rikrejazzjoni biswit il-grawnds, uffiċini ġodda għan-nursery u ġiet livellata mill-ġdid l-art tal-grawnd prinċipali. Minn hawn nappella lill-ġenituri biex jirreġistraw lil uliedhom man-nursery tal-klabb, 'il bogħod minn kull vizzju u konsegwenzi li jġibu magħhom.




*Ċelebrazzjonijiet wara r-rebħ għall-promozzjoni fl-Ogħla Diviżjoni tal-futbol Malti.*

## Konklużjoni

Wieħed jista' jinnota kif tul dawn il-50 sena, il-klabb baqa' dejjem attiv u mhux ċajta li raħal żgħir bħall-Imqabba għar-raba' darba fl-istorja se jikkompeti fil-Premier Division minkejja li fir-raħal il-futbol ma jgawdix xi popolarità eċċessiva. Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lill-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija ta' l-ispazju li għoġbu joffri lill-iMqabba F.C. f'dan il-ktejjeb annwali.

F'isem Mqabba F.C., nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

# ÓA Ì AR QIM

*Bar & Restaurant*

Prop. J. Cini

Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb
għall-arja tal-kampanja, f'ambjent kwiet u sabiħ.

Tel: 2142 4116, 7949 7329 (Jane)

# Evergreen
# Lawrence Green Grocer

32, Church Square, Mqabba.
Tel: 9987 4318

***Óxejjex friski, preserves, detergents u ˙afna affarijiet o˙ra***

*Prezzijiet moderati*

# Alessio's Old Cottage

**Triq il-Parroċċa, Mqabba  Tel: 2168 3292**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**

**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***7.00am - 12.00pm***
***5.00pm - 8.00pm***

**Ħdud u Festi:**
***7.00am - 12.00pm***

***Issibu dak kollu li teħtieġu:***
***Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali,***
***żraben u ħwejjeġ għal kull età,***
***kif ukoll videos, CDs, cassettes, films,***
***affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli***

# 10 Snin mill-Miġja fostna tal-Banda Ġemellata
# l-'Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano' ta' Ascoli, l-Italja



Il-'Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano' fil-bitħa tal-Palazz il-Belt Valletta.



Il-Banda Ġemellata waqt marċ matul it-toroq prinċipali fil-Belt Valletta.



Il-Banda Taljana quddiem il-Palazz tal-President.




L-Unur uniku 'Les Etoiles d'Or du Jumelage' mogħti mill-UE.



Ritratt ta' tifkira mal-Kumitat Eżekuttiv ġewwa s-sala artistika fis-sede tas-Soċjetà.



Ritratt ta' tifkira ġewwa l-Bini Muniċipali tal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba. Jidhru s-Sindku s-Sur Emanuel Buttigieg u Kunsilliera fil-leġislatura ta' dak iż-żmien.



Il-Banda 'Corpo Bandistico di Santa Vittoria' li magħha sar il-Ġemellaġġ storiku.



Is-Sur Mancini, President tal-Banda Taljana waqt bdil ta' rigali mas-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.




Kunċert strumentali mill-banda mistiedna matul il-festa tal-1997.



Bdil ta' rigali bejn iż-żewġ Sindki rispettivi.



# Il-Mużika Marjana u l-Knejjes Parrokkjali

## *ddedikati lil Marija Assunta, f'Malta u Għawdex*

**kitba ta' Mro. Raymond Attard**

Bil-mużika l-bniedem jesprimi diversi waqtiet tal-ħajja minn tiegħu, kemm dawk ta' ferħ kif ukoll ta' niket. Bil-mużika wkoll il-bniedem esprima s-sentiment devozzjonali u reliġjuż lejn Sidna Ġesù Kristu, Ommna Marija u l-Qaddisin, l-aktar dawk padruni tal-ibliet u l-irħula tagħna taħt id-diversi titli li naghtuhom.

Anke lil Sidtna Marija nagħtuha ħafna titili sbieħ fosthom tal-Karmnu, tar-Rużarju, taċ-Ċintura u żgur li ma jistax jonqos li jiddomina dak it-titlu sabiħ ta' l-Assunta, it-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem ta' Sidtna Marija. Il-jum tal-15 ta' Awissu għandu wkoll rabta speċjali mal-ġżejjer Maltin u Għawdxin għax kien propju f'din id-data li fil-Port il-Kbir daħal il-famuż Konvoj, li kien ta' għajnuna kbira għal missirijietna, tant li laqqmuh il-'Konvoj ta' Santa Marija'. Tant hu hekk li Ommna Marija Santissma taħt it-titlu ta' l-Assunta hija l-Padruna Speċjali tal-gżejjer Maltin.

Il-qima lejn l-Assunta fil-ġżejjer Maltin għandha gheruq fondi ħafna u hija mifruxa ma' diversi rħula. Għalhekk tajjeb li fil-bidu ta' dan l-artiklu naghtu ħarsa ħafifa lejn dawn l-irħula billi nsemmuhom. Dawn huma: Attard, Mosta, Mqabba, Qrendi, Għaxaq, Gudja, Mġarr u Dinġli. Fil-gżira Għawdxija wkoll insibu żewġ parroċċi li huma ddedikati lil Marija Assunta li huma, il-Knisja Katidrali ta' Għawdex li tinsab fil-Belt Victoria u l-Knisja parrokkjali tar-raħal taż-Żebbuġ.

Drawwa antika u qadima ħafna fil-ġżejjer tagħna hija l-mużika sagra fil-knejjes tagħna, sew jekk parrokjali u sew jekk le. Dawn il-knejjes kienu jqabbdu surmast tal-mużika li jissejjaħ, *Maestro di Cappella*. Fiż-żminijiet l-imgħoddija f'Malta u anke f'Għawdex kellna għadd ta' surmastrijet li kienu *Maestri di Cappella* f'diversi knejjes. Xogħol il-*Maestro di Cappella* hu li jieħu ħsieb jorganizza u jesegwixxi l-mużika sagra liturġika fil-knejjes tagħna. Peress li f'Malta l-poplu ma tantx kien ikun jista' jmur it-teatru minħabba li ma kienx jista' jħallas, kien imur il-knisja biex jisma' l-mużika għaliex ma jħallasx flus. Tant hu hekk li l-knisja kienu jsibuha bħala t-teatru tal-fqar, apparti li f'ċertu żminijiet il-mużika li kienet tinkiteb kienet wisq teatrali u n-nies aktar kien ikollhom moħħhom fil-kantant, tenur jew il-baxx milli f'dak li qed jiġri fuq l-artal waqt il-funzjoni liturġika. Din ma kinitx ħaġa sewwa. B'hekk imbagħad il-Papa kien ħareġ il-famuż 'moto propio' u għadda ordni biex kulħadd jimxi miegħu sabiex l-mużika li tinkiteb tkun aktar sagra u ta' devozzjoni.

### Parroċċa Santa Marija – Attard

Fil-parroċċa ta' H'Attard ta' kull sena, nhar il-15 ta' Awissu, tiġi ċċelebrata b'solennità kbira l-festa ta' Marija Mtellgħa s-sema bħala titular ta' dan ir-raħal sabiħ. Fil-parroċċa nsibu li sa minn dejjem il-mużika tas-surmast Carlo Diacono kienet tiġi esegwita fil-ġranet tal-festa. Min hu verament dilettant u jħobb il-festi żgur jaf x'kapaċi joffri dan il-kompożitur Żejtuni, li huwa wieħed mill-aqwa mużiċisti li qatt kellna f'Malta fiż-żminijiet l-imgħoddija.



F'kull festa u f'kull raħal insibu dik il-biċċa mużika, parti titulari, li tkun mistennija ħafna u tant tqajjem entużjażmu fost il-parruċċani u l-partitarji tal-festa patrikulari. Din tissejjaħ 'antifona'. L-antifona li tiġi esegwita fil-parroċċa ta' H'Attard hija biċċa xogħol ta' dan is-surmast u kompożitur Żejtuni. Hija antifona sabiħa b'melodija li tpaxxi l-widna, kif wara kollox huwa mgharuf għaliha Mro. Carlo Diacono.

### Parroċċa Santa Marija – Mosta

Il-parroċċa tal-Mosta, ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Mqaddsa Marija, hija waħda mill-eqdem parroċċi li nsibu fil-ġżejjer Maltin. F'din il-festa partikulari nsibu tiddomina lill-familja ta' mużiċisti Nani, peress li l-mużika kollha li tiġi esegwita matul il-ġranet tal-festa titulari hija kompożizzjoni tal-familja Nani. Fosthom insibu l-antifona li ġġib l-isem ta' *Virgo*



*Prudentissima*. Fil-preżent il-*Maestro di Cappella* ta' din il-parroċċa Mostija huwa Dun Ġwann Galea.

## Parroċċa Santa Marija – Mqabba

Il-parroċċa ta' l-Imqabba hija parroċċa antika u bi tradizzjonijiet qawwija ħafna; tradizzjonijiet li għadhom qawwija sal-lum. Matul il-festa titulari f'ġieħ Santa Marija Mtellgħa fis-Sema, il-mużika sagra liturġika esegwita fil-knisja parrokkjali kienet minn dejjem u għadha sal-lum tas-surmastrijiet tal-familja Bugeja. Sabiħa ħafna hija l-antifona, li għalkemm ilha tindaqq ġo l-Imqabba snin kbar, però mhix il-verżjoni oriġinali. Hawnhekk tajjeb li nsemmu xi ħaġa dwar l-antifona tal-parroċċa ta' l-Imqabba.

Il-verżjoni oriġinali ta' l-antifona tas-surmast Vinċenzo Bugeja, li tindaqq fil-ġranet tal-festa titulari fil-parroċċa ta' l-Imqabba, hija 'Nativitas Tua'. Din l-antifona ġiet komposta għas-santwarju Bażilika ta' Marija Bambina tax-Xagħra Għawdex. Din hija xi ħaġa li spiss tiġri li diversi antifoni jiġu esegwiti f'aktar minn parroċċa waħda. Jien sinċerament ma tantx nara li hi ħaġa tajba għaliex l-antifona hija biex ngħidu hekk, l-innu prinċipali tal-qaddis padrun tar-raħal.



## Parroċċa Santa Marija – Qrendi

Il-parroċċa tal-Qrendi hija parroċċa antika ħafna u għalhekk ma jistax jonqos li t-tradizzjonijiet f'din il-parroċċa kienu, għadhom u jibqgħu qawwija ħafna. F'din il-parroċċa nsibu lis-surmast Carlo Diacono jiddomina fis-servizzi tal-mużika sagra liturġika fil-ġranet tal-festa titulari ta' Santa Marija. Ovvjament il-mużika ġiet komposta minn dan il-kompożitur, però wara l-mewt tiegħu l-mużika għaddiet f'idejn it-tifel tiegħu, Mro. Frankie Diacono li wkoll dam snin twal jagħti s-servizz tiegħu f'din il-parroċċa. Wara l-mewt ta' Mro. Frankie Diacono, il-mużika għaddiet f'idejn is-surmast Dun Ġwann Galea, li għadu f'din il-kariga sal-lum. Bħal f'kull parroċċa ta' Malta u Għawdex, l-aktar biċċa mużika li tiddomina fis-servizzi mużikali waqt il-funzjonijiet liturġiċi fil-Qrendi hija l-antifona. L-antifona li hija miktuba oriġinarjament għal din il-parroċċa mis-surmast Carlo Diacono iġġib l-isem ta' 'Hodie Maria'. Din hija verament biċċa xogħol sabiħa ħafna b'melodija li tpaxxi l-widna, kif wara kollox hu magħruf għaliha dan is-surmast u kompożitur Żejtuni.



L-antifona 'Hodie Maria' ma tindaqqx biss f'din il-parroċċa tal-Qrendi imma tiġi esegwita ta' kull sena wkoll fil-parroċċa Bażilika u Santwarju ta' Marija Bambina ta' l-Isla. Din l-antifona fil-parroċċa Bażilika ta' l-Isla tindaqq ta' kull sena nhar l-4 ta' Settembru, fl-anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Bambina u tindaqq bl-isem ta' 'Gloriose Virginis Marie'.

## Parroċċa Santa Marija – Għaxaq

Ħal Għaxaq huwa raħal sabiħ u huwa mogħni wkoll b'ħafna xogħlijiet artistiċi l-aktar fil-ġmiel tal-knisja parrokkjali. Hija knisja barokka b'arkitettura perfetta u b'ħafna xogħlijiet tal-arti, kemm ta' pittura, bħal pereżempju ta' Francesco Zahra, u kemm ta' skultura fosthom ta' Marjanu Gerada. La qed insemmu lil dan l-iskultur żgur li ma nistgħux ma nsemmux il-ġmiel ta' statwa titulari li għandu dan ir-raħal, li hija xogħol tiegħu stess. Fl-opinjoni tiegħi, din hija l-aqwa biċċa xogħol tiegħu, għaliex ix-xogħlijiet tajbin tiegħu huma ftit ħafna peress li Gerada ma kienx xi wieħed speċjali jew li għandu xi xogħlijiet kbar, għajr lil Santa Marija ta' Ħal Għaxaq u l-vara sabiħa tal-Kunċizzjoni li nsibu fil-Bażilika ta' l-Isla. Kien hawn ħafna aktar skulturi u statwarji aħjar minnu, fosthom l-għalliem tiegħu Salvu Psaila li ħalla warajh xogħlijiet kbar, fosthom il-vara tassew artisika u li ssaħħrek bil-ġmiel tagħħa tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq.

Niġu issa biex nitkellmu dwar il-mużika sagra liturġika fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Din il-parroċċa







għal żmien twil kellha bħala *Maestro di Cappella* lis-surmast u kompożitur Carlo Diacono. Il-mużika tal-*Cappella* ta' Diacono damet tiġi esegwita snin kbar. Wara l-mewt tas-surmast Carlo Diacono beda jagħti s-servizz tiegħu t-tifel tiegħu Frankie Diacono. Wara Mro. Frankie Diacono daħal jagħti s-servizz tiegħu s-surmast F.X. Sammut u fi żmienu ma kinitx tindaqq l-antifona ta' Diacono imma kien idoqq waħda li kiteb hu stess. Issa f'dan l-aħħar żmien beda jagħti s-servizz tiegħu il-kor 'Amadeus Chamber', taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur tiegħu Brian Cefai u qed terġa' tiġi esegwita l-antifona tas-surmast Carlo Diacono.

## Parroċċa Santa Marija – Gudja

Il-parroċċa ta' Bir Miftuħ jew aħjar kif nafuha llum tal-Gudja, hija fost waħda mill-eqdem parroċċi li nsibu fi gżiritna. Tant hu hekk li hi l-omm ta' parroċċi oħra tal-madwar, fosthom il-parroċċa ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Il-parroċċa tal-Gudja propju dan l-aħħar ġiet imżejna u mgħollija bil-ġieħ ta' Arċipretali.

Il-knisja hija mżejna b'xogħlijiet kbar ta' l-arti, kemm pittura u kemm skultura, fosthom l-istatwa titulari ta' Santa Marija xogħol ta' Vinċenzo Dimech.

Rigward il-mużika f'din il-parroċċa, jekk inħarsu ftit lura naraw li mal-medda taż-żmien kien hemm diversi surmastrijiet mużikali li taw is-servizzi tagħhom. Però dan l-aħħar żmien il-parroċċa Arċimatriċi tal-Gudja kellha x-xorti tgawdi xogħlijiet mużikali mill-isbaħ, li huma kompożizzjoni ta' wieħed mill-ulied tar-raħal. Qed nirreferi għas-surmast Angelo Pace li dam ftit aktar minn 50 sena jagħti s-servizzi tiegħu, kemm fil-knisja bħala *Maestro di Cappella*, kif ukoll bħala surmast direttur tas-Soċjetà Mużikali 'La Stella'.

Tajjeb li ngħidu li s-surmast Angelo Pace, li miet ftit taż-żmien ilu, kien jagħti s-servizz tiegħu fiż-żewġ festi li jsiru fir-raħal tal-Gudja, kemm dik titulari ta' Santa Marija kif ukoll fil-festa f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju. Illum qed joffri s-servizz tiegħu ibnu, Mro. Frans Pace, li kompla fuq il-passi ta' missieru ċioè li jagħti s-servizzi tiegħu kemm fil-festa titulari ta' Santa Marija nhar il-15 ta' Awissu, u f'dik sekondarja f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju li tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd qrib is-7 ta' Ottubru.

## Parroċċa Santa Marija – Mġarr, Malta

F'dan ir-raħal il-festa ad unur Santa Marija ma tiġix iċċelebrata fil-jum propju tagħha imma fl-ewwel Ħadd fuq il-15 ta' Awissu. Dan ir-raħal li jinsab in-naħa ta' fuq ta' Malta, għandu l-knisja parrokkjali magħrufa wkoll bħala r-'rotunda' għax għandha l-għamla tal-knisja tal-Mosta imma aktar fiċ-ċokon. F'din il-Parroċċa partikulari, il-mużika sagra liturġika li tiġi esegwita matul il-ġranet tal-festa titulari kienet sa minn dejjem il-mużika tas-surmastrijiet Camilleri u nistgħu ngħidu li ma nbiddlu qatt għax wara li spiċċaw u daħlu oħrajn flokhom xorta waħda l-mużika baqgħet ma nbidlet qatt. Maż-żmien daħal is-surmast F X Sammut li dan ukoll kien jesegwixxi l-mużika tas-surmastrijiet Camilleri speċjalment il-famuża 'Quddiesa l-Kbira'. Wara dan is-surmast daħlu diversi surmastrijiet oħrajn magħrufa.

## Parroċċa Santa Marija – Dingli

Ir-raħal ta' Ħad-Dingli huwa parroċċa antika wkoll u bħal kull parroċċa għandha wkoll għadd ta' tradizzjonijiet marbuta magħha. Il-festa f'din il-parroċċa tiġi ċċelebrata ma' dik ġewwa l-Imġarr, nhar l-ewwel Ħadd fuq il-15 ta' Awissu. Il-knisja fiha diversi xogħlijiet sbieħ tal-arti u skultura fejn tispikka żgur l-istatwa titulari ta' Santa Marija li hi kopja kważi eżatta fuq l-istatwa ta' Santa Marija li nsibu fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq bid-differenza li flok anġlu wieħed għandha tnejn.

Rigward il-mużika sagra liturġika, kien hemm diversi surmastrijiet li



taw is-servizzi mużikali tagħhom. Aktar tard beda jagħti s-servizz tiegħu bħala *Maestro di Cappella* s-surmast Patri Louis Bajada, Karmelitan, li issa ilu għal snin twal f'din il-kariga. Il-mużika li tiġi esegwita f'din il-parroċċa matul il-ġranet tal-festa mhix ta' kompożitur wieħed imma mużika mħallta bħal ngħidu aħna Perosi u Valuaro.

## Il-Knisja Katidrali tal-Belt Victoria, Għawdex

Din il-knisja hija waħda miż-żewġ parroċċi Għawdxin li huma ddedikati lil Marija Mtellgħa s-Sema. Il-Katidral għalkemm mhux xi knisja ta' arti kbira però bħal kull knisja oħra għandu wkoll ix-xogħlijiet tiegħu fosthom il-pittura tal-koppla li hi finta u l-istatwa titulari ta' Santa Marija mogħtija b'rigal mis-Soċjetà Filarmonika Leone. Fil-gżejjer Għawdxin it-tradizzjonijiet għadhom qawwija ħafna.

Il-mużika sagra fil-gżira Għawdxija hija tradizzjoni antika u qawwija ħafna l-aktar fir-Rabat, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn għandhom wieħed mill-aqwa korijiet li nsibu fil-gżejjer tagħna – 'Chorus Laudate Pueri'.

Biss fil-knisja katidrali hemm ukoll kor li huwa 'Chorus Ecclesiae Cathedralis' u li jagħti s-servizzi mużikali tiegħu b'mod regolari waqt il-funzjonijiet liturġiċi.

Fil-knisja katidrali, il-mużika li tiġi esegwita mill-'Chorus Ecclesiae Cathedralis' waqt il-funzjonijiet liturġiċi fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija, u li tkun taħt id-direzzjoni tal-*Maestro di Cappella* Colin Attard tkun mużika mħallta jiġifieri ta' diversi kompożituri fosthom P P Bugeja, Mro. Jos Sammut, Colin Attard u anke ta' kompożituri barranin bħal per eżempju Mro. Defice u oħrajn.

Il-knisja katidrali ta' Għawdex kellha diversi surmastrijiet li kienu jmexxu l-mużika sagra waqt il-funzjonijiet liturġiċi. Fost dawn tajjeb insemmu lill-Kan. Martin Portelli min-Nadur li dam f'din il-kariga għal snin twal. Kif diġà għidna, il-*Maestro di Cappella* preżenti huwa s-surmast Colin Attard li huwa wkoll is-surmast tal-Banda 'Leone'.

## Parroċċa Santa Marija – Żebbuġ, Għawdex

Wieħed mill-aktar irħula għoljin li nsibu fil-gżira ta' Għawdex huwa bla dubju ta' xejn ir-raħal taż-Żebbuġ. F'dan ir-raħal sabiħ u arjuż insibu knisja parrokkjali l-ġmiel tagħha. Knisja li hi miksija kollha rħam: l-artal, l-ambone, is-sedja, fonti tal-magħmudija, konfessjonarju, via sagra eċċ. L-irħam kollu ġie maqtugħ mill-istess raħal. Din il-knisja għandha wkoll it-titular tagħha lil Marija Mtellgħa s-Sema.

L-inkwadru titulari huwa nkurunat filwaqt li l-istatwa hija xogħol li sar f'Marsilja fi Franza. Waħda mit-tradizzjonijiet sbieħ ta' din il-parroċċa hija l-festa li tiġi ċċelebrata f'ġieħ Ommna Marija taħt it-titlu sabiħ ta' l-Għażżiela. F'din il-festa tingħata bħala tifkira biċċa għaġina li fin-nofs tagħha jkun hemm l-ittra 'M' li tfisser Marija. Il-mużika sagra f'din il-parroċċa tkun dejjem bl-orkestra u l-vuċijiet. Matul is-snin din il-parroċċa kellha diversi *Maestri di Cappella* differenti però dawn kollha ħadmu sabiex il-funzjonijiet liturġiċi f'din il-parroċċa jsiru bl-akbar mod solenni u bl-ogħla dinjità li jixraqilhom.


**MARTIN MONREAL IRONMONGERY**

Triq il-Bronja, Żurrieq. Tel: 2168 2435 - Mob: 9947 6824

**Għażla kbira ta' dekorazzjonijiet għad-dar bħal rużuni u burduri**

*Kiri ta':*

**Fekruna tat-trinek, Concrete Mixers, Crane Jiggers, Siġġijiet, Imwejjed għall-parties u Dekorazzjonijiet għall-Ġonna**



**Monreal Paint Centre**

Over 10,000 colour... All kinds of paint. All Interior Decorations

**Bronja Str., Żurrieq. Tel: 2168 2435 • Mob: 9947 6824**



# Leġġenda ta' San Pietru u San Ġużepp

**kitba ta' Giovanni Farrugia (1975)**

Kien veru żmien sabiħ
Meta kelli għaxar snin
Din l-istorja illi smajt
Minn għand Wiġi Baldacchin[1]

Ħsibt fil-kwiet, kont jiena waħdi
Li din l-istorja nikteb poeżija
Għax ħalliet ħsieb hi ġo fija
Issa li għadni fiż-żogħżija

Fis-sema hemm żewġ qaddisin
San Pietru u San Ġużeppin
Dawn it-tnejn fil-Ġenna qegħdin
Fejn Santa Marija u l-Qaddisin

San Ġużepp dam żmien fil-bieb
Biex tal-Ġenna jieħu ħsieb
U kulħadd joqgħod fil-kwiet
Viva Santa Marija, l-għajta dejjem dwiet

San Ġużepp igħid ta' sikwit
Siegħa ġdida ninsabu lkoll
Ningħaqdu, f'kotra waħda
Li xejn u ħadd ma jista' jħoll

Lil Ġesù Ibni infaħħru
Li b'tiegħU il-qawmien
Nibqgħu miegħu għal dejjem
Għax Hu tagħna il-ħelsien

Pietru darba qabeż qal
'Imbierek Ġużeppi missier tagħna
Għax l'Marija u Binha Ġesù
Żejjen il-Ġenna u wera ħniena magħna!'

San Ġużepp ħabb it-trinità magħquda
It-tlieta li huma jiġu mfaħħrin
San Ġużepp wieħed mill-magħżula
Inkarigat mill-bieb, bħal missier ħanin

Iż-żmien bil-mijiet beda għaddej
San Ġużepp dejjem fuq xogħolu
B'inhar u bil-lejl
Idaħħal nies twajba li jobdu l-Mulej

Il-Hniena ta' missier putattiv
Mix-xitan, l-ispirtu kattiv
Biex ruħ jagħmilha spirtu nadif
u hekk idaħħalha tgawdi għal dan il-mottiv



San Pietru

San Ġużepp ta' missier ħanin
Daħħal erwieħ ta' kull karattru
Sorijiet, qassisin u ħallelin[2]
Bosta niedma u qatt iżjed ruħhom ma jħarbtu

Dil-Belt bniha Alla għalina
Għal dawk l-erwieħ tajbin
Li jobdu l'ommhom dejjem
u jħobbu lill-Bambin

Dan kien l-għan ta' San Ġużepp
Kemm dam jieħu ħsieb il-bieb
Veru ta' missier ħanin
Lid-devoti tiegħu dejjem ħa ħsieb

Issa kien imiss
lil San Pietru jieħu ħsieb
Minn tal-Ġenna
Fejn hemm iċ-ċkejken bieb

San Pietru qal lil San Ġużepp
'Biex issa jidħlu l-erwieħ
minn dak iċ-ċkejken bieb,
jien irrid niftaħ bil-muftieħ!'

Hekk issa għassies San Pietru
Tal-Belt il-Ġenna, l-bieb
Li minnu jridu jgħaddu l-erwieħ
irid iżomm il-muftieħ u l-ktieb

U l-ebda ruħ ma tidħol
Jekk isimha mhux f'dan il-ktieb
Fejn hemm il-ħajja mniżżla
L-egħmil, kull kelma w ħsieb

Kull min jispiċċa minn dil-ħajja
F'dan il-bieb itir u jmur
Dan biss hemm għad-dħul fil-Ġenna
Madwarha hemm iddur

Issa ġara li darba waħda
F'lejl ta' skiet hemm fuq mistur
Fost dawk l-erwieħ qaddisa
f'ħena w f'talb miġbura

Ħalliel it-tajjeb ra l' San Pietru
Li ħa nagħsa sew
Ħaseb li l-muftieħ jeħodlu[3]
Kif kien rieqed kulħadd hemm ġew

Kien baqa' min ma ħax nagħsa
Għax San Mikiel ħatfu fil-ħin
'Ħalli l-muftieħ hemm isa,
San Pietru ħa nagħsa miskin!'

Fil-pront il-ħalliel it-tajjeb
Il-muftieħ malajr telqu
San Mikiel baqa' għassa tiegħu
San Pietru pront il-ktieb fetħu

Sab li l-ħalliel it-tajjeb
Tah permess Kristu Ġesù
Li l-Ġenna seraq
Bi kliem ħelu f'ilsienu

San Pietru stagħġeb u tbikkem
U ħalef għal darba tnejn
Li nies bħal dawn
Ma kien jaf bihom xejn

Issa eżatt ta' fuq il-ktieb
Attent noqgħod biex jidħlu n-nies
Imniżżel isimhom irid ikun
U kollox nagħmel jien bil-qies.

Il-muftieħ fi ħżiemi jkun
Ma nafdah jiena imkien
Noqgħod ħabib ma' San Mikiel
U attent nippassiġġa ma' kullimkien

Waqt li dana San Pietru
Għassa huwa kien
Sinjura ħabtet fuq il-bieb
'Urini l-kamra li qiegħda x'imkien'

'Biex kif niġi
Rasi inserraħ
U l-bieb
Tiftaħli inti beraħ'

'Ara din!', qal San Pietru
'Trid tiġi kif ismek inniżżlu
U attenta għall-ħajja tajba
Għax flok hawn hemm isfel tinżlu'

'Issa ara inti dina
Din tas-seftura tiegħek
Tifla tajba w ħanina
Int tafha għax ilha miegħek'

Tajba din
Din tas-seftura
Hi wisq isbaħ
Minn tas-sinjura

'Hemm hu, sinjura', qalilha San Pietru
Skond il-materjal li inti tibgħat
Il-kamra tiġi msawra
L-egħmiel fuq il-ħniena ibbażat

Hawn daħal il-ħalliel it-tajjeb
Nies ħżiena saru tajbin
Talbu lil Santa Marija
U saru qaddisin

Anke int lil Kristu
Ċħadtu għal tliet darbiet
U l-ħniena ta' Missieru
Għamlek għassa ma' dan il-bieb

Issa naf x'nagħmel
Lill-Madonna l-kuruna sabiħa
NitlobHa sabiex tgħenni
Biex kelmti nżomm sħiħa

'Tinsiex binti s-sehem tiegħek
Tat-twajba fit-tiġrib
Jekk tħobb int lill-Madonna
trid tħobb anke is-salib!'

Kompla qalilha San Pietru
'It-talb tat-twajbin
Ma ġie qatt imċaħħad
minn Alla l-Ħanin'

Ġużeppi u Marija
Irrid inlissen sikwit
Dawn żgur ħniena juruni
Fil-hemm u fl-inwiet

Oh Ġużeppi missier ħanin
Lil Pietru żommu ħdejk
Tal-bieb erġa' ħu ħsieb
Nitolbok mixħuta f'riġlejk

Għax lilha is-seftura
Sa jħenn huwa żgur
U s-sinjura
Hemm isfel iħalliha tmur

U hekk San Ġużepp
Tal-bieb kellu jieħu t-tmun
U hekk kulħadd tama jkollu
Ġakbu, Ġwanni u anke Xmun

Il-Ġenna wara l-ħajja jmur
Lil qalbu bil-hena tfur
U jħalli d-dinja ddur
U l-Ġenna jmur fi żgur.



San Ġużepp

**Riferenzi:**

1 Wiġi Baldacchino kien xwejjaħ ħabib kbir tiegħi
2 Il-Ħalliel it-tajjeb li Kristu stess qallu - "Illum stess tkun il-ġenna miegħi"
3 Sabiex jagħti l-muftieħ lil sieħbu l-ħalliel il-ħanin

# Festa Santa Marija 2006 Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja



| **Dħul** | | |
|---|---|---|
| Ġbir bl-*envelopes* fid-djar | Lm | 1, 369.00 |
| Ġbir fil-Knisja | Lm | 486.00 |
| Kaxxa quddiem l-Istatwa | Lm | 44.00 |
| **Total** | **Lm** | **1, 899.00** (€4,423.48) |
| **Żbilanċ għas-sena 2007** | **Lm** | **639.10** (€1,488.70) |

| **Ħruġ** | | |
|---|---|---|
| Żbilanċ mis-Sena 2005 | Lm | 478.65 |
| Ċelebranti u Saċerdoti Barranin | Lm | 204.00 |
| Orkestra u Vuċijiet | Lm | 816.00 |
| Daqq ta' Qniepen | Lm | 60.00 |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | Lm | 849.60 |
| Servizzi ta' kappi u kruċiferu | Lm | 53.00 |
| Fjuri | Lm | 39.00 |
| *Envelopes* u *Printing* | Lm | 37.85 |
| **Total** | **Lm** | **2, 538. 10** (€5,912.18) |

Tal-QXURA Self Service

SIMPATIA CRAI

Free Deliveries

*5, Triq is-Salvatur, Qrendi*
*Tel: 2164 2327 Mob: 9947 1926*
*Fax: 2164 2474*

**Hot Fresh Bread** served within *7 minutes*

Fejn issibu kull tip ta' prodotti tat-tindif tad-dar, groceries, ikel tal-friża, ħobż frisk, minerali u spirti, rigali għal kull okkażjoni tal-familja, fjuri friski, ħaxix, frott frisk, confectionery, gazzetti, stationery, photocopies tal-kulur u ħafna affarijiet!

Matul il-Ġimgħa tal-Festa, kull ġurnata se jkollna offerti u discounts fuq ħafna prodotti sa lejlet il-festa.

Matul is-sena ma' xirjiet tingħataw promotions tal-Crai, u ma' kull xirja 'l fuq minn Lm12.00 tingħataw ħafna rigali.





E-mail: qxura@nextgen.net.mt





## *Il-Banda Re Ġorġ V iddoqq ġewwa l-Vatikan fl-4 ta' Lulju 2007*



